GHAQDA MUŻIKALI SAN ĠUŻEPP
GHAJNSIELEM - A.D. 1928

# Festa Madonna ta' Loreto 2008



80 Sena ta' Servizz lil Għajnsielem



# Maħruġ mill-Għaqda Mużikali 'San Ġużepp' Għajnsielem

## Festa Madonna ta' Loreto 2008


**Bord Editorjali:**
Silvan Debattista
Kevin Cauchi
Elvin Tabone

**Daħla:**
Dun Karm Cassar

**Cover Design:**
Kevin Cauchi

**Typing:**
Dun Karm Cassar
Stellies Grima
Jaclyn Grima
Silvan Debattista

**Proof Reading:**
Joseph Cauchi
Joe Rapa
Louise Grech

**Qoxra:**
Ritratt ta' l-ewwel Banda
fl-Istitut ta' San Ġużepp fl-1928

**Ritratti Ta' Ġewwa:**
Joseph Sultana
Kevin Cauchi
Joseph Cauchi
Leli Saliba

**Ġbir tar-Reklami**
Elvin Tabone
Italo Cauchi
Gino Cauchi

**Issettjat u Mitbugħ:**
Darryl Portelli
Portelli Print - Nadur



**Għaqda Mużikali San Ġużepp**
Pjazza Madonna ta' Loreto
Għajnsielem
Tel / Fax: 21564600 / (Bar): 21563592

Website: www.ghajnsielem.com/stjoesph
Email: stjosephband@ghajnsielem.com


*Il-fehmiet li jistqarru l-awturi u l-kontributuri ta' l-artikli li qed jiġu ippublikati m' humiex neċessarjament dawk tal-bord editorjali. L-awturi huma responsabbli għal-kontenut tagħhom*

Ħajr lil kull min ikkontribixxa u rreklama f' din il-publikazzjoni.

**GRAZZI MILL-QALB!**

# Werrej


| | |
|---|---|
| **Editorjal** | 3 |
| **Messaġġ mill-President** *is-Sur Ġino Cauchi* | 5 |
| **Messaġġ mis-Segretarju** *Kevin Cauchi* | 7 |
| **Messaġġ mill-Kaxxier** *Elvin Tabone* | 9 |
| **Messaġġ mis-Surmast** *Mro. Sunny Galea A.L.C.M.* | 11 |
| **Messaġġ mis-Sindku** *is-Sur Francis Cauchi* | 13 |
| **Messaġġ mill-Arċipriet** *Dun Frankie Bajada* | 15 |
| **Messaġġ mid-Direttur Spiritwali** *Fr. Joe Cardona* | 17 |
| **Messaġġ mill-Kumitat tan-Nisa** | 18 |
| **Messaġġ mill-President ta' Għajnsielem F.C.** *Sammy Rapa* | 19 |
| **Messaġġ mill-Għaqda tal-Armar** | 20 |
| **Messaġġ tal-Gwardjan** - *P. Joseph Magro OFM* | 21 |
| **Mill-Iskola Tal-Mużika - 2008** - *Joe Galea* | 22 |
| **Għaqda Mużikali 'San Ġużepp' Għajnsielem** - *Lista ta' l-Aljievi 2008/2009* | 23 |
| **Lista tal-Bandisti** | 24 |
| **Servizzi mill-Banda "San Ġużepp" - Matul is-Sena 2007/2008** | 25 |
| **1928 - CD ta' Marċi Brijużi maħruġ fl-okkażjoni tat-80 Anniversarju** | 26 |
| **Ir-Rinovazzjoni tal-Kamra tal-Kumitat u l-Arkivju** - *Kevin Cauchi* | 27 |
| **Programm ta' Mużika Sagra** | 28 |
| **Programm Mużikali** | 29 |
| **Intervista ma' Mikiel Ciangura** - *Tony Galea* | 31 |
| **Infakkru l-75 Sena mill-Mewt tal-Qaddej ta' Alla Mons Ġużeppi De Piro** - *Dun Karm Cassar* | 34 |
| **De Piro Jitbissimilna - *Poeżija*** - *Francis Sultana* | 37 |
| **Żmieni l-bogħod mill-Banda** - *Tony Galea* | 38 |
| **Why Should Children Learn Music?** - *Maria Grima* | 41 |
| **1988 - Meta fakkarna s-sittin Anniversarju tal-Banda** - *Joe Xuereb* | 42 |
| **Sittin Anniversarju mill-Marċ 'Viva x-Xemx'** - *Victor Galea* | 44 |
| **Kif niftakar il-Festa fi tfuliti** | 45 |
| **Il-Festa titulari ta' Għajnsielem matul iż-żmien** - *Joe Scicluna* | 48 |
| **L-Istorja ta' Għajnsielem tul iż-żminijiet** - *Joe Scicluna* | 50 |
| **Mill-Album tal-imgħoddi** - *Ġużeppi Cauchi* | 54 |
| **Il-Każin tal-Armar** - *Dun Karm Cassar* | 56 |
| **Il-Ħajja Soċjali u Ekonomika f'Għajnsielem fl-imgħoddi** - *Intervista ma Joe Sciclina* | 58 |
| **Ħarsa lejn il-Festa Sant'Antnin 2008 f'Għajnsielem** - *Fra Lorrie Zerafa ofm* | 61 |
| **Ritratti minn Mixjet Għajnsielem** - *Frank Tabone* | 63 |
| **Intervista ma' Francis Sultana** - *Tony Galea* | 64 |
| **Ismijiet tat-triqat tar-raħal ta' Għajnsielem** | 69 |
| **Noqgħod hekk qrib Wied il-Mostra u ma kontx naf** | 70 |
| **Il-Misraħ Ewlieni - Matthew Zammit** | 71 |
| **Mużew Storiku** - *Dun Karm Cassar* | 73 |
| **Ħjiel qasir dwar xi Personaġġi li nisġu l-istorja tar-Raħal tagħna** | 74 |
| **Programm tal-Festa tal-Madonna ta' Loretu - 2008** | 76 |
| **Loretu Zerafa Apprezzament** - *Joe Galea* | 78 |
| **Apprezzament - Patri Charles Wickman ofm** | 79 |
| **Il-Fjur tal-Festa - Tislima lil Salvu Ciantar** | 80 |
| **Lil Salvu Ciantar - *Poeżija*** - *Raymond Buttigieg* | 81 |
| **Il-Fratelli tagħna - Ir-Reffiegħa tal-Vara - *Poeżija*** - *Joseph C. Camilleri* | *81* |
| **Ġużé Costa il-Baħri** - *Dun Karm Cassar* | 82 |
| **Għajnsielem u l-Kavallieri ta' San Ġwann** - *Mons. Joseph Zerafa* | *83* |
| **Forti Chambray Meravilja tal-Kavallier ta' San Ġwann** - *Mariella Xuereb* | 85 |
| **It-tieni dar tagħhom!** - *Kevin Cauchi* | 88 |
| **Għajnsielem – Tolfa - Storja ta suċċess** - *Is-sindku Francis Cauchi* | 89 |
| **Seven memorable days in Italy** | 92 |
| **Year in review** - *għajnsielem.com* | 96 |
| **Radju Lauretana** - *Lelio Spiteri* | 109 |
| **Għajnsielem Blood Drive** - *Kevin Cauchi* | 110 |
| **Jitwieled is-Sotto-Kumitat tal-iSnooker** | 111 |
| **Esperjenza żagħżugħa f'laqgħa mal-Papa** - *Fra Lorrie Zerafa ofm* | 112 |
| **San Ġorġ Preca u s-'Sbejħa Loreta'** - *Pauline Grech* | 114 |
| **Lapidi f'ġieħ Marija Santissima** - *Ivan Farrugia* | 115 |
| **Il-Formazzjoni fis-Seminarju** - *Sem. Samuel Grech* | 117 |
| **Ix-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla f'Għajnsielem** - *Dun Karm Cassar* | 119 |
| **L-esperjenza tiegħi bħala Abbati** - *Joseph Debono* | 120 |
| **It-twaqqif tal-Leġjun ta' Marija f'Għajnsielem** - *M. Assunta Grima* | 122 |
| **Għajnsielem, dar ta' kenn** - *Dun Karm Cassar* | 123 |
| **Il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju** - *Vince Caruana* | 127 |
| **Il-Kappella ta' Lourdes** - *Justin Luke Buttigieg* | 128 |
| **Knisja u Monasteru tal-Madonna ta' Loretu fi Spanja** - *Lorenzo Zahra* | 131 |
| **It-Tieni Prefazju tas-Sollennità tal-Madonna ta' Loreto** | 132 |
| **Lill-Madonna ta' Loretu - *Poeżija*** - *Kan Joe Meilak* | 133 |
| **Ħarsa lejn il-Festi fl-iSkrittura Mqaddsa** - *Fr. Charles Buttigieg* | 134 |
| **Meta l-Madonna ta' Loretu ħarset id-dar Imqaddsa** | 137 |
| **Omelija li saret f'Egħluq il-100 sena tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja l-Qadima** | 138 |
| **Il-Qniepen** - *Dun Karm Cassar* | 140 |
| **Biex ikollna Festa bis-sens** - *Ġużi* | 141 |
| **Lil marti Maria - *Poeżija*** | 142 |
| **Missing Something - *Poeżija*** - *Francis Sultana* | 142 |
| **Għax għamiltilna hekk? - *Poezija*** - *Francis Sultana* | 143 |
| **Imperial Gozo Yacht Club** - *Tony Xuereb* | 144 |
| **Ħarsa lejn żviluppi kurrenti fl-Astronomija** - *Joseph Caruana* | 145 |
| **I think every Housewife deserves a cheer** - *Michael Grech* | 147 |
| **Ix-Xorti** - *Francis Sultana* | 148 |
| **Żmien ir-Rebbiegħa** - *Mathea Vassallo* | 150 |
| **Torri jew Bandiera?** - *Robert Grima* | 151 |
| **Grazzi mill-qalb** | 152 |

# Editorjal

## Għalaqna t-Tmenin

L-Għaqda Mużikali 'San Ġużepp', l-Għaqda tal-Banda għażiża tar-raħal tagħna, din is-sena qed tiċċelebra t-tmenin anniversarju ta' twelidha. Kien twelid x'aktarx fqajjar, meta fl-1928, fi ħdan De Piro beda t-taħriġ tal-ewwel alljevi, fost l-orfni. Minn dak inhar sal-lum għamilna passi ta' ġgant!

Mhux il-waqt li nerġgħu nidħlu fl-arkivji u nqallbu l-paġni tal-istorja glorjuża tal-Għaqda Mużikali tagħna. Nikkummentaw biss li tmenin sena fuq bniedem kwalunkwe, ifissru li dan ikun ilu li sar anzjan, bid-diffikultajiet kollha li x-xjuħija ġġib magħha, speċjalment f'dik li hi saħħa. Dan ma nistgħux ngħiduh għal Soċjetà jew Għaqda, u iżjed u iżjed għall-Għaqda Mużikali San Ġużepp!

Ngħiduha bla tlaqlieq. Ta' tmenin, l-Għaqda Mużikali tagħna tinsab fl-aqwa tagħha, kemm f'suritha kif ukoll f'saħħitha. Dan għaliex fil-Banda tagħna qed dejjem jissawwar demm ġdid ta' żgħażagħ li jieħdu x-xogħol bis-serjetà u b'impenn. Ma' dan id-demm jiżdied u jiċċirkula ieħor ta' dawk, li għad li mhumiex daqshekk żgħażagħ, huma nies maturi u ta' esperjenza, li jafu jiggwidaw u jmexxu. Hekk jekk l-Għaqda tiltaqa' ma' xi saram, xi skolji, jew riħ ħażin, dawn ikunu lesti biex bil-kelma t-tajba u pariri siewja jagħrfu jikkalmaw is-sitwazzjoni.

Fir-raħal tagħna jinsabu ħafna għaqdiet li dejjem jimxu id f'id mal-Għaqda Mużikali 'San Ġużepp'. U hekk għandu jkun għax l-għaqda ġġib is-saħħa! Jekk wieħed jaqbad ftit f'idejh il-magazzin tal-Banda tagħna jinduna minnufih b'dak li qed nsostnu. Kullma jmur dan il-magazzin qed dejjem jisbieħ, kemm fid-dehra u wisq iżjed bl-artikli tassew informattivi u ta' talent!

Xi ħaġa oħra li tassew ser tisbieħ bil-għajnuna tal-poplu kollu Għajnselmiż, hi s-Sala tal-Kumitat bl-Arkivju imponenti. Ejjew lkoll nħabirku biex dawn iż-żewġ proġetti jirnexxu u nibdew ingawduhom minn din is-sena stess!

Kuraġġ! Il-Festa t-tajba, u grazzi lil kulħadd.



# Rexy

Bar and Restaurant

100, Triq l-Imġarr
Għajnsielem

Tel: 2156 0873
Mob: 7942 3581



# ATTARD AUTO DEALER

*Tony Attard*



- *Japanese Importers of New & Used Auto Dealer*
- *Insurance Service*
- *Car Hire*

*Triq l-Imġarr*
*Għajnsielem*

Tel/Fax: 2155 9453
Mob: 9949 4186

# Messaġġ



## mill-President
## is-Sur Ġino Cauchi

Il-festa reġgħet magħna! Wasal l-isbaħ żmien għar-raħal tagħna, biex ilkoll flimkien niċċelebraw il-festa ad unur tal-għażiża tagħna l-Madonna ta' Loretu. X'ferħ inissel fina meta nlissnu l-isem tal-Madonna ta' Loretu.

Din is-sena hija sena speċjali għall-banda tagħna għax proprjament qed tiċċelebra l-għeluq it-tmenin sena minn meta ġiet mwaqqfa fl-1928. Illum nixtieq insellem lil kull min ta' sehem biex l-banda tagħna tirnexxi u tinsab fejn tinsab illum.

Meta fl-1925 il-mibki Mons Ġużeppi de Piro ġie maħtur direttur tad-dar ta' San Ġużepp li għandna fir-raħal tagħna, mill-ewwel beda jaħdem biex iż-żgħażagħ li jgħixu fl-istitut u dawk t'Għajnsielem, ikollhom fejn iqattgħu l-ħin liberu tagħhom, u hekk proprjament ġiet imwaqqfa l-banda tagħna, li ġiet mgħotija l-isem tal-patrun tal-knisja universali San Ġużepp. Kien fl-1928 li ġie nkarigat is-surmast bravu Anton Muscat Azzopardi, li ġabar lil dawk interessati li jitgħallmu l-banda, fosthom Mikiel Ciangura u missieri Ġużeppi Cauchi flimkien ma' xi tfal li kienu joqogħdu fid-dar ta San Ġużepp. Minħabba d-diffikultajiet ta' transport Maestro Musċat Azzopardi ma setgħax ikompli bil-ħidma tiegħu u minfloku ġie nkarigat Mikiel Farrugia, u proprju kien dan is surmast fis-17 ta' Mejju 1931 fil-bitħa tad-Dar ta' San Ġużepp, mexxa lill-banda tagħna u indaqq l-ewwel programm tal-banda tagħna. Fost il-marċi li ndaqqu kien hemm wieħed iddedikat lil Mons De Piro, kif kien jixraq.

Il-banda kompliet tiżvilluppa u għaddiet mid-diffikultajiet tagħha wkoll, iżda dan qatt ma qata' qalb lil kull min kien imexxi l-banda, u min hawn nixtieq insellem u nirringrazzja lill-għaxar presidenti, kif ukoll lil kull membru tal-kumitat li ħadmu id f'id biex l-banda dejjem mexxewha 'l quddiem skond il-ħila tagħhom. Insellem u nirringrazzja wkoll lis-sitt Surmastrijiet li kellna jmexxu l-banda, li b'tant ħila u paċenzja mexxew u għallmu lill-aljievi tagħna. Ma' dawn irrid nsemmi lil kull bandist li ta sehmu, li naf li huma ħafna mir-raħal tagħna, li b'sagrifiċċju dejjem taw is-servizz tagħhom tul dawn it-tmenin sena.

Mhux faċli li tegħleb kull diffikultà, li tista' tinqala' biex tara il-ħolma tiegħek issir realtà, u hawn qed nalludi għall-bini tal-każin tant sabiħ li jinsab proprju fiċ-ċentru tar-raħal tagħna. Insellem u nirringrazzja lil kull min ta sehem biex il-ħolma tal-każin issir realtà, għal kull xogħol li għamlu f'dan il-każin palazz tagħna.

Hawn irrid insemmi u nsellem lil kull president, surmast, membru tal-kumitat, bandisti, membri tal-banda u lil dawk kollha li sfortunatament ma għadhomx magħna u ħallewna għall-ħajja ta' dejjem sabiex niftakru fihom fit-talb tagħna.

U hekk qed imexxi l-kumitat preżenti. Kif ta' qabilna dejjem għamlu dak li setgħu biex jgħollu l-isem tal-banda tagħna, hekk ukoll qed nagħmlu aħna. Bil-ħidma ma taqta' xejn tal-kumitat, tlestew ħafna proġetti, mhux ser noqgħod insemmihom kollha, iżda ma nistax ma nsemmix, il-proġett ambizzjuż tal-bdil kompletament tal-kamra tal-kumitat, u l-ewwel arkivju għall-banda tagħna. Dawn inqasmu f'żewġ proġetti l-ewwel waħda lesta, u kieku mhux għal xi problemi li l-kumitat ma kellux kontroll fuqhom, kieku għandna parti mill-arkivju lesta wkoll, iżda niftakru li x-xogħol isir la jkun hemm rieda tajba.

Il-kumitat dejjem jagħmel il-kuraġġ, li jwettaq dak li jixraq lill-banda tagħna għax jaf li kull meta ser jitlob l-għajnuna tal-poplu t'Għajnsielem , din ser jsibha għax jaf kemm il-banda hija għall-qalb in-nies tar-raħal tagħna. Dejjem sibna l-għajnuna mill-kumitat tan-nisa li b'tant sagrifiċċju kważi kull ġimgħa jorgannizzaw diversi fund raising u ta' ħafna voluntiera li jagħmlu xogħol li jkun hemm bżonn isir fil-każin tagħna.

Nistgħu ngħidu li dawn l-aħħar tmenin sena, kienu storja tas-suċċess għar-raħal tagħna, li jaf li jekk naħdmu flimkien nirnexxu kif irnexxiet il-banda tagħna. Minn qalbi ngħid grazzi lil kulħadd li tant ħdimtu għall-ġid tal-banda San Ġużepp.

Ninsabu fiż-żmien il-festa, kif tafu l-banda hi min ta' quddiem biex f'dan iż żmien tas-sena r-raħal tagħna jinbidel u jorganizza waħda mill-festi prinċipali t'Għawdex, ad Unur il-Madonna ta' Loretu. Nafu kemm il-festa tagħna qed tiġbed folol kbar lejn Għawdex u lejn ir-raħal tagħna u ghalhekk ejjew biex flimkien nagħmlu kif għamilna dejjem u nagħmlu festa mill-aqwa lill-Padruna tagħna. Hawn nixtieq nirringrazja lill-Arċipriet li dejjem sibna l-għajnuna tiegħu speċjalment għal żmien il-festa.

Għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' għeluq it-tmenin sena tal-banda l-kumitat stieden lill-President ta' Malta Dr Edward Fenech Adami, u dan laqa' l-istedina tagħna u ser ikun fostna t-Tlieta tal-festa meta l-banda jkollha l-jum tagħha, u minn hawn nixtieq nirringrazjah mill-qalb.

Naf kemm is-surmast, flimkien mal-bandisti jkun ilhom jippreparaw b'tant kunċerti u dedikazjoni għall-festa. Għalhekk nappella biex napprezzaw dan ix-xogħol biex nattendu għall-programmi li tagħmel il-banda, u waqt l-marċi tal-festa ma niffullawx għal fuq il-bandisti, li niftakru jkunu qed jgħatu is-servizz tagħhom b'sagriffiċċju kbir.
Ngħalaq billi nirringrazja lil sħabi tal-kumitat, surmast u assistent surmast, bandisti, kummissjoni banda, kumitat tan-nisa, u poplu ġenerali t'Għajnsielem.

Nixtieq festa mill-isbaħ u li tagħmel unur lill-Padruna tagħna l-Madonna ta' Loretu.

Viva l-Madonna ta' Loretu.
Viva l-Banda San Ġużepp.



# Messaġġ

## mis-Segretarju
## Kevin Cauchi



### Il-Ktieb ikompli jikber
Sena wara sena, dan il-ktejjeb, magħruf minn kulħadd bħala l-'Programm tal-Festa', dejjem qiegħed jikber fil-kontenut. Din is-sena għandna madwar mitt artiklu li kważi kollha huma relatati mar-raħal t'Għajnsielem. Ser issibu ftit minn kollox – storja, poeżiji, intervisti, messaġġi, features, eċċ. Jien dejjem sħaqt li din il-pubblikazzjoni għandu jkollha żewġ għanijiet prinċipali - dik li nwasslu l-messaġġ ta' din is-Soċjetà u li noffru opportunità ta' spazju lit-talent Għajnselmiż. Għal darba oħra irrid nerġa' nirringrazzja lil Dun Karm Cassar li kien il-magna sabiex din il-pubblikazzjoni tkun suċċess.

### Il-Ħolma li qed ssir Realtà
Ix-xogħol beda ftit tax-xhur ilu... Investiment ta' eluf kbar ta' liri (jew eluf akbar ta' Euros). Iżda ma qtajniex qalbna. Il-proġett ta' rinovazzjoni tal-Kamra tal-Kumitat fejn ser jiġi esebit l-Arkivju Mużikali qiegħed sa fl-aħħar isir realtà. Il-proġett kien maqsum f'żewġ fażijiet sabiex il-Kumitat ma jidħolx f'piż finanzjarju kbir. L-ewwel fażi tlestiet f'Awissu ta' din is-sena u kienet tikkonsisti fit-twaħħil ta' l-irħam, sistema ġdida ta' illuminazzjoni, saqaf ġdid mibni bl-injam tal-kewba u x-xiri ta' żewġ linef ġodda. L-ispejjeż ammontaw għal €19,000.
Ix-xogħol fuq it-tieni fażi (fejn l-ispejjeż jammontaw għal madwar €25,000) ser jibda fl-2009. Dan jikkonsisti fil-kisi tal-ħitan bl-injam, l-Arkivju Mużikali u x-xiri ta' għamara oħra. Il-ħsieb hu li din l-Kamra flimkien ma' l-Arkivju tiġi inawgurata uffiċċjalment f' Awwisu ta' l-2009.

### L-Imħabba lejn din is-Soċjetà
Tiskanta kif dejjem ssib l-għajnuna. Għajnuna mhux biss finanzjarja iżda wkoll volontarja. Persuni bħal Peppi Grima u Kilinu Azzopardi għamlu ħafna xogħol fir-rinovazzjoni tal-Kamra tal-Kumitat mingħajr ħlas. Lil Pawlu Azzopardi u Fredu Xuereb dejjem tarahom il-Każin jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni. Il-Kumitat tan-nisa l-ħin kollu għaddej bl-attivitajiet ta' fundraising. Lil Loretu Galea dejjem issibu l-każin jagħmel xogħol relatat mal-Banda. Toni Galea, Joe Galea u Frankie Debono jiddedikaw ħafna mill-ħin liberu tagħhom jgħallmu lill-alljievi u bandisti aspiranti. Imbagħad issib bandisti li qatt ma jitilfu servizz jew kunċert. Dawn huma persuni li verament għandhom għal qalbom il-banda.

### Poplu ġeneruż
Konna xi ftit inkwetati meta ddeċidejna li noħorġu l-iskema 'Tile4U'. Mhux faċli timla 225 maduma ta' €20 'il waħda. Hemm il-ġbir għall-festa, il-proġett tal-qniepen, ir-restawr tal-koppla, l-għajnuna lill-klabb tal-Football, lil Museum eċċ. Kulħadd għandu bżonn l-għajnuna. Iżda l-poplu Għajnselmiż hu poplu ġeneruż. Fi ftit ġimgħat irnexxilna kważi nimlew il-madum kollu. Grazzi lil kull min qed jgħin sabiex l-ħolma tagħna li jkollna l-Arkivju Mużikali f'Kamra mill-isbaħ ssir realtà.

### Tmenin Sena ta' Servizz lil Għajnsielem
Din hi t-tema prinċipali ta' din il-pubblikazzjoni. Kollox beda meta Mons. Ġużeppi De Piro iddeċieda li jixtri ftit strumenti lit-tfal ta' l-istitut ta' San Ġużepp. Minn dakinhar, għaddew tmenin sena li fihom is-Soċjetà tagħna għaddiet minn mumenti ta' ferħ kif wkoll minn perjodi diffiċli. Min jaf kemm ħadmu missirijietna sabiex jaraw lill-Għaqda Mużikali San Ġużepp tikber u tirnexxi. Ejjew għalhekk niftakru ftit f'dawk il-Presidenti, Surmastijiet, membri tal-Kumitat, bandisti u voluntiera li taw is-servizz tagħhom lill-Banda u lil Għajnsielem.

# Għaqda Mużikali "San Ġużepp"

## Pizzeria & Snack Bar

Showing live football & other sporting events
on big screen

**Josef u Charlie Azzopardi**
**jawguraw il-Festa t-tajba**

*Każin tal-Banda, Pjazza Madonna ta' Loretu*
*Għajnsielem, Għawdex*

Tel: **2156 3592** Mob: **79271266 / 79949370**

# Messaġġ



## *mill-Kaxxier*
## *Elvin Tabone*

Is-sena tgħaddi malajr, u erġajna qegħdin lejliet ċelebrazzjoni oħra ta' festa ad unur il-Madonna. Jiġi f'moħħi artiklu li kiteb l-arkivista tagħna Loreto Galea fl-aħħar edizzjoni tan-newsletter 'Għajn tas-Sliem' fejn Loreto ta' rendikont tas-servizzi kollha li kellha l-Banda matul ix-xitwa. Dan l-artiklu jgħid li għalkemm fix-xhur tax-xitwa, wieħed jaħseb li x-xogħol fi ħdan is-Soċjetà jonqos, dan assulutament mhux minnu, għax l-attivitajiet mużikali u amministrattivi baqgħu għaddejjin minn xahar għal xahar, tant li jinħass l-effett li s-sena għaddiet malajr wisq.

Fuq ix-xogħol li sar fil-każin f'din l-aħħar sena, ser ikollkom l-opportunità taraw f'din il-pubblikazzjoni aktar 'il quddiem. Bħala t-tielet messaġġ tiegħi bħala kaxxier qegħdin flimkien nitilgħu tarġa oħra fuq, lejn ix-xewqat tagħna. Niftakar tajjeb, fl-ewwel messaġġi tagħna, konna ħabbarna l-idejat u l-proġetti li kellna f'moħħna. Tlabna anke għal għajnuna tagħkom l-Għajnselmiżi sabiex dawn il-proġetti jsiru realtà. Is-sena li għaddiet konna żvelajna il-pjanti u d-disinni ta' kif bi ħsiebna nirrinovaw il-Kamra tal-Kumitat. Bdejna b' din il-kamra partikulari għax din ser tospita l-Arkivju Mużikali tas-Soċjetà. U din is-sena ser nitilgħu tarġa oħra il-fuq għax bi pjaċir inħabbru l-konklużjoni tal-ewwel fażi ta' dan il-proġett kbir. Din l-ewwel fażi, jiġifieri l-art ta' l-irħam u saqaf bil-lavur tal-kewba swiet lis-Soċjetà aktar minn dsatax -il elf ewro. Parti sostanzjali minn din is-somma ġa tħallset. Hawn ma nistax ma nirringrazzjax lill-benefatturi kollha tal-għajnuna tagħhom, fosthom dawk li ħadu sehem fl-iskema 'Tile4U' li rrid ngħid li kienet suċċess kbir. Kienet l-skema semplici fejn stedinna lill-poplu Għajnselmiż sabiex jipparteċipa f'dan il-proġett b' mod finanzjarju. Fi żmien xahar u nofs, din l-iskema kienet kważi mtliet kollha. Ma kinitx suċċess mill-att finanzjarju biss iżda kienet suċċess għax għall-ewwel darba wara tant snin, il-poplu t'Għajnsielem reġa' beda juri interess qawwi fis-Soċjetà. U dan jiswa aktar mill-għajnuna finanzjarja.

Forsi wieħed jaħseb li l-attenzjoni u l-ħidma tal-kumitat tkun kollha fuq dan il-proġett, iżda r-realtà hi differenti. Dawk li jiffrekwentaw il-bar tal-Każin huma l-aħjar xhud għall-investiment ukoll li għamilna fil-bar. Dan kien jikkonsisti fi tliet flat screens kbar u sound system moderna, u dan grazzi anke għall-partnership ġdid li għandna mal-General Soft Drinks. Barra minn hekk ma rridux ninsew ix-xiri ta' ħames strumenti ġodda li l-bandisti tagħna qegħdin igawdu kif wkoll it-tour ġewwa l-Italja li kien jirrikjedi ħafna xogħol u attenzjoni. Kompla x-xogħol ta' manutenzjoni fil-każin fejn wara li s-sena li għaddiet irnexxilna nirranġaw it-twieqi kollha tal-każin, din is-sena kien imiss il-bieb prinċipali sabiex ntuh id-dehra li jixraqlu. Ssir wkoll ħafna ħidma minn wara il-kwinti bħal pereżempju dan il-ktieb li jieħu ħafna ħin u enerġija.. Tista' tgħid li kull ġurnata li tgħaddi, dejjem saret xi ħaġa ġdida fil-każin jew fl-uffiċċju tal-kumitat, sabiex il-Banda tkompli miexja 'il quddiem.

Nikkonkludi billi nibgħat l-awgurji tiegħi lill-Għajnselmiżi kollha speċjalment lill-bandisti u l-familji tagħhom tas-servizz u l-paċenzja. Nistiedinkom sabiex il-Ħadd 24 ta' Awissu taslu wasla sal-każin tagħna sabiex taraw ix-xogħol kollu li sar s'issa u flimkien nippreparaw sabiex għal darb'oħra nagħmlu festa oħra kbira lil Ommna Marija Lawretana.


ICI
Dulux
WORLD of COLOUR
For a wide range of over 5000 colours
for both interior and exterior walls, woodwork and metal
Gozo Agent: J & C Sultana (Ta' Ġamri), Ghajnsielem, Gozo
Tel: 2155 1578 Mob: 9942 2341

# Messaġġ



## mis-Surmast
## Mro. Sunny Galea A.L.C.M.

Malajr tgerrbet sena oħra, u l-festa tar-raħal reġgħet waslet magħna. Għall-Għaqda Mużikali San Ġużepp, din is-sena kienet tfisser bosta impenji li l-banda qdiet bl-ikbar sodisfazzjon.

Fost l-oħrajn, sar kunċert ta' Mużika Sagra fil-Knisja l-Qadima t'Għajnsielem. Din is-sena, il-Banda San Ġużepp għalqet 80 sena mit-twelid tagħha, u għal din l-okkażjoni ġie rrekordjat sett ġdid ta'Marċi Brijużi. Dan is-CD huwa għal qalbi ħafna għaliex juri biċ-ċar il-livell sodisfaċenti li tippossjedi l-banda. M'għandix l-iċken dubju li dan is-CD se jservi ta'ċertifikat tajjeb ħafna għall-banda tagħna.

F'dawn il-ġranet qed isiru kunċerti għall-Programm Mużikali li ser jiġi esegwit fil-ġimgħa tal-festa. F'dan il-kunċert ser jiġu esegwiti bċejjeċ operistiċi, klassiċi u anke kontemporanji. Insibu fost l-oħrajn silta mill-Opera Nabucco ta' G.Verdi, oħra minn *New World Symphony* ta' A.Dvorak, *Medley* minn *My Fair Lady* u mużika moderna bħalma hi *Candle in the Wind.* Dan il-programm ser jinkludi wkoll *Overture No.2 'Melita'* li jiena kkomponejt għall-banda dan l-aħħar. Din it-taħlita varja żgur li sejra tissodisfa l-gosti tas-semmiegħa kollha.

Ngħaddi issa għat-tagħlim ta' l-aljievi. Din is-sena kellna wkoll aljievi ġodda li ngħaqdu għall-ewwel darba mal-banda tagħna. Minn hawn nixtieq nawguralhom kull suċċess għall-futur u nħeġġiġhom biex issa li ħarġu jdoqqu, ma jitilqux l-istudji tagħhom. B'hekk il-banda tkompli tiffjorixxi f'bandisti żgħażagħ li jiggarantixxu livell mużikali għoli għall-futur.

Ma rridx ninsa nsemmi l-kontribut siewi li qegħdin joffru l-membri tal-kumitat, ibda mill-President sa l-iċken membru. Ta' dan kollu jien nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi lejhom. Min-naħa tiegħi jiena qiegħed nagħmel ħilti kollha sabiex naqdi bir-reqqa d-dmirijiet tiegħi fi ħdan il-banda. Meta naħdmu id f'id, il-banda tibqa' miexja 'l quddiem fit-triq tal-progress. Għad li f'soċjeta' bħal din il-bniedem dejjem ser jiltaqa' ma' mumenti diffiċli, jiena minn dejjem kont persważ li għandi tim kapaċi li jirnexxilu jegħleb kwalunkwe intopp li jista' jiltaqa' miegħu.

Insellmilkom u minn qalbi nawgura l-Festa t-Tajba lil kulħadd.


BASKAL FARRUGIA
Motor Mechanic
'Garnet', Imgarr Road
Ghajnsielem
Mechanical Repair of Cars
Trucks & Heavy Machinery
Vehicle Servicing: Both Petrol & Diesel
Engine Rebuilding & Exchanging
Sales of Spare Parts & Batteries
Tel: 21 551154
Mob: 99 228598



# Messaġġ

## *mis-Sindku*
## *is-Sur Francis Cauchi*

Kull sena l-kumitat tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp jagħti l-opportunità lill-Kunsill biex jien bħala Sindku nwassal il-messaġġ tiegħi fuq dan il-magazzin. Grazzi mill-qalb lill-kumitat ta' din l-opportunità.

Bħal ma tafu f'Marzu li għadda reġa' kellna l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali fejn fost l-oħrajn saret l-elezzjoni wkoll fir-raħal tagħna. Il-poplu Għajnselmiż għal darba oħra reġa' wera fiduċja fija biex għal dawn it-tlett snin li ġejjin nerġa' mmexxi l-Kunsill. Irrid minn hawn nirringrazzja lill-Għajnselmizi kollha tal-fiduċja li wrew miegħi u nwegħdhom li flimkien mal-kollegi kunsilliera ser inkompli naħdem biex ir-raħal inkomplu nġibuh 'il quddiem u fost l-aħjar.

Propju fl-ewwel laqgħa tiegħu l-Kunsill fassal il-programm għal dawn it-tlitt snin. Nista' ngħidilkom li dan ser ikun programm ta' ħidma intensiva fejn fost il-prijoritajiet ser tingħata attenzjoni speċjali lill-Ambjent u b' hekk inkunu qed nagħtu s-sehem tagħna wkoll bħala raħal żgħir ta' Ambjent aktar nadif lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna. L-istudju kif ukoll rapporti u pjanti fuq il-proġett ambizzjuż Ta'Passi issa wasal biex ikun lest u l-kumpanija privata mqabbda mill-Kunsill fuq dan il-proġett qegħda tistenna li joħrog programm mill-Unjoni Ewropea biex tkun tista' tapplika għall-fondi neċessarji tiegħu. Il-Kunsill ser ikompli jaħdem mill-qrib mal-Iskola Primarja Anton Cassar fuq il-proġett ta' EKO Skola. Naturalment il-ħidma tal-Kunsill mal-Għaqdiet tar-raħal ser tkompli tissaħħaħ sabiex ix-xogħol ikun iżjed ko-ordinat u b'hekk inkunu nistgħu nagħtu spinta aħjar lill-kultura u l-attivitajiet soċjali li jsiru matul is-sena. Il-Kunsill qed jispera li sa l-aħħar ta' din is-sena ikun beda l-proġett ferm tant mistenni mill-poplu Għajnselmiż, dak tal-bini ta' Ċentru Ċiviku maġenb l-iskola primarja. Proġett li jkun ikopri l-Uffiċini tal-Kunsill Lokali, l-Għassa tal-Pulizija, il-Berġa u l-Librerija. Dan flimkien ma' l-Iskola Primarja u l-Iskola ta' l-Arti ser ikun proġett verament li jkun jixraq lir-raħal tagħna fejn wieħed ikun jista' jinqeda fuq l-affarijiet tant bżonnjużi minn post wieħed. Il-Kunsill jittama li sa żmien sena oħra dan il-proġett ikun beda jaħdem.

Waslet festa oħra u l-Ħadd 31 t'Awwissu għal darb' oħra u għal 142 darba l-istatwa tant sabiħa u għażiża għalina l-Għajnselmiżi, terġa' titfaċċa fil-bieb tal-knisja fejn imbagħad iddur bil-purċissjoni mat-toroq prinċipali tar-raħal. Is-sodisfazzjon tal-poplu Għajnselmiż li l-festa tkun irnexxiet jasal hekk kif l-istatwa tal-Madonna ta' Loretu tidħol ġewwa l-knisja minn fuq iz-zuntier. Dan ikun l-akbar mument li l-poplu Għajnselmiż iħossu li hu kburi fejn wieħed jista' jinnota dan billi jara dik it-tbissima fuq wiċċ l-Għajnselmiżi hekk kif tibda tindaqq l-antifona. Pero mertu ta' dan kollu jmur għall-parroċċa tagħna li torganizza l-festa. Hawn nixtieq nirringrazzja lill-Arċipriet li flimkien mal-kumitati konnessi mal-festa jkunu tant ħadmu matul is-sena sabiex il-festa tirnexxi u tkun aħjar minn ta'qabilha. Mertu ta' dan bla dubju jmur għall-poplu kollu t'Għajnsielem li kull darba li jiġi mitlub biex jagħti d-donazzjoni tiegħu għall-festa, jew xi opra fil-knisja kif ukoll għajnuna lill-għaqdiet filantropiċi jkun minn ta' quddiem li jikkontribwixxi.

Is-sehem tal-Banda tagħna l-Għaqda Mużikali San Ġużepp fil-festa hu verament kbir. Fil-fatt tkun il-banda li tiftaħ u tagħlaq il-festa bil-parteċipazzjoni tagħha ta' kuljum. Anzi nista' ngħid li minn xhur qabel il-banda tibda tipprepara għall-festa bil-kunċerti li tagħmel biex toħrog sett ta' marċi ġodda. Mertu ta' dan kollu jmur lis-surmast u l-bandisti tiegħu li flimkien mal-kumitat ħabrieki jagħmlu dawn is-sagrifiċċji kollha fejn jaslu biex iħallu l-ħin liberu tagħhom propju għas-servizz tal-banda. Irrid minn hawn nirringrazzja f'isem sħabi l-Kunsilliera, lill-kumitat tax-xogħol kbir li qed iwettaq bħalissa ġewwa l-każin. Il-proġett prinċipali għal din is-sena li daħal għalih il-kumitat mhux ċajta. Qed nirreferi għas-sala tal-Kumitat fejn ser tingħata d-dehra li jixirqiilha. Bi tpoġġija ta' madum ta' l-art ta' l-irħam ġdid, bi tqegħid ta' soffit mill-isbaħ u fuq kollox x-xogħol ta' Arkivju ġdid li verament jixraq lil kull banda, jirrikjedi spejjeż ta' eluf ta' Ewro. Però bid-determinazzjoni u ħidma ta' dan il-kumitat matul is-sena kollha u bil-ġenerożità tal-poplu f'għajnuna finanzjarja li jagħti biex jara lis-Soċjetà tal-Banda tkun fost l-aħjar, dan il-proġett irnexxa. Iżda l-kumitat mhux ser jieqaf hawn u diġa' beda jaħdem fuq proġett ieħor importanti fil-kazin dak għat-tisbiħ tal-Bar u s-Sala tal-Każin. M'għandi l-ebda dubju li dan il-proġett ukoll ser jilħaq l-iskop tiegħu grazzi għax-xogħol siewi li qed iwettaq il-kumitat. Prosit u komplu aħdmu hekk.

Nagħlaq billi flimkien mal-kollegi sħabi fil-Kunsill ,nagħti l-awguri tiegħi lil kullhadd inklużi l-emigranti biex matul il-jiem tal-festa nkomplu nifirħu u nferrħu b'mod ċivili u niġġeddu bħala bnedmin insara kif ukoll bħala poplu Għajnselmiż. B'dan is-sentiment nawguralkom il-festa t-tajba.

# CASAFUNGHI

*La fungaia di Gozo*

***The biggest mushroom farm in Malta***

ISLAND mushrooms growers ltd

**The leading mushroom farm**

*Gozitan Delights*

**Mushroom Sales Centre**

---

Casafunghi, Gozitano Complex,
Mgarr Rd., Xewkija, Gozo.
**Tel.** (00356) 2156 4529
**Fax** (00356) 2156 3215
**Mob** (00356) 9942 2504

Pitkali Road, Attard - Malta.
**Tel.** (00356) 2141 6914
**Fax** (00356) 2142 3051
**Mob** (00356) 9943 0564

**www.casafunghi.com**
**e-mail:** *gozitandelights@vol.net.mt*

# Messaġġ



## *mill-Arċipriet*
## *Dun Frankie Bajada*

## STORJA LI GĦADHA TINKITEB

Nixtieq minn qalbi, f'isem is-Saċerdoti tal-Parroċċa u l-Kunsill Parrokkjali, nawgura lill-Kumitat u lis-Sotto Kumitati flimkien mal-Bandisti kollha tas-Soċjeta' Filarmonika tagħna San Ġużepp fl-okkażjoni tat-80 sena ta' ħidma sfiqa biex tixxettel u tikber il-kultura mużikali fir-raħal tagħna.

L-istorja tal-Banda tagħna hija storja sabiħa u twila li tagħmel ġieħ lil dawk kollha li, tul tant snin taw is-sehem tagħhom biex din is-soċjeta' tibqa' miexja anke fi żminijiet diffiċli. Dawn it-tmenin sena ta' storja jeħduna lura għal wieħed mill-aktar erwieħ twajba li rat is-soċjeta' Maltija, Monsinjur Ġużeppi Depiro, li ħadem ħafna biex jagħti kenn lil min ma kellux, dinjita' lil min kien nieqes minnha u għajnuna lil kull min ħabbat fuq il-bieb tiegħu.

Tabilħaqq hija storja li jixirqilha tkun magħrufa minna lkoll u forsi wkoll li tkun miġbura fi ktieb sabiħ. Imma l-ktieb tal-istorja tal-banda tagħna huwa ktieb miftuħ li għadu jinkiteb sal-ġurnata ta' llum. Huwa ktieb ħaj f'kull attivita' li torganizza din is-soċjeta' għall-ġid tar-raħal tagħna speċjalment l-akkumpanjament u s-sehem tal-banda fl-attivitajiet prinċipali tal-Parroċċa fuq kollox fil-festa li aħna nagħmlu lill-għażiża Omm tagħna ta' Loreto.

Xi tkun il-festa tagħna mingħajr il-banda? U l-festa tad-Duluri, San Ġużepp, Sant'Antnin u l-Milied? In-noti qawwija u ħelwin tal-Banda tagħna jagħtu ritmu ferrieħi u jgħaqqdu l-isforzi kollha li jsiru minn kulħadd biex fl-organizzazzjoni ta' dawn il-festi eżattament kif dawn in-noti stess joħorġu minn strumenti differenti u flimkien jiffurmaw armonija tassew sabiħa.

Hekk kif f'din il-festa, qed nifirħu mal-Banda tagħna f'għeluq it-tmenin sena tagħha, ejjew inkomplu napprezzaw dak il-ħafna sabiħ li għandna fil-festi tagħna. U proprju fil-festa tagħna ta' Għajnsielem. S'intendi dejjem ikun hemm x'tirranġa għall-aħjar.

Hija xi ħaġa wisq sabiħa li tara tant nies li jinġabru bi ħġarhom għall-Pontifikal tal-Festa fl-Aħħar Ħadd ta' Awissu wara l-ġranet tan-novena u tat-tridu. U xi ngħidu għall-ikla ta' nofsinhar li l-familji tagħna jorganizzaw flimkien fi djarhom!? Hija ikla li, għal ħafna familji tagħna ta' Għajnsielem tkun tfisser li jerġgħu jsibu ruħhom madwar l-istess mejda wara tant ġranet, xhur u forsi anke snin 'il bogħod minn xulxin - jerġgħu jingħaqdu wara vjaġġi ta' eluf ta' mili.

U l-Banda tagħna tissiġilla dan kollu b'tant daqq ferrieħi ta' marċi sbieħ li fil-ġimgħa tal-festa jagħtu ħajja lit-toroq tar-raħal tagħna.

Inkomplu naħdmu biex il-banda tagħna tkompli miexja 'l quddiem u minn qalbi nsellem lil kull min hu nvolut fiha u nagħmlilhom il-qalb biex ikomplu jistinkaw ħalli l-banda tagħna tkun dejjem aħjar. Jalla s-sens qawwi ta' ġenerożita' f'dawk kollha li jiffurmaw parti minn din is-soċjeta' jkompli jikber kif konvint li kibru anke s-sagrifiċċji tagħhom biex jistgħu jagħtu servizz tant sabiħ u prezzjuż lir-raħal tagħna.

Nawgura minn qalbi l-Festa t-Tajba lil Għajselmiżi kollha.
Tkunu mberkin.

MEZILLA
Concrete Limited
Director: Charlie Borg

Plot 34,
Tilliera Street,
Sannat, VCT 112 - Gozo.

Tel/Fax: 21 557563
9942 9364

CHARLIE'S
GYM




'Casa Borg' Plot 34,
Tilliera Street, SANNAT, Gozo.
Tel/Fax: 2155 7563
Mobile: 9942 9364

# Messaġġ



## *mid-Direttur Spiritwali*
## *Fr. Joe Cardona*

Din is-sena 2008, hija sena li qegħdin infakkru it-80 sena mit-twelid tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp.

Żgur li hija sena li min jaf kemm stennejniha, ħsibna fuqha, u fuq kollox ħlomna x' irridu nagħmlu fiha. Imma jibqa' l-fatt li dan kollu jsir għaliex hemm quddiem għajnejna l-Padruna tagħna Ommna Marija Lawretana.

Marija mid-dar fqajra ta' Nazarett nistgħu ngħidu li fid-djalogu tagħha mal-Anġlu Gabriel; Marija wriet b'mod estern ix-xejn tagħha. Daqshekk ieħor Alla għolla lil din il-ħlejqa unika. Dan kollu hu ppruvat minn Marija nfisha. F'dak l-innu ta' tifħir lil Alla, (Il-Magnificat) Marija qalet. " *Għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar"* (Lq 1, 49).

Jien fil-ħajja tiegħi qiegħed nfaħħar lill-Alla bħal Marija? Jew fil-festa biss nfaħħarha?
Qegħdin fil-jiem tal-festa, però dawn il-jiem x'tifsira għandhom f'ħajti ?
Li jiena niddeverti biss ?
Li jiena nilbes sabiħ biss ?
Ħabib/a taf li Marija qegħda tagħmillek stedina? Illum !
Inti sejjer tweġibha?
Marija qegħda tgħijdlek int bħala, ibni/ binti għaliex m' intix f'ħajtek turi x-xejn tiegħek bħalma wrejtu jien fil-ħajja tiegħi?
Turi x-xejn tiegħek billi timita 'l Marija Lawretana kif għexet il-ħajja tagħha.

Kumitat, Surmast u Bandisti flimkien mal-membri kollha fi ħdan il-Għaqda Mużikali "San Ġużepp" ejjew inkomplu nsaħħu; dak li akkwistajna tul dawn it-80 sena li għaddew; ħalli b'dan il-mod, il-Għaqda Mużikali tagħna tkompli tkun attiva u ħajja, fit-triq tal-progress li għandha quddiemha.

Awguri !

Nixtieq il-festa t-tajba lill-Għajnselmiżi kollha u lil dawk kollha li jiġu jżuruna f'dawn il jiem tal-festa tagħna.

# Messaġġ
## *mill-Kumitat tan-Nisa*

Għal darb'oħra, din is-sena li qegħdin nikkonkludu, kienet sena importanti u impenjattiva għalina n-nisa tal-Banda 'San Ġużepp', fejn komplejna fuq dak li bnejna matul s-snin u tajna l-kontribut tagħna sabiex il-Banda tkompli miexja 'il quddiem.



M'huwiex faċli għalina li ta' kull ġimgħa nieħdu ħsieb norganizzaw attività ġewwa l-każin tagħna. Hafna kienu minnkom, dawk li laqgħu l-istediniet tagħna matul is-sena u attendejtu għal xi tombli jew 'high teas' li għamilna. Kien importanti li nkomplu b'dan il-'fundraising' anki fid-dawl tal-proġetti kbar li l-Kumitat eżekuttiv qiegħed jagħmel bħalissa fil-każin tagħna.

Il-ħidma tagħna ħalliet il-frott mixtieq għax matul is-sena li għaddiet, irnexxilna nagħmlu 'fund raising' ta' aktar minn sitt elef ewro. Ta' min wieħed anki jinnota li parti mill-qliegħ li nagħmlu minn dawn l-attivitajiet imorru għall-Għaqda ta' l-Armar u dan m'humiex inklużi f'din is-somma msemmija.
Ta' dan aħna nixtiequ nirringrazzjaw lilkom l-Għajnselmiżi tas-support u l-attendenza tagħkom. Nixtiequ nirringrazzjaw ukoll lill-ħbieb tagħna li għalkemm m'humiex mir-raħal tagħna, xorta ta' kull ġimgħa jiġu fil-każin għal logħob tat-tombla u l-high teas. Nirringrazzjaw lil sħabna n-nisa fil-kumitat li jagħtuna daqqa t'id anki fit-tindif tal-każin wara xi attivitajiet, u tas-support kollu li wrew matul is-sena.

Fl-aħħar nawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd.

Viva x-Xemx, Il-Madonna ta' Loretu.

# *Messaġġ mill-President ta' Għajnsielem F.C.*

### *Sammy Rapa*

Nixtieq l-ewwel u qabel kollox inwassal l-entużjażmu tiegħi fil-messsaġġ ta' Jum il-festa tar-raħal tagħna.

**IL-MADONNA TA' LORETU**

Jien inħossni kommoss li qed nindirizza dan il-messaġġ għall-ewwel darba bħala president tal-klabb tal-futbol.

Ix-xahar t'Awwissu jġib f'Għajnsielem arja diversa u entużjażmu partikolari li tħossu jimraħ mar-raħal kollu. Il-kumitat tal-banda San Ġużepp għandu rwol partikolari fit-tħejjija tal-festi esterni. Hawnhekk nieħu l-okkażjoni biex inrodd ħajr lis-Surmast, bandisti u kull min għandu sehem fil-preparazzjoni, bil-poplu kollu ħerqan jistenna l-ġranet jitgerrbu sakemm fl-aħħar tasal jum il-festa tagħna. Tajjeb ħafna u tħoss il-parteċipazzjoni ta' kull individwu. Hekk xieraq. Prosit għall-organizazzjoni.

Fil-kamp sportiv għandna wkoll għaliex inkunu kburin. L-entużjażmu wkoll jinħass f'Għajnsielem tagħna. Sewwa allura li kulħadd – familji, żgħażagħ, u tfal – jipparteċipaw fl-andament ta' l-isports; fil-KLABB TAL-BLACKS li hu tant maħbub fir-raħal tagħna, li missirijietna b'għożża kbira kabbru u għollew. B'hekk huwa uniku fil-gżira Għawdxija dan ir-raħal hawn xi ħaġa nieqsa – ZAMMIT CUP 1936.

Propju f'jum il-festa tas-Sinjura tagħna – il-Madonna ta' Loretu – nitolbu lkoll biex dan il-fenomenu t'entużjażmu li jeżisti fir-raħal ikun anke ta' ġid spiritwali fejn għandna nuru sens ta' solidarjeta' u mħabba lejn xulxin anke fejn jidħol l-isports. Minn dejjem konna nħobbu l-logħba tal-futbol u inwiegħdkom li se nibqgħu forza qawwija, dejjem bl-għajnuna u bil-parteċipazzjoni ta' kulħadd.

Ta' dan jiena nirringrazzja lill-kumitat kollu, il-plejers u s-supporters kollha, tfal, żgħażagħ u l-familji kollha. Inselli għal kulħadd. Ingawdu l-festa bħala poplu matur, kburi bil-kisbiet li rnexxielu jikseb mal-medda taż-żmien.

*VIVA X-XEMX*



# Messaġġ mill-Għaqda tal-Armar



## Il-ħidma ta'matul is-sena

Wara li fl-10 ta'Diċembru 2006 inawgurajna l-maħzen il-ġdid li kien ta' piż finanzjarju kbir għall-għaqda tagħna, is-sena l-oħra komplejna għaddejin bil-ħidma tagħna kemm f'dak li hu armar u anke ġbir ta' flus. Minħabba l-kobor tal-maħzen kellna l-ispejjeż kbar. Il-ħtieġa li nnaqqsu ftit mill-armar sabiex inkopru l-ispejjeż ġiet waħedha. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li għenu bl-offerti li tajtuna. B' dawn il-flus u bil-qliegħ li qed iħalli l-bar taċ-ċentru (immexxi tant tajjeb minn żgħażagħ voluntiera) u minn fundraisings organizzati minn helpers tal-għaqda, ħallasna f'qasir żmien l-ispejjez kollha mingħajr self ta' xejn. F'dawn l-aħħar snin ħadna isem tajjeb għan-numru sabiħ ta opri li ta' kull sena qegħdin inżanżnu. Dan l-unur ma nixtiqux nitilfuh u għal din is-sena ħdimna fuq żewġ pavaljuni tad-dawl għal Triq Imġarr. Bqajna wkoll għaddejjin bil-kuntatti mal-istatwarju Michael Camilleri Cauchi sabiex ikompli l-istatwa tal-Madonna tad-Dar u nittamaw li din is-sena naraw magħha l-anġli li għad jonqosha. Minn hawn ma nistax ma niringrazzjax lill-familja Grech li daħlet għall-ispejjeż ta' din l-istatwa.

## Festa devota

Għalkemm ġor-raħal tagħna jiġu organizzati żewġ festi, konna biżżejjed bil-għaqal fuq kull kontroll li seta' jwassal għal xi differenzi bejnietna. Tant aħna l-oppost li saħanstira naqsmu l-għajnuna tagħna ma' xulxin. Għalkemm fil-passat batejna minn ċertu pika fil-festa parrokkjali, tgħallimna minn dawn l-iżbalji u għelibna kull ostaklu li ġara fil-passat. Nammetti li għad baqa ħafna x'nirranġaw imma la aħna bnedmin, il-perfezzjoni m'aħna ha nilħquha qatt. Il-festa għandha tkun eżempju ċar ta' kemm aħna l-poplu għandna nagħtu qima lill-Patruna tagħna. Irridu nitgħalmu nibżgħu għal valuri tagħha u ma nwaqqgħuhiex għaċ-ċajt la fl-għemil u anqas fl-eżempju. Il-festa għandha tkun vetrina ċara ta' dak kollu li għandu jagħti ġieh lill-Omm tagħna tas-sema taħt it-titlu ta' Loreto.

## Festa ta' opinjoni

Tisimgħu minn jitkaża biż-żgħażagħ, għax dawk sfrattati, bla valuri, sakranazzi u ma nafx x'aktar. L-eżempju jibda mid-dar u għalkemm ssib min jgħid li jkun rabba lit-tfal tajjeb, minħabba kumpanija ħażina xorta qed jittajru! Dak li jkunu żergħu ġo wliedhom hemm ħa jibqa' u din m'hi xejn ħlief furja perikoluża taż-żogħżija. Imbgħad nikkundannaw lil kulħadd minnħabba tnejn jew tlieta! Sfrattu jkun hemm u mhux b'anqas ġol-marċijiet. Li jrid isir hu biss kontroll fuq l-ulied mill-ġenituri stess, għaliex il-festa xorta ħa tibqa' ssir. Kull meta tieħu azzjoni il-kurja fuq dawn l-affarijiet kemm kemm mhux qed tinftihem ħażin u tbiegħed aktar nies minnha. Minn iħobb jilbes qasir, jew bid-drapp li niprovdu aħna jew bil-ħwejjeġ personali tiegħu xorta qasir ħa jilbes u min jikser il-ligi, għandu jpatti bil-liċi kif dejjem sar u mhux tbati l-kotra kollha. Ġor-raħal tagħna fortunati biżżejed li m'għandna l-ebda attivita esterna li ttellef dik interna. Għal-kuntrarju dik interna hija popolari ħafna magħna tal-lokali u minkejja l-kobor tal-knisja jekk ma taħsibx qabel bil-wieqfa tispiċċa żgur. Ħalli ma nkunux negattivi biss, l-aqwa ħaġa tal-festa minkejja l-ġenn kollu tagħha, għadha b'saħħitha żgur. Il-Qrara u tqarbina tajba fost kulħadd.

## Minn wara l-festa

Li torganizza festa mhux lakemm tibda toħroġ l-armar, tagħmel ġabra u tordna n-nar, titfa' banda fit-triq u l-arċipriet jordna xi erbgħa qassisin x' ħin jfettillu. Nibda biex ngħid li festa tiġi organizzata b'mod volontarju u jekk ma naprezzawx il-ħidma, it-tħabbil tal-imħuħ, l-inkwiet u l-kwistjonijiet li ma jonqsux, kieku ma jsir xejn. Minn hu veru dilettant tal-festa jiġri x'jiġri s-sena ta' wara ser issibu dejjem hemm żgur. Sabiex torganizza festa trid il-flus u flus bl-eluf. Biex tiġbor trid in-nies, anke biex tordna trid in-nies, kulħadd fil-qasam tiegħu. Trid tiġri sa truf Malta u aktar jekk hemm bżonn u ħaġa tgħaqqad m'oħra sa ma joħroġ ir-riżultat ta' kollox. U d-dilettant volontarju jsarraf dak li int tkun tajt minn flusek għal aktar minn darba u forsi anke jkun dejqek, fil-programm tal-festa. Il-festa hija kbira, l-ispejjeż mhux b'anqas u biex inżommu l-livell jeħtieġ li nkomplu ngħinu kif dejjem għamilna.

## 'DAWK LI ĦABBEWNI F'ĦAJTI MA JINSEWNIEX WARA MEWTI'

Diffiċli ninsewk Salv! In-nuqqas tiegħek ser iħalli vojt kbir ġol-knisja tagħna li int tant ħabbejt. Issa jixraqlek tgawdi l-frott tiegħek.

***Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd u nitolbu lill-Madonna ta' Loretu tħarisna.***

Rudolph Cauchi.

## RENDIKONT 2007/8

| | |
|---|---|
| Coffee Mornings/ High Teas (Asmelia Sciberras u Sunta Grech) | €921.51 |
| Lotteriji (ta'Sunta Grech) | €1205.63 |
| Mill-bar taċ-Ċentru minn Lulju sa Marzu (minn żgħażagħ voluntiera) | €3462.35 |
| Attivitajiet | €978.84 |
| Donazzjonijiet | €1406.97+$600 |
| Ġabra mar-raħal | €2203.67 |
| Mill-bott ta'Debono's Bakery + DVD's u flokkijiet tal-festa 2007 | €917.79 |
| Spejjeż | €7350.23 |



# Messaġġ tal-Gwardjan

*P. Joseph Magro OFM*

## Il-gratitudni ta' Marija lejn Alla

F'dawn il-jiem ta' festa lill-Verġni Marija tajjeb li nirriflettu fuq din it-tfajla żagħżugħa li minn dejjem kienet imħarrġa fil-kelma ta' Alla u l-gratitudni tagħha lejn Alla.

Dan nistgħu narawh fit-talba tagħha tal-Magnifikat fejn jibda proprju bil-kliem ta' tifħir lil Alla għal dak kollu li kien qed jagħmel magħha. 'Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej' (Luqa 1:46) Ruħi tqim, tirringrazzja u tfaħħar lill-Mulej. L-enfasi dejjem fuq il-Mulej, fuq dan Alla li jitfa l-ħarsa tiegħu fuq dawk li juru dipendenza fuqu. U Marija turi dan permezz tal-fidi kbira li kellha f'dan Alla u kienet lesta li tilqa' l-pjanijiet tiegħu għaliha għaliex kienet taf li jekk ikollha fiduċja fiħ u kien se jgħinha. Allura l-fidi tgħidilna li t-tifħir lil Alla u li nadurawh huma l-iktar forom importanti ta' talb. Permezz tat-talba tal-Magnifikat Marija tgħidilna li l-affarijiet l-oħra ma jagħmlux sens. Marija tkompli: "U l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-salvatur tiegħi" Għal min jitlob u jagħmel ir-rieda ta' Alla żgur li jkollu l-ferħ.

Għalhekk Alla jridna li inkunu ferħana ġenwinament u biex dan ikun possibbli rridu nagħmlu r-rieda tiegħu. Din ir-rieda li nistgħu inkunu nafuha biss mill-kelma tiegħu permezz tal-Kotba Imqaddsa. U jekk jien nagħmel ir-rieda tiegħu hu qed iwiegħdni kif wiegħed lil Marija li jien se inkun niflaħ nerfa s-salib tiegħi b'imħabba u għalhekk li mbagħad nista' inkun ferħan verament u għalhekk li qalbi, l-ispirtu tiegħi jifraħ fil-Mulej għax HU s-Salvatur.

Tajjeb mela li f'dan il-jiem ta' festa f'gieħ il-Madonna ta' Loretu, insibu mumenti biex naqraw din it-talba tal-Magnifikat (Luqa 1:46-55) u nieqfu ftit u nirriflettu fuq dak li għamel Alla fil-ħajja ta' Marija u dak li Alla qed jagħmel fil-ħajja tiegħi, u nistaqsi wara kull vers, fejn hu Alla fil-ħajja tiegħi! Infaħħru jien lil Alla? Qalbi tifraħ meta nisma' l-kelma tiegħu? Qed nagħmel ir-rieda tiegħu? Qed nitolbu u npoġġi l-fiduċja tiegħi fih?

Għalhekk nitolbu l-interċessjoni ta' Marija biex nitolbuha ha tidħol għalina ħalli fil-ħajja tagħna insibu dejjem mumenti biex nitolbu, infaħħu u naduraw lil Alla ħalli naraw il-pjan tiegħu għalina u dak li hu jrid minni f'dan il-mumenti partikolari fil-ħajja tiegħi.

J'Alla dan iż-żmien sabiħ ta' festa ikun mument opportun biex nibda nirrifletti u nitlob biex inkun naf lil din l-omm, Marija u lil binha Ġesù u l-imħabba li għandhom għalina.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.





# Mill-Iskola tal-Mużika 2008

### *Joe Galea - Għalliem Sezzjoni 'Woodwind'*

Bħal kull sena, hekk kif tkun riesqa il-festa tar-raħal, il-kumitat ħabrieki tal-banda tagħna jirregalalna dan il-ktejjeb informattiv dwar il-ħidma tiegħu ta' matul is-sena għall-ġid tal-banda tagħna. Ħafna nkiteb dwar dan iżda tajjeb li wieħed jagħti ftit informazzjoni dettaljata dwar l-iskola tal-mużika, Bħal snin oħra, it-tagħlim tal-mużika huwa fdat f'idejn tlett għalliema. Mro. Frank Debono, Assistent Surmast, huwa nkarigat mit-taghlim tas-sezzjoni 'brass'. Jiena ngħallem is-sezzjoni 'woodwind' u s-Sur Anthony Galea jgħallem it-teorija fil-mużika. It-tagħlim isir kull nhar ta' Erbgħa u kull nhar ta' Sibt.

Bħalissa in-numru ta' bandisti aspiranti u alljievi li qed jattendu għall-lezzjonijiet jammonta għal 28 membru. Minn dawn, tmienja bdew idoqqu mal-banda, erbatax qegħdin jipprattikaw l-istrument filwaqt li sitta qegħdin jistudjaw it-teorija fil-mużika. Matul din is-sena erba' alljievi bdew jdoqqu għall-ewwel darba mal-banda. Dawn huma Susan Cassar fuq il-Klarinett, Nicholas Camilleri fuq il-Kurunetta, Samantha Bajada fuq is-Saxophone Soprano u Sergio Mallia fuq l-'Snares'. Minn hawn nixtieq nieħu l-okkazjoni biex nifraħ lil dawn l-erba' bandisti aspiranti ġodda li komplew saħħew il-banda tagħna b'aktar bandisti tal-lokal. Hemm ukoll prospetti tajbin ħafna li għall-purċissjoni tal-Milied, tlieta mill-lista ta' l-alljievi ser nagħtuhom l-opportunita' li jdoqqu xi *carols* mal-banda. L-istrumenti li jdoqqu dawn l-alljievi huma Trumbun, 'French Horn' u Klarinett.

L-appell tagħna l-għalliema jmur lejn il-ġenituri biex iħeġġu lill-uliedhom jibdew jitgħallmu l-mużika li bil-mod il-mod twassalhom biex jibdew idoqqu xi strument. Mill-banda l-oħra, nappellaw ukoll lill-ġenituri li uliedhom diġa' bdew jdoqqu mal-banda, biex ma jaqtgħux mill-istudju u l-prattika ta' l-istrument. Aħna minn dejjem ħeġġiġna lill-bandisti aspiranti biex jkomplu jattendu għal-lezzjonijiet sakemm nagħtuhom struzzjonijiet aħna. Normalment, meta alljiev jibda jdoqq mal-banda, jiġifieri jibda' jissejjaħ bandist aspirant, aħna nissuġġerulu biex jibqa' jattendi għal-lezzjonijiet sa żmien sena minn meta jkun daħal idoqq mal-banda.

Ta' min ifakkar li t-tagħlim isir kollu mingħajr ħlas. Il-banda tipprovdi ukoll l-istrument u l-kotba relatati. Il-banda talloka somma sostanzjali biex tkun tista tmantni l-iskola tal-mużika. Ghalhekk, dawk kollha interessati li jitgħallmu xi strument għandhom jaħtfu din l-opportunita' biex jibbenifikaw minn din l-offerta.

Minn hawn irrid nieħu l-okkazjoni biex nawgura l-Festa t-Tajba lill-Kumitat, Surmast u Assistant Surmast, Bandisti, Alljievi u Membri fi ħdan is-Soċjeta' Mużikali San Ġużepp tar-raħal tagħna kif ukoll lill-poplu kollu t'Għajnsielem.



***Banisti ġodda: Nicholas Camilleri, Susie Cassar, Samantha Bajada u Sergio Mallia, flimkien ma' Anthony Galea (għalliem teorija) Mro. Frankie Debono (għalliem brass) u Joe Galea (għalliem woodwind)***

# Għaqda Mużikali 'San Ġużepp' Għajnsielem

## Lista ta' l-Aljievi 2008/2009

### Bandisti Aspiranti

| | |
|---|---|
| Azzopardi Mario | Clarinet |
| Bajada Samantha | Sax Sopran |
| Camilleri Nicholas | Trumpet |
| Cassar Susie | Clarinet |
| Cowley Robert | Clarinet |
| Curmi Angele | Flute |
| Mallia Sergio | Snares |
| Xuereb Joseph | Quartino |

### Alljievi

| | |
|---|---|
| Azzopardi Lauriann | Clarinet |
| Buttgieg Jonathon | |
| Buttgieg Luke | French Horn |
| Camilleri Chantelle | Clarinet |
| Camilleri Daniel | Trumpet |
| Cascun Darren | Althorn |
| Cauchi Christian | Clarinet |
| Cordina Elisa | |
| Cutajar Josef | Clarinet |
| Grech Larry | |
| Grech Neville | Clarinet |
| Mallia Dario | Trumpet |
| Micallef Owen | |
| Mizzi Joseph | Trombone |
| Portelli Jeremy | |
| Vella Josef | |
| Xuereb Antonio | Trumpet |
| Saliba Chayana | Clarinet |
| Zammit Matthew | French Horn |
| Zerafa Christopher | Kwartin |

Tmenin Anniversarju

# Lista tal-Bandisti

**Flauts**: Camilleri Thomas, Curmi Angele, Galea Candice, Grima Maria, Portelli Charlene

**Quartino:** Xuereb Joseph

**Clarino 1mo:** Camilleri Paul, Cauchi Spiridione, Ciangura Laurence, Ciantar Joe, Galea Joseph, Rapa Joseph, Rapa Paul, Vassallo Mattea

**Clarino 2do:** Azzopardi Mario, Azzopardi Rubert, Bajada Marlon, Buttigieg Anthony Josef, Buttigieg Larry, Cassar Susan, Cowely Robert, Mifsud Joe, Vassallo Joanne, Vella Brenden, Vella Julia

**Corni:** Vassallo Loreto, Xuereb Charlie

**Saxophones:** Bajada Samantha, Debono Joseph, Grima Charlon, Rapa Renato, Saliba John, Vella Amy

**Cornets:** Azzopardi Charlie, Azzopardi Joseph, Buttigieg Justin, Camilleri Nicholas, Galea Loreto, Rapa Frankie, Scicluna Alfred, Xuereb Loreto

**Trombones:** Saliba Carmel, Vella Mario

**Baxxi:** Cauchi Carmel, Galea Tony, Vassallo Louis, Zerafa Joseph

**Percussion:** Debattista Clifford, Debattista Loreto, Grech Tony, Mallia Sergio, Portelli Ivan

**Euphonium:** Cauchi Joseph, Cutajar Frankie, Debono Frankie

**Althorns:** Grima Louis, Grima Robert, Saliba Leli, Xuereb Tony



# Servizzi mill-Banda "San Ġużepp" Matul is-Sena 2007/2008






*2007*

| | | |
|---|---|---|
| 21 ta' Settembru | Marċ u Programm | Dwejra |
| 24 ta' Settembru | Funeral – Loreto Zerafa | Għajnsielem |
| 11 ta' Novembru | Fanfarra – Jum it-Tifkira – Monument tal-Gwerra | Għajnsielem |
| 09 ta' Diċembru | Marċ - Festa Liturġika tal-Madonna ta' Loreto | Għajnsielem |
| 24 ta' Diċembru | Purċissjoni - Manifestazzjoni bil-Bambin tal-Milied | Għajnsielem |

*2008*

| | | |
|---|---|---|
| 27 ta' Jannar | Marċ - Programm 'Il-Ħadd mill-Pjazza | Għajnsielem |
| 14 ta' Marzu | Purċissoni tad-Duluri | Għajnsielem |
| 19 ta' Marzu | Kunċert ta' Mużika Sagra | Għajnsielem |
| 21 ta' Marzu | Purċissjoni ta' Ġimgħa l-Kbira | Nadur |
| 11 t'April | Recording ta' marċi ġodda 2008 | Għajnsielem |
| 11 ta' Mejju | Purċissjoni – Festa San Ġużepp | Għajnsielem |
| 31 ta' Mejju | Marċ - Festa Sant'Antnin | Għajnsielem |
| 01 ta' Ġunju | Purċissjoni – Festa Sant' Antnin | Għajnsielem |
| 21 ta' Ġunju | Marċ - Festa San Ġwann il-Battista | Xewkija |
| 27 ta' Ġunju | Marċ u Programm Strumentali – Festa ta' l-Imnarja | Nadur |
| 18 ta' Lulju | Marċ - Festa ta' San Ġorġ | Rabat |
| 26 ta' Lulju | Marċ - Festa Santa Margerita | Ta' Sannat |
| 02 ta' Awissu | Marċ – Festa San Ġużepp | Qala |
| 09 ta' Awissu | Purċissjoni u Marċ – Festa San Lawrenz | San Lawrenz |
| 15 ta' Awissu | Marċ u Programm Strumentali – Festa Santa Marija | Rabat |
| 25 ta' Awissu | Marċ - Ħruġ ta' l-Istatwa tal-Madonna ta' Loreto | Għajnsielem |
| 26 ta' Awissu | Marċ u Programm Strumentali | Għajnsielem |
| 28 ta' Awissu | Marċ - Festa Madonna ta' Loreto | Għajnsielem |
| 29 ta' Awissu | Marċ tad-Dimostrazzjoni – Festa Madonna ta' Loreto | Għajnsielem |
| 30 ta' Awissu | Marċ tat-Translazzjoni – Festa Madonna ta' Loreto | Għajnsielem |
| 30 ta' Awissu | Marċ ta' lejlet il-festa – Festa Madonna ta' Loreto | Għajnsielem |
| 31 ta' Awissu | Marċ - Jum il-Festa tal-Madonna ta' Loreto | Għajnsielem |
| 31 ta' Awissu | Purċissjoni – Festa tal-Madonna ta' Loreto | Għajnsielem |
| 31 ta' Awissu | Marċ ta' Għeluq il-Festa tal-Madonna ta' Loreto | Għajnsielem |
| 07 ta' Settembru | Marċ ta' lejlet il-festa – Maria Bambina | Xagħra |
| 09 ta' Novembru | Fanfarra – Jum it-Tifkira – Monument tal-Gwerra | Għajnsielem |
| 10 ta' Diċembru | Marċ - Festa Liturġika tal-Madonna ta' Loreto | Għajnsielem |
| 24 ta' Diċembru | Purċissjoni - Manifestazzjoni bil-Bambin tal-Milied | Għajnsielem |





# 1928

# *CD ta' Marċi Brijużi maħruġ fl-okkażjoni tat-80 Anniversarju*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Innu lil Għajnsielem | S. Galea | 2.04 |
| 2. | 80 Anniversarju 1928-2008 | S. Galea | 5.51 |
| 3. | Marco Antonio | A. Galea | 5.50 |
| 4. | Semper Victor | E. Bugeja | 5.49 |
| 5. | Ġanni Sfafar | A. Aquilina | 5.26 |
| 6. | Mattheus | G. Borg | 6.30 |
| 7. | Viva l-Patruna | A. Coleiro | 6.48 |
| 8. | Mons. Ġużeppi Depiro (75 sena minn mewtu) | A. Mizzi | 5.15 |
| 9. | Vincitrice | S. Galea | 5.07 |
| 10. | Il-Kalora | A. Mizzi | 5.04 |
| 11. | L-Arkivju (irrekordjat fl-1992) | J. Farrugia | 5.53 |
| 12. | Il-Madonna ta' Loreto (Viva x-Xemx) | A. Aquilina | 6.29 |
| 13. | Innu Marċ (Lill-Madonna ta' Loreto) | S. Galea | 4.28 |
| 14. | Innu tal-Banda 'San Ġużepp' | J. Farrugia | 2.20 |

Surmast Direttur: **Mro Sunny Galea A.L.C.M.**
Ass. Surmast: **Mro Frankie Debono**
Kor: 'Lauretana' Direttur: **Lelio Spiteri**
Recording: **PRO Studios**
Post: **Ċentru Parrokjali Għajnsielem**
Data tar-Recording: **11 t'April, 2008**
Disinn tal-Cover: **Kevin Cauchi**
Ritratt tal-Bandisti: **Joseph Sultana u Daniel Zerafa**



# Ir-Rinovazzjoni tal-Kamra tal-Kumitat u l-Arkivju

***Jikteb Is-Segretarju Kevin Cauchi***

Matul ix-xhur li għaddew, ħafna setgħu josservaw ix-xogħol li qed isir fil-kamra tal-Kumitat. Il-proġett ta' rinovazzjoni tal-Kamra tal-Kumitat fejn ser jiġi esebit l-Arkivju Mużikali qiegħed sa fl-aħħar isir realta. Iżda qiegħed isir eżatt fil-Kamra tal-Kumitat? U f' liema fażi wasal ix-xogħol?



### Il-ħsieb wara r-rinovazzjoni tal-Kamra

Tajjeb li l-ewwel nett insemmu li oriġinarjament, il-pjan kien li sa din il-festa jitlesta x-xogħol kollu. Iżda kontra qalbna kellna nqassmu x-xogħol fuq sentejn minħabba diversi fatturi. Il-ħsieb oriġinali kien li nagħmlu biss l-Arkivju u npoġġuh fil-kamra preżenti. Iżda wara diversi konsultazzjonijiet, ġie deċIż li dan l-istess Arkivju jixraqlu post ferm aktar pretiġjuż. Il-Kumitat għalhekk iddeċieda unanimament li jibni l-Kamra tal-Kumitat mill-ġdid. Dan kollu kien qed jiġi kkontemplat anqas minn sena ilu. Deċiżjoni bħal din tinstema ferm faċli, iżda fir-realta' dan kien ifisser li l-proġett u l-ispejjeż kibru aktar mid-doppju! Sabiex ma npoġġux piż finanzjarju fuq il-Banda u sabiex ix-xogħol li jsir ikun ta' l-għola kwalita', iddeċidejna li l-proġett jinqasam f' zewġ fażijiet u jsir fuq medda ta' sentejn minflok sena.



### It-tlestija ta' l-ewwel fażi

L-ewwel fażi tlestiet f' Awissu ta' din is-sena u kienet tikkonsisti fit-twaħħil ta' l-irħam, sistema ġdida ta' illuminazzjoni, saqaf ġdid mibni bl-injam tal-kewba u x-xiri ta' żewġ linef ġodda. L-ispejjeż ammontaw għal €19,000.

Ix-xogħol fuq it-tieni fażi (fejn l-ispejjeż jammontaw għal madwar €25,000) ser jibda fl-2009. Dan jikkonsisti fil-kisi tal-ħitan bl-injam, l-Arkivju Mużikali u x-xiri ta' għamara oħra. Il-ħsieb hu li din l-Kamra flimkien ma' l-Arkivju tiġi inawgurata uffiċċjalment f' Awwisu ta' l-2009.



### X' sar u minn min?

Ix-xogħol kollu li għandu x' jaqsam mad-dawl qiegħed jsir minn Loretu Vassallo. Peppi Grima neħħa l-madum il-qadim u flimkien ma Kilinu Azzopardi poġġew l-irħam. L-irħam ġie importat mill-Italja u jintuża fl-aqwa Knejjes li hemmn fl-Italja stess. Twaħħal suffitt magħmul bl-injam tal-Kewba maħdum minn Chris Mifsud. Il-ħitan ukoll ser jinksew bl-injam iżda x-xogħol ser jibda fl-2009. Ta min ifakkar li d-disinn tal-kamra sar mill-famuż disinjatur Richard Young.



### L-Arkivju Mużikali

Sadanitant, Ix-xogħol ta' l-injam fuq il-unit prinċipali ta' l-Arkivju beda ftit tax-xhur ilu. L-injam ser ikun kewba wkoll u dan qed jiġi maħdum minn Ġużeppi Tabone. Iżda l-iskultura ser tkun tal-ġewż sabiex jinħoloq kuntrast. Din l-iskultura qed tinħadem minn Lawrence Grima, Malti ferm magħruf fejn jidħol dan it-tip ta' xogħol. Hawn sibna diffikulta' għaliex l-iskultur kellu xogħol ieħor ordnat, iżda xorta sal-festa ser jagħtina partijiet mill-iskultura sabiex il-pubbliku ikun jista jara u jagħti l-opinjoni tiegħu.



### Proġett Ambizzjuż

Kollox ma' kollox għalkemm l-ispejjeż huma kbar u hemm ħafna xogħol xi jsir, bdejna nimxu sew fih u jekk ix-xogħol jibqa' sejjer b' dan ir-ritmu ma ndumux ma nibdew il-fażi konklussiva tiegħu. L-ispejjeż involuti huma tant kbar li l-banda ilha ma tidħol ghalihom sa minn meta nbena l-istess każin aktar minn tletin sena ilu u allura waħedha toħroġ it-talba tagħna għal l-għajnuna tagħkom. Matul il-jiem tal-festa ser tkunu tistgħu tiġu u taraw b' għajnejkom ix-xogħol li qed isir sabiex din il-ħolma ssir realta.

# Programm ta' Mużika Sagra

**mill-Għaqda Muż. 'San Ġużepp' - Għajnsielem**

għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa
fl-okkazzjoni tat-Tmenin Anniversarju
mit-twaqqif tal-Banda 1928 - 2008

nhar l-Erbgħa 19 ta' Marzu 2008
fil-Knisja il-Qadima, Għajnsielem
Hin fis-7.00 p.m.

**Innu lill-Madonna tad-Duluri** - Sunny Galea

Hsieb Religjuz

Marcia Funebre ' **Justa Crucis** ' - Mikiel Farrugia

**Salve Regina** - Emanuel Cremona

Hsieb Reliġjuż

Marcia Funebre ' **To My Dear Parents**' - Frankie Debono

**Jesu, Joy of Man's Desiring** - Johann Sebastion Bach
Arr. Frankie Debono

Hsieb Reliġjuż

**Elegie** - Sunny Galea

Marcia Funebre '**Ti Ricordo Per Sempre**'
In Memoriam Loreto Zerafa - Sunny Galea

Surmast Direttur: Mro. Sunny Galea A.L.C.M.
Assistent Surmast: Mro. Frankie Debono
Hsibijiet: Arċ. Dun Frankie Bajada
Hajr: Arċ. Dun Frankie Bajada

# *Programm Mużikali*

Taħt il-Patroċinju ta' l-Eċċ Tiegħu
il-President ta' Malta
Dr. Edward Fenech Adami
Nhar it-Tlieta 26 ta' Awissu, 2008
Pjazza Madonna ta' Loreto
Fid-9:00 pm

| | | |
|---|---|---|
| **Innu lil Għajnsielem** | | Sunny Galea |
| **Innu Marċ** | **'Lill-Madonna ta' Loreto'** | Sunny Galea |
| **I will follow him** | Sister Act | J.W.Stole |
| **Largo and Scherzo** | The New World Symphony | A.Dvorak |
| **Medley** | My Fair Lady | F.Loewe |
| **Themes from Star Trek** | | Courage / Goldsmith |
| **Don't cry for me Argentina** | | A.L.Webber |
| **Candle in the wind** | **Solista: Emm.Saliba (B*b Baritone*)** | **Elton John** |
| **Selection** | Opera Nabucco | Giuseppe Verdi |
| **Overture No 2 - Melita** | Solisti: Joe Galea (Clarinetto)<br>Loreto Galea (Coronetta) | Sunny Galea |
| **Innu tal-Banda** | | Joseph Farrugia |
| **Innu lil Għawdex** | | Joseph Vella |
| **Innu Nazzjonali** | | Robert Sammut |

**Surmast Direttur:** Mro. Sunny Galea A.L.C.M.
**Assistant Surmast:** Mro. Frankie Debono
**Compere:** Lelio Spiteri

**GRECH**
**BUTCHER**
GRECH
BUTCHER

10 Pjazza Madonna ta' Loreto
Ghajnsielem
Tel: 2155 1574

**IDEAL STORE**

*Rose Grech tawgura l-Festa t-Tajba lill-klijenti u lil Ghajnselmizi kollha*

10 Pjazza Indipendenza
Ghajnsielem
Tel: 2155 7652



**PEN and PENCIL**
*Stationery and Gift Shop*
*Variety of Cards, Magazines and Photocopy Service*

Pjazza Indipendenza
Ghajnsielem
Tel: 2155 8306

**AZZOPARDI**
**Mini Market**
*Prop: Loreta Azzopardi*

*Loreta Azzopardi tawgura il-Festa t-Tajba lil Għajnselmiżi Koll-ha*

Triq il-Latini,
Ghajnsielem - GSM 102
Tel: 2156 5479

**Il-Festa t-Tajba**
*mingħand*
**Lauretana Pharmacy**

**P.N. Club**

Triq Ramon Perellos
Ghajnsielem
Tel: 2155 5691

*Open:*
*5.30am - 1pm*
*6.00pm - 12.00am*

Il-Barman jawgura l-Festa t-Tajba lil kulhadd

# Intervista ma' Mikiel Ċiangura

## *Jagħmel l-Intervista is-Sur Tony Galea*

Fl-okkażjoni tat-Tmenin Anniversarju kien xieraq li ssir intervista ma' personaġġ li għandu storja sabiħa u twila x'jgħidilna. Dan il-personaġġ huwa Mikiel Ċiangura. Ser nibda l-intervista billi nistaqsih x'jaf fuq il-Monsinjur De Piro, li kien il-fundatur tal-Banda San Ġużepp ta'



Għajnsielem. **X'tgħidilna fuqu Mikiel?**

Kont tifel fl-istitut ta' Għajnsielem, dħalt hemm bejn wieħed u ieħor fl-1926. Meta dħalt, it-tfal żdiedu, tant hu hekk li jien kont numru sbatax u wara kien hemm iktar. Fl-istitut ta' Għajnsielem, Monsinjur De Piro kien iħobb jiġi daqs darba fix-xahar. Huwa kien bniedem serju, pero' kull darba li kien jiġi kien iġib miegħu xi ħelu u kien iqassmu lill-istess tfal. Minħabba f'hekk aħna konna miġbudin lejh. Qisu kull darba li kien jigi kien idum daqqa jumejn u xi drabi anke tlett ijiem. Jien kont ngħinu l-quddiesa u fis-sajf kont immur miegħu x-xatt l-aħmar. Fil-fatt darba ħadni miegħu u qalli biex noqgħodu naqilgħu l-artikli. Meta l-Monsinjur illarga ftit ipprovajt immiss waħda ma' ħalqi, malli missejtha ma xuftejja tgħidx xi ħruq ħassejt. De Piro induna u staqsieni kontx missejt xi waħda. Meta sar jaf qalli, dak mhux hekk, issa nsajruhom imbagħad tara t-tjubija tiegħu.

**Il-Monsinjur De Piro ma kienx dejjem fl-istitut. Għidtilna li kien jiġi darba fix-xahar. Allura dak iż-żmien min kien jieħu ħsieb l-istitut?**

Kienu jiġu l-qassisin ta' San Pawl, Dun Mikiel u Fra Ružar, dawk kienu qassis u fra.

**Bejn wieħed u ieħor xi kemm kontu tfal dak iż-żmien fl-istitut? U int kont wieħed min ta' l-ewwel?**

U kemm seta kien hemm, jien bħalma għedtlek, jien kont numru sbatax imma tlieta u għoxrin dejjem kien hemm. Jien kont min ta' l-ewwel. L-istitut infetaħ fl-1925 u fl-1926 mort jien.

Mikiel il-Mosinjur De Piro kif kien ġieħ il-ħsieb biex jarma banda meta biss kellu bejn tlettax u sbatax il-tifel, għax banda ta' tlettax jew sbatax aħna llum ma nafux bihom.

Il-ħsieb li kellu li jarma l-banda u meta rmajniha qisu konna għaxra, tista tara mir-ritratt li għad hemm il-Każin tal-banda. Issa kullma baqa' minnhom dawk huma tnejn, jien u wieħed min-Nadur Pietru. Dak kien idoqq ukoll. L- iktar li konna ndoqqu fil-fiera ta' l-orfni, darba konna morna ndoqqu Savina meta kienu ġabu l-qniepen, u s-surmast kien Mikieli Farrugia, imma qablu kellna lis-surmast Ġużepp Muscat Azzopardi dak li kien dejjem il-kunvent, għex hawnhekk ukoll. Dak kien surmast l-istitut ta' San Ġużepp tal-Ħamrun Malta, imbagħad kien jiġi għandna wkoll. Meta konna ndoqqu, bandisti dan kien iġib mill-istitut ta' San Ġużepp mhux barranin, barranin ħadd.

**Meta kontu tagħmlu servizz kemm kontu tkunu bandisti?**

Oh! Bandisti kemm konna nkunu, dejjem konna nkunu tletin, kien iġib mill-istitut, għax il-banda ta' l-istitut ta' San Ġużepp tal-Ħamrun kienet armata tajjeb u kull min kien ikun hemm bżonn iġibhom.

**U kif kien għamel il-Monsinjur De Piro biex akkwista l-istrumenti?**

L-istrumenti naturalment kien jixtrihom hu. Tinsiex li De Piro kien jista', għax Nikolas De Piro kien baruni.

**Għedna li int kont wieħed min ta' l-ewwel, xi strument kont idoqq Mikiel? Imbagħad bdilt għal xi ħaġa oħra?**

Għall-ewwel kont indoqq il-kornu. Komplejt kurunetta u spiċċajt biha.

**Jien bdejt bil-kurunetta u issa ndoqq il-baxx, ma nafx biex ħa nispiċċa għadni. Għedna wkoll li tal-post kontu tkunu għaxar bandisti, voldieri dejjem kien iġib għoxrin bandist mill-istitut ta' San Ġużepp ta' Malta. Mill-baned ta' Għawdex ma kontu ġġibu xejn?**

Lill-ħadd. U dak iż-żmien ta'l-Istella u ta' l-Ljun biss kienu jeżistu .

**Għedna li l-ewwel surmast kien Ġużeppi Muscat Azzoppardi, allura dan kien jgħallimkom il-mużika**



**u l-istrument hu?**
Kien jagħmlilna l-kunċerti, imma mbagħad per eżempju kien jgħallimna ċerti programmi żgħar, bħala mużika. Hu stess kien jgħallem il-mużika u s-surmast kien jiġi jagħmel il-kunċerti.
**Is-surmast kien Mikiel Farruġġia? Il-propju surmast?**
Iva Farruġġia kien is-surmast tal-banda. Dak li jiġi missier Ġużeppi.
**Alla jaħfrilhom kollha. Fl-istitut ta' San Ġużepp intkom kontu titgħallmu l-iskola? U x' kontu titgħallmu?**
Iva. Jien kont nitgħallem is-sengħa ta' ħajjat, u l-monsinjur tant kien jinteressa ruħu fit-tagħlim tat-tfal, li lili meta rani rrid nitgħallem saħansitra ħadni l-istitut ta'San Ġużepp Malta. Jidher li De Piro kien qed jipprova jdaħħalni anke fil-kumpanija li hu kien waqqaf, fil-fatt kien għamilli proposta li jien mill-ewwel aċċettajt, tant hu hekk illi mort l-oratorju ta' Birkirkara mal-aspiranti u għamilt xahrejn. Wara dan iż-żmien rajt illi dik ma kienitx ħajti u erġajt mort San Ġużepp tal-Hamrun biex inkompli s-sengħa. De Piro kien iħajjarni għal mas-soċjeta' iżda qatt ma issikkani. Għalkemm induna li jien ma kontx għal mas-soċjeta' xorta waħda baqa' jgħinni. Mal-ħajjat kien hemm anke mastrudaxxa u skarpan biex jgħallmu lit-tfal. De Piro kien iħabbrek ħafna għat-tagħlim tas-snajja' fl-istitut. Għall-iskola kien ikun hemm Dun Mikiel, li kien jgħallem lit-tfal matul il-ġurnata u fil-għaxija kien imur ċertu Ġużeppi Sciortino. It-tgħalim kien isir kuljum fl-istitut u kienu jitgħallmu l-Ingliz, il-Malti u s-somom.
**Mikiel tista' tgħidilna xi ħaġa fuq Ġużeppi Sciortino?**
Dan kien qabbdu Dun Mikiel biex jiġi jgħallimna l-iskola, u kien joqħod ħawn ma' missieru Pawlu Sciortino li kellu l-pompa tal-petrol u anke kellu l-ħanut fejn kien hemm ir-Royal Lady u Ġużeppi t-tifel tiegħu kien jiġi jgħallimna l-iskola.
**Mikiel, konna qegħdin indoqqu San Lawrenz u kont maġenb Wenzu tiegħek u għaddejna minn triq jisimha Triq Ċiangura, din għandha xi konnessjoni magħkom?**
Safejn naf jien ma nafx, imma jekk inkun naf xi ħaġa nfittixha.
**Tista' tgħidilna xi ħaġa dwar l-ikel, l-ilbies u l-ħajja ta' ġo l-istitut?**
Għall-ikel u l-ilbies konna qegħdin sewwa, bħala kok kien hemm ċertu Wenzu. De Piro kien jieħu ħsieb fl-interess tal-għixien tagħna, kien anke daħħlilna l-uniformi, anke meta konna mmorru fl-irħula għall-karita' konna mmorru bl-uniformi, allura meta kienu jindunaw bina n-nies kienu jagħtuna l-għajnuna, ċertament li ż-żmienijiet kienu differenti milllum għal kullħadd.
**Mela nistgħu ngħidu Mikiel li kontu komduti fl-istitut dak iż-żmien. Naturalment dak iż-żmien il-banda kienet ta' l-istitut, allura l-kunċerti kienu jsiru ġo l-istitut? U kemm il-darba kontu tagħmlu kunċert?**
Iva. Kien jiġi darba fil-ġimgħa Mikieli, u meta ma kienx imur għalih il-karozzin ma kienx jiġi u kunċert ma kienx isir.
**Kellna bżonn il-bandisti jkunu kollha bħalek. Ta' min isemmi li Mikiel tant kien ħajjat tajjeb li hu kien għamel il-pavaljuni ta' fuq il-Hamri. Mikiel x'tista tgħidilna fuq dawk?**
Dak kien hemm Ġużeppi tar-raġel u kien qalli biex nagħmlu l-pavaljuni u għedtlu nirranġa kollox tibżax u meta kont inkun frank kont immur għandu, infassal u kien hemm Lela tiegħu u t-tfal tiegħu jgħinuni wkoll għax waħdek ma tagħmel xejn u konna għamilnihom kollha, imbagħad kont għamilt għoxrin bandalora, u għadhom kollha hemm. L-aħħar darba ma nafx lil min għidt u għidtlu dawk kif ma għadkomx tarmawhom? Kollha bid-disinn, u d-disinn tagħhom mhux pittura, imma drapp fuq drapp. Dak kien hemm wieħed dilettant ta' dawn l-affarijiet u għidtlu aqtagħli karta strazza, per eżempju l-Litanija tal-Madonna kienet kollox drapp, pittura xejn. Kont għamilt dak l-armar tal-pjazza, sitt bandalori kien pinġihom Dun Mikielanġ Apap u kien qalli Pawlu Zerafa biex inħithomlu. Għandu jkun għadhom hemm dawk il-bandalori, sitta kbar.
**Issa barra minhekk int kemm domt l-istitut?**
Kelli qisu sbatax-il sena meta ħriġt.
**Allura meta ħriġt qbadt xi xogħol hawn fir-**



**raħal?**
Iva, kont qbadt xogħol bħala kok fl-istitut stess.
**Mikiel jien niftakrek kont taħdem Chambray, x'tista' tgħidilna fuq dak iż-żmien.**
Chambray kont dħalt fl-1941, jien kont naħdem Malta, imbagħad bdiet il-gwerra mbagħad kont ġejt l'hawn u dħalt Chambray.
**Dak iż-żmien ma kienx għadu sptar bħallma nafuh aħna, x'kien dak iż-żmien Chambray?**
Meta dħalt jien kien diġa' sptar għax kien infetaħ sptar fl-1933.
**Ovvjament f'din it-taħdita rridu ngħidu xi ħaġa fuq il-banda, allura x'rabta kellu l-Monsinjur De Piro mal-banda San Ġużepp?**
Qabel l-1928 Monsinjur De Piro beda l-banda ta 'San Ġużepp u fil-fatt bdiet iddoqq dik is-sena. Meta kien imur l-istitut kien iħobb jieħu xi strument miegħu kull darba. Kien ilu jaħseb u jipprepara. Għall-bidu kien ġab lis-surmast tal-banda San Ġużepp ta' Malta, fi zmienu l-banda kienet magħmula minn tfal biss. Kienu jdoqqu generalment fl-istitut, speċjalment fil-fiera li kienu jagħmlu biex idaħħlu l-għajnuna għall-istitut. Pero' daqqejna wkoll fl-okkażjoni ta' meta ġabu l-qniepen ta' Santa Savina tar-Rabat Għawdex. Il-Monsinjur kien jinteressa ruħu ħafna fil-banda, kieku ma kienx hu ma kienx ikun hawn banda Għajnsielem li ġejja minn dik

li waqqaf hu fl-istitut. Naf li De Piro ried li jibni istitut kbir u l-gvern kien tah biċċa art ħdejn l-istitut il-qadim. Din l-art kienet għand ċertu wieħed bidwi Karmnu, iżda dan ma riedx jitlaq din l-art min idejh u kien sar ħafna tgergir minħabba f'hekk. Jien inqis li l-Monsinjur De Piro qaddis, filfatt nitolbu kulljum, għax ma nista' ninsieħ qatt. Kont għadni l-istitut meta miet De Piro u mort għall-funeral flimkien ma' tfal l-oħra Malta. Niftakar li kien hemm ħafna nies, fosthom ħafna kbarat, niftakar ukoll li ħaduh l-Addolorata.

**Propjament Monsinjur De Piro mill-liema raħal kien?**

Mir-Rabat ta' Malta. Kellu xi 56 jew 57 sena meta miet. Miet fid-Duluri, ħa sehem fil-purċissjoni l-Ħamrun, ħassu ħażin x'ħin kien ser jagħti l-barka u miet.

**Mela nistgħu ngħidu li l-Monsinjur De Piro ddedika ħajtu għall-istitut.**

Dażgur, għall-istitut u għall-kumpanija, għax dik is-sena li miet kien bid-disinn li jmur l-Abbissinja, għax kellu brother hemm li kien il-missjoni.



**Milli nista' nifhem jien, dan il-Monsinjur De Piro anke kien joħroġ il-flus minn butu biex iżżomm l-istitut, hekk jew mhux hekk? Jiġifieri kien jgħin ħafna lill-istitut?**

Hekk hu. Veru li dawn l-affarijiet mhux ser tkun tafhom għax hu ma kienx joqgħod illablab.

**L-istitut ta' San Ġużepp, dak minn dejjem kien kif nafuh aħna llum?**

Jien ma niftakarx kif kien qabel, imma dak kien tal-militar, dak ilu hafna kien barracks tas-suldati.

**Barra li l-Monsinjur De Piro waqqaf l-istitut ta' San Ġużepp, waqqaf ukoll il-Brothers tal-MSSP li l-kunvent tagħhom jinstab ir-Rabat ta' l-Imdina u li dawn il-brothers jinsabu imxerrdin madwar id-dinja, fost postijiet oħrajn jinsabu ġol-Awstralja, il-Canada u l-Peru, x'tgħidilna fuqhom dawn Mikiel?**

Dak li nista' ngħid fuqhom hu li qegħdin jagħmlu ħafna ġid u naf wieħed minnhom li kien qiegħed id-dar tiegħu, il-kunvent daħlu fuqu, u qatluh. Kien jismu Dun Ġorġ.

**Konna qedin ngħidu li Monsinjur De Piro kien dedikat biex jibda jew jifforma x'istitut. Beda l-istitut ta' San Ġużepp, ifforma dawn il-patrijiet tal-MSSP, x'iktar kien jagħmel u jivvinta dan il-Monsijur De Piro?**

Kellu l-istitut ta' San Ġużepp tal-Ħamrun ukoll.

**X'dedikazzjoni kellkom fi żmienek lejn il-banda? Kien ikun hemm skużi, per eżempju, jien illum ma niflaħx indoqq, jew ma nistax niġi?**

Ma stajniex nagħmlu dawk l-iskużi, għax jekk bandist kien ikun ma jiflaħx kulħadd kien ikun jaf għax konna ngħixu ma' xulxin.

**Fiż-żmien li l-Monsinjur De Piro ma kienx ikun hawn, min kien jieħu ħsiebkom?**

Kien hemm Dun Mikiel u Fra Rużar, tnejn. Kienu mill-istitut ta' San Ġużepp tal-Ħamrun.

**Mikiel għedna li l-Monsinjur De Piro ddedika ħajtu għall-istituti u għall-għaqda tal-MSSP, naf jiena personali li huma parti kbira mill-knisja fl-Awstralja. Bħallma għedna, forsi li ma kienx hu kieku ma għandniex il-banda, kien bidu veru sod, allavolja l-banda waqfet għal xi żmien. X'sena kienet meta waqfet il-banda?**

Meta bdiet il-gwerra.

Nirringrazzjaw lis-Sur Ġużeppi Attard tal-bużaqq li reġa' bdiha fl-1966.

Meta miet Monsinjur De Piro l-istitut waqa' f'idejn l-isqof ta'Għawdex, allura mbagħad kien ġie Dun Ġużepp Galea Rapa.

**Dun Ġużepp kien kompla bil-banda?**

Kien kompla u kienu jiġu tfal mimn ta' l-azzjoni kattolika jdoqqu wkoll.

**Mela fi żmienek tfal min barra l-istitut ma kienx hemm idoqqu?**

Meta kont indoqq jien le, fi zmien De Piro barranin ħadd, ħlief mill-istitut, imma meta kien hemm Dun Ġużepp kienu jiġu minn barra. Kien hemm Dun Karm, Menu, Kelinu u konna nofs Għajnsielem indoqqu fejn xulxin.

**Meta erġajna bdejna l-banda fl-1966 kont tħajjart terġa' tiġi iddoqq?**

Iva.

**Mikiel kemm-il surmast tiftakar sakemm domt iddoqq int?**

Tlieta. Muscat Azzoppardi, Mikieli Farrugia u Ġanni Vella.

**Meta kont l-istitut kien hemm xi tfal min Għajnsielem idoqqu miegħek?**

Meta kont l-istitut ma kien hemm ħadd. Kont waħdi. Pero' fl-istitut kien hemm tfal minn Għajnsielem. Kien hemm wieħed li ma nistax ninsieh minn ġo moħħi. Kien jismu Mikieli wkoll, kien idoqq sax.

**Mit-tlett surmastrijiet li kont iddoqq magħhom għandek xi preferenza għal xi wieħed minnhom?**

Mhux għax l-oħrajn ma kienux tajbin, imma jien kelli qalbi marbuta ma' Mikieli. Ma tantx kont nitħaddet mas-surmastrijiet l-oħrajn, imma ma' Mikieli kont nitħaddet miegħu u Ġanni kien jiċċajta ħafna.

**Mikiel għandna konnessjoni tajba ħafna ma' Mikiel Farrugia, it-tifel tiegħu Ġużeppi kien surmast tajjeb ħafna u ta' kuraġġ kbir biex ħa biċċa xogħol bħal dik meta reġa' beda l-banda flimkien ma' Ġużeppi Attard għax veru għamlu sagrifiċċju kbir biex reġgħu bdew il-banda. Mikiel mistoqsija ta' l-aħħar, għandek xi marċ preferut u li u l iktar għal-qalbek?**

Iva, dak il-marċ li hu msemmi għalija.

**Grazzi Mikiel ta'din it-taħdita li għamilna flimkien u grazzi ta' din il-kwantita' kbira ta' informazzjoni li tajtna.**

# Infakkru l-75 Sena mill-Mewt tal-Qaddej ta' Alla Mons Ġużeppi De Piro

**DUN KARM CASSAR**

Mhux tant ħafif hawn nikteb dwar dan in-nobbli saċerdot tal-Knisja Maltija, għaliex wieħed ikun jeħtieġ anke volumi sħaħ la darba hu kien bniedem imdaħħal fl-oqsma kollha tal-ħajja Maltija,u ngħid minn issa li l-akbar opra tiegħu zgur hi t-twaqqif tas-Soċjeta Missjunarja ta' San Pawl(mssp).



Mons. Ġużeppi De Piro kien personaġġ mhux biss ta' demm nobbli iżda bniedem ta' qalb nobbli u kbira għall-aħħar. Ġużeppi twieled l-Imdina fit-2 ta' Novembru 1877 u kien is-seba' wieħed fost disa t'aħwa, ulied in-nobbli Alessandro u Ursola De Piro D'Amico Inguanez.

Jien hawn sa nsemmi biss il-linji ġenerali ta' ħajtu, wara li kien ordnat saċerdot f'San Ġwann Lateran f' Ruma fil-15 ta' Marzu 1902, kif huma miġjuba fi ktejjeb dwar ħajtu "Mons. Ġużeppi De Piro" ta' Fr. Tony Sciberras mssp.
Kien is-saċerdot dedikat għad Djoċesi ta' Malta u Għawdex, Segretarju tal-Arċisqof Mawru Caruana, formatur tas-Saċerdoti żgħażagħ, Rettur tas-Seminarju Maġġuri fl-Imdina, fil-Gudja kien flok il-kappillan, ministru tal-kelma ta' Alla u tas-Sagramenti, ċittadin li ħabb lil pajjiżu, membru ta' l- Assemblea Nazzjonali, strument ta' paċi fil-ġraja tas-7 ta' Ġunju 1919, strument ta' paċi bejn Lord Strickland u l-Knisja, senator fit-tielet Parlament Malti (1932-1933), Direttur ta' San Ġużepp f'Santa Venera, direttur ta' l-Istitut ta' Ġesu Nazzarenu, Żejtun; Direttur ta' San Ġużepp, Għajnsielem, Direttur tad-Dar għat-trabi u ċ-ċkejknin Direttur ta' l-Istitut San Franġisk ta' Paola. Kien hu li waqqaf Laboratorju għal xbejbiet bla xogħol, li



għalkemm dan swielu ħafna taħbit u ftit sab koperazzjoni, wasal biex għalaq.
Kif għidna aktar 'l fuq, l-akbar opra tiegħu kienet u għadha l-fundazzjoni tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl,li llum ħarġet il-friegħi tagħha 'l barra minn xtutna permezz ta' Saċerdoti u Brothers tagħha mħarġa tajjeb biex jiżirgħu l-ispirtu ta' Mons De Piro' f' bosta pajjiżi barranin.
Wara ħidma intensa magħġuna bit-talb, bin-niket u bil-ferħ tagħha, dan il-Qaddej ta' Alla, Mons, De Piro miet ta' maIajr fis-17 ta' Settembru 1933 wara ftit li ħassu ħażin fuq l-artal tal-Knisja ta' San Gejtanu waqt Barka Sagramentali, wara li kien mexa l-purċissjoni tad Duluri, fil-Ħamrun, u llum fis-sema żgur li qiegħed jieħu l-ħlas tal-qdusija u tax-xogħol qaddis hi wettaq mingħand il-Mulej. Jinsab midfun f'Sant' Agata fir-Rabat ta' Malta.

### Konnessjoni ta' Mons De Piro ma' Għajnsielem

L-ewwel konnessjoni, Ii jien naf biha Ii Mons. Ġużeppi De Piro kellu mar-raħal tagħna hi dik ta'meta ha f'idejh it-tmexxija jew id-direzzjoni tad-Dar ta'San Ġużepp Ii komunement konna nsejħula ta'l-Orfni.
Meta l-kappillani Għawdxin kienu ħassew il-ħtieġa li f'Għawdex tinfetaħ dar għat-tfal iltiema jew bi problemi soċjali I-aktar għax dak kien żmien ta' faqar kbir, bl-intervent tal-Prim Ministru, Frangisk Buhagiar u Mons. Hili, Arċipriet tal-Matriċi u b'konċessjoni ta' l-awtoritajiet militari, akkwistaw bħala dar fejn iżommu dawn it-tfal "Officers' Mess" f'Għajnsielem,



riedu imbagħad isibu bniedem espert Ii jkun jista' jrieġi dan l-istitut. L-għażla messet lil Mons. Ġużeppi De Piro, bniedem involut fis-setturi kollha tal-ħajja, reliġjużi, politiċi u soċjali.

lI-ftuh ta'din id-Dar jew Istitut, sar f'Lapsi tas-sena 1925 mill-Governatur, Sir Walter Congreve u mbierka mill-Eċċ. Tiegħu, Mons. Mikiel Gonzi, lsqof ta' Għawdex fil-preżenza ta' bosta nies distinti u f'din I-okkażjoni Mons. Gużeppi De Piro għamel żewġ indirizzi, wieħed bit-taljan lill-Isqof u l-ieħor bl-ingliz lill-Gvernatur (ara 'Gaulitana' no 1 ta' Dr. Rev. Jos. Bezzina)

Min qiegħed jikteb jiftakar Ii f'dan l-Istitut, kien jara kwadru mpitter Ii juri lil Mons. De Piro. imlibbes il-piġama ġo kamra bit-travi u x-xorok imdendla, qalb trabijiet Ii kien ndika Ii fejn kien rieqed fid-Dar fuq imsemmija s-saqaf ta taħtu, minhabba xi raġuni jew oħra sfronda bih, u hu sab ruħu fil-kamra ta'taħt, mingħajr ma ġralu xejn. Hi ħasra jekk dan I-inkwadru nqered jew intilef.

Ċirkustanza oħra Ii torbot lil Mons. De Piro mar-raħal ta Għajnsielem, anzi jien ngħid Ii hija l-ikbar waħda, hi għax taht it-tmexxija tiegħu u b'inizjattiva tiegħu wkoll, fid-Dar ta' San Gużepp fil bidu tas-sena 1928 kellha bidu s-Soċjeta' Filarmonika tagħna (75 sena ilu). Għalhekk, l-Għaqda Mużikali 'San Ġużepp tqisu l-fundatur ewlieni tagħha.

Fi żmienu fl-Istitut ta' San Ġużepp kienu jgħammru xi uħud minn Għajnsielem, jew bħala tfal jew bħala ħaddiema, u dawn ġew apposta ntervistati, u forsi fit-tul, dwar Mons. De Piro għax kienu jafuh, u għalhekk ix-xiehda Ii setgħu taw għad ikunu mniżla fil-mijiet ta' folji Ii jitressqu quddiem is-Santa Sede għall-ġudizzju ta' l-esperti dwar il-kawża tal-qaddisin.

Meta kont għadni żgħir jiena wkoll rajtu darba jew tliet darbtiet Iil Monsinjur Gużeppe De Piro. L-ewwel darba meta kien għad kelli xi erba' snin fis-sena 1925. Kienet is-sena tal-Ġublew lmqaddes tas-sena 1925 meta għal dan il-Ġublew ma' l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mikiel Gonzi marru Ruma bosta Għawdxin u magħhom ħafna minn Għajnsielem, fosthom ommi, u biex jiena u ħija ta' qabli, Mike, ma noqogħdux niġru barra fit-triqat, għan-nofs ta' nhar ta' filgħodu ommi rranġat mas-superjur ta' l-Istitut, Ii naħseb Ii kien Dun Mikiel Callus, minn Malta, biex iżommna miegħu.

It-tieni darba Ii rajt liI De Piro, għalkemm mhux ċar ġo moħħi, iżda nippreżumi b'ċertezza, Ii hu kien preżenti, meta kont abbati u wieħed mill-ulied spiritwali, Franġisk Saverju Camilleri, Malti, fis-26 ta'Ottubru 1930 gie ordnat saċerdot mill-Isqot Gonzi fI-istess kappella tad-Dar ta' San Ġużepp jew kif l-aktar kienet imsejha, id-Dar ta' l-Orfni.

L-aħħar darba Ii rajt liI dan il-Monsinjur f'wahda mill-festi titulari tal-parroċċa tagħna jiffunzjona fuq il-presbiterju tal-knisja l-qadima. Jista jkun Ii kellu wkoll xi rabtiet oħra mal-Parroċċa tagħna Ii jiena bihom ma nafx.



# ATTARD Auto Showroom

*Used Quality Cars* *Car Rentals*

*Importers of Japanese Second Hand Cars and Quad Bikes*

*Sub-Agent for New Peugeot Scooters and Yamaha Motorcycles*

*Insurance Sub Agent*

Triq Borg Gharib, Ghajnsielem - Tel: 2156 4031, Mob: 9949 8641


*Il-Festa t-Tajba lill-Poplu kollu!*

# Banka tal-Lottu

## Każin tal-Banda - Għajnsielem

*Hinijiet tal-Ftuħ:*

| | | |
|---|---|---|
| It-Tnejn: | | 4.00 pm – 5.00 pm |
| It-Tlieta: | 7.15 am – 10.30 am | 4.00 pm – 5.00 pm |
| L-Erbgħa: | 7.15 am – 10.30 am | 4.00 pm – 6.00 pm |
| Il-Ħamis: | 8.00 am – 9.30 am | 4.00 pm – 6.00 pm |
| Il-Ġimgħa: | 7.15 am – 10.30 am | 4.00 pm – 6.00 pm |
| Is-Sibt: | 7.15 am – 10.30 am | 2.00 pm – 4.00 pm |
| Il-Ħadd: | 10.30 am – 11.30 am | |

**Riċevitur: Neville Vella – Tel: 2156 6740**


# FRANKIE SALIBA

**'Ta' Bellin**

*Building Contractor*

Borg Gharib Street, Ghajnsielem, Gozo.
Tel / Fax: **21 55 1112** Mob: **9946 3908**

# De Piro Jitbissmilna

## Tislima lis-Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' f'għeluq it-tmenin sena mit-twaqqif tagħha.

Tagħna l-Għaqda Mużikali
li ġġib l-isem 'San Ġużepp',
għalqet issa t-tmenin sena
mit-twaqqif tal-bidu nett.

Fi ħdanek Mons. Ġ. De Piro,
ġo Stitut, il-Banda twieldet,
fost tfal fqajra u ltiema
qatt ma kibret, qatt ma żdiedet.

Kif ġie Dun Ġużepp G. Rapa
pront ħelisha minn mewt żgura,
meta b'element żagħżugħ
xettilha, u qagħtet figura.

Sa mill-qiegħ sar tiġdid qawwi
fikom snin sittinijiet,
meta wara sfidi kbar
ma' l-aqwa baned għaddiet.

Mur illum ġib lil De Piro
jara l-Banda li hu welled,
bl-istess isem li hu taha,
li għożżitu bla qatt dellet.

Bil-Każin fi pjazza ġdida,
u ħdejh ieħor tal-Ballun,
l-istitut, skola u Ċentri,
b'Santwarju, l-għaxqa tal-lum!

Kieku dlonk jgħodd lill-bandisti,
mhux xi għaxra bħal ta' żmienu,
'mma sittin u anki fuqhom,
jitbissmu, għax jafuh kienu.

Fosthom bla ma qatt ħolomha,
ra bandisti wkoll tfajliet,
magħhom Kumitat tan-Nisa
joħloqlok atti...vitajiet.

Mistagħġeb jibqa' b'dil-Banda,
li għalkemm għalqet tmenin,
minflok xjieħet sew issaħħet,
b'demmek ġdid matulkom snin.



Jersaq jifraħ u jitbissem,
lil ġdid Kumitat ħabrieki,
li, id f'id ma' għaqdiet oħra,
idommu katina ċrieki.

Li jagħtu ħajja lir-Raħal
b'kulma jsir hawn ġewwa fih,
lill-Festa u ħidmiet oħra
li 'l Għajnsielem ituh ġieħ.

Kemm iħossu tassew kburi
iqalleb fil-'Magazine',
illi jsaħħru bit-talenti
li għandhom tant Għajnselmin.

Hawn kieku jrid idu jdaħħal
biex ħelu jġib mill-but,
u jagħti lil kulħadd waħda
kif kien soltu fl-istitut.

Imma kif jara lil ħafna,
flok fil-but, jgħolliha 'l fuq
biex barka jniżżel mis-sema
li ssostnina, li ttuq.

Ha din l-Għaqda Mużikali
b'ħerqa tkompli l-ħidma tagħha,
biex Ġużeppi jmur jgħaniha,
jissodaha, jieqaf magħha.

M'hemmx dubju illi mis-sema
Mons De Piro qed jarana,
u jmur jitlob lil Marija,
L-Omm u Xebba Lawretana.

Biex grazzi tagħtina, xxerred,
fuq Raħal, Banda u Każin,
ħa lill-Festa nsebbħuhiela
bil-kant, marċi, nar u żfin!

***Francis Sultana.***
*Għajnsielem.*
*22/01/08*

# Żmieni l-bogħod mill-Banda

*Jikteb Tony Galea*



Kienu s-snin sittin, meta kulħadd kien jistagħġeb bil-fenominu li kien għaddej dak iż-żmien, fenominu li nistgħu ngħidu biddel il-ħajja ta' dawk kollha li huma tampari u nista' ngħid ukoll ta' dawk li huma iżgħar u akbar minni. Dan kien il-fenominu li ħolqu l-Beatles, ir- Rolling stones, l-Animals u ħafna gruppi bħalhom li tant influwenzaw nies ta' dawk iż-żmienjiet u għadhom jinfluwenzaw sallum . Kien żmien li jekk ma kontx taf iddoq xi strument kien ikun diffiċli li tisma' xi mużika ħlief dik in-naqra minn fuq ir-Rediffusion kif konna nsejjħulu dak iż-żmien. Din kienet kaxxa b'loudspeaker ġo fiha li kellha switch mal-ħajt biex taqleb fuq A jew B. Nistħajjilkom tgħidu dan x'għandu x'jaqsam ma' żmieni l-bogħod mill-banda? Għandu x'jaqsam ħafna għaliex kien iż- zmien meta s- Sur Ġużeppi Attard (tal-Bużaqq) iddeċieda li jerġa' jibda l-banda għażiża tagħna, u anke kien iż- żmien li t-tfal ta' dak inhar ġew bi ħġarhom biex jitgħallmu . Jiena u ħuti Loretu u Ċensu flimkien mal-kuġin Clement Buttiġieġ ( illum jinstab l-Amerika ) billi konna ndoqqu bil-grupp li kien jismu "The Springs" li fil-fatt kien l-ewwel grupp f'Għawdex, konna min ta' l-ewwel li morna biex nitgħallmu ndoqqu strument . Sa dan it tant Ġużeppi Attard kien diġa' sab is-surmast Ġużeppi Farrugia biex jieħu taħt idejh il- banda, u dan b'entużjażmu kbir aċċetta u beda jgħallimna l-mużika. Dan kien fl-1966 u fi żmien sena kellna l- banda li ħarġet iddoqq u n-nies ta' Għajnsielem iġġennu warajha. Taħt il-bravu surmast Farruġia kienu ħafna dawk il- bandisti li tgħallmu l- mużika u li llum huma l-kolonni sodi tal- banda tagħna .Kienu ħafna s-suċċessi tal- banda speċjalment il- programmi li kienu jsiru fil- pjazza tat-Tokk ir-Rabat, programmi ta' muzika klassika, bħalma hija l-1812, li meta daqqejniha kulħadd baqa' mbellaħ . Kienu ħafna dawk in- nies li qalu li " Is- Surmast Ġużeppi Farruġia għamel l-għeġubijiet bil-banda ta' Għajnsielem", u kien is- surmast Farruġia wieħed minn ta' l- ewwel li daqq kanzunetti pop bil-banda fil-karnival u waħda li tgħaddi minn moħħi bħalissa hi "Obla Di Obla Da".Imma wara xi kważi sentejn indoqq il-kurunetta kien wasal iż-żmien li nibda naħseb għall-pappa. Billi f'dawk iż-żmienijiet xogħol ma kienx hawn, bħal-sentenza, wieħed kien ikollu jħalli art twelidu biex ifittex ix- xogħol. Kienet proprju din ir-raġuni li kelli nsiefer għall-Awstralja, u hekk nitlaq il-familji, l- banda u lill- art twelidi.

Wara xi ħames snin imsiefer gejt lura għall-btala u mill-ewwel ġabuli l-kurunetta d-dar biex kemm indum hawn immur indoqq u għadni niftakar dik is-sena kellna il-marċ "Karmar" li jien kont issaħħart warajh u għadu sallum wieħed mill-favoriti tiegħi. Għaddejt sajf niġri mal-banda ngħamel l-iktar ħaġa li kelli għal-qalbi, indoqq il-mużika.

Imma bħalma jgħid il- proverbju ż-zmien jgħaddi u ma jistenna lill-ħadd,u hekk il-btala waslet fi tmiemha wkoll u erġajt lura lejn l-Awstralja u ddeċidejt li mmur indoqq mal-Maltese Own Band li dak iż-żmien kien għadha qed tibda. Għamilt xi żmien indoqq il-kurunetta ma, din il-banda taħt is-Surmast Evarist Azzopardi li diġa' kont naf mill-ħanut tal-mużika li kien jismu" Suttons" li kien f'Elizabeth Street ġo Melbourne li jien kont niffrekwenta ta'spiss biex nara l-istrumenti. Is-sur Azzopardi kien mużiċista tajjeb ħafna, pjanista tal-kwalita u għalliema tal-mużika xejn inqas.Mal-banda konna ndoqqu fil-festi li kienu jsiru ġos-subborgi ta'Melbourne,bħallma hi l-festa tal-Vitorja, l-Imnarja, Santa Liena u oħrajn. Domt xi tlett snin indoqq ma' din il-banda

Wara li tlaqt minn mal-Maltese Own Band, ma bqajtx inħares lejn il-kurunetta għax kont impenjat mal groups indoqq il-kitarra u l-pjanu, allura speċi giet jew ħaga jew l-oħra. Domt tlieta u għoxrin sena ndoqq mal-groups, fosthom il-Comancheros, Afterglo, Westside Boys u Mystique. Kollha kienu gruppi tajbin ħafna u rnexxielna nagħmlu diversi recordings speċjalment ma' Mystique u Afterglo, dan ta l-aħħar konna ħriġna diska li




*Tony Galea flimkien mal-grupp "Westside Boys"*

kienet popolari ħafna mal-maltin ta’ l-Awstralja li kien jisimha “Infridt”, jien kont ktibt il-kliem u l-mużika. Ma’ dawn il-groups ħafna drabi konna nkunu mpenjati biex nakkompanjaw lil-ħafna kantanti li kienu jiġu minn Malta, fosthom Enzo Guzman, Renato, John Laus u The Tramps, ma’ dawn ta’ l-aħħar konna ħadna ħafna pjaċir billi jien u d-drummer (Joe Galea il-“baqta” minn ta’ Sannat) konna Għawdxin bħal speċi giet qisa okkażjoni speċjali minn l-oħrajn. Tgħidx kemm ftakarna fi stejjer li għaddejna minnhom meta ltqajna mal-mibki imma qatt minsi Duminku Grech li kien il-kantant tat-Tramps u l-ħabib tiegħi Joe Spiteri li kien idoqq il-Bass fiż-żmien li kien jisimhom Gemini 5, illum joqgħod l-Awstralja. Ta’ min ifakkar li t-Tramps qabel kien jisimhom Gemini 5

Sadanittant sirt midħla tal-għannejja ġo Melbourne li kont nirranġalhom xi kitarra u anke kont immur indoqq il-kitarra magħhom, speċjalment fl-Imnarja, fejn kienet issir il-festa tradizzjonali li minn żmien qabel kien beda jagħmel il-Kavallier Joe Attard, naturalment dan kien bniedem min-Nadur li ddedika ruħu u ġismu għall-Maltin u l-Għawdxin gewwa l-western suburbs ta’ Melbourne. Dan kien żmien memorabbli ħafna għalija għax dejjem kont qed nagħmel dak li dejjem kont inħobb, il-mużika, indoqq ngħallem (il-mużika) u nirranġa xi kanzunetta lil dak u lill-ieħor.

Għalkemm domt xi ftit taż-zmien li gejt lura, dejjem kien jgħaddi minn moħħi xi ħsieb x’ kienet tkun qed tagħmel il-banda. Missieri kien dejjem jaġġornani bli kien ikun qed jiġri fil-banda u din dejjem kienet tkun għalija



*Tony Galea mal-Banda “Maltese Own Band” fl-okkażjoni taż-żjara tal-Prim Ministru Eddie Fenech Adami f’Melbourne*

nformazzjoni li kienet iżżommni qrib tal-banda. Billi ma bqajtx nipprattika l-kurunetta, meta ġejt lura għall-btajjel ma kontx indoqq, għalkemm kont inkun fuq ix-xwiek biex naqbad kurunetta u ndoqq xi marċ. Sadanittant, wara sitta u għoxrin sena bħala surmast, is-surmast Farrugia miet u ħa postu is-surmast Nazzarenu Sammut mill-Mellieħa. Dan serva l-banda għal għaxar snin . Meta dan spiċċa postu ħadu s-surmast Sunny Galea, surmast bravu ta’ paċenzja u dedikazzjoni kbira lejn il-banda tagħna. Kompozitur ta’ ħafna biċċiet ta’mużika, kemm klassika, brijjuża u anke sagra. Taħt id-direzzjoni tas-surmast Galea l-banda kompliet gejja l-quddiem u laħqet livell għoli ħafna. Jien u s-surmast sirna ħbieb ħafna grazzi għall-mużika u xejn inqas għall-banda. Wara ħafna snin imsiefer erġajt lura biex ngħix hawn u bħallma kont qabel għadni issa miġnun għall-mużika, u mal-banda ndoqq il-baxx, strument li dejjem xtaqt indoqq.

Dak kien żmieni l-bogħod mill-banda imma qatt il-bogħod mill-mużika.

Ma nistax ngħalaq dan l-artiklu u ma nirringrazzjax lil-ħafna ħbieb tiegħi ġewwa Melbourne li magħhom tant ħadt pjaċir indoqq u li magħħhom tant ferraħna nies bil-mużika li konna ndoqqu. Grazzi lill-aħwa Bill u Chris Aquilina, Jennifer Chetcuti, Erni Muscat, Joe Cutajar, Fredu Cachia, l-għannejja u l-kitarristi tal-klabb ta’ St Albans u ħafna oħrajn li tant huma numru kbir li impossibbli nsemmihom kollha. Grazzi.




*Tony Galea mal-grupp “Afterglo”. Magħhom qegħdin naraw il-kantant famuż Malti Renato*

# GĦAJNSIELEM F.C. BAR

*Serving:*

***Pizza, Snacks and Take Away***

***Eat in or take away***

***Showing on Big Screen***

***Football matches and Movies***

**Tel: 2155 9753 / 21562410**

**Mob: 99440355**



# *Why Should Children Learn Music?*

***Maria Grima***

Music is a complete language with its own vocabulary, structure, alphabet and range of styles. In itself, it is so much more than learning to play an instrument. In fact, it is also about developing social skills, coordination, teamwork, confidence and creativity.

The Duchess of Kent, a primary school music teacher, strongly believes that every child has musical abilities; including those students with 'special educational needs'. Music also serves as a prime resource for motor skills, aestheticism and self-expression. She brings forward the example of a young child who, whilst being somewhat disruptive in other classes, expresses his emotions through music and enjoys the task ahead. Moreover, he embraces group and individual tuition and as a consequence aspires to greater heights. Therefore, music schools need to offer their maximum support to encourage its students to participate and experience all the benefits a good music education can offer. In fact, the Duchess states that,



"Encouraging a young person to develop a musical skill can aid his learning elsewhere. Musical skill can stimulate academic prowess…"

Recent research indicates that music not only teaches young people about cooperation but is also the enabler of subjects as diverse as mathematics, languages and scientific problem solving. Looking at a different perspective of music, one can easily observe, that it compliments the teaching of almost every academic subject, students learn at school. One must note that music in reality is the key behind children learning the alphabet. Taking a step further into Primary level, note durations utilize division; which is in fact Mathematics. Students are also able to see the mathematical logic of music when connecting time signatures (beats to the bar) with fractions. When students are learning rhythm, they are learning ratios and proportions. Music also plays an important role in Physics. In fact, "What is a vibrating string if it is not a physics lesson?"

Music is also a benefit to the English language. Actually, singing develops the comprehension of vocabulary and its definitions. According to Peter Kendall, learning a musical instrument will improve a child's language performance. A more creative way of exploring and learning Geography, is by playing and discussing folk music from various countries. Similarly, many songs of historical interest can be reflective of the time in which they were written. Therefore, a particular period in History can be studied through these songs. Parallel to these two subjects, Religion can be taught through religious music. The latter reflect the religious and cultural aspects from across the world.

Fortunately, science, sport and art equipment has improved significantly over the past decade. So has the music equipment. Thanks to this incredible technology, music lessons can be more creative, fun, interactive, engaging, productive and educational. Integrating technology into music lessons ensures that children have experience of the latest successful teaching tools. Technology has been instilled so much in our daily lives that children of even the youngest ages now understand and are familiar with the new technology concepts – perhaps more so than their elders. By the aid of computer programs, children are also able to compose their own music in an exciting and fun way. This will automatically trigger students to engage and be receptive to learning music. Students are also able to explore all sorts of different musical styles – from classical to pop, while developing their own tastes.

There is no doubt that the world of music has become part and parcel of our everyday vernacular. Therefore, we should enable every child to grow and develop through this incredible phenomenon - Music.

# 1988
# Meta fakkarna s-Sittin Anniversarju tal-Banda

***Jikteb is-Sur Joe Xuereb, ex-President ta' din is-Soċjetà***

Dawk kollha li jgħaddu minn quddiem il-każin tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp tar-raħal t'Għajnsielem, jistgħu jinnotaw l-avviż prominenti li hemm imwaħħal mal-faċċata tal-każin sabiex ifakkarna li fis-sena 2008, jaħbat it-80 sena minn meta, fl-1928 Mons. Ġużeppi DePiro, li dak iż-żmien kien direttur tal-orfanatrofju ta' San Ġużepp li jinsab fir-raħal tagħna, waqqaf banda mużikali għat-tfal li ngħatat l-istess isem ta' l-istitut li minnu twieldet, kibret u ħadet ir-ruħ!

Forsi hemm min jargumenta jekk hemmx raguni daqstant valida u importanti li wieħed ifakkar s-sittin jew it-tmenin anniversarju minħabba li aħna ninsabu aktar midħla li niċċelebraw l-anniversarji tal-ħamsa u għoxrin, tal-ħamsin u tal-ħamsa u sebgħin sena. Madankollu wieħed irid jikkunsidra ċ-ċirkustanzi ta'dak iż-żmien partikulari sabiex jifhem jekk kienx hemm il-ħtiega u raġunijiet sodisfaċenti li jitfakkar is-60 sena aniversarju mit-twelid tal-Banda San Ġużepp b'daqstant pompa!.

li l-baned lokali xi drabi jgħaddu minn perjodu kritiku ħafna u jħasseb bis-sħiħ lil dawk kollha li jkollhom il-Banda tar-raħal għal qalbhom. Dan il-perjodu diffiċli fil-ħajja bandista jseħħ għar-raġunijiet diversi, bħal meta jkun hemm bżonn bidla fid-direzzjoni mużikali, apatija fil-ħidma tal-kumitat, in-numru ta' bandisti dejjem jiċkien jew allievi ġodda ma jinstabux. Sfortunatament fl-1988, il-Banda San Ġużepp, kienet għaddejja minn esperjenza xejn pjaċevoli. Wieħed jista' jgħid li kulħadd kien qed ikaxkar saqajh tant li l-apatija daħlet ġmielha sewwa u bdiet tikkankra l-fibra minn ġewwa! Dan kollu wieħed seta' jħossu minn ġewwa u jarah minn barra wkoll tant li minkejja li l-każin kien diġa' hemm eżistenti bħala bini, madankollu ma tantx kien ħaj minn ġewwa, l-ebda attivita' jew xi ħidma sfiqa. Tant hu hekk li, dik is-sena tal-1988 il-bar tal-każin lanqas inkera għax ħadd ma kien interessat għalih u l-bini tal-każin kien ikun miftuħ għal xi kunċert jew għat-tagħlim tal-mużika biss. Min jista' jobsor is-sitwazzjoni ta' dak iż-żmien meta llum nassumu li l-bierah kien jixbah dak li qed ngħixu llum għax il-passat malajr jintesa.




P R O G R A M M

Il-Ġimgħa, 9 ta' Diċembru:

6.00 p.m. Quddiesa ta' ringrazzjament, iċċelebrata mill-Arċipriet il-Kan. J. Zerafa li fiha jieħu sehem il-Kor 'Laurentana', taħt id-direzzjoni ta' Emmanuel Rapa.

Is-Sibt, 10 ta' Diċembru:

7.30 p.m. Ftuħ ta' Wirja — 'Il-Banda Tul is-Snin'. Jiġu esebiti strumenti antiki, ritratti u mużika mill-Arkivju tal-Banda. Miftuħa mill-President tal-Banda Joseph Xuereb u mbierka mill-Arċipriet il-Kan. Joseph Zerafa.

8.00 p.m. Marċ mill-Banda 'San Ġużepp' fl-okkażjoni tal-Festa Titulari.

Il-Ħadd, 11 ta' Diċembru:

10.45 a.m. Wasla ta' l-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof ta' Għawdex. Jindaqq l-Innu Pontifiċju.

11.00 a.m. Wasla ta' l-E.T. Paul Xuereb, President a.i. tar-Repubblika. Jindaqq l-Innu Malti.

*** Indirizz ta' merħba mill-President tal-Banda, is-Sur Joseph Xuereb.

*** Qari tal-Essay rebbieħ tal-konkors ta' essays dwar 'Il-Banda Tagħna'.

*** Preżentazzjoni ta' premjijiet lir-rebbieħa.

*** Preżentazzjoni ta' rigali ta' stima lil Mikiel Cangura u Pinu Gatt li kienu jiffurmaw parti mill-ewwel banda.

*** Kxif ta' Lapida ta' Tifkira mill-E.T. President a.i. tar-Repubblika.

*** Kxif ta' Lapida 'ad unur' Mons. G. De Piro, Fundatur tal-Banda, mill-E.T. l-Isqof t'Għawdex.

Dawk kollha impenjati fil-ħidma tal-baned Maltin, jafu tajjeb

Għaldaqstant, wara l-festa tal-1988, jiena ġejt mitlub sabiex

nidħol fil-Kumitat bil-ħsieb ewlieni li ndawwru r-rota l-quddiem mill-ġdid. Bil-bar magħluq, bil-bieb prinċipali tal-każin imblukkat 24 siegħa kuljum, l-isfida għal l-bidla ma kienitx waħda tant żgħira. Kien jezisti bżonn kbir li nuru u nfehmu l-poplu t'Għajnsielem, li l-banda San Ġużepp għadha hemm, kien hemm bzonn li nixegħlu dawl ġdid biex nuru li s-Soċjeta Mużikali għandha postha fil-ħajja soċjali u kulturali tar-raħal.
U s-sittin anniversarju serva bħal manna fid-deżert tant li f'Ottubru 1988 il-kumitat iddeċieda u beda ħidma sfiqa sabiex tinżamm attivita mhux tas-soltu u kulħadd qabel li norbtuha mal-festa liturġika tal-10 ta' Diċembru bl-iskop li tqajjem u tħarrek il-ħajja bandistika. Kienu għal dawn ir-raġunijiet li ddeċidejna li nistiednu l-President a.i. tal-Repubblika ta' Malta s Sur Pawlu Xuereb sabiex infakkru s-Sittin Anniversarju mit-twaqqif tal- Banda San Ġużepp u fl-istess ħin nagħtu ġieh lil dawk li ħadmu qabilna, u nagħtu stedina lil dawk l-Għajnsielmiżi sabiex jersqu lejna, u jersqu lejn il-każin u lejn il-Banda li n-numru tagħha dejjem kien qed jiċkien u jonqos ġmielu.




Meta wieħed jifli sewwa dawn iċ-ċirkustanzi xejn pjaċevoli fil-ħajja tal-Banda, allura wieħed malajr jista' jifhem x'tifsira għandha l-irħama kiesħa mkaħħla mal-ħitan tal-każin li tirrakkonta l-ġrajja ta-60 sena! L-attivitajiet li nżammu bħall-wirja ta' l-istrumenti antiki u memorabilja oħra flimkien mal-kxif ta' l-irħama kommemorattiva mill-President tal-Repubblika li għaliha attenda wkoll l-Isqof t'Għawdex u l-Ministru għal Għawdex flimkien ma persuni oħra distinti, għenu mhux ftit sabiex qajjmu l-moral ta' kulħadd, kull membru tas-Soċjeta' mużikali ħassu importanti u kburi li hu jagħmel parti mill-Banda San Ġużepp. Dakinnhar ukoll, f'dik l-għodwa tal-1988, ħadna l-okkażjoni sabiex filwaqt li konna fiż-żifna, ħsiebna sabiex nagħmlu mafkar żgħir biex infakkru l-ewwel missier tal-Banda San Ġużepp, Mons. Ġużeppi Depiro li sa dak il-jum ma kienx għadu ingħata ġieh importanti u promenenti li tant jixraqlu. Saħansitra din l-attivita poġġiet lis-Soċjeta tagħna fuq il-mezzi tal-aħbarijiet nazzjonali b'filmati ta' l-okkażjoni. Wara kien sar riċeviment għal kulħadd u kull membru u bandist preżenti, deher iħaddan tbissima fuq wiċċu, turija ta' sodisfazzjon u ferħ



għall-ġrajja fl-istorja tal-Banda San Ġużepp t'Għajnsielem.

F'dik l-għodwa stess xi allievi taw il-kelma tagħhom li jibdew it-tagħlim tal-mużika tant li sena wara, jigifieri fil-festa tal-1989 ħargu jdoqqu għall-ewwel darba tmien bandisti ġodda, flimkien ma' żewġ bandisti oħra li reġgħu ngħaqdu lura fi ħdan il-banda li flimkien ma'xi bandisti mir-raħal taż-Żebbuġ li ppreferew li jingħaqdu mal-banda tagħna. Dan kollu ta' nifs ġdid, mela b'kuraġġ lill-bandisti stabiliti, qtugħ il-qalb kien salpa u għadda u ngħatat ħajja mill-ġdid grazzi għal dawk l-attivitajiet li fakkru is-Sittin Sena. U bħalma l-fjamma mixgħula ta' l-Olimpjadi turi l-ispirtu ħaj sportiv, fil-każin tagħna donnha kienet reġgħet inxtegħlet fjamma ġdida, għax il-bar tal-każin reġa' nfetaħ mill-ġdid bil-ħidma diffiċli tal-membri tal-kumitat u sena wara l-ġrajja tas-Sittin Sena, inżammet okkażjoni oħra kbira meta nkixef il-fondispizju, dik l-arma li għadha teżisti fuq id-daħla prinċipali tal-każin, imnaqqxa b'sengħa kbira fil-ġebla lokali, xogħol ta' wieħed mill-bandisti s-Sur Leli Saliba. U hawn nixtieq nirrimarka li dakinhar, ħadd minn fostna ma pprova jnaqqax ismu mal-faċċata tal-każin għax issorvelja dak ix-xogħol isir, sabiex jissebbaħ il-każin! L-istorja tal-Banda San Ġużepp turina li sal-ġurnata tal-lum għad hemm persuni li ħadmu bis-sħiħ u kkontribixxew l-enerġija u r-riżorsi tagħhom kollha u ma ingħatatilhom l-ebda konoxxenza mistħoqqha lilhom fil-kumpless tal-każin. Inħoss li hija irresponsabilta li xi ħadd mill-kumitat jipprova jippromovi lilu nnifsu qabel jipprova jagħmel ħaqq mal-istorja sabiex l-ewwel jingħata ġieh lil dawk li ħadmu qabilhom u llum ħidmithom intesiet u b'xorti ħazina għebet mas-snin.

Għaldaqstant, minkejja li ma hix xi okkażjoni straordinarja li nżommu ċelebrazzjonijiet speċjali għas-sittin sena minn meta twaqqfet il-Banda San Ġużepp, madankollu, illum nistgħu ngħidu li l-attivitajiet ppreparati u li nżammu fl-1988, kellhom l-importanza u skop tagħhom għaliex minkejja li irnexxew fil-ħsieb, servew sabiex ingħatat ħajja akbar lis-Soċjeta u kull membru fi ħdan il-Banda San Ġużepp għamel kuraġġ u ġie xprunat sabiex jagħti s-sehem tiegħu bil-qalb, għall-ġid tal-Banda u tar-raħal tagħna. Allura, nifraħ lill-Kumitat tal-Banda preżenti li qed jaħseb sabiex din is-sena tal-2008 ifakkar ukoll il-ġrajja tat-80 sena b'diversi attivitajiet! Għalinqas niftakru kemm aħna u aktar minn hekk infakkru liż-żgħar tagħna li l-Għaqda Mużikali San Ġużepp għandha l-storja tagħha wkoll, li qed tissawwar u titlħħam mal-medda tas-snin li bla dubju tkun qed tgħin bis-sħiħ sabiex tkompli ssaħħaħ il-ħajja kulturali u soċjali ta' raħal twelidna, Għajnsielem tagħna.

# Sittin Anniversarju mill-Marċ 'Viva x-Xemx'

## *Fl-okkażjoni ta' dan l-Anniversarju qegħdin inġibu din is-silta meħuda mil-ktieb 'Il-Maggur A. Aquilina' miktub mis-Sur Victor Galea*

Saħansitra tlajt Għawdex għax hemm ukoll sibt min jaf lill-Maġġur Anthony Aquilina mill-qrib. Tkellimt mas-Sur Alfred Scicluna minn Għajnsielem, anzjan ta' 65 sena u se nħalli lilu jgħidilna:

Bħala bandist mal-banda ta' San Ġużepp ta' Għajnsielem niftakar qisu l-bieraħ li għall-festa f'raħalna kien jitla' l-Maġġur Aquilina mal-banda Karkariża mlaqqma "Ta' l-Għama." Fir-raħal tagħna konna nagħmlu briju kbir bil-marċi ferrieħa tiegħu. Kull meta kienet tiġi l-Banda Duke of Connaught's Own kienet taf x'inkunu qed nistennew. Taqbad issemmgħalna l-ewwel noti mill-marċ tiegħu. Noti li bla ma trid iqanqluk biex toħroġ minn postok u taqbad tiżfen jew tkanta magħhom. Il-melodiji tagħhom iħolluk.




Meta konna naraw il-vapur jittrakka mal-moll u l-Maġġur kien jirfes fuq ix-xatt konna naħarqulu salut ta' 21 murtal tal-bomba. Ningħaqdu mal-partitarji u l-bqija li jitilgħu magħhom u nwassluhom sa l-Istitut ta' San Ġużepp il-qadim. Mal-wasla tagħhom jilqgħuhom bit-te jew il-kafe. Għal-lejl uħud minnhom kienu jorqdu f'dan l-imkien u oħrajn idabbru rashom fi-iskola l-qadima ta' Għajnsielem fejn Triq Hamri. Qed ngħid għall-bandisti, membri tal-kumitat u n-nisa tagħhom għax kienu jiġu bi ħġarhom.

Lill-Maġġur inzertajtu xi darbtejn jintona l-banda. Kien ta' dixxiplina kbira u waqt ix-xogħol, xogħol. Jien li ma kellix x'naqsam, ukoll kont nibża minnu daqs kemm kien ta' sudizzjoni. F'lejlet il-festa, konna nagħmlu marċ mill-Istitut ta' San Ġużepp għall-knisja l-qadima ta' Għajnsielem billi dak iż-żmien kienet għadha ma nbnietx il-knisja li għandna llum. Il-marċ ta' qabel it-transulazzjoni nsejħulu. Mal-wasla u t-tmiem tiegħu qrib il-knisja, bosta mill-partitarji kienu jidħlu fil-knisja jitpaxxew bil-mużika li kien jagħtina l-Maestro di Cappella, Ġużeppi Camilleri, surmast magħruf sew fil-gżejjer Maltin. Il-bqija jitilqu lura lejn l-Istitut. Dik l-għaxija stess, malli tintemm il-funzjoni għall-ħabta tad-9.30, kien jibda l-marċ minn fejn kont noqgħod jien, minn Triq Hamri. Mal-bidu tiegħu, il-Maġġur stess kien iheġġeġ lilna biex noħorġu naqbżu u nieħdu pjaċir mal-marċ. Donnu kien jaf minn xiex konna nbatu l-Għawdxin. Fil-ħamsinijiet, in-nies kienet għadha kemmxejn mistħija u xi ftit imgerrxa. Kienet toqgħod ftit lura għalkemm tkun imlebilba biex tibda taqbeż. Iżda malli jiftaħ fommu l-Maġġur kliemu jsir bħal ħatab mixħut f'ħuġġiega mrażna. Tgħaddi minn fuqha bħal fewġa li tkebbes in-nar u ssir vampa. Il-marċ kien jiġbidha sa nofs il-lejl għax meta konna naslu l-pjazza, il-banda titla' fuq il-planċier u tinfexx f'marċi tal-Maġġur kollha brijużi għall-aħħar kif kulħadd jaf. Kien ikun hemm pjazza nies ferħana u tixxala. Waqt li s-surmast-direttur kien ikun fuq il-plancier, bejn marċ u ieħor il-kotra ta'nies ma tehdiex issejjaħlu, kif hu jdur lejha u jroddilha l-ħajr tiegħu bit-tixjir t'idejh. Ma' tmiem id-daqq, il-Maġġur kien jinxteħet għal fuq ġemgħa ta' żagħżagħ li kienet tkun tistennieh biex twasslu fuq l-ispalla sal-każin fost għajat, ċapċip u sfafar. Tista' tgħoddha bħala festa lill-Maġġur f'Għajnsielem, sintendi barra dik tal-Madonna ta' Loretu. Kien bniedem maħbub tgħidx kemm.



L-għada, kmieni fil-għodu, f'jum il-festa, il-banda kienet tibda bl-impenji tagħha billi tagħti merħba lill-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof ta' Għawdex. Kienet tilqgħu minn Triq il-Ġnien fil-bidu tar-raħal u twasslu sal-knisja għall-pontiflkal. Bħal dejjem bosta kienu jakkumpanjaw lill-banda u ħafna minnhom jidħlu għall-quddiesa. Għal xi nofsinhar konna niltaqgħu biex immorru mmaxtru. Kienu jinqatlu mal-35 fenek għall-ikla. Waqt id-deżerta kien jinbeda ċ-ċajt bejnietna, waqtiet xi ftit goff ukoll, bħal suttar. Taħsibx li l-Maġġur kien jiddarras jew idabbar rasu, xejn minn dan. Kien ikompli magħna wkoll. Dak kien ħin iċ-ċajt, jifhimha. Għalhekk dan il-gentlom kien ta' min iħobbu. Kien jagħmel kollox f'ħinu.

Issa nsemmi lil missier ommi, Ġużepp Cutajar, li kien iħobbu ħafna lill-Maġġur u nista' ngħidlek li kien ukoll il-perċimes biex bdiet titla' l-banda Ta' "l-Għama" għall-festa tagħna f'Għawdex. Qabilha kienet titla waħda mill-baned tal-Birgu. Għamel żmien nannuwi lil tal-kumitat flimkien ma' Mro. Aquilina jgibhom fil-ħanut tiegħu. Jagħmlilhom l-ikla hemmhekk.

Dan is-surmast kien iħobbu lil Għajnsielem u niftakar li kien kiteb żewg marċi b'rabta mar-raħal tagħna. Wieħed minnhom Ta' Gerrew* -1947 u l-ieħor Viva x-Xemx -1948 li jsibuh ukoll bl-isem Il-Madonna ta' Loretu Fostna baqgħu popolari immens u nista' nagħtik kelmti li ma jmutu qatt.

Ngħidlek li għandu marċ ieħor Ġanni Sfafar -1947 imsemmi għal wieħed Għajnslemiż ukoll, Ganni Grech "Ta' Sipa", dilettant kbir tal-festa u l-għaxqa tiegħu jaħraq l-isfafar, mnejn ħareġ laqmu. F'dak iż-żmien,konna nistgħu naħarqu l-isfafar u nannuwi kont nisimgħu jgħid li dan Ganni 'Sfafar' kien ħabib sew tal-Maġġur B'hekk inżid insaħħah fehemti li għalih imsemmi, għalkemm inti qed tgħid mod ieħor. Mhux ħin nitlewmu fuq hekk, l-aqwa li ksibna marċ sabiħ ieħor.

Nistqarr li dan is-surmast kien bniedem ta' min jafda fih għax joħorgok ta' nies u dejjem kellu f'idejh banda soda u jmexxi b'serjetà kbira.

Bħalissa l-banda tagħna ta' Għajnsielem qed jieħu ħsiebha Mro. Sunny Galea, bniedem ta' l-affari tiegħu ħafna wkoll. Ilkoll kuntenti bih. Issa ilu magħna mhux ħazin imma dan li se ngħidlek seħħ fl-1984 jigifiiri sena qabel miet il-Maġġur. Niftakar li dik il-ħabta kellna lis-Surmast Ġużepp Farrugia, meta l-Maġġur Aquilina tela' Għawdex għall-festa tagħna. Malli rajnieh, ilqajnieh kif jixraqlu. Kulħadd beda jdur miegħu. Ftehemna mas-surmast tagħna biex iħalli lilu jħabbat żewġ marċi. Mro. Farrugia ġentilment ċeda postu biex floku tela' l-Maġġur. Habbat il-marci Viva x-Xemx u Ta' Gerrew, fost ċapċip u għajat.

Nota: *Hawnhekk kien hawn kamra, aħna u telgħin mix-xatt li konna nsibuha Ta'Kerrew.(bil-K u mhux G). illum inqerdet għal kollox.

# Kif niftakar il-Festa fi tfuliti

F'dan l-artiklu, il-bandist veteran Fredu Scicluna ta' Triq Ħamri jirrakkonta ftit mill-esperjenzi ta' tfulitu speċjalment fejn tidħol il-Festa tal-Madonna ta' Loretu. Is-Sur Scicluna jirrakkonta hekk:



Twelidt fil-parti li llum tissejjaħ 'Ta' fuq il-Għajn' ftit passi bogħod mid-dar li għandi llum. Kelli madwar ħames snin meta jien u ħuti tlifna lill-għażiż missieri Ġużeppi meta għereq fuq vapur merkantili, il-famuż 'Skipjack'. Wara ftit morna noqogħdu man-nannu Ġużeppi Cutajar u n-nanna Loreta fejn trabbejna ġod-dar kbira li kellhom. Ftit ftit bdejt insir dilettant tal-festi, u b'mod partikolari tal-festa tal-Madonna ta' Loretu li tant kont u għadni nħobb.



## Kif bdiet l-imħabba lejn il-Festa

Kemm fid-dar tan-nannu kif ukoll fil-ħanut li kellhom fi Triq Hamri n-nanniet dejjem kont tisma' fuq il-festa. Kont nara lin-nannu u lil sħabu jagħmlu l-ħdim tal-karti ħodor skuri biex nagħmlu l-ward tal-karti. Dawn il-ward konna mbagħad inwaħħluhom mal-liedna għal ma' l-arkijiet ta' Triq Hamri. Għalkemm kont għadni żgħir fl-eta', jien xorta kont ngħin kif nista'. Niftakar in-nanniet kellhom kamra zgħira fuq il-bejt u ġo din il-kamra kien hemm tieqa daqs żewġ piedi b' żewg piedi u fil-festa (u anke għal Corpus) kont inżejjinha sabiex titgawda minn nies waqt il-marċ. It-tieqa kont inżejjinha b'santa tal-Madonna mdawwra bid-dawl tal-battries. Dan qiegħed ngħidu biex nuri li minn ċkuniti bdejt nidħol fl-atmosfera tal-festa tagħna.

## It-tiżjin tat-toroq

Matul iż-żmien tal-festa kont nara lil xi rġiel jagħmlu t-toqob fit-triq għall-armar li kien hemm. Billi dak iż-żmien it-toroq kienu tat-torba, kien jiġi wieħed bil-bagħal (annimal bejn ħmara u żiemel biex nifthemu) u kellu karettun bil-bittija (qisha bħal tal-inbid) fuq il-karettun. Wieħed kien imexxi l-bhima u l-ieħor kien ibexxex it-triq biex it-torba taqgħad ma' l-art. L-art kienet tkun kollha ħofor u skolji mhux bħal tal-lum! Imbagħad kienet tibda l-preparazzjoni għall-festa billi kienu jibdew iwaħħlu l-palandri u l-arkijiet tat-toroq. Tal-Hamri dejjem kienu jimpikaw ma' ta' Triq Fawwara, ma' Triq Perellos u ma' toroq oħrajn.

Planċier tal-banda ma kienx hawn. Kienu jarmaw palk tal-kantuni bil-fallakki fuqhom. Dan kien jintrema quddiem id-dar tal-kappillan fil-pjazza tal-Knisja l-qadima. Fil-pjazza ma kienx hemm armar ħlief xi ftit pelandri jew trufej b'xi żewġ bnadar u xi dawra bil-liedna. Iżda kont ninnota li n-nies kienu jkunu aktar ferhanin dak iz-zmien.

## L-istatwa tal-Madonna tad-Dar

Ma niftakarx ħafna dwar il-marċ tal-Ġimgħa minn Triq Mġarr, biss niftakar li kont ngħin lin-nannu jibni d-dar għall-istatwa tal-Madonna ta' fuq id-Dar li kienet tintuża fid-dimostrazzjoni. Illum din l-istatwa tinsab fil-każin tal-banda għaliex ftit tas-snin ilu saret statwa oħra ġdida. Kien il-ħadd meta lesta l-mudell tad-Dar u niftakar ġie wieħed minn Tas-Sipa jgħabbi din id-dar fuq trakk Dodge minn ta' wara l-gwerra. Konna morna biha r-Rabat għand l-iskultur Wistin Camilleri sabiex ilesti l-istatwa għall-marċ tal-Ġimgħa.





## Il-Marċ tas-Sibt

Dwar il-marċ tas-Sibt, niftakar li n-nannu u xi ftit dilettanti oħra kienu jiltaqgħu u jirrangaw l-istatwi għall-marċ. Min kien jerfa' dawn l-istatawi kellu jħallas xi flus għall-ispejjeż. Kienu statwi sbieħ ħafna. Niftakarhom ukoll jaħarqu l-ġerasuli. Din kienet tkun lasta d-daqs ta' xkupa u magħha kienu jwaħħlu ħadida magħha b' musmar twil li jżomm lil din il-ġerasula. Kienet qisha bħal-logħob tan-nar ta' l-art. Kull wieħed kien ikollu kaxxa tal-landa mimlija sfafar ta' l-idejn. Il-banda ma kontx tismagħha bl-istorbju. Ħlief daħna kbira ma kontx tara u imsieken il-bandisti meta r-rih kien jigi għal wiċċhom. U dan nafu għaliex jien għall-ewwel li bdejt indoqq mal-banda dan ġarrabtu jien ukoll!

## Kif beda l-briju tal-Festa

Niftakar lin-nannu għassa li bil-ġerasuli ma jaħarqux l-arkijiet tal-liedna. Kienu jagħtu wkoll il-murtali ta' l-idejn. Kien ikollhom kanna u ġo fiha fuq isfel kienu jwaħħlu biċċa zokk ta' sigra bħala handle Imbagħad kienu jitfgħu l-murtal fil-kanna u jqabbdu n-niċċa bis-sigarett u f kemm trodd salib tarah tiela'. Dakinhar kienet tiġi ddoq id-'Duke of Connaught's Own Band' ta' Birkirkara. Ma' din il-banda kienu jiġu bosta Maltin fosthom il-Maġġur Aquilina. Kienu huma li bdew il-briju fil-marċ tas-Sibt tant li dan il-marċ għadu popolari sal-lum. Permezz tal-banda jiena dejjem tgajt is-sehem tiegħI sabiex dan il-marċ



ikun suċċess. Kien ikun hemm atmosfera mill-isbaħ. Kont tara tfal, xjuħ u żgħażagħ kulħadd jaqbeż mal-marċ. Kienu jibqgħu sejrin sal-Knisja l-Qadima għax dak iż-żmien ma kienx hemm każin tal-banda u l-knisja l-ġdida kienet għadha qed tinbena.

Irrid ngħid li xħin tkun ġejja l-banda 'Duke of Connaught's Own Band' ta' Birkirkara konna nilqgħuha bis-salut tal-wieħed u għoxrin murtall. Dawn kienu jaħarquhom minn taħt il-Forti Chambray. Dak iż-żmien kienu jiġu mill-Marfa mal-Banċinu. Sfortunatament, dan il-vapur kien għereq fil-maltemp ftit tas-snin wara.



## Il-Marċ ta' Kerrew

Darba kien hemm dilettant u talab lill-Maggur Aquilina jikteb marċ u jsemmih ta' Kerrew għax fil-wied tal-Mestra (ħdejn in-naħħat Ta' Passi) hemm ilsien ta' art li fuqu kien hemm kamra qisha torri zgħir li kienu jgħidulha 'Il-kamra ta' Kerrew' (u mhux ta' Gerrew kif bosta jaħsbu). Dak iż-żmien minbarra l-pika ma' toroq oħra, kien hawn ukoll ftit pika mal-Festa ta' Sant' Antnin. Ta' Sant' Antnin kellhom marċ bl-isem 'Ta' Peċiċa'. Huma kienu jgħajruna ta' Kerrew u aħna konna ngħajruhom ta' Peċiċa!. Sfortunatament din il-kamra ġġarfet maż-żmienijiet u hawnhekk nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-Kunsill t'Għajnsielem sabiex jerġa' jibni dan it-torri żgħir mill-ġdid.

## Kif kienu jilbsu waqt il-Festa

Dak iż-żmien ix-xebbiet kienu jagħmlu libsa għall-festa. Din il-libsa kienet ddum merfugħa s-sena kollha ma kinux jilbsuha ħlief f'Jum il-festa. L-ewwel kienu jilbsuha għat-Translazzjoni ta' lejlet il-festa u għall-jum il-festa. Trid tarahom sejrin lebsin pulit għall-Knisja bil-velu tal-bizzilla! It-Translazzjoni kienet tkun akkumpanjata

bil-mużika tal-Maestro Ġużepp Camilleri minn Malta u kulħadd kien ikun eċċitat sabiex jisma' l-antifonija tal-Madonna ta' Loretu billi kienu jkunu ilhom sena ma jisimgħuha! In-nisa maturi kienu jilbsu deheb u kienu jgħattu kollox bl-għonnella għall-knisja. Billi l-għonella tieħu ħafna spazju u l-knisja l-qadima kienet zgħira, ftit kien ikun hemm wisa' u allura kulħadd kien ikun mgħaffeġ ġo xulxin! Aħna, ta' tfal li konna, xħin inqumu għall-Evanġelju lil dawn in-nisa konna inneħħulhom is-siġġu u allura xħin jinżlu bilqegħda kienu jaqgħu fl-art! Trid tara x'konfużjoni kienet tinqala… u aħna niġru l-barra għax l-għonnelli kienu jitħabblu ma' xulxin u jinqala' ġenn sħiħ!



## Jum il-Festa

Il-Ħadd tal-Festa kont tisma' l-qniepen idoqqu l-paternoster għall-quddiesa ta' l-ewwel u mat-tokki tal-qanpiena l-kbira kienu jisparaw għaxar murtali tal-ġelatina. Dawn kienu jkunu magħmulin minn materjal li bih kienu jaqsmu l-blat tal-barrieri taż-żonqor u Għajnsielem kien ikun qisu f' terremot bil-ħoss kbir li kien jagħmel .



Kien ikun hemm tal-qubbajd u tal-pasti bil-bejjiegħ jgħajjat "żewġ soldi l-wieħed". Kien ikun hemm tal-ġelat tal-Wembley bil-ġelat kważi dejjem ikun maħlul. Imbagħad tal-granita magħmula bil-bezzun tal-landa b'kartell minn barra u s-silġ madwar l-istess bezzun. Il-bejjiegħ kien joqgħod idawwar il-ħin kollu u kulhadd jixtri u jixrob. Tal-ħwienet ibiegħu l-birra Blue u luminati. Minn dejjem kienu jiġu ħafna nies għall-festa u fil-knisja dak iż-żmien kien jingħad kollox bil-Latin. Tibda mil-Litanija tal-Madonna u tispiċċa bil-kant. Kollox bil-Latin u ħadd ma jifhem x' qiegħed jingħad! L-aqwa li tkanta u daqshekk! Waqt il-paniġierku kien ikun hemm skiet kbir u meta kien ifahhar lill-Madonna u lil Għajnselmiżi kont tħoss li hemm ferh kbir fil-knisja. Xħin jispiċċa kulħadd kien jibda jċapċap.

Darba niftakar li l-purċissjoni ma ħarġitx għax kienet għamlet ix-xita. Il-vara kienet għamlet ġimgħa oħra barra min-niċċa tagħha. Kienu għattewha bil-filoxx, drapp qisu xibka. Il-purcissjoni mbagħad kienu ħarġuha il-ħadd ta' wara.

Il-kaxxa infernali kienu jaħarquha minn wara il-knisja l-qadima. In-nar kien jinħadem minn dilettanti minn Għajnsielem stess u ta' min isemmi li dak iż-żmien kienu jmorru ħafna nies wara l-purċissjoni jgħidu r-rużarju. Niftakar ukoll li lejlet il-festa fl-inħawi tal-ġebel l-aħmar in-Nadur fejn hemm it-torri ta' Kenuna, xi persuni min-Nadur kienu jagħmlu ħuġġieġa bħal pika lil Għajnsielem!

Min kien jagħmel il-furċina tal-vara kellhom l-unur li jerfgħu l-Madonna ta' Loretu waqt il-purċissjoni. Jien għamilt żmien nagħmel forċina għar-raġuni li qabel din kien jagħmilha l-bużnannu Toni Cutajjar, mbagħad kompla n-nannu Ġużepp sakemm ntirtet għandi. Dan għaliex kienu n-nannu u missieru li ffondaw il-forċini. Kien mbgħad sar ftehim mal-kappillan ta' dak iż-żmien li tibqa' tagħhom u tintiret mill-familjari. Iżda jien ma bqajtx nagħmilha għax kont bdejt indoqq fil-banda li bl-għajnuna tal-Mulej u ta' ommu Marija ta' Loretu għadni ndoqq sallum .

*Viva x-Xemx! Viva il-Madonna ta Loretu!*



# Il-Festa Titulari ta' Għajnsielem matul iż-żmien

## Intervista mal-Mibki Joe Scicluna

*Nota: Din il-kitba hija intervista li kienet saret minn studenta lil mibki Joe Scicluna, għalliem u studjuż*



Bħalma ktibt inti imkien ieħor, kienet il-fehma ta' xi studjużi barranin li l-Festa Maltija u naturalment Għawdxija, kienet sejra titlef l-importanza tagħha fir-raħal Malti u Għawdxi hekk kif il-ħajja moderna trabbi l-għeruq f'pajjiżna. X' tikkommenta fuq dan?

Madwar tletin sena ilu, l-istudjuż Boissevain, fil-ktieb tiegħu "A Village in Malta" , kien kiteb li fi żmien mhux fil-bogħod, il-festa Parrokkjali kienet ser titlef l-post tagħha fil-kalendarju tar-raħal Malti u Għadxi. Meta għamel update tal-ktieb tiegħu madwar is-sena 1980, l-istess awtur kellu jammetti li l-profezija tiegħu ma kinitx seħħet, anzi ġara l-kuntrarju. F'ħafna rħula, inkluż Għajnsielem, il-festa, l-aktar dik esterna, żdiedet ħafna fil-popolarita' tagħha u aktar ma beda jgħaddi ż-żmien saret il-qofol tas-sena fir-raħal.

F'Għajnsielem, nistgħu ngħidu, li ma tistax timmaġina l-ħajja ta' dan ir-raħal mingħajrha. Infatti , xejn ma jisboq il-mument meta l-istatwa grazzjuża tal-Madonna ta' Loretu titfaċċa fil-bieb tal-Knisja l-Ġdida biex tibda l-purċissjoni annwali tagħha mat-toroq t' Għajnsielem. Dan li qed ngħid jappella għal qważi l-Festi kollha, iżda ma nkunx qed neżagera jekk ngħid li l-merħba li jagħti l-poplu t' Għajnsielem lill-patruna tiegħu, f'dak il-mument, ma jgħaddih ħadd. L-eluf ta' nies, Għajnselmiżi, Għawdxin, Maltin,emigranti u turisti li jkunu hemm huma xhieda ta' dan li qed ngħid.

### Meta saret l-ewwel Festa titulari f'Għajnsielem? Hemm xi deskrizzjoni miktuba tagħha?

L-ewwel festa titulari f'Għajnsielem tmur lura lejn l-1830 meta tlestiet il-knisja qadima tar-raħal . Dak iż-żmien għajnsielem kien jifforma parti minn-Nadur. Bħalma għid int, hemm deskrizzjoni ta' din il-festa li ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 16 ta' Diċembru ,1820 .Dak inhar saret quddiesa cantata bil-mużika iċċelebrata mill-Kanonku Dun Salvatore Muscat Bondi Cauchi tal-Knisja MatriċI , li fiha , wara l-Vanġelu , il-Kappillan tan-Nadur Dun Anton Scasciato niseġ il-paniġierku. Wara nofsinhar , Patri Ġann-Franġisk mill-Gudja , Gwardjan tal-Kapuċċini , għamel paniġirku ieħor.. Din l-ewwel festa t' Għajnsielem kienet bidet ġimgħa qabel meta nġieb minn-Nadur il-kwadru titulari, xogħol tal-pittur Mikiel Busuttil . Dikinhar (insibu miktub)li kif dalam "dehret tħeġġeġ luminazzjoni b'għadd kbir ta' fjakkli mxerrdin ma' kullimkien u meta daħal il-lejl sar logħob tan-nar fost l-entużjażmu kemm tan-nies tar-raħal u kemm tal-baranin"

### X'tgħidilna fil-qosor dwar il-festa fis-seklu Dsatax ? Kien hemm xi ħaġa tgħażilha minn festi oħra ?

Fis-seklu dsatax, biex nibda mill-atmosfera ġeneral, u anke fil-bidu tas-seklu Għoxrin , kien ikun hemm mixegħla ġenerali magħmula minn fjakkli, tazzi taż-żejt u ħuġġieġa fil-pjazza tal-knisja. Nafu li kienet tieħu sehem banda, kif ukoll orkestra, iżda fl-ewwel żminijiet tal-Festa ma nafux l-innijiet ta' dawk il-baned, bl-eċċezzjoni tal-banda militari Ingliżi li kienu ffurmati minn suldati stazzjonati fil-fortizza Chambray. Dawn bdew jużaw il-fortizza mill-gwerra tal-Krimea ' l





quddiem. Insibu li fl-1865 ħadet sehem il-Banda tat-Thirty First Reġiment, magħmula minn erbgħin suldat , filwaqt li fl-1820 u 1862, il-Banda tal-R.M.F. ħadet sehem ukoll. Is-suldati Ingliżi baqgħu jieħdu sehem regolarment billi jagħmlu "church parades" nhar il-Festa , meta kienu jinżlu l-Knisja "in full regalia" u wara ċ-ċeriimonja jerħulha għall-ħwienet tax-xorb numerużi tar-raħal, fejn darrew liż-żgħażagħ Għajnselmiżi jixorbu dik il-qartra żejda li għadha magħna sal-lum. Il- konnessjoni Ingliża ma tispiċċax hawn , għax insibu miktub li fl-1860, ċertu Ingliż Mr. M.N. Bointon ħallas erbgħa u għoxrin skud għall-"Gouco di Fuoco", ħaġa li huwa għamel f'diversi okkazzjonijiet oħra.

## Hemm xi drawwiet jew ġrajjiet partikulari konnessi mal-Festa tagħkom?

Meta nitkelmu dwar kif kienet issir il-Festa dari rridu nagħmlu sforz mentali biex nieħdu ħjiel tal-karatteristiċI tagħha. Per eżempju, drawwa li damet bosta minn fl-antik u li ilha li nqerdet għal kollox, kienet dik li nhar il-festa jtellgħu kajjikk jew biċċa oħrat al-baħar li ruħha fi sniena u din tingħata n-nar wara li tiġI miksija bil-qatran. Il-ġuventur tar-raħal kienu jagħmlu għors jaqbżu minnaħa għall-oħra fuq dan il-kejjik biex jimpressjonaw lix-xebbiet . Mhux darba jew tnejn li xi żagħżugħ li jkun ħa xi qatra żejda , kien għal xi ftit ma jispiċċax fin-nar.

Bħal dejjem fil-Festa, billi dak iż-żmien kienet taħbat f'nofs Settembru, kienet tiddependi mit-temp tal-lum ġie li jfalli, it-tbassir ta' ċertu bniedem , imlaqqam il-Budott, ma falla qatt tul hajtu. Dan il-Budott kien jitla' fuq il-bejt tal-knisja, iħares lejn ix-xefaq u jagħti l-parir tiegħu. Meta l-Budott xjieħ u l-garigor tal-knisja kien jaqtagħlu qalbu, kienu jtellgħuh ġo qoffa u baqa' sejjer hekk sakemm miet. Fuq it-tbassir tiegħu kienet tiddependi l-Festa.

Fl-antik, il-qofol tal-Festa ta' barra kien ikun il-marċ tas-Sibt , li kien jibda minn fuq il-Hamri . Dan kienet tagħlu banda Maltija. Barra l-istilel li kienu jakkumpanjaw il-marċ u jagħtu dehra unika, kien ikun hemm gassijiet ta' iżjed minn ħames piedi tul u ġirasoli li kienu jagħtu dehra veru brillanti. X'ħin il-marċ jasal fil-pjazza, il-gassijiet kienu jitwaħħlu mal-piramidi u hekk il-pjazza kienet timtela bil-kuluri talqawsalla.Karatteristika ta' dan il-marċ tas-Sibt kienu l-istilel (stil Venezjan) li kienu jinġarru minn Triq Hamri sal-pjazza fost il-briju kbir tal-folla. Dawn kienu bdew isiru madwar disgħin sena ilu u jafu l-bidu tagħhom lil Santu Cassar, puliżija Malti, ldilettant kbir tal-festa. L-aqwa żmien ta' dawn l-istilel kienu l-għoxrinijiet, it-Tletinijiet u xi snin minn wara l-gwerrra. Nafu li sa qabel il gwerrakien hemm madwar sitta u tletin stilla. Fost l-akitar imsemmija nsibu dawk imsejħa: L-Isperanza, it-TreRenju, il-Kuruna tal-Martri, il-Ġilju,il-Warda, in-nome di Marija, id-Dar tal-Madonna, iż-żewġ slaleb tal-Kavallieri u xi Bandalora kbira. Din it-tradizzjoni sabiħa llum mietet għal kollox.

## Hemm xi drawwa konnessa mal-festa interna?

Ħaġa li saret drawwa fil-festa ta' Għajnsielem hi li għall-festa interna tieħu sehem orkesta Maltija . Sa mill-1910 kienet tiġi l-orkestra ta' Dun Raffaele Mazzelli. Wara , lejn is-snin Tletin bidet tiġI l-orkestra ta' Antonio Pace. Antonio Pace kiteb l-Antifona tant maħbuba minn nies tar-raħal u l-Innu Populari, l-Esultanti. Dawn ġew miktuba fuq talba tal-Kappillan Mizzi. Wara li miet dan il-kappillan, 1948, bidet tiġI l-orkestra ta' Ġużeppi Camilleri minn tas-Sliema, biex imbagħad fil-bidu tas-Snin Sittin bidet tieħu sehem fil-funzjoniet interni l-kappella ta' Franco Diacono li għadha tonorana bis-sehem tagħha sal-lum.

## X' konnessjoni għandu l-mibki surmast Anthoy Aquilina mal-Festa tagħkom?

Konnessjoni intima. Wara l-qwerra bdiet tieħu sehem fil-Festa l-Banda "Duke of Comaught" ta' Birkirkara mmexxija minn dan is-surmast Aquilina li mill-ewwel sar popolari man-nies tar-raħal u kien jieħu sehem attiv fl-għors u l-briju tal-Festa. . Aquilina jibqa' rinomat f'dan ir-raħal minħabba l-marċ "Il-Madonna ta' Loretu" jew kif nafuh f'Għajnsielem il-"Viva x-Xemx". Il-marċ l-ieħor li ħalla huwa "Ta 'Kerew" li huwa marċ popolari ma. Malta kollha u mhux f'Għajnsielem biss.

Hawn ta' min isemmi wkoll l-ispinta li tat lill-Festa l-Banda San Ġużepp t' Għajnsielem f'dawn l-aħħar tletin sena . Nistgħu ngħidu li din il-Banda hija l-bażi tal-Festa Esterna u ma nistgħux nimmaġinaw il-Festa mingħajra. Dawn huma biss xi aspetti tal-Festa t'Għajnsielem u ċertament ma smmejniex kollox billi l-ħin kien limitat.



# L-Istorja ta' Għajnsielem tul iż-żminijiet

**Kitba ta Joe Scicluna**



Artiklu miktub mill-mibki Joe Scicluna fl-okkażjoni f'Jum il-Konsagrazzjoni tal-knisja l-Ġdida fl-1989

L-għajn ta' "Hain Salem", isimha mistur fl-ibgħad żminijiet, hi s-sors tal-komunita' ċkejkna li aktar tard kibret fir-raħal li wiret isimha - Għajnsielem. Kien madwarha li nbnew l-ewwel dwejriet li aktar infirxu ma' l-inħawi li llum jiffurmaw ir-raħal tagħna. L-għajn li kienet il-bidu tar-raħal kienet ukoll il-bidu tal-verżjoni spiritwali ta' Għajnsielem - il-parroċċa tal-Madonna ta' Loretu - għax kien madwarha li, skond it-tradizzjoni, saru l-ewwel passi li bihom il-parroċċa tagħna bdiet il-mixja tagħha lejn il-preżent.



Kien Dun Anton Cauchi, l-ewwel kappillan, li kiteb l-ewwel noti li fuqhom nistgħu nibnu l-istorja bikrija tal-parroċċa. Fil- "Miscellanea Notitiarum" li hu ġabar, niltaqgħu mal-leġġenda jew tradizzjoni dwar Anġlu Grech. Nistaqsu: leġġenda jew tradizzjoni? Forsi l-miżien jinżel fuq " tradizzjoni", iżda l-verita' tinsab mistura taħt is-sħab ta' bosta sekli u ma nistgħux inkunu ċerti. Biss, b'mod jew ieħor, l-istatwa tal-Madonna saret u madwarha kienu jitolbu l-ftit bdiewa u sajjieda li kienu jgħixu qrib il-għajn. U dawn bdew jiżdiedu - forsi l-bini tal-fortizza Chambrai kellu x' jaqsam ma' dan l-iżvilupp. Hekk jew hekk, nafu biċ-ċar, li mal bidu tas-Seklu Dsatax, dan in-nukleju ta' raħal beda jieħu l-identita' tiegħu u r-raħħala bdew jaħsbu b'serjeta akbar, għal bżonnijiet spiritwali tagħhom.



Tidħol hawn fix-xena l-figura ta' Indri Xuereb, imlaqqam "tal-Możrud", karattru li ser niltaqgħu miegħu bosta drabi fl-istorja tal-bini ta' l-ewwel knisja. Kien hu li ha l-inizjattiva u avviċina lil Franġisk Mercieca , imlaqqam "tal-Hanżira" biex imorru għand il-Kappillan tan-Nadur, biex jitolbuh tinbena Knisja. Marru u ħadulu bħala rigal sallura ta' ratal u nofs maqbuda fil-għajn - nota ħelwa u tipika Għawdxija din. Il-permess ingħata u x-xogħol beda fl-1810 u f'għaxar snin il-Knisja, li llum insejħulha l-qadima nbniet, spejjeż, kif jgħidulna d-dokumenti ta' Franġisk Mercieca u t-tħabrik kontinwu ta' Indri Xuereb. Jgħidulna d-dokumenti li saħansitra t-tfal kienu jgħinu fix-xogħol.

Il-knisja, mela, tlestiet; kienet differenti f'xi dettalji mill-forma li nafu biha llum. Kellha għamla ta' salib latin u l-istil kien Doriku. L-istatwa originali (dik li kienu jitolbu madwarha) tpoġġiet f'niċċa fil-faċċata. U fl-1820 ukoll saret l-ewwel festa, li bħal dawk li ġew warajha, ġiet ċelebrata sollennament, kemm il-festa interna u kemm esterna. Jgħidulna d-dokumenti "dehret tħeġġeġ luminazzjoni b'għadd kbir ta' fjakkli mxerrdin ma' kullimkien u meta daħal il-lejl sar logħob tan-nar fost il-konkors kemm tan-nies tar-raħal u l-barranin".

U Għajnsielem kompla jinfirex u jikber, satellita tan-Nadur, f'distanza konsiderevoli mill-knisja li tiegħu kienet il-Matriċi. Fil-bidu il-knisja l-qadima kienet biss Viċendarja iżda fl-1829 saret Viċi-Parroċċa. Saru diversi opri fiha, kemm ġewwa u kemm barra: Indri Xuereb kompla jistinka u Franġisk Mercieca baqa' juri l-ġenerożita' tiegħu bosta snin. Fl-1842 Dun Anton Cauchi mir-Rabat, laħaq Viċi - Parroku u l-mixja lejn l-"istatus" ta' parroċċa sħiħa u awtomoma qabdet mixja aktar mgħaġġla . Fl-1854 ingħata l-permess li

jsiru l-magħmudijiet fil-parroċċa, u l-ewwel tarbija li għammdet fiha kien jisimha Loreta Grima. Iż-żmien kien wasal li Għiajnsielem, li dak iż-żmien kellu populazzjoni ta' 833 ruħ, jinqata' għalih waħdu u jsir parroċċa.

Fil-fatt dan ġara fis-sena ta' wara (1855) b'digriet ta' l-Isqof Dei Conti Sant ta' 1 ta' April 1855. Dun Anton Cauchi sar l-ewwel kappillan ta' Għajnsielem. Il-Parroċċa l-ġdida kienet tikkonsisti fl-inħawi msejħa ta' "Hain Salem, Imġarr ix-Xini u Kemmuna". Il-bidu ma kienx ħafif: sena wara, fl-1856, Għawdex intlaqgħat mill-kolera u fl-1865, disa' snin wara, din reġgħet tfaċċat,. Daħlet Għawdex fil-21 ta' Lulju u spiċċat fl-24 ta' Ottubru ta' l-istess sena. L-lsqof Buttiġieġ kien ordna li l-istatwi titulari kollha jiġu esponuti għall-qima tal-poplu. Għajnsielem ma kellux statwa titulari u saret wegħda li tinġab waħda jekk il-Madonna tħares ir-raħal minn din il-marda qerrieda. Fil-fatt, kien Għajnsielem biss li ħelisha bla mittiefes u l-istatwa titulari, dik li aħna tant ngħożżu llum nġabet minn Marsilja.



Il-parroċċa kompliet tikber: taħt il-kappillan Pietru Pawl Galea l-knisja tkabbret u saru diversi opri fiha. Il-knisja giet ikkonsagrata fit-30 ta' Ġunju 1889, eżattament mitt sena ilu. Anke fi żmien il-Kappillan Anton Aquilina sar ħafna xogħol - qegħdin nitkellmu issa dwar l-ewwel għaxar snin ta' dan is-seklu. Kien żmien ta' prosperita' għal dan ir-raħal . Hafna nies kienu jaqilgħuha tajjeb mill-bizzilla u l-irgiel, bosta minnhom , kienu jaħdmu fuq il-bini tal-"breakwater" tal-Port il-Kbir fit-Tarzna . Dun Anton Aquilina dam Għajnsielem sal-1908 u wara li għal xi żmien kien hawn Dun Mawrizju Cauchi, f' Settembru 1909 laħaq Kappillan Dun Franġisk Mizzi. Dan kien saċerdot eżemplari, predikatur mill-aqwa u mixgħul bil-ħeġġa li jgib lil Għajnsielem u l-parroċċa tiegħu 'l-quddiem kemm spirtwalment u kemm materjalment. Fi żmienu twaqqfu diversi għaqdiet reliġjużi u saru diversi opri ta' valur artistiku fil-knisja l-qadima - insemmu biss l-erba' nkwadri (il-Kunċizzjoni, l-Annunzjazzjoni, Assunzjoni u t-twelid tal-Madonna), xogħol mill-aqwa tal-famuż pittur Malti Giuseppe Cali'. Kien fi żmienu wkoll li l-istatwa titulari giet renovata u ħadet id-dehra li aħna tant familjari magħha llum, xogħol din id-darba ta' Franġisk Coleiro u f'ċerti dettalji ta' Wistin Camilleri. Fl-1920 meta saret din ir-renovazzjoni saru festi kbar, fost briju kbir, baned Maltin u logħob tan-nar.



Iżda ċertament, l-akbar biċċa xogħol li daħal għaliha Dun Franġisk Mizzi kienet il-bini tal-Knisja l-Ġdida, it-tempju li qegħdin fih illum. Kien beda jinnota li r-raħal beda jikber ġmielu u għalhekk il-knisja l-Qadima ma kienx fiha spazju biżżejjed għall-populazzjoni li kienet bdiet, aktar ma jgħaddi ż-żmien, tiżdiet. Fil-bidu l-idea kienet li l-Knisja l-Qadima titkabbar, iżda billi, din il-knisja kienet ġiet imkabbra drabi oħra u minħabba li ma kienx hemm wisgħa biżżejjed biex jinbena tempju kif kien mixtieq , ġie deċiż li tinbena knisja ġdida. Għalhekk ninnotaw li f'Ottubru tal-1920 twaqqaf kumitat amministrattiv biex jieħu f'idejh dan ix-xogħol. Ġie magħżul il-post, mhux mingħajr diversi diffikultajiet u bsaten fir-roti. Ġie magħżul ukoll l-istil tat-tempju mill-Arkitett Malti Ugo Mallia- l-istil Gotiku Lombard li għandha l-knisja llum. In-nies tar-raħal kienu ħerqana u fil-bidu daħlu għax xogħol tal-pedamenti b'ħeġġa w entużjażmu. Il-ġurnata tat-tqegħid tal-pedament waslet u fit-23 ta' Ottubru 1923 u ftit żmien wara, fl-14 ta' Settembru 1924 tqegħdet l-ewwel ġebla mill-Isqof t' Għawdex , dak iż-żmien Mons. Mikiel Gonzi.

Ix-xogħol beda u bdew jitfaċċaw id-diffikuitajiet. Naraw li fl-1928 ix-xogħol waqaf billi l-ħaddiema marru jaħdmu fuq proġett ieħor f'Malta. Fl-1930 imbagħad, ftit wara li x-xogħol reġa beda, il-bennej ta' dak iż-żmien refa' mix-xogħol. Gie mqabbad bennej ieħor li wara xi żmien waqaf ukoll. Waslet il-gwerra tal-1939 u x-xogħol kompla stagna - saħansitra ħarget ix-xnieha li l-Madonna ma riditx li tinbena l-Knisja l-Ġdida il-kappillan Mizzi, minkejja dan kollu, baqa' jistinka. Fl-1947 ġie mqabbad il-bennej Toni Vella iżda dan il-ħaddiem kuraġġuż ma





kellux xorti ma' din il-knisja. Darbtejn waqa' minn għoli konsiderevoli u ma ttentax xortih aktar. Kif stqarr l-istess Toni, it-tielet waħda kienet żgur tkun fatali. Wara dan, il-moral tar-raħal dwar il-bini tal-laħaq il-qiegħ.
lżda wara Ii l-Kan. Espedito Tabone sar kappiilan fl-1955, xaqq dawl feġġ fix-xefaq. Fid-diskors Ii kien għamel fil-ġurnata tal-pusess tiegħu kien qal ċar u tond Ii kien ser jagħmel minn kollox biex igib fit-tmiem il-bini tal-knisja l-Ġdida. Beda I-ewwel iħejji l-bażi finanzjarja u sal-bidu tal-1962 kellu "fund" konsiderevoli biex jerġa jibda x-xogħol din id-darba taħt id-direzzjoni tal-Perit D' Amato u l-bennej Vitor VeIla. Il-poplu t' Għajnsielem wieġeb għall-inizjattiva tal-Kappillan Tabone u kkontribwixxa kemm b'xogħol u kemm finanzjarjament. Wara l-mewt tal-Perit D' Amato, postu ħadu I-perit Għawdxi Joseph Mizzi u warajh Joe Ellul Vincenti Ii taħtu l-knisja tlestiet . Vitor Vella u sħabu ħadmu bis-sħiħ - insemmu fost dawn lil Emanuel Saliba minn Għajnsielem Ii daħal għall-bini tal-kampnar Ii għal ħafna kienet I-akbar biċċa xogħol diffiċli tal-proġett kollu. Il-koppla kienet tlestiet f'Marzu tal-1974, iI-kampnar tlesta fl-1979. FI-1978 il-Knisja l-Ġdida nfetħet għas-servizz tal-poplu. llum fl-1989 qegħda tiġi kkonsagrata mitt sena wara oħtha l-qadima, ftit il-bogħod minnha, fiċ-ċentru tar-raħal.



Ma' dan ix-xogħol kollu konness mal-bini tal-Knisja l-Ġdida l-parroċċa baqgħet tivviluppa. Wara l-mewt tal-Kappillan Mizzi f'Ġunju tat-1948, laħaq floku l-Kappillan Xerri Ii dam sal-1955 meta kif rajna laħaq Kappillan il-Kan Espedito Tabone . Fis sena 1965 il-Parroċċa ġiet mgħollija għad-dinjita' Arċipretali u għalhekk il-Kan. Tabone sar I-ewwel Arċipriet tagħha biex imbagħad fl-1981 laħaq warajh Dun Gużepp Żerafa. Tul is-snin il-parroċċa ssaħħet spiritwalment b'diversi għaqdiet reliġjuzi Ii llum saru parti ntegrali mill-ħajja reliġjuza tar-raħal. Il-poplu tar-raħal, speċjalment l-emigranti, baqa' jieħu sehem attiv u jikkontribwixxi opri ġodda fil-knisja l-ġdida Ii qegħda, aktar ma jgħaddi żmien, tiġi attrezzata b'xogħiijiet Ii jagħmlulha ġieh. Fl-aħħarnett insemmu biss li l-festa tar-raħal, Ii bidu tagħha fl-1820, hija mezz ta' għaqda għall-parroċċa: kemm f'dawk Ii huma festi interni u kemm esterni.

llum, f'din l-okkażjoni ta' ferħ, nagħtu tislima lil dawk kollha Ii b'mod jew ieħor taw sehemhom lill-parroċċa tagħna tul iż-żminijiet: nies mingħajr l-ebda pretensjoni, personaġġi kemm reliġjużi u kemm Iajċi Ii flimkien nisġu t-tapezzerija Ii ffurmat I-istorja miż-żminijiet imbegħda ta' Anglu Grech mijiet ta' snin ilu sal-bini tal-Knisja I-Ġdida f'dan is-seklu. Hi storja mżewqa b'tamiet u diżappunti, xogħol u tbatija, wegħdiet u grazzji. Mhux dejjem kienu żminijiet sbieħ: illum fl-1989, b'ulied Għajnsieiem mifruxin ma' l-erbat' irjieħ tad-dinja, jgħixu ħajja Ii materjaiment m'hi nieqsa minn xejn, forsi ma napprezzawx kemm kienet iebsa l-ħajja tan-nies tar-raħal, ħamsin, mija, mitejn sena ilu meta forsi aktar minnha illum kienu jersqu lejn il-knisja b'sens ta' devozzjoni u tama. Fil-komuni matul dawn iż-żminijiet kollha hu madankollu evidenti: l-imħabba tal-poplu kemm jekk bidwi, kemm jekk sajjied jew baħri jew ta' mestier ieħor, lejn il-padruna tal-parroċċa tiegħu. Kemm fil-bidu meta kien jinġabar fin-numru żgħir tiegħu madwar l-istatwa tagħha biex jgħid ir-rużarju, kemm meta ħeles mill-pesta u bħala ringrazzjament ġieb l-istatwa titulari u kemm meta, f'dan is-seklu, wara ħafna qtiegħ il-qalb inbena t-tempju li llum hu l-għożża tar-raħal. Hawn illum f'din l-okkażjoni ta' ferħ, nerfgħu l-ħsibijiet tagħna lejha u nitolbuha bħal missirijietna, biex iżżomm idejha fuqna u fuq Għajnsielem tagħna.



# CHRIS MIFSUD

Carpenter

***Garden Street,***
***Għajnsielem***
***Tel: 2156 1167***

***www.ghajnsielem.com***




KTIEB DWAR
IL-HAJJA TAL-MAGGUR
ANTHONY AQUILINA

Awtur Victor Galea

Għall-bejgħ mill-Każin tal-Banda San Ġużepp
għall-prezz ta' €10.50

# Mill-Album tal-imgħoddi

## Ritratti meħudin minn Ġużeppi Cauchi

Il-bandist veteran Ġużeppi Cauchi hu magħruf minn kulħadd għall-kollezzjoni ta' ritratti li hu stess ġibed fuq perjodu ta' 40 sena. Ġużeppi rnexxielu jippreserva ħafna mill-ġrajjiet li seħħew fir-raħal t' Għajnsielem matul is-seklu għoxrin. Dawn huma ftit mir-ritratti li Ġużeppi għoġbu jaqsam magħna.



*Bini tal-Moll 17 ta' Lulju 1973*



*Bidu tal-Koppla 1970*



*Demostrazzjoni - Kelinu Sangristan*



*Salvu l-Lajlot*



*Karmnu tal-Malkaw*



*Il-Vapuri l-qodma - 14 ta' Mejju 1979*



*Dgħajjes tal-Latini*



*Inċident ħdejn il-playing field - 22 ta' Jannar, 1970*



*Ftuħ tal-Playing Field*



*Dgħajjes tal-pass*



*Torri ta' Kerrew - 2 ta' Jannar 1970*

# Il-Każin tal-Armar



Fi Triq il-Ġnien, Għajnsielem, qabel ma Ġanni Curmi, tal-Ġirbi, kien bena dak il-lok fejn illum għad hemm toqgħod bintu Ursla u żewġha Loretu Grima, kien hemm mezzanin qadim, li fih kważi ma kien għad baqa' ebda sinjal ta' tibjid disinjat u li kien, jekk għadni niftakar sew, jikkonsisti minn intrata, kamra laterali u bitħa u dak il-mezzanin konna nsejħulu l-Każin ta' l-Armar, għax fih kien jinżamm il-ftit armar ta' barra tal-festa u xi oġġetti oħra li kellha l-parroċċa tagħna.



Min jaf kemm-il-darba, aħna ta' tfal li konna, kemm drabi morna fih fejn kien ikunu hemm Karmnu Galea Rapa, imlaqqam tal-Bużaqq, diletant kbir u ħabrieki tal-festa, Pawlu Zerafa, missier il-Mons.Ġużepp Zerafa u dilettanti oħra,u żgur magħhom ma kienx jonqos Mikiel Borg tax-Xelin, ħajjat u organista, li kien jieħu ħsieb jitwi bil-għaqal kollu u jżomm b'kura d-drapp tal- ftit armar tat-triqat li kellna, tant li kien iżommu magħluq ġo kaxxa ta' l-injam. Mur ġibom illum lil dawk id-dilettanti ta' qabilna u jaraw l-armar li llum għandna fill-pjazza l-kbira tagħna.! Huma kienu ferħanin bil-ftit li kellhom u aħna llum nifirħu b'dak li għandna.



L-armar li kien jinħażen f'dak il-Każin kien jikkonsisti fi ftit kolonni, xi piramidi tal-ħadid li jintramaw fil-pjazza ż-żgħira u mat-triq tal-puċissjoni għad-dwal tat-tazzi li wara bdew iservu għad-dawl elettriku. Kien hemm żewġ kuruni kbar li magħhom kienu jintrabtu erba' ventijiet bil-bandieri żgħar li żgur kienu meħjuta minn Mikiel Borg. Kien hemm żewġ angli kbar u tnejn oħra żgħar, sitt kolonni oħra għal fejn illum jinsab it-Tony's Bar, xi piramidi oħra u xi ftit trofej għad-dawra tal-purċissjoni, l-armi u d-drapp tal-bandalori, forsi xi maskli tal-ħadid għall-isparar u nsemmi wkoll l-iskarpellina tal-ħadid li biha Toni Demanuela, in-Naqqa, kull sena kien iħaffer it-toqob ta' l-armar għax ma ma kienux jeżistu toqob bis-siment permanenti bħal tal-lum.B'din l-iskarpellina kienu jitħaffru wkoll it-toqob għan-nar ta' l-art.Inżid ngħid li fil-każin kienu jintrefgħu wkoll il-fallakki u l-istrippi tal-palk il-qadim.



Ma' dan li għidt forsi nista' nżid li kien hemm, ħa nsejħilhom hekk 'teżori' li għabu. Kien hemm kurċifiss kbir fuq salib iswed, li naħseb li kien jintuża qabel ma nġab dak ta' Leċċe li hemm fl-knisja l-qadima; kien hemm statwa tar-Redentur, hekk imsejjaħ l-imgħobbi, pedestal goff, li kif nassumi kien jintuża fil-festi sekondarji qabel ma sar il-pedestal indurat, kien hemm loppa sabiħa u maħduma sew ,li tidher li kienet qiegħda ssir għat-tużell, u sopraporta mhux kompluta bl-iskultura. Kiem hemm ukoll 4 kapitelli tal-ġibs u erba' kolonni, li kienu ntużaw għat-tribuna li fil-Kungress Ewkaristiku Djoċesan, li kien sar fil-1929 kienet intramat quddiem il-knisja ta' Lourdes għall-Barka tal-baħar. Kien hemm ukoll 4 lasti għall-

istandardi tal-marċ tal-Ħadd li kien jibda minn Triq Ħamri u jispiċċa fil-pjazza. Dawn l-istandardi wieħed kien tal-Madonna, ieħor tal-Papa, dak Malti u ieħor kien qisu xi Royal Standard ingliż li qatt ma kont naf x'ifisser. F'dak il-lok kienu jinħadmu l-istilel tal-marċ, imsejjaħ Alla Veneziana li kien jibda minn Triq Ħamri għal ġoll-lpjazza s-Sibt lejlet il-festa. Qalb dak it-tħaxwix tal-biċċiet tal-karti li bihom kienu jinħadmu l-istilel, għajr riħa tinten tal-kolla u xi għanja ta' xi għasfur ma kontx tistenna xejn hemm hekk.

Fost l-istilel li għadni niftakar li kont nara jinħadmu jew mill-ġdid jiġu nfurrati kien hemm żgur Il Nome di Maria maħduma mill-virgi rqaq tal-ħadid, li naħseb li kien ħadimha Ġużeppi Cutajar tar-Raġel, żewġ bandalori kbar impittra, La Speranza, it- Tiara li konna nsejħulha it-Trerenju, 'l IHS, żewġ slaleb tal-kavalieri, stella kbira, li jidhirli kienet bi tminn ponot, li kien ħadima Karmu Galea Rapa ġos-sagristija ta' Lourdes, il-ġilju maħdum minn Pawlu Zerafa li jiġi missier Mons. Ġużepp Zerafa, salib kbir b'żewġ tiqlub, waħda ta' Ġesu' u qalb oħra tal-Madonna, id-Dar ta' Loretu u forsi xi oħrajn, li llum ħarbu mill-memorja tiegħi.Dawn kienu ħaġa tipika ta' Għajnsielem, kienu nfurrati bil-karti tal-kulur u b'xi disinni fuqhom.

Dawn l-istilel kienu jinxtegħlu bix-xama' u aktarx kienu jixtegħlu kważi fil-bidu ta' Triq Ħamri fejn illum joqgħod Fredu Scicluna, il-mekkanik. Jekk minhiex sejjer żball għall-bidu kienu jħallsu xi ħaġa dawk li jġorruhom, imma meta beda jsir dak iż-żfin fil-marċijiet ma tantx kien faċli ssib min jerfagħhom u allura issa għabu għal kollox

llum flok dak il-każin, bil-ħidma għaqlija ta' xi żgħażagħ u bl-approvazzjoni tas-superjuri, Għajnsielem għandu Maħżen ta' l-Armar kbir u komdu fejn il-Għaqda ta' l-Armar għandha fejn tistiva sew l-armar kollu tal-festa tagħna.

Nawguraw lill- Għaqda tal-Armar suċċessi ikbar.

28-2-2008

***Dun Karm Cassar.***



# Il-Ħajja Soċjali u Ekonomika f'Għajnsielem fl-imgħoddi

## *Nota: Din hija intervista li kienet saret minn studenta lil mibki Joe Scicluna, għalliem u studjuż*

**X'importanza kellha l-Għajn ta' Hain Salem għar-raħal?**

Importanza kbira. Barra li tat l-isem lir-raħal li nbena madwarha għandha importanza kbira bħala l-lokal fejn bdiet ukoll l-istorja reliġjuża tar-raħal bħal ma qal Lelio Spiteri. Fl-1710 , il-Gran Mastru Perellos kien ordna li tinbena arkata madwar l-Għajn, sinjal li anke f'dawk iż-żminijiet imbegħda, kien hawn nies joqgħdu f'dawk in-naħiet. Taħt l-arkati ġew imqiegħda sitt iħwat, bl-ilma ġieri mill-għajn ikkumunikat għal ġo fihom. Dawn il-faċilitajiet kienu importanti ħafna għan-nies li fl-aħħar tas-Seklu Tmintax u l-bidu tas-Seklu Dsatax bdew, f'numru akbar, jgħixu hawn. In-nisa tar-raħal bdew jieħdu l-ħasla tagħhom hemm u wara xi żmien sar ċentru fejn jiltaqgħu kuljum parti sostanzjali mill-poppulazzjoni femminili tar-raħal: min iġorr, min iredden, min jiġġieled biex jaħkem post biex jagħmel il-ħasla tiegħu. Kien post fejn min kien ikun l-ewwel jisserva u mhux darba li nqagħlu argumenti sħan. Dan kien il-post fejn kont tmur biex tisma' l-aħbarijiet tar-raħal: x'għamel dak, x'kellha dik, x'sofrew dawk . Fil-għodu l-inħawi ta' l-Għajn kienu jkunu miżgħudin bin-nies u rari kien il-każ meta l-Għajn ma kinitx użata. Il-problema l-kbira kienet l-indafa: maż-żmien dawk l-inħawi saru post fejn jinġema' ħafna ħmieġ u skart u ma' nofs is-seklu għoxrin din il-problema saret waħda predominanti. Fl-1954 l-Għajn bl-arkata magħha intradmet u l-post li ta' l-isem lir-raħal inqered.



**Tista' tagħti ideja kif l-Għajnselmiżi ta' dari kienu jqattgħu l-ġurnata tagħhom?**

Mela, sa qabel tlugħ ix-xemx in-nies kienu jkunu diġa' qamu,. Il-baħrin fuq id-dgħajjes tal-Latini kienu jkunu diġa' fuq triqthom, lejn il-Port il-Kbir. Qabel ma kellhom il-magni kien ikollhom jiddependu fuq il-qlugħ. F'dawk iż-żminijiet ta' qabel il-magni kienu jaslu l-Port filgħaxija. Meta ma kienx ikun hemm riħ favorevoli kien ikollhom jaqdfu. Wara li jħottu u jerġgħu jgħabbu kienu jmoruu lura lejn Għawdex filgħodu. Mhux darba li seħħew inċidenti koroħ matul il-vjaġġi speċjalment fix-Xitwa.

Is-sajjieda kienu jirritornaw mas-sebħ filwaqt li l-bdiewa kienu jkunu diġa' fl-għelieqi tagħhom qabel ma tibda tisreġ ix-xemx. In-nisa, bħal ma għidna qabel kienu jkunu fl-inħawi tal-Għajn u t-tfal imlaħħqin kienu jgħinu fil-faċendi tad-dar jew lil missierhom fl-għalqa. Sat-



tmienja n-nisa jkunu lestu mill-ħasla u bdew jippreparaw l-ikla ta' nofs in-baħar, filwaqt li t-tfal, mhux kollha, kienu jkunu lesti għall-iskola. Madwar id-disa' n-nisa kienu jmorru l-forn biex jgħaġnu d-dqiq : dan kien ix-





xogħol tal-mara tad-dar u għalkemm kien hemm nisa li kienu jagħmlu dan ix-xogħol, l-għaġa kienet taqa' fuqom. Wara nofinhar, jekk kien ikollhom ċans, bosta nisa u xbejbiet kienu jaħdmu l-bizzilla biex forsi jżidu xi dħul mal-paga miżera ta' żwieġhom. Hafna drabi kienu jiġu sfruttati minn negużjanti li jixtru mingħadhom. Ma nżul ix-xemx l-irġiel kienu jterrrqu minn Ta' Passi wara li x-xogħol fix-Xatt jispiċċa, jew minn Imġarr ix-Xini, ix-Xatt l-Aħmar jew Ta' Kaxxa lejn djarhom. Bl-Ave Marija tidwi f'widnejhom, l-Għajnselmiżi kienu jerħula lejn il-knisja għall-barka u wara l-irġiel kienu jmorru jniżżlu pinta jew tnejn fid-diversi ħwienet tax-xorb li bihom kien miżgħud ir-raħal. U hekk kienet tintemm il-ġurnata.



## X'importanza kellha l-Fortizza Chambray fil-ħajja tar-raħal ?

Għal ħafna żmien, minn nofs is-seklu l-ieħor sa wara l-Ewwel Gwerra, kien hemm is-suldati Ingliżi f' Ghambrai. Dawn ġew stazzjonati hemm l-ewwel fi żmien il-gwerra tal-Kremea u mbagħad diversi reġimenti baqgħu jużaw il-Fortizza bħala rest camp speċjalmernt fiż-mien il-Gwerra tat-Transvaal u l-Ewwel Gwerra, l-aktar wara d-disfatta ta' Gallipoli. Dawn is-suldati kollha fl-inħawi tar-raħal kellhom kuntatti varji mal-Għajnselmiżi, u kienu sors ta' qligħ għan-nies tar-raħal li kienu jfornuhom bil-ħtiġijiet tagħhom . Mhux biss kienu jipprovdulhom ikel, ħxejjex u frott iżda wkoll kienu jaħslulhom l-uniformijiet u ħwejjeġ oħra tagħhom. Il-familji tas-suldati li kienu jkunu alloġġjati fil-Married Quarters kienu wkoll jiġu pprovduti minn servizzi neċessarji bħal, ngħidu aħna, tisjir kif ukoll ħasil ta' ħwejjeġ u xi nisa kienu wkoll jeħdulhom ħsieb it-tfal.



Is-suldati kienu wkoll jinżlu r-raħal bil-famużi church parades tagħhom u wara s-servizz tal-Knisja jitilqulha għal ġol-ħwienet tax-xorb. Dawn is-suldati f'Chambray kienu fattur importanti wkoll fl-introduzzjoni tal-futbol fi gżiritna u mhux ta' b'xejn li l-futbol f'Għawdex beda f'dan ir-raħal.



## X'importanza kellu l-Port ta' l-Imġarr (jew kif jafuh in-nies tar-raħal) bħalha x-Xatt fil-ħajja tar-raħal ?

Kellu importanza determinanti.. Ix-Xatt hu l-port prinċipali t' Għawdex – minnu jgħaddu l-maġġoranza kbira tan-nies li jiġu jew jitilqu minn Għawdex, kif ukoll il-merkanzija kollha li tiġi esportata jew importata..

Fil-qedem kienet titlaq minn hemm "il-magħdija" it-trasport inċert u perikoluż bejn il-gżejjer. Aktar riċenti kien hemm id-dgħajjes tal-Pass, id-dgħajjes t' Għawdex jew kif inhuma wkoll magħrufa bħala 'd-dgħajjes tal-Latini. Il-maġġoranza tal-baħrin kif ukoll il-patruni ta' ħafna minn dawn id-dgħajjes kienu baħrin minn Għajnsielem . Sa għoxrin sena ilu dawn id-dgħajjes kienu sors ta' impieġ għaż-żgħażagħ u ħafna minnhom li ma kinux ikomplu l-iskola kienu jmorru jaħdmu fuqhom. Ix-xogħol fuqhom kien iebes ħafna u ħafna żgħażagħ Għajnselmiżi illum lanqass biss għandhom ideja tat-tbatija li kienu jsofru dawn il-baħrin żgħażagħ għal ftit qligħ ta' flus li kienu jaqilgħu minn fuqhom. Kienu jitilqu mix-Xatt fl-erbgħa ta' filgħodu, iħabbtu wiċċhom mal-ksieħ u l-qilla tal-baħar li speċjalment fix-Xitwa ma kinitx tkun esperjienza sabiħa. Bħal ma għidna qabel ma kienx hawn magni, kienu jafdaw fil-qlugħ.





Hekk kif jaslu l-Port il-Kbir kienu jħottu t-tagħbija minn Għawdex u jgħabbu t-tagħbija l-oħra li kienu ser jieħdu lura. Niftakarhom ġejjin lura għal ħabta tas-sagħtejn, jitfaċċaw mill-Imnieri, jissieltu mal-ħalel li joffri l-Fliegu. Malli jaslu kienu jħottu u mbagħad jerġgħu jgħabbu bil-lest għal ġurnata ta' wara. Fis-sajf, meta jkun hawn aktar kummerċ kienu jaqilgħuha mhux ħażin iżda t-tbatija kienet ukoll tkun akbar. Kien fuq dawn id-dgħajjes li ħafna żgħażagħ Għajnselmiżi kellhom l-ewwel esperjienza tagħhom fuq il-baħar biex imbagħad wara jinġaġġaw fuq vapuri merkantili kbar u jibdew isiefru ma' kull naħa tad-dinja. Barra l-baħrin, fix-Xatt kienu u għad hemm ħafna sajjieda: biss is-sajjieda ħafna minnhomhuma minn diversi rħula oħrajn u minħabba l-ħin mhux ser intawlu fuqhom.

### Il-gżira ta' Kemmuna tagħmel parti mir-raħal t' Għajnsielem? Tista' tatgħina xi tagħrif dwar din il-gżira u l-konnessjoni tagħha mar-raħal tagħkom?

Din il-gżira, sa minn meta Għajnsielem sar parroċċa fl-1855 ifformat parti minn Għajnsielem. L-istorja tagħha fiha xi spunti interessanti għalkemm ngħidu li l-aktar li jafuha kienu l-furbani li kienu jistaħbew fl-għerien tagħha biex jaqbżu fuq ix-xwieni u dgħajjes li fil-qedem kienu jaqsmu l-fliegu. Nafu li isimha x'aktarx li ġej minn "Kemmun" , prodott li kien jiġi kkultivat fuqha għalkemm din it-teorija għandha ħafna rivali u hemm diversi spiegazzjonijiet oħra għal isimha.

Fil-Bajja ta' Santa Marija fl-1912 kien instab skeletru ta' bniedem twil sitt piedi u żewġ pulzieri li Temi Zammit u Napuljun Tagliaferro kienu qalu li hu ta' xi ġentlom Ruman li kien jgħix hemm. Fil-Medju Evu kien jgħix fuqha eremita Spanjol Abran Abulaifa li kien ġie mkeċċi minn pajjiżu minħabba l-opinjonijiet eretiċI tiegħu. Fi żmien il-kavallieri fl-1618 nbena t-Torri tal-Mazz fuq l-ogħla parti tal-gżira biex jgħasses il-Fliegu. Il-Knisja li għadha miftuħa sal-lum hi ddedikata lir-Ritorn tal-Familja Mqaddsa mill-Eġittu.

Illum Kemmuna hija l-ewwelnett post ta' villeġġjatura . Il-lukanda lussuża li hemm fil-bajja ta' San Niklaw u l-estensjoni tagħha ħdejn il-bajja ta' Santa Marija jospitaw eluf ta' nies fis-sena u jħaddmu ħafna Għawdxin, fosthom numru mdaqqas ta' Għajnselmiżi. Bejn il-Kmiemen (jew il-Blue Lagoon) joffri qatgħa ta' baħar mill-isbaħ li hawn fid-dinja u hu popolari ma' mijiet ta' turisti u ħafna laneċ u 'pleasure boats' li jiffrekwentawh. Din il-popolarita' tagħha u l-ħmieġ li jħallu n-nies u l-laneċ hija l-prezz li Kemmuna jkollha tħallas għas-sbuħija tagħha.

Dawn huma biss xi aspetti tal-ħajja Għajnselmiża fil-passat. Bla dubju, stajna messejna ħafna aktar punti iżda fil-ħin limitat I kellna ma stajniex intawlu.

# Ħarsa lejn il-Festa Sant'Antnin 2008 f'Għajnsielem

**Fra Lorrie Zerafa ofm**









Fi ħdan il-komunita' parrokjali tagħna tinsab il-Fraternita' Franġiskana u aħna wkoll niċċelebraw il-festa, festa ad unur Sant'Antnin ta' Padova, duttur ta' l-Evanġelju. Din is-sena ġiet iċċelebrata fl-ewwel Ħadd ta' Ġunju. Bħal kull qabel festa oħra jsiru diversi preparamenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' organizazzjoni u armar. L-iktar prijorita' li tagħti l-komunita hi dik tal-preparazzjoni spiritwali li l-festa tkun trid tħalli l-effett tagħha għal matul is-sena kollha. Il-poplu ta' Għajnsielem għandu għax ikun kburi li fi ħdanu jiġu ċċelebrati żewġ festi li ma jagħmlux għajb lir-raħal. Nistgħu ngħidu li l-preparazzjonijiet għall-festa ta' Sant'Antnin din is-sena bdew mit-18 ta' Marzu, bit-tlettax -il Tlieta f'ġieħ il-qaddis tagħna, li ġew immexxija mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada u mill-viċi parroku Fr. Joe Cardona fejn dawn qassmu magħna esperjenzi dwar il-ħajja ta' Sant'Antnin u l-priedki tiegħu. Minn hawn nixtieq nirringrazzjahom tal-koperażżjoni u support li dejjem urew mal-komunita' Franġiskana.

Il-qofol ta' dawn iċ-ċelebrażżjonijiet kien fil-ġimgħa ta' bejn l-24 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju. Is-Sibt, 24 ta' Mejju, l-istatwa ta' Sant'Antnin ġiet maħruġa minn ġon-niċċa fejn tpoġġiet fil-post tagħha fost iċ-ċapċip u kant ta' l-innu. Il-Hadd filgħodu wara l-quddies tat-8.30 sar il-Vjatku solenni u tqarbin tal-morda u anzjani fi djarhom. Filgħaxija mbagħad kien hemm quddies għall-Benefatturi ħajjin u mejtin u wara riċeviment għal kulħadd fil-kunvent. It-Tnejn kien Jum il-Morda u Anzjani fejn fil-quddies li kienet mmexxija mill-Gwardjan Fra Raymond Camilleri ofm, ġiet amministrata id-dilka taż-żejt tal-morda. It-Tlieta kien il-jum speċjali ta' l-Abbatini, tal-Kor u tat-tfal speċjalment dawk li jattendu l-Knisja tagħna. Qabel il-quddies kien hemm purċissjoni bl-istatwa żgħira ta' Sant'Antnin immexxija mit-tfal stess u wara quddiesa li kienet mmexxija mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada. Wara l-Evangelju, it-tfal għamlu play u żifna sabiħa dwar il-ħajja ta' Sant'Antnin ta' Padova. Kien hemm ukoll il-Vestizzjoni ta' l-Abbattini l-ġodda li huma Adrian Demanuele, Lucas Farrugia u James Vella. Joseph Attard gie maħtur bħala l-prefett ta' l-Abbatini. Mument speċjali u mistenni ħafna mit-tfal huwa xħin fl-aħħar tal-quddiesa ġew imsejħa tnejn minnhom li ġew magħżula bħala l-aħjar abbati u l-aħjar waħda fil-kor. Dawn kienu Neville Grech u Lauriann Azzopardi fejn ingħataw tifkira ta' din l-okkażjoni fost iċ-ċapċip ta' sħabhom u ta' dawk preżenti. Fl-aħħar tal-quddiesa l-Arċipriet ippreżenta t-trabi lil Sant'Antnin. Wara kien hemm party fiċ-ċentru għat-tfal kollha. Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lil kull wieħed u waħda minnħom tas-servizz tant siewi li jagħtu. L-Erbgħa, l-Ħamis u l-Ġimgħa kienu l-jiem tat-Tridu bi preparazzjoni għall-festa. Dawn kienu mmexxija minn Kan. Dun Joe Zammit Arċipriet tal-Parroċċa tal-Qala, Fra Gabriel Micallef ofm u Mons Salv Muscat Arċipriet tal-Parroċċa tan-Nadur filwaqt li matul dawn it-tlett ijiem ippriedka





l-ex Ministru Provinċjal, Fra Pawl Galea ofm. Il-Ġimgħa filgħaxija kien hemm pizza u tombla b'risq il-festa fiċ-ċentru Sant'Antnin. Is-Sibt, lejlet il-Festa filgħaxija fis-7.00 kellna t-translazzjoni bir-relikwa ta' Sant'Antnin mmexxija mill-Ministru Provinċjal Fra Sandro Overend ofm u wara ġiet iċċelebrata l-quddiesa pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons Mario Grech Isqof ta' Għawdex. Fid-9.30 kien hemm il-marċ bl-istatwa ta' Sant'Antnin minn naħa t'isfel tat-triq sa quddiem il-Knisja fejn ittellgħet l-istatwa fuq il-pedestall. Il-Ħadd jum il-Festa fis-6.00am quddiesa, fis-7.00am quddiesa mmexxija mill-Arċipriet tal-Parroċċa, fit-8.30am quddiesa solenni u konċelebrata mmexxija mill-Ministru Provinċjal fejn wara l-Evanġelju niseġ tifħir lil Sant'Antnin. Wara l-quddiesa ġie mbierek u mqassam il-ħobż b'tifkira ta' Sant'Antnin. Fil-11.00am kien hemm quddiesa oħra. Fis-6.00pm għasar solenni mmexxi mill-Gwardjan u fis-6.30 quddiesa mmexxija minn Fra Raymond Falzon ofm b'radd il-ħajr ta' l-għeluq il-25 sena fis-saċerdozju. Fis-6.00 minn naħa t'isfel ta' Triq Sant'Antnin il-Banda Ite Ad Joseph tal-Qala għamlet marċ sa quddiem iz-zuntier. Fit-8.00 bdiet ħierga l-purċissjoni bl-istatwa devota tal-qaddis ta' Padova u l-Banda tar-raħal tagħna, il-Banda San Ġużepp laqgħetu bid-daqq ta' l-innijiet. Fit-8.15 il-Banda Mnarja tan-Nadur esegwixxiet program fuq iz-zuntier tal-Knisja. Il-Banda San Ġużepp akkumpanjat il-Purċissjoni mat-Toroq Sant'Antnin, Gudja, u Ħamri u l-logħob tan-nar ma naqasx. Fl-10.00 daħlet il-purċissjoni, tkantat l-Antifona u ingħatat il-barka sagramentali. Nirringrazzja lit-tliet baned ta' l-irħula tal-madwar b'mod speċjali lil kumitat, surmast u l-bandisti ta' Għajnsielem kif ukoll lil orkestra Għajnsielem Ensemble mmexxija mill-Mro Frankie Debono u wkoll il-Kor Sant'Antnin li kien tħat id-direzzjoni tas-Sur Tony Galea.

Għal din is-sena żżanżnu diversi opri ġodda fosthom ir-restawr ta' l-erbgħa vintartali, umbrella tas-sagrament, trasport tar-rakmu fuq vintartal u ibbanjar fil-fidda ta' kalċi, baċir u plattini tal-ħasil ta' l-idejn. F'dak li jirrigwarda armar ta' barra sar restawr fil-luminazzjoni tad-dawl tal-koppla u fundispiżju, bieb tal-maħżen gdid, festun għall-parti t'isfel ta' Triq Sant'Antnin u diversi bandalori. Nixtieq nirringrazzja lil Rudolph Cauchi f'isem l-għaqda ta' l-armar ta' Għajnsielem tal-koperażżjoni u għajnuna li dejjem sibna.

Jekk inħarsu lura u nevalwaw żgur li fadal xi jsir pero nistgħu ngħidu li l-għanijiet li għalihom saret il-festa ntlaħħqu u ħallew il-frott mixtieq.

Il-Festa ta' din is-sena kienet ikkaretterizzata wkoll bil-kapitlu provinċjali li sar bejn it-12 u 16 ta' Mejju. Waqt il-kapitlu ġie elett Ministru Provinċjal ġdid Fra Sandro Overend ofm li bejn Diċembru 2006 u Gunju 2007 kien jagħmel parti mill-Fraternita' Frangiskana tagħna ġewwa Għajnsielem. Bħala vigarju provinċjali ġie elett Fra Richard Grech ofm li ta' min jgħid li għandu familjari tiegħu mir-raħal tagħna.

Waħda mill-ewwel impennji li kellu l-Provinċjal, jumejn wara li gie elett kienet li jagħmel żjara lil Fraternita' u Komunita' Frangiskana. B'effett tal-kapitlu sar tibdil fil-Fraternita' tagħna f'Għajnsielem fejn Fra Raymond Camilleri ofm li kien Gwardjan ġie mibgħut biex jagħmel xogħol fil-ħidma tagħna mal-morda ġewwa Londra u floku ġie magħżul Fra Joseph Magro ofm. Magħna wkoll ingħaqad Fra George Bugeja ofm.

F'isem il-Fraternita' Franġiskana nawgura minn qalbi l-Festa t-tajba u qaddisa lil Għajnslemiżi kollha u j'Alla bl-interċessjoni ta' Marija Lauretana nilqgħu fi ħdanna lil iben tagħħa u nkunu ħbieb ta' l-Evangelju tiegħu. Min-naħa l-oħra nirringazzja lil kulħadd ta' l-għajnuna li dejjem sibna u nwedgħukom li ma ninsewkom qatt fit-talb tagħna








# Ritratti minn mixjet Għajnsielem



## Skola Primarja Anton Cassar, Għajnsielem

### *Frank Tabone*

Għajnsielem hu raħal imbewwes mill-baħar u mgħannaq b'kampanja u widien li żgur jagħtu serħ u hena lil kull min jagħmel passejn fih. Konxji sew ta' din ir-rizorsa f'waqtha, din is-sena, l-iskola Anton Cassar ħadet sehem f'kompetizzjoni "Dan Pajjiżna" imnedhija minn Ramblers Association Malta fejn fassalna flimkien żewġ mixjiet li fihom ħadu sehem it-tfal, għalliema u ġenituri ta' l-iskola primarja tagħna.



L-ewwel mixja kienet sewwasew fic-centru storiku tar-rahal. It-tfal setgħu jinnotaw diversi karatteristici ta' Għajnsielem fl-imgħoddi u li llum jekk ma noqogħdux attenti jistgħu jispiċċaw għal kollox. Il-pjazza l-kbira, il-knisja l-qadima, triq il-ġnien u Bengħazi, il-pjazza tad-dehra u triq fuq il-għajn. Ma nistgħux lanqas li ma nsemmux li żorna wkoll il-fdalijiet tat-tempji megalitici ta' l-Imrejzbiet u tal-Qighan - żewġ imkejjen fil-bidu ta' Ghajnsielem fi Triq Borg Għarib li jixhdu kultura preistorika li tmur lura 'l fuq minn ħamest elef sena ilu.

It-tieni mixja ħadet lit-tfal mal-kosta tal-baħar - inżilna l-Imġarr, terraqna minn passaġġ dejjaq ta' Taħt il-Belt (Fortizza Chambrai) u tlajna 'il fuq minn ħdejn Ras it-Tafal. Mixja b'elementi ta' avventura wkoll li żgur li bosta tfal se jibqgħu jiftakruha sew.

Għalfejn il-mixi? Il-mixi hu meqjus l-aħjar passatemp jew sport li permezz tiegħu l-fiżiku u b'mod specjali l-qalb jieħdu t-taħriġ tagħhom b'mod naturali u mingħajr tensjonijiet u taħbiet tal-qalb b'mod esaġerat. It-tobba jgħidulna wkoll li l-mixi jgħinna ħafna biex nħossuna aktar rilassati kemm fil-ġisem kif ukoll fil-moħħ. Tant hu hekk, persuna adulta li timxi ta' l-inqas nofs siegħa kuljum, ittejjeb ħafna r-raqda tagħha u b'hekk problemi ta' insomnja jonqsu minkejja li nkunu qed nikbru aktar fl-eta'.



It-tfal, għalliema u ġenituri kollha laqgħet b'ferħ u sodisfazzjon kbir l-aħbar li l-iskola Anton Cassar kienet ir-rebbieħa ta' l-ewwel premju ta' Euro 465.87 li jissarraf f'kotba għall-akbar ġid ta' l-istess tfal tar-raħal tagħna. Dan l-unur kien ta' sodisfazzjon għall-istudenti tagħna kollha wara s-sagrificcji ta' xogħol u tħejjija li huma wettqu sabiex stajna noffru prodott li jikkompeti tajjeb ma' tnax-il skola oħra akbar minnha f'Malta u f'Għawdex.

Nixtieq nispiċċa b'silta meħuda mid-diskors ta' Janelle Borg, studenta fil-ħames sena u President tal-Kunsill ta' l-Istudenti fl-iskola Anton Cassar Għajnsielem fi ħdan il-Kulleġġ t'Għawdex li kienet għamlet fl-okkażjoni ta' l-għoti ta' premjijiet ta' "Dan Pajjiżna" minn Ramblers Association Malta nhar l-4 ta' ġunju 2008 fin-National Curriculum Centre il-ħamrun:





*Fl-aħħar u mhux l-inqas, f'isem l-iskola u l-kommunita' kollha ta' Għajnsielem, nixtieq ngħid grazzi kbira u mill-qalb lil kull min ta sehem sabiex din l-inizjattiva sseħħ kif ukoll lilkom ilkoll hawn preżenti li b'pacenzja kbira qgħadtu tisimgħu dan id-diskors.*



*Ma niddejjaq xejn li ntenni li aħna nħossuna tabilħaqq li rbaħna kull meta ħadna sehem fil-mixjiet u fl-attivitajiet li għamilna fl-iskola u follow ups fid-dar, għax wara kollox li hu mportanti l-iżjed hu li tieħu sehem u titgħallem. J'alla sħabi t-tfal kollha tal-kulleġġi ta' Malta u Għawdex kollha jifhmu l-ħtieġa tal-partecipazzjoni fl-oqsma ta' l-ambjent sabiex huma wkoll igawdu wkoll minn inizjattivi nobbli bħal dawn ta' Ramblers Association Malta. Grazzi ħafna.*

# Intervista ma' Francis Sultana

## Jagħmel l-Intervista s-Sur Tony Galea

F'din l-intervista mas-Sur Francis Sultana, ser nistaqsuh dwar tfulitu, il-karriera tiegħu bħala għalliem u anke ħa nistaqsuh mistoqsijiet dwar il-karriera nistgħu ngħidu hekk sekondarja li għażel barra milli kien għalliem dik ta'poeta u kittieb ta' stejjer qosra, li huma fatti li ġraw fi tfulitu. Ma tantx issib nies li għandhom dan id-don, min hu kapaċi għall-ħaġa, u min hu kapaċi għall-oħra.

**Merħba u grazzi talli lqajt din l-istedina. Naturalment l-ewwel mistoqsija li tiġi ġo moħħi hi, fejn bdejt it-tagħlim tiegħek bħala tifel.**

Dak iż-żmien ma kienx hawn is-sorijiet għad, jiġifieri t-tfal kienu jidħlu mill-ewwel stage one,u niftakar ta' ħames snin bdejt immur l-iskola fuq il-Hamri.

**Kienet tkun diffiċli xejn għat-tfal ta'dak iż-żmien biex jidħlu mill-ewwel stage one? Għax bħallma nafu aħna s-sorijiet bħal fatta kienu jħarrġuk biex tidħol l-iskola stage one hux hekk.**

Hekk hu. Kienet taf tkun diffiċili, għax l-ewwelnet trid tqis li kien żmien il-gwerra u t-tieni t-tfal ma kienux ikunu jridu joqgħodu mingħajr ommhom, allura kien hemm tfal li kienu jibku min x'ħin iġġibhom ommhom sa ma terġa' tiġi teħodhom u kien hemm min jaħrab allavolja tfal żgħar. Niftakar tfal fil-qrib, xħin kien iċempel għall-break flok għal ġol-bitħa kienu jaħarbu, dejjem qed nitħaddtu fuq l-iskola ta' fuq għax dik ta' fejn tal-Isqalli dik niftakarha tiftaħ bħala skola.

**Allura l-istage one tiegħek fejn għamiltu?**

Stage one tiegħi għamiltu fil-kamra ta ġewwa' nett, ma nafx jekk int għandekx ideja kif kienet imqassma l-iskola ta' fuq il-Hamri. Wara l-bitħa tan-nofs fuq il-lemin kien hemm it-taraġ titla' għal-fuq, dawk aktarx kienu jkunu l-klassiet il-kbar u ġewwa kien hemm xi żewġ klassijiet jew tlieta ħdejn it-tojlit, stage one u stage two, hemm ġew qabel tinżel għal-hemm wara.

**Allura t-teachers kienu jkun mir-raħal jew minn irħula oħra?**

Ma niftakarx. Teachers mir-raħal niftakar, illum mejjet Alla jaħfirlu, lil-Anġlu Camilleri, tal-kejlina u lanqas Anton Cassar ma jidhirli li kien.

**Allura Anton Cassar kien għadu mhux teacher?**

Kien teacher, imma hu kien l-Ingilterra jistudja għall-headmaster, jiena ma niftakrux. Niftakar kien hawn ċertu wieħed qasir malti,u kellu dixxiplina tremenda. L-iktar li niftakar ta'stage one u stage two,insomma ma jkollikx memorji ħafna, imma standard one kien jgħallima dan Anġlu Camilleri,allura dan is-surmast kien ġiebu klassi ta'quddiem l-intrata, in-naħħa tal-lemin kien l-uffiċċju tiegħu, u hu kien fuq ix-xellug.Taf int it-tfal ta' tfal li huma xi kulltant iwerzqu jew jagħtu jew jagħmlu xi ħaġa, allura dan x'għamel, kien hemm bieb tal-ħġieġ u fuq iż-żewġ bibien kellu purtiera fuq in-naħa ta'ġewwa tal-klassi, allura s-surmast qabbad lill-purtinar biex jagħmel il-purtieri min-naħa ta' barra, fuq l-intrata biex nifthemu, u malli kien jisma' l-iċken ħoss kien jikxef il-purtiera u miskin hu lil min kien jaqbad bil-wieqfa għax kien jieħdu fl-ufficċju tiegħu u jagħatiħ kastig u dak iż-żmien anke xi daqtejn fuq saqajk kien jagħtik bir-riga.

**Iva hekk hu. Biex inkomplu fuq din it-tema, taħseb li l-istudenti ta'dak iż-żmien kienu imqarbin iżjed mill-istudenti ta' dan iż-żmien?**

Kien jiddependi ħafna mill-familji, kien hemm imqarbin għax it-tfal dejjem tfal, u naħseb kull klassi għandha t-tfal imqarbin, it-tfal kwieti, t-tfal bravi, u hekk kien fi żmienna, fi żmien il-gwerra, niftakar tfal imqarbin u niftakar oħrajn li kienu jieħdu pjaċir bl-iskola.

**Naturalment inti għaddejt l-iskola primarja mbagħad mort l-iskola sekondarja, fejn kont mort il-liċejo jew is-seminarju?**

Jiena għaddejt għal-liċejo bis-saħħa ta' Anton Cassar. Kont semmejtha ħafna drabi oħra, għax kien jieħu ħafna paċenzja bija u anke b'wieħed Salvu Bajada, billi ra li konna tfal attenti wara l-iskola kien jagħtina siegħa privat darbtejn fil-gimgħa, darba maths u darba ingliz u b'dik is-siegħa għax li titgħallem fil-klassi ma naħsibx li konna ngħaddu.



**Imma per eżempju għaliex ma kienx hemm entużjażmu fil-klassi biex titgħallem?**

Kien hemm, pero' l-ħajra li t-tfal imorru l-liċejo jew is-seminarju kienet medjokra. It-tfal ta'Għajnsielem iktar kien moħħhom, u hekk naħseb li għadhom illum, fix-xatt l-iktar dak iż-żmien. Din kellna taħdidha fuqa ma' Dun Karm Cassar meta għamilt intervista lil-Dun Karm dan is-suġġett inqala' ukoll, għax jien staqsejtu għaliex ir-raħal tagħna sofra daqshekk minn-nuqqas ta' vokazzjonijiet u jien għedtlu li ċerti individwi jwaħħlu fix-xatt. Hu rrispondieni iva Ton imma r-Rabat ma għandux Marsalforn u ta' Sannat ma

għandhomx ix-Xlendi, u semmieli x'erbgħa rħula. Xi kulltant jiena ngħid fuq dan il-kliem ta' Dun karm tgħid ix-xatt ir-raġuni? Min jaf xinhi.

**Ċikk, mela issa int dħalt is-sekondarja, ħalli nitkellmu daqsxejn fuq is-sekondarja, il-liċejo. Dak iż-żmien il-liċejo fejn kien?**

Il-liċejo kien wara San Ġorġ, tidħol strada Karita, kien hemm daqsxejn ta' pjazzetta u kien hemm post qisu maqtugħ fin-nofs, kien joqgħod il-Grew imbagħad wara li dan il-post spiċċa minn liċejo naħseb li għadu tal-familja. Dak iż-żmien minħabba l-ispazju, klassi waħda form 1, form 2 u form 3 u kien ikun fiha bejn tmintax sa tnejn u għoxrin.




Minn dawk l-għoxrin student kien ikollok l-aħjar għaxra mir-Rabat, għax tar-Rabat kien iktar faċli għalihom fejn isibu jieħdu l-privat u allura kienu jgħaddu. Biex tifel minn Għajnsielem, forsi kull sena kont issib, mhux kull sena ripetuta wara xulxin, għax jien fi żmieni niftakar lil Ġużeppi Bajada tal-Ġrejden imbagħad kien hemm jien u warajja kien hemm it-tnejn tal-barrakka, Salvinu u Toni. Dawk jiġifieri u l-istess mill-irħula l-oħra, wieħed mix-Xagħra, ieħor min-Nadur, ieħor mill-Għarb u ieħor minn San Lawrenz, hekk konna.

**Jiġifieri l-klassi kienet tkun nofsha mir-Rabat u n-nofs l-ieħor mill-irħula.**

Iva hekk hu, niftakar miegħi kien hemm wieħed mix-Xagħra, ieħor min Nadur, wieħed minn ta' Sannat, ieħor min San Lawrenz, ieħor mill-Għarb u jien minn Għajnsielem, mill-Qala ma jidhirlix li kien hemm miegħi. Alla jaħfirlu Dun Ġużepp Buttiġieġ dak kien sena qabli.

**Jien niftakar imbgħad Dun Ġużepp kien jgħallimna r-reliġjon fil-liċejo. Allura hemm hekk kien hemm l-istess sistema per eżempju ta' sebgħa suġġetti kuljum?**

Hekk hu, pero' aħna konna san-nofsigħa, u xi sitta jew sebgħa suġġetti kuljum u konna nitilgħu s-sibt ukoll. Ħaġa oħra kienet illi l-liċejo fi żmieni kien bil-ħlas, jien li kieku missieri ma mietx fuq il-baħar u ommi kellha l-pensjoni tal-gvern ingliz ma kontx immur is-central lyceum għax kien hemm il-fees u ħafna affariet xi tħallas, trid tixtri l-kotba int, imma kellna l-pensjoni, konna niktbu lill-armiral Malta, l-Floriana u kien joħroġli sa linqas ħabba, kalzetti, żarbun, uniformi, kien iħallasli l-fees kollha, biss, kien ikun irid jara r-report tiegħi, biex jara kif jien sejjer.

**U xorta waħda kienet bħalma niftakar jien,għax issa dan iż-żmien jagħmlu l-form six ukoll. Jiena fi żmieni konna sa form five.**

Aħna sa form five konna wkoll. Ħaġa li qed niftakar u li qed iddaħakkni bħalissa hi, li xħin konna nispiċċaw fin-nofsigħa x-xarabank kienet tkun quddiem is-sekondarja tal-bniet, jiġifieri fejn kien hemm it-telephone exchange, hemm hekk kienet tkun.

**Allura dik kienet is-sekondarja tal-bniet?**

Le s-sekondarja tal-bniet kienet faċċata, fejn hemm l-APS illum. Jiġifieri aħna malli iddoq in-nofsigħa b'ġirja waħda konna rridu noħorġu minn hemm fuq biex nilħquha, għax jekk tittardja minuta ma tilħaqhiex, issibu telaq. Imbagħad meta dħalt l-istitut San Ġużepp anke dan tal-Grejden Peppi kien jaqblilna li naqbdu l-karrozza li kien ikun hemm għall-vapur u dik kienet titlaq mit-Tokk. Kien jaqblilna kemm minħabba d-distanza u anke li kienet tniżżilna ħdejn l-istitut sewwa kważi wara l-bieb. Pero' dik ma kienitx tat-tfal, allura fin-nofsigħa bum din kienet titlaq, u kellemt lill-Ġużepp, Alla jaħfirlu, u rranġa mal-head biex jibgħatna żewġ minuti jew tlieta qabel biex nitilqu mil-lyceum. Dak in-nhar bil-kemm kien ikollu arloġġ it-teacher aħseb u ara kemm kien ser ikollna arloġġ aħna, allura xħin kien ikun dik l-imbierka nofsigħa jew kemm kienet tkun il-period tal-aħħar tikkalkula bejn wieħed u ieħor jekk qorobx il-ħin, kont nerfa subgħaja, Sir is it time? Sir is it time? Għax kont inkun imwerwer li ma nilħaqhiex, u mhux darba jew tnejn li kienet tkun telqet u nkomplu niġru warajja għax pereżempju tkun waslet ħdejn is-salib tat-tiġrija u nxejrulha forsi xi ħadd jarana u jwaqqfilna. Ġie li rawna u gie li ma rawnhiex imbagħad kien ikollna ninżlu ma' l-oħra.

**Jiġifieri b'mod jew b'ieħor kontu tiddubbaw. Jien niftakar fi żmieni, meta kont nitla l-iskola r-Rabat, ma tan-nofsigħa ġie li konna ninżlu, dak iż-zmien tipparkja quddiem l-għassa, u dik kienet tkun tal-vapur. int semmejt li kont l-istitut, allura f'dan iż-żmien li qegħdin nidħaddtu inti kont l-istitut?**

Iva l-istitut dħalt kien għadni kif għalaqt is-sebgħa snin, għax f'April tal-1943 ommi ħadet it-telegramma li missieri mitluf u tista' taħseb, biex trabbi familja ta'ħamsa, mara waħedha mhux faċli.

**Naturalment spiċċajt is-sekondarja?**
Imbagħad meta wasalt form four kelli qrib il-ħmistax fettilli niġi d-dar, u gejt id-dar, ommi qaltli jekk trid tiġi toqgħod hawn ejja, u l-form four u l-form five għamilthom id-dar.
**Allura wara l-form five int ilħaqt teacher mill-ewwel?**
Fil-form five kont tagħmel il-G.C.E. (General Certificate of Education) dak inhar ma kienx hawn A levels, O level biss, kont iġġib il-GCE imbagħad tapplika għat-training college. Niftakar jien kont tfajt żewġ applikazzjonijiet, tfajt applikazzjoni għad-Dockyard u applikazzjoni għat-Training College, u kumbinazzjoni għax l-affarijiet ikollhom jiġu hekk, aċċettawhom it-tnejn għax jien kelli tmien O levels u tat-Training College giet xi jumejn qabel l-oħra, u ommi qaltli isma jekk inti ser tmur id-Dockyard ser tagħmel għomrok Malta, jekk tmur teacher illum jew għada tiġi hawn, u hekk kien.
**Dejjem barra minn Għajnsielem għallimt?**
Dejjem barra minn Għajnsielem għallimt u kien hemm raġuni. L-ewwelnett jiena domt Malta xi tlett snin, dak iż-żmien it-teachers u l-pulizija kienu jagħmlu seba' jew tmirn snin imma sadanittant kien inbena l-lyceum il-ġdid tat-tiġrija u riedu iktar teachers u giena ċ-ċans li niġu lejn Għawdex. Jien irċevejt illi għandi mmur l-iskola tan-Nadur u sadanittant in-Nadur kien hemm surmast Buttiġieġ imbagħad laħaq inspector tal-Qala, ċempilna Ħal Qormi u qalli isma' hemm xi daqsxejn diffikulta fuq dik tiegħek, qalli int irċevejt li għandek tiġi n-Nadur, għidtlu iva, qalli għax jien għandi isem ieħor, hawn għandu jiġi ieħor, u staqsejtu min hu u sirt naf li dan kien imissu warajja, għax aħna konna niġu lejn Għawdex skond kif imissek skond kif tiġi fl-eżamijiet ta' training college, jien kont gejt it-tielet u dan ir-raba' wieħed irċieva l-isem tiegħu. Insomma qalli mur l-Education Office, jien mort l-Education Office nkellem lill-inspector, kien hemm l-inspector Galea tal-Orjenti u sab li kien hemm żball, qalli allright inti trid tmur u gejt in-Nadur. In-Nadur għamilt xi sentejn, gieni chance li mmur il-Qala għax in-Nadur kont nitla ma' xarabank, toqgħod hemm f'nofsinhar, dakinhar kien min-nofsinhar sas-sagħtejn il-break ta'nofsinhar u tinżel fl-erbgħa, u xhin gie ċans il-Qala għedt dawk is-sagħtejn jien ninżel id-dar u mort il-Qala u diem ma' gie ċans ta' opening Għajnsielem. Sadanittant jien kont drajt it-tfal, drajt il-ġenituri, drajt it-teachers sħabi, allura meta gie ċ-cans biex niġi Għajnsielem, għedt jien għalfejn nibdel, ma kelliex għalfejn nibdel, jien qiegħed nofs triq. Jien minn tal-patrijiet niġi hawn jew immur il-Qala xorta waħda, u komplejt il-Qala, anke t-tfal tiegħi. It-tfal barra t-tifla, għax it-tifla giet hawn, is-subien kont neħodhom miegħi.
**Mela Ċik issa inti għalliem u għamilt żmienek tagħallem, imma taħseb l iktar hawn minn jafek bħala għalliem jew bħala kittieb?**
Jiena naħseb li n-nies ta'Għajnsielem iktar jafuni bħala kittieb, peress li ma għallimtx Għajnsielem, qed tifhem. Jekk tistaqsi l-Qala kullħadd jafni bħala teacher,is-sur Sultana t-teacher ta'ħdejn tal-patrijiet,kullħadd, it-teacher ta'ħdejn tal-patrijiet.

**Jien qrajt xi poeżiji minn tiegħek, sbieħ ħafna. Kif tħajjart biex tikteb il-poeżiji? Kif gie f'rasek biex tikteb il-poeżiji? Din hija mistoqsija li jekk ikun mużiċist jew kien x' kien tistaqsihielu.**
Jien minn dejjem kont inħobb il-letteratura kemm Maltija u kemm Ingliża minn meta kont il-liċejo, u mingħajr ħsieb ta' xejn kont nitgħallem ħafna poeżiji bl-amment, mingħajr tbatija ta' xejn.
**William Wordsworth dak iż-żmien naħseb.**
Iva u Keats u Milton, imma l-ewwel li tħajjart kien Edwin li xgħelli s-sufarin, għaliex meta kien il-lyceum ħolqu l-magazine ta' l-iskola u ikkmandawhom min jikteb hekk u min jikteb hekk, u gie fejni u qalli "Pa irridu niktbu hekk" dik il-ħabta zijuh Loretu kellu pappagall bħalma għad għandu hu wkoll, il-griż. Hu kien jorqod ma nanntu u qalli għax ma tiktibx erba' versi fuq il-pappagall, u jien poġġejt bilqegħda u f'minuta ktibt xi tlett strofi, u għedt ara jiena bdejt nistagħġeb biha nniffsi,u għedt tajjeb taf ħarġet din il-poeżija taf. Allura bejn li kont inrabbi t-tfal il-familja u dan, ma kontx insib żmien. U allavolja kif qed ngħidlek jien ħadt ħafna pjaċir biha din in-naqra ta' poeżija erġajt tlaqt kollox. Imma mbagħad it-tfal kibru u ħarġu mid-dar erġajt bdejt nipprova u kien hawn dik ir-rivista "Għajnsielem" li ma tafx kif tagħtik dik il-push biex taħseb xi ħaġa u tiktibha, imbagħad dejjem tirfina. Għall-ewwel forsi jkunu taqbiliet iktar minn poeżija, għax hemm differenza taf, jekk inti fejn naf jien tagħmel erba' versi u tqabbel it-tieni vers mar-raba' vers mod, u l-ħsieb irid ikun daqsxejn sublimi, tajjeb u anke l-kliem li tpoġġi biex issejħilha poeżija.U ktibt ħafna, naturalment l-ewwel bdejt bil-familja u b' Għajnsielem, imbagħad iktar inwessa s-suġġett. Meta kont l-Amerika donni bħal meta tixgħel switch hawnhekk nikteb bil-Malti u l-Amerika nikteb bl-Ingliż. Għandi ħafna poeżiji, l-istess poeżija bil-Malti u maqluba bl-Ingliż. Nixtieq li xi darba niġbor dawn il-poeżiji tal-Ingliż u tal-Malti, faċċata tagħmel il-Maltija u n-naħa l-oħra tagħmel bl-Ingliż biex tara kif ikunux simili, fejn naf jien.
**Allura poeżija bil-malti, titraduċija għall-ingliż, is-suġġett jibqa l-istess?**
Is-suġġett fil-qalba tiegħu jibqa' l-istess, pero' dawk li huma tixbijgħat, sewwa, trid issib it-tixbigħa bl-ingliż ma jkunux jaqblu. Ma tistax tittraduċi kelma b'kelma u tiġi taqbel, allmenu jien minhiex ta' dak il-livell.
Imma jiena naħseb illi jekk tittraduċi kelma għall-kelma ma naħsibx li ser tiġi sewwa. Bħalma hawn ħafna kliem ngħiduh bil-malti u nittraduċuħ bl-ingliż, bħallma kieku jien ngħidlek "fik il-ħobż" bil-malti u nittraduċija bl-ingliz "you have bread" ma tagħmilx sens hux veru. Jew inkella tisma min jgħidlek "mhux għall-flus imma għall-punt" u jgħidlek bl-ingliż "not for the money but for the bridge"ma tistax tittraduċi hekk.
Jien il-poeżija jekk tkun bl-ingliż naqraha, inwarrabha fuq ġenb, nieħu l-ħsieb tagħha mbagħad ħażżez bil-malti jew bil-kontra.
**Allura s-suġġett dan per eżempju tqum filgħodu u tgħid illum ħa nikteb poeżija fuq ix-xatt. Hekk jiġik is-suġġett?**
Le le mhux eżatt. Donnha taqbdek ħaġa li lanqas jien ma nista' nfehemhielek sewwa. Forsi qed taqra xi ħaġa

u dak il-ħin jiġik il-ħsieb tgħid ara fuq din sewwa.

**Allura mbagħad taqbad tikteb u tkompliha?**

Jien malli jiġini l-ħsieb inħammem fuqu, mingħajr ma nersaq lejn karta xejn inħammem fuqu ġo moħħi, u gieli dak l-inkun ħsibt, x'ħin inpoġġi biex niktbu ma joħroġx l-istess kliem u l-istess, imma inkun ħammimt fuqu sewwa. Pero mbagħad meta nkun qbadt il-karta u l-biro dak imbagħad ġeneralment toħroġ mingħajr sforz u anke, għax dejjem terġa' tipprova u nara nistax nimprovjaha. Ħafna drabi ftit li xejn tibdel.

**Din il-mistoqsija li kont ser nagħmillek. Jien xi kultant inpoġġi bil-qegħda, nikteb biċċa mużika, kemm ġiet sewwa u kemm ġiet sabiħa, imbagħad nitlaqa' u nerġa' niġi l-għada u rrid nibdlilha hawn u rrid nibdlilha hemm u jien inħoss li meta tagħmel hekk f'dawn l-affarijiet ma tasal imkien. Hux veru.**

Hekk hu. Darba smajt kittieb ta' l-istejjer tat-tfal u kiteb ħafna poeżiji hekk ukoll qal, jekk tpoġġi mitt darba poeżija f'idek tkun diġa' ktibtha, l-mitt darba terġa ssib, tgħid ara kieku nibdlilha hawn u nibdlilha hemm. Qal la darba ħarġet u għoġbitek itlaqha għax inkella ma tasalx.

**Is-suġġett ma jiġix bħalma għedtlek l-ewwel jien tqum filgħodu u tgħid illum ħa nikteb poeżija fuq ix-xatt. Issa, dawn l-idejat ta' poeżiji u suġġetti ta' poeżiji, jiġuk spiss?**

Nista' ngħid li ħafna drabi ta'spiss ikunu, spiss ikunu.

**Staqsejtek din il-mistoqsija, għaliex mill-għadd ta'poeżiji li għandek irid ikollok l-idejat spiss biex tikteb dik il-kwantita' ta' poeżiji hux hekk?**

Iva spiss, hekk hu. Jiena per eżempju "Il-ħajja f'Għawdex" jiena qiegħed fuq il-board tagħha kważi jkolli poeżija kull ħarġa, lil Dun Anton Sultana fornejtu naħseb iktar milli għandu bżonn, għax jiġuni u ngħid dan suġġett tajjeb għal xi ħaġa, niktibha u nagħmilhielu fuq floppy disc u nagħtihielu, mbagħad jekk tgħoġbu ixandara u dejjem jiġbor.

**Allura dawn il-poeżiji li ktibt, qegħdin fuq xi kotba?**

Jien għandi ktieb. Dak l-uniku ktieb li ħriġt, għax dejjem kont bix-xewqa li l-poeżiji jgawduhom in-nies.

**Sewwa ħaġa sabiha ħafna li jgawdihom kulħadd, għax huma poeżiji sbieħ ħafna. Jiena xi ftit taż-żmien ilu kelli lis-surmast hawnhekk, tgħidli biex int ġej? U għamiltlu intervista, u bħallma għedtlek fil-bidu, mużiċist jew skultur jew poeta jew wieħed jew ieħor, dejjem nistaqsieh jekk għandux waħda mill-affarijiet li għamel hu li hija l-favorita. Int għandek xi poeżija favorita?**

Eżattament bħala waħda ma nistax ngħid, imma dawk il-poeżiji dawk li għandi fuq il-familja, speċjalment. Lill-ommi, lilmissieri, lill-marti, lil uliedi, dawk jispikkaw, dawk nista nagħmilhom ġo ċirku u ngħid dawn number one, tajjeb? Imbagħad number two, fuq Għajnsielem u dak li jmiss miegħu. Għandi ħafna poeżiji fuq Għajnsielem, speċjalment fuq Għajnsielem fi tfuliti, dawk tista tiġborhom fi grupp għalihom.

**F'xi skeda minn tar-radju Lauretana int kont qrajt xi stejjer qosra ta' meta kont żgħir u minhiex ħa nistaqsik jekk humiex veri għax nafu li ġraw. Inti dawn għamilt xi ktieb tagħhom?**

Le, għadhom fil-kompjuter. Nixtieq u nittama li xi darba joħorġu. Hemm dawk ta' tfuliti, dawk verissimi, hemm fejn tkellemt ġrajjiet ta' l-istitut, ġrajjiet tal-familja, dawk verissimi.

**L-iktar waħda li laqtitni dik tal-kelb li waqa' ġo l-ispiera.**

Iva, l-Pupa, il-Pupa. Dik verissima u għalhekk semmejt per eżempju lil Pawlu l-Lajlot li ommi marret għalih biex jinżel għal darba tnejn fl-ispiera, tajjeb dawk fatti ta' tfuliti, issa bdejt ħalli nagħmel xi ħaġa fittizja. Bi ħsiebni nsemmi wkoll, għax għext parti min ħajti ġo New York, u għandi xi żewġ stejjer fuq new York.

Jgħidu għal min ma kienx hemm li New York ħajja mgħaġġla, u int għadek kif għidtilna li kienu jiġuk idejat ta'poeżiji ġo New York, x'taħseb li hi r-raġuni?

Ifhimni hawn, jekk tkun per eżempju ċertu xogħol li ma jirrikiedix xogħol manwali,qed tifhem, bħal qisek qiegħed receptionist, immaġina receptionist



f'lukanda, flok qigħed f'lukanda qigħed f'building, qigħed hemmhekk forsi jiġi wieħed jistaqsik fejn irid imur u l-bqija tistenna.

**Sewwa, allura taqbad lapes u karta?**

Allura flok bniedem skantat tkun bniedem attiv, l-ewwelnet il-ħin ma tarahx għaddej,u tħażżez u tagħmel u tikteb.

**Dawn il-ġrajjiet ta' tfulitek, dawn ir-rakkonti, tiftakarhom int għaliex kienu esperjenza sabiħa, esperjenza ta' tbatija, esperjenza ta'ħaġa oħra? Kif tiftakarhom?**

Jiena naħseb li fit-tfulija dik l-immaġinazzjoni sewwa, it-tfal għandhom immaginazzjoni tal-għaġeb,u fi żmieni ma kien hawn propju xejn, jiġifieri inti l-iċken ħaġa li tgħaddi minn ħajtek ukoll tiftakarha, aħseb u ara meta tiġri xi ħaġa out of the blue bħal dik tal-kelba li waqgħet fl-ispiera, jew bħal ħija sab ir-revolver li ommi ħbiet, lanqas biss kellha f'moħħha li xi ħadd jaf biħ. Affarijiet li jiġbduk mingħajr ma trid u tibqa' tiftakarhom. Tiftakar li kont tiġri b'ċirku.

**Li għadek tara milli konna nagħmlu aħna hu li tara tfal jilgħabu l-football, fuq art ta'ground milli kellna aħna, għax meta konna nilgħabu aħna jekk kont taqa' ġol-ground kien ikollok tmur l-isptar, tant kemm kien hemm ġebel.**

Fi żmieni lanqas il-ground, konna nilgħabu quddiem il-knisja, kien għadha biċċa pjazza, il-knisja kien għadha ftit il fuq mill-pedamenti. L-ewwel darba li waqfet kien minħabba l-gwerra, lanqas il-wied ma kien magħluq kollu, u hawnhekk konna nilgħabu daqxejn, quddiem il-knisja. Meta jħallik il-pulizija għax kien jiġi u jwaqqfek.

**Allura fuq dan il-punt, kif tqabbel il-ħajja ta' tfulitek mal-ħajja tat-tfal tallum.**

Ma hemmx paragun. It-tfal tallum ma jonqoshom xejn. It-tfal tallum anzi għandhom iktar milli jridu. Hekk narahom jien. Kieku għadni nrabbi t-tfal illum, ma naħsibx li nagħtihom kullma jridu. Ċerti affarijiet ikollok tagħmilhom bil-fors, għax jekk ħaddieħor għandu cellphone, it-tfal iridu cellphone. Għandek informazzjoni fuq il-kompjuter, aħna kont trid tissallab biex tmur tagħmel siegħa l-librerija tar-Rabat biex forsi ssib suġġett li jkun għall-eżami u tfittex li għandek tagħmel. Illum hemm kumdita' bħal dik id-dar.

**Jiena niftakar konna mmorru l-Banka Guratale, it-Tokk, biex naqraw il-gazzetta. Allura inti taħseb illi l-affarijiet li għandhom it-tfal tallum huwa dannu għalihom li fil- futur ma jibqgħu jiftakru xejn minn tfulithom? Bħallma niftakru int u jien?**

Daqsxejn diffiċli biex nirrispondi, għax jien naħseb l-immaġinazzjoni tat-tfal.....

**Għax inti per eżempju, nerġgħu għall dik l-istorja tal-pupa, illum kemm hawn tfal illi għandhom bħal dik l-istorja? Naħseb jiena li ħadd. Allura dawn it-tfal x'ser jiftakru? Kemm konna nagħmlu messages bil-mobile phone?**

Pero' l-immaġinazzjoni tat-tfal, anke jekk tifel jew tifla jekk għandu pet, x'ħin jikber xi ħaġa fuq dan l-annimal jiftakar. Aħna kien ikollna episodji iktar twal u interessanti hux hekk?

**Hekk hu. Dak iż-żmien fi tfulitek, semmejt il-football int, x'mezzi oħra ta' logħob kellkhom?**

Ftit li xejn. Niftakar li Dun Karm l-Azzjoni Kattolika fejn joqgħod illum il-Monsinjur Zerafa, u kien hemm mejda tat-table tennis, niftakar jien u Spiru, għax konna ħbieb ħafna, Spiru kien wieħed mill-ħbieb tiegħi u anke Ġużeppi ta' Pupull għalkemm kien iżgħar minna, jew football kif qed ngħidlek jien ġo biċċa pjazza mħarbta, u jekk tgħaddi xi mara jekk tkun ser tolqotha tibqa' sejra l-għassa u tara lill-pulizija ġej u tiġbor il-football, u filgħaxija wara l-knisja konna ninġabru ma' Dun Karm, Dun Karm għamel ħafna għaż-żgħażagħ, u qed ngħidlek kien hawn it-table tennis u konna nqattgħu xi siegħa fuqha.

**Allura taħseb int fi żmienek kien hemm iktar interess f'dak li hu studju mil-lum? Billi dak iż-żmien ma kienx hemm ħafna interventi.**

Ma kienx hemm ħafna interventi, pero' trid tkun maqtugħ għall-istudju, imbagħad per eżempju kif kont jien, jekk inti waħħalt f'moħħok, għandek dik il-mira fejn sejjer tajjeb? Qed nistudja biex nilħaq xi ħaġa ta' l-iskola, fi żmieni jew skrivan mal-gvern, jew pulizija, jew teacher, jew forsi bħalma għedtlek jien tfajt l-applikazzjoni għad-dockyard, trid ikollok dik il-mira u trid tistudja. Jien niftakarna nofs ta'nhari sħaħ, nistudja jew nofs ta'nhari sħaħ il-librerija r-Rabat itfittex u tqalleb.

**Pero' billi ma kienx hawn xi jtellfek, jiena naħseb illi l-bniedem kien jistudja iktar millum, għaliex jien ngħid, u nirrifletti fuqu dan il-ħsieb mill-inqas darbtejn fil-ġimgħa, għaliex jien noqgħod inqis meta konna nittrabbaw aħna u t-tfal tallum. It-tfal tallum, per kapita, għax illum hawn iktar tfal milli kien hemm dak iż-żmien sewwa, jiena ma ngħidx li hawn daqshekk intellectuals ħalli nitħaddtu hekk, daqs kemm kien hemm dak iż-żmien. X'taħseb int?**

Qed ngħidlek, kif qed tgħid int. Naqbel miegħek. Il-ħajja llum fiha ħafna titjir.Tfal bravi ssibhom u tgħidilhom ħaġa u jibqgħu jiftakruha u ma għandhomx għalfejn jistudjaw ħafna, pero' t-titjir, jekk inti taqbad fejn naf jien, l-internet flok għat-tfittix skolastiku tfittxu għal affarijiet oħra dak ser iservik ta'dannu.

**Bħallma għedt int kien ikollok tmur il-librerija r-Rabat biex tfittex xi ħaġa għall-iskola, u jien kont immur il-Banka Ġuratale biex naqra l-gazzetta u llum tiftaħ l-internet u tqalleb folja wara folja. Mhux talli min hawn, talli minn barra minn Malta wkoll. jiena llum ħadt pjaċir ħafna nitħaddet miegħek, pero' qabel nispiċċaw nixtieq nagħmillek mistoqsija. Mir-rakkonti ta' tfulitek, liema hu r-rakkont li jgħaddi minn moħħok iktar mill-oħrajn?**

Hekk hu. Xi ħaġa li jgħaddi minn moħħi spiss, bla dubju ta' xejn hi t-telegramma li rċeviet ommi fuq missieri. Dik stampata f'moħħi ma nistax ninsiha. Ċarissima, ċarissima. Jiena mhux żgur kien għad għandi seba' snin għax imbagħad wara għamilt il-griżma. Imma niftakarha giet ommi b'kelma l'hawn u l'hemm lanqas taqra bl-ingliż, aħseb u ara kemm ser tifihmha,u marret fejn Ġużepp tal-kontrol biex spjegahielha. Lanqas qalilha mill-ewwel, qalilha mur il-Qala kellem lil ħija s-surmast għax jien minhiex nifimha sewwa. Issa mhux għax ma kienx fehma, għax ma riedx jgħidilha. Niftakarna tfal imqabbdin ma' ommna nibku, u lanqas nafu għaliex, u nies gejjin id-dar.

**Grazzi ħafna talli lqajt l-istedina tagħna.**

# L-ismijiet tat-triqat tar-raħal ta' Għajnsielem

**Toroq Prinċipali**

Pjazza Indipendenza (Indipendence Square)
Pjazza Loreto (Loreto Square)
Triq Borġ Għarib (Borg Gharib Road)
Triq il-Fawwara
Triq il-Ġnien (Garden Street)
Triq il-Ħamri
Triq il-Qala (Qala Road)
Triq in-Nadur (Nadur Road)
Triq ix-Xatt (Strand Street)
Triq iż-Żewwieqa
Triq l-Imġarr (Mġarr Road)
Triq Sant' Antnin (St Anthony Road)

**Toroq Sekondarji**

Daħla Ta' Briegħem (Ta' Brieghem Street)
Daħla Ta' Steliju (Ta' Steliju Street)
Pjazza Tad-Dehra (Visit Square)
Pjazzetta l-10 ta' Diċembru (10th December Square)
Sqaq Ħamri Nru.1 - Nru.5 (Hamri Alley No.1 to No.5)
Sqaq il-Balliju (Balliju Alley)
Sqaq l-Imġarr Nru.1 - Nru.3 (Mgarr Alley No.1 to No.3)
Trejqa Ħamri (Hamri Path)
Triq Anġlu Grech (Angel Grech Street)
Triq Benghazi (Benghazi Street)
Triq Ċens l-Għarus (Cens l-Gharus Road)
Triq Chambrai (Chambrai Road)
Triq Dun Franġisk Mizzi (Fr. Frances Mizzi Street)
Triq Dun Ġużepp Galea Rapa (Joseph Gala Rapa Street)
Triq Fuq il-Għajn (Fuq il-Ghajn Road)
Triq Ġużeppi Calì (Joseph Cali Street)
Triq Ġużeppi Cauchi (Joseph Cauchi Street)
Triq Girgor (Gregory Street)
Triq Għajnsielem (Ghajnsielem Road)
Triq iċ-Ċief (Cief Street)
Triq il-Baħħara (Sailors Street)
Triq il-Barumbara (Barumbara Street)
Triq il-Gawwi (Seagulls Street)
Triq il-Gleneagles (Gleneagles Street)
Triq il-Gudja (Gudja Road)
Triq il-Merkanti (Merchants Street)
Triq il-Mogħdija (Passage Street)
Triq is-26 ta' Jannar, 1855 (26th January, 1855 Street)
Triq ix-Xatt l-Aħmar (Xatt l-Ahmar Road)
Triq Kemmuna (Comino Street)
Triq Kemmunett (Cominetto Street)
Triq l-Imrejżbiet (Mrejzbiet Street)
Triq l-Ixprunara (Xprunara Street)
Triq Malta (Malta Street)
Triq Patri Franġisk Cauchi (Bro. Frances Cauchi Street)
Triq Patri Odorik Grima (Bro. Odorik Grima Street)
Triq Qigħan (Qighan Street)
Triq Raymond Caruana (Raymond Caruana Street)
Triq Ramon Perellos (Ramon Perellos Street)
Triq Sant' Indrija (St. Andrew Street)
Triq Santu Liju (St. Liu Street)
Triq Simirat (Simirat Street)
Triq Ta' Cordina (Ta' Cordina Road)
Triq Tal-Latini (Tal-Latini Boats Street)
Triq Wied ir-Rajjes (Rajjes Valley Road)
Triq Wied Martin (Martin Valley Road)

**Żoni**

Borġ l-Għarib
Fort Chambray
Ġnien Miġiaro
Iċ-Ċens
Il-Gudja
Mġarr Port
Mġarr Valley
Mrejżbiet
Rdum it-Tafal
Ta' Briegħen
Ta' Cordina
Ta' Kusbejja
Taħt il-Belt
Tal-Palma
Xatt l-Aħmar
Żewwieqa

*N.B.* Waqt li qegħda tinkiteb din il-lista qed isiru tentattivi biex tissemma triq li tkun ġġib l-isem Patri Anton M. Cesal ofm.





# Noqgħod hekk qrib Wied il-Mostra u ma kontx naf

Skond kif kiteb is-Sur Anton F. Attard fil-Ħajja f'Għawdex, f'artiklu li jġib l-isem 'Ix-Xogħol tal-Qasab 'fil-paragrafu 'Ix-Xogħol tan-Nases f'Għawdex', jgħid hekk: "Biex jagħmel nassa, is-sajjied jew l-imgħallem ikollu bżonn ukoll il-qasab . F' Għawdex l-aħjar qasab hu dak tax-Xatt, ta' Wied il-Mostra, l-Imġarr, u jaqtugħ anki qabel Jannar biex ikun ħelu għax-xogħol . Normalment qasab għal xogħol ieħor, bħall-qfief, jinqata' f'Jannar. Il-qasab tal-Wied ix-Xatt jissejjaħ ukoll tal-blat jew tas-sikkan.



Meta qrajt dan l-artiklu tas-Sur Anton F. Attard għaraft il-għaliex il-familja, li tagħha baqa' d-dixxendenti, li forsi llum iktar insibuhom 'tal-Bej' u li kienet tieħu ħsieb dan il-Wied mimli kollu qasab, kif għadu hekk sal-lum, kienet tissejjaħ tal -"Mostra".

Il-bidu ta' dan il-Wied għandu bosta konfini. Dak l-ilma li jgħaddi minn nofs Għajnsielem jibda minn naħa tal-Ġebel l-aħmar in-Nadur, u jgħaddi minn taħt il-Pjazza tad-Dehra għar-Ras ir-Rgħajjes u mill-"Playing Field' "Amabile Cauchi sax-Xatt. Il-wied hu dejjem mimli kollu qasab iħaddar.

Bidu ieħor li għandu dan il-Wied, ukoll minn Nadur, u dak li jiġi min-naħa tad-Daħla 'Tal-Palma' u jgħaddi minn taħt il-Grand Hotel u naħseb li wkoll jilqa' xi ilma mit-Triq tal-Qala u mbagħad jisbokka kollu fejn il-Garaxx ta' Dun Pawl Zerafa.

Naħseb li l-isbaħ parti ta' dan il-wied hija dik li tiġi wara Triq Ħamri, u li hija l-iżjed parti fonda tiegħu u li tista' titgawda sew mit-Triq Imġarr inti u nieżel lejn ix-Xatt.

Hu sew li hawn infakkar li minn fejn ta' Karkanja sax-Xatt din il-parti tat-triq mhix Triq l-Imġarr imma hi Triq ix-Xatt jew Shore Street.

Salvu Zammit & Sons Ltd.

BUNKERING

Anthony Zammit
(Director)

Bunkering Lic. Nº: 3
16 Shore Street,
Mgarr Harbour GSM 104
Island of Gozo, Malta.

Tel: 2155 6829
Fax: 2155 2549
Mob: 9949 6465
Residence Tel: 2155 5618

# Il-Misraħ Ewlieni

## *Matthew Zammit (Aljiev)*





Meta l-festa kienet ada ssir fil-Knisja l-Qadima kienu jżejnu l-Knisja bit-tazzi biż-żejt u fit-toroq ta' madwar il-pjazza kienu jgħamlu t-tazzi mad-disinn tal-ħadid bix-xema ġo fihom peress li dakinhar ma kienx hemm dawl.

Bdew jixtru l-antarjoli u jtellgħu l-bnadar jew bandalori magħhom. Aktar tard beda jinxtara xi armar mill-festa ta San Ġużepp ta' Ħaż-Żebbuġ. Nxtraw sett anġli bil-pedestal magħhom, sett trofej u xi armar ieħor. Aktar tard sar l-planċier u l-istatwa tal Madonna bid-dar u l-pedestal għal-taħta.

Meta saret il-pjazza l-ġdida t-trofej li kien hemm fil-pjazza l-qadima ħaduhom fil-ġdida. Saru sett antarjoli ġodda u sett bandalori. Il-planċier u l-pedestal tagħha ħaduhom il-Pjazza l-ġdida. Quddiem iz-zuntier kienu jintramaw erba' anġli





Minn sena għall-oħra dejjem nippruvaw inżidu aktar fil-Pjazza. Żidna sitt istatwi li jirrappreżentaw l-profeti. Dawn huma Isaija, Mikeja, Mose David Xmun il-qassis il' kbir u Ġeremija. Għamilnha wkoll l-armi tat-trofej b' 48 bandiera, u sett pavaljuni ġodda għal madwar il-knisja. Ma' dawn il-pavaljuni għandna bandalori ġodda li fihom pittura mill-isbaħ fuqhom ta' tmien erojin nisa. Il-pittura għandha x' taqsam mal-Verġni Marija.

Minn sena għall-oħra l-Għaqda tal-Armar baqgħet iżżid aktar tiżjin għal-festa u dan bl-għajnuna finanzjarja li l-familji Għajnslemiżi dejem jagħtu.











# ATTARD
## SERVICE STATION

*Puncture Repairs,*
*selling of new*
*Tyres, Oil, Filters &*
*Lubricants*

**Mgarr Road, Xewkija,**
**Tel: 2155 6709**



# Mużew Storiku



Ħaġa li ilni nixtieq nara mwaqqfa fir-raħal tagħna u li tant drabi ssuġġerejtha lill-istess Kunsill Lokali tagħna, hi li nara, imqarr almenu biss, il-bidu ta' twaqqif ta' Mużew ta' l-istorja, forsi aħjar jekk ngħid, tal-ħajja soċjali Għajnselmiża.




Għal dan il-għan għandi naħseb, li kemm il-parroċċa u kemm il-Kunsill kif ukoll bosta Għajnselmiżi jistgħu jagħtu l-kontribut tagħhom.

Ilum bosta irħula Għawdxin li huma iżgħar minn raħalna għandhom il-mużew storiku tagħhom, u aħna li għandna storja hekk antika marittima, grazzi għall-port ewlieni ta' Għawdex; agrikola, grazzi għal tant raba' li kien u forsi għadu jdawwar raħalna; militari, grazzi, għall-Forti Chambrai u li magħhom inżidu l-qasam tas-sajd u forsi wkolll oqsma oħra li kienu u li forsi għadhom isaltnu f'Għajnsielem.

Ma' dak li ġa għedt inzid ngħid li llum jinsabu fostna tant żgħażagħ li huma mogħnija b'talenti sbieħ f'oqsma differenti kulturali u għalhekk ma għandux allura jinbet xi ħadd minn fostna li jipprova jikseb lokal, imqar żgħir , fejn jista' jingħata bidu għat-twaqqif ta' mużew storiku!

Mużew mhux għajr apartament li fih jinżammu oġġetti ta' interess kulturali, letterarju, artistiku, folkloristiku, eċċ. Ilum għandna fostna min kapaċi jpitter, min jiskultura fil-gebla u fl-injam, min jimmudella, hawn min għandu kwadri antiki li jirrigwardaw ir-raħal tagħna, mudelli maħduma mill-ġebla, mill-għadam, miż-żibeġ, mill-ġibs eċċ.eċċ. Jien niftakar maltin jaħdmu f' Għajnsielem figurini kbar fil-ġibs li naħseb li minnhom għadhom jinsabu aktarx ittraskurati f'xi rkejjen tad-djar tagħna.

Ma tkunx forsi ħaġa sabiħa li jkollna mudell ta' dgħajsa tal-latini, li darba dawn kienu l-glorja tal-Port ta' l-Imġarr, meta llum wasalna fi żmien meta fostna se tintilef għal kollox is-sengħa tal-bini tagħhom ! Mhux forsi sew li jkollna mudell tad-dgħajsa tal-barklori, jew ta' xi kejjik jew ta' xi firilla, li kif naħseb li llum anqas biss ħafna minn fostna mank biss jafu x'inhi firilla ?

Il-bdiewa żġur li għandhom xi oġġetti qodma tal-ħrit, forsi wkoll ta' l-insiġ , is-sajjieda xi nases, xi xibka jew parit u x'naf jien. U mbagħad kemm ritratti antiki dwar Għajnsielem,li forsi jinsabu mormiha jew imwarrba li jekk jinġabru wieħed ikun jista' jifhem kif kien ir-raħal tagħna fl-imgħoddi !

Illum il-Kunsill Lokali tagħna għandu issa post ikbar minn ta' fejn kien qabel u għalhekk nittama Ii j fih tinstab xi rokna jew xi kmajra adattata biex l-istess Kunsill jagħti bidu għat-twaqqif ta' Mużew storiku u li hu stess jieħu l-inkarigu biex jikseb oġġetti meħtieġa għat-tgħamir tiegħu basta li jkollu nventarju mibdi professjonalment ta' kull oġġett li jkun kiseb bid-data ta' meta nkiseb xi oġġett, bl-isem ta' min għand ġie miksub u ta' xi nota -menti oħra meħtieġa biex dan l-inventarju jkun xi ħaġa professjnali biex hekk kull ma jinkiseb jibqa' dejjem magħruf u jibqa' wkoll allokat f'Għajnsielem u dan isir qabel kollox għall-awtentiċita' ta' l-istorja u iktar ikun salvagwardat.

D.K.C.



# Ħjiel qasir dwar xi Personaġġi li nisġu l-istorja tar-Raħal tagħna

## L-EWWEL PARTI

L-istorja tal-personaġġi li sawru ħajjiet raħalna nistgħu naqsuma f'żewġ parti, f'dik ta' dawk li nisġu l-istorja ċivili ta' Għajnsielem u f'dik ta' dawk li sawru l-parti pjuttost reliġjuża.

Il-bidu ta' l-istorja ta' Għajnsielem bħala lokal hu diffiċli li wieħed jikxfu meta l-istess isem " Għajnsielem" hu oskur kif inħoloq. Jiena għalija anqas naf min kienu dawk li waqqfu l-Imrejżbiet u forsi xi lokalitajiet oħra. Qatt ma smajt kif inħolqu ċerti ismijiet tat-triqat tagħna, bħal ma ngħidu aħna 'Triq Bengħażi' u oħrajn, għalhekk se nillimita nikteb biss fil-qosor dwar ftit personaġġi kif ġejt mitlub nagħmel mis-Segretarju ta' l-Għaqda Mużikali 'San Ġużepp', is-Sur Kevin Cauchi.

1) l-Gran Mastru Ramon Perellos Y Roccaful. Ir-rabta ta' dan il-Granmastru ma' Għajnsielem hi għax hu kien ,bil-kunsens tal-Kunsill tiegħu li waqqaf a spejjeż tat-Teżor loġġar li jinfed mal-għajn tal-Ħasselin, b'taħtu disa' vaski għall-ħassiela tar-raħal ta' Għajnsielem. Ramon Perellos , Aragoniz, sar Gran Mastru ta' Malta fis7 ta' frar,1697, u miet fl-10 ta' Jannar 1720 . Minnu jingħad li għen ħafna fl-iżvilup u kabbar il-kummerċ.

2) Il-Gran Mastru Martin Garzes. Dan il-Gran Mastru ta' nisel Spanjol ħa f'idejh is-setgħa ta' Gran Mastru fit-8 ta' Mejju, 1595, u kien meqjuż bniedem simpatiku ħafna mal-poplu Malti . Ħinu u ġidu ħadmu bi sħiħ għall-iżvilupp tal-Belt Valletta u ta ħafna privileġġi lin-nies ta' l-Imdina. Dan il-gran Mastru miet fis-7 ta' Frar , 1600. Hu kien li bena t-torri famuż biex iħaress id-difiza ta' Għawdex fuq ir-riħ taż-Zewwieqa . Dan it-Torri, imsejjah ta' Garzes kienet messitu x-xorti ħażina għax ġie maħatut mill-Ingliżi biex bil-ġebel tiegħu tinbiena t-triq tax-Xatt

3) Il-Gran Mastru Antonio Manuel De Vilhena. Antonio Manuel De Villena, Portugiz beda jsaltan fuq il-Maltin fis-19 ta' Ġunju, 1772 . Dan is-Sultan kien rebaħ il-qalb u l-istima tal-poplu Malti sa l-aħħar nifs li ħa fit-12 ta' Diċembru, 1763. Il-Gran Mastru Antonio De Vilhena fil-1732 kien ħaseb biex fit-Xatt tagħna jinbena imkien, imsejjah "Osteria" jew tverna , fejn wieħed jista' jdabbar rasu u għall-Maltin waqqaf opri filantropiċi u ħaseb biex fil-Belt Valletta jinbena teatru, li llum jissejjah t-Teatru Manuel.

4) Gerald Lord Strickland .Il-Prim Ministru ta' Malta. Lord Strickland twieled fil-Belt Valletta fil-24 ta' Ġunju,1861, ħa l-edukazzjoni tiegħu f'Malta u wkoll fl-Ingilterra u fl-Italja. Dan il-Prim Ministru kien dak li fix-Xatt jew fl-Imġarr ta' Għawdex bena l-'breakwater" l-antik għar-ripar ta'l-opri tal-baħar u biex il-vapuri żgħar ta' żmienu setgħu jintrakkaw mal-moll biex il-passiġġieri li kienu jaqsmu bejn il-gzejjer Maltin ma kienx ikollhom jirkbu fuq id-dgħajjes tal-barklori.

5) Sir Gaspard Le Marchant Nibqgħu fix-Xatt; wara d-dominazzjoni ta' Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann u t-tkeċċija tal-Franċiżi Malta kienet għaddiet għal Stat ta' Kolonja Ingliza u Sir Gaspard Le Marchant sar gvernatur ta' Malta f' April tas-sena 1857 u mexxa l-Maltin għal xi sitt snin . Matul it-tmexxija tiegħu fost tant affarijiet li għamel kien li fannad u tawwal il-port il-Kbir ta' Malta u l- konnessjoni tiegħu mar-raħal tagħna hi għax kien hu li bena fit-triq tax-Xatt il-Għajn għax-xorb tal-bhejjem li, għalkemm mhix fil-post fejn bnieha hu, sa llum din il-għajn hekk sabiħa għadha ġġib ismu u billi li f'dan l-aħħar żminijiet sarulha xi tiswijiet naħseb li għadha tiffunzjona,

6) Bailiff Jacques Francois De Chambrai . L-aqwa sit storiku u mponenti ċivili mibni f'Għajnsielem taħt it-tmexxija ta' l-Ordni Gerosolomitan hu bla dubju ta' xejn hi l-famuza Fortizza Chambrai mibniha bil-generosita' tat-twajjeb u religjuż il-Balliju Chambray. Jacques de Chambray twieled minn familja nobbli f' Evreus fl-1687 u ta' għoxrin sena kellu ġa' karriera mill-isbaħ fl-Ordni bħala paġġ tal-GranMastru Perellos li għax kien gwerrier qalbieni kien għażlu fl-espedizzjoni mibgħutha biex tiddefendi l-Ordni. De Chambrai kien benefattur kbir għall-bini tal-Belt Fortizza Chambrai għax hu għaliha kien nefaq ġidu kollu, tant li għar-ruhu hu mbagħad ittama fil-generosita' tal-Maltin . Bħal kulħadd De Chambrai, wara li kien irċieva ħafna onorifiċenżi, kellu jgħaddi għad-dinja l-oħra fl-eta' ta' tmienja u sittin sena nhar it-28 ta' April 1756.



7) Il-Patriott Għajnselmiż l-Arċipriet Saver Cassar. L-Arċipriet tal-Matriċi, l-għaref patriot Dun Saver Cassar twieled f'Għajnsielem fi Triq Mġarr x'imkien qrib it-Torri ta' Santa Ċeċilja nhar id-29 ta' Diċembru, 1846, u kien ġie mgħammed fil-parroċċa tan Nadur. Dun Saver kien mexxej qalbieni Għawdxi li kellu l-ħila u l-kuraġġ li jqum kontra l-Franċiżi li kienu ħakmu l-Gżira tagħna . Hu kien ukoll li ħadem sa minn kmieni biex l-Għawdxin ikollhom l-isqof tagħhom. Milli jidher l-Inglizi wiċċ ma tantx tawh u magħhom ukoll hutu l-Għawdxin kienu wisq berdin.

8) Il-Kmandant Bernardo Macedonia. Biex inkun sinċier ngħid li tagħrif dwar dan il-Kmandant Kavalier ma sibx, ngħid biss li hu kien, li fis-sena 1613, tella' t-Torri hekk imsejjah ta' Santa Ċeċilja. L-istess ngħid dwar l-Inġinier Mederico Blondel li fuq pjanta tiegħu kien mibni ta' t-Torri ta' l-Mġarr ix-Xini li jinsab fil-Punent ta' Għajnsielem.

9) Minkejja li dejjem jibqa' xi wħud oħra li jkunu sawru l-istorja ċivika ta' Għajnsielem jien se nagħlaq din il-lista tal-personaġġI storiċI bl-ismijiet ta' l-aħwa Mabbli u Ġużeppi Cauchi.

Mabbli Cauchi twieled f'Għajnsielem fil-5 ta' Marzu, 1917, minn Anglu u Natalina nee'Cassar u fit-



30 ta' April,1940, ħa b'martu lil Stella,mwielda Said minn Nadur Kien magħruf bħala bniedem ċajtier u ta' viżjoni artistika u immaġinattiva. Fil-1948 ħaddan il-karriera politika, l-ewwel mal-Partit ta' Jones u li meta dan ikkrolla Mabbli ngħaqad mall-Partit ta' Boffa u bħala politikant spiċċa mal-Partit Nazzjonalista. Mabbli Cauchi kemm bħala membru parlamentari wettaq diversi opri ta. fejda f'Għajnsielem u li għadna ngawduhom sal-lum. Bħala tifkira tiegħu f'Għajnsielem tinsab għalieh imsemmija il-"Playing Field " li tinsab fil-qalba tar-raħal.

Ġużeppi Cauchi kien qisu l-id il-leminija ta' ħuh Mabbli. Ġużeppi Cauchi twieled ukoll f'Għajnsielem fil-10 ta Awissu,1915, u ġie mgħammed mill-Kappillan Franġisk Mizzi fil-Knisja tal-Madonna ta' Loretu u tawh l-isem ta' Ġużeppi- Lorenzo. Mill-iskola primarja ta' Għajnsielem għadda għal dik sekondarja tas-seminarju, u fis-sena 1942 iżżewweġ lil Agnes Gauci. Kif jidher mir-ritratti tal Banda San Ġużepp, hu kien l-ewwel katubier tal-Banda tagħna u miet bħala Presient tagħha wkoll. Fil-bidu l-professjoni tiegħu kienet ta' nurse u miet meta kien għadu Ward Master fl-isptar mentali ta' Chambrai. .Ġużeppi Cauchi kien involut u attiv f'ħafna għaqdiet mhux biss tar-raħal ta' Għajnsielem imma wkoll fil-Gżira Ghawdxija in generali.

# IT-TIENI PARTI

Il-għan tat-tieni taqsima hu li jissemmew fil-qosor għall-aħħar xi personaġġi li sawru l-istorja ta' Għajnsielem bħala parroċċa. Jiena jidhirli li l-ewwel isem li għandu jinkiteb hawn hu tall-misterjuż Anġlu Grech, imlaqqam "Tax-Xini" minn Għajnsielem, li, skond tradizzjoni ta' min joqgħod fuqha, lilu kienet dehret is-sinjura misterjuża li talbitu jwaqqaf niċċa għad unur tal-Madonna ta' Loretu. Mat-twaqqif ta' din in-niċċa bdiet, jew forsi tkompliet tikber, id-devozzoni lejn il-Madonna ta' Loretu, sa kemm wasal iż-żmien li l-hara, imsejha Għajnsielem, saret parroċċa.

It-tieni personaġġ li għandu jissemma jixraq li jkun Indri Xuereb, imlaqqam "Tal-Mozrud, iben Ġużepp, devot kbir tal-Madonna, li ta' kull filgħaxija kien jiġbor in-nies,quddiem in-niċċa fuq imsemmija,biex hemmhekk jingħad ir-rużarju mqaddes. Meta kien wasal iż-żmien li tinbena knisja. Indri, li kien tagħha l-ewwel prokuratur, ingħaqad ma' Franġisk Merċieca (benefattur) u flimkien marru n-Nadur għand il-kappillan ta' dak iż-żmien, ir-Reverendo Dun Franġisk Sapiano, u lilu wrewh ix-xewqa li f'Għajnsielem ikollhom knisja. Il-kappillan F.Sapiano laqaghhom tajjeb u wegħedhom li hu stess imur għand l-Isqof ta' Malta, li kien Fra Don Ferdinando Mattei, għal permess tal-bini tal-knisja, ħaġa li ġiet mogħtija f'qasir żmien.

Hawn issa jidħol fix-xena l-Pittur Mikiel Busuttil (1762-1831), il-pittur li pitter l-qwadru titulari għal din il-knisja mibnija għad unur tal-Madonna ta' Loretu, knisja li bdiet tiffunzjona fis-sena 1820 . Mikiel Busuttil trabba l-Belt Valletta u tgħallem taħt idejn il-pittur Malti Rokku Buhagar, imbagħad intbagħat Ruma fejn tħarreġ fid-disinn u l-iskultura fil-magħrufa Akkademia di San Luca. Hu ħalla bosta opri tal-pittura kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex fosthom il-kwadru titulari li għadna ngawdu fil-knisja l-qadima tagħna.

Fil-24 tax-Xahar ta' Diċembru,1842, Dun Anton Cauchi mir-Rabat ta' Għawdex beda l-ħidma pastorali tiegħu fil-knisja ta' Għajnsielem bħala Viċi-Kurat u kellha tkun il-ħidma għaqlija tiegħu biex inkisbu l-permessi meħtieġa biex il-knisja ta' Għajnsielem tiġi mgħollija għad-dinjita' ta' parroċċa.

Kien dan il-Kappillan għaqli li ġabarr minn fomm ix-xjuħ l-istorja tad-dehra tas-sinjura sabiħa li kienet talbet li ssirilha niċċa ddedikata lil-Madonna ta' Loretu u indikatlu l-lok fejn kellha tinbena.

Fl-istorja tal-parroċċa tagħna kellu sehem ukoll importanti l-Isqof Mons. Publiju da Conti Sant li fuq rakkomandazzjoni tiegħu b'digriet tal-20 ta' Jannar, 1855, il-Papa Beatu Piju IX għamel il-knisja ta' Għajnsielem parroċċa għaliha. Għalhekk kemm il-Kap. Dun Anton Cauchi, kemm l-Isqof Publiju da Conti Sant kif ukoll il-Beatu Papa Piju IX huma fost l-personaġġI importanti li kellhom sehem fl-istorja tal-Parroċċa ta' Għajnsielem.

F' Għajnsielem mhux knisja waħda għandna, imma erbgħa u għalhekk fost il-Personaġġi storiċi rridu ndaħħlu lil-Isqof Mons, Pietro Pace, Għawdxi bħalna, li kien il-moħħ li ħolom bil-bini tal-knisja tal-Madonna ta' Lourdes u wkoll lil Kustodju P.Anton Cesal O.F.M., bniedem ta' kapaċitajiet xejn kumuni, li b' determinazzjoni rnexielu jġib f'Għajnsielem il-Patrijiet Fraġiskani Minuri, tinbena l-knisja u l-kunvent ta' Sant' Antnin, imwiezien iva minn distinti benefatturi.



Bit-tħabrik ta' Mons. Ġużeppi Depiro, ta' Patri Anġlu Pizzuto O.S.A. tas-Sinjorina Ġużeppa Debono twaqqfu f' Għajnsielm diversi opri filantropiċi u biex nibqgħu dejjem fuq personaġġi storiċi, li ġia' għaddew għad-dinja l-oħra, nagħlqu din il-kolonna bl-ismijiet tal Wisq Rev. Kappillan Franġisk Miżżi, li fi żmienu sar il-proġett u l-bidu tal-knisja l-ġdida u tal- Mons. Espedito Tabone li wassalha sat-tmiem.

Tfittex 'l hawn u tfittex ' l hin dejjem issib iżjied lil min issemmi u għalhekk inħallu għal ta' warajna biex jiktbu l-istorja dettaljata u b'mod professjonali tar-raħal u tal-parroċċa tagħna bħal ma għamlu bosta rħula u bliet ta' pajjizna biex l-istudenti u t-tfal tagħna jkollhom materjal bizzejjed għar-riċerki u wkoll biex ir-raħal tagħna jkollu storja miktuba b'mod professjonali.

Minn Dilettant

# PROGRAMM TAL-FESTA AD UNUR TAL-
# MADONNA TA' LORETO - GĦAJNSIELEM

Mit-13 ta' Awissu sat-3 ta' Settembru, 2008

**L-Erbgħa, 13 ta' Awwissu: JUM IL-KONSAGRAZZJONI TAL-KNISJA PARROKKJALI**

*Wara l-Quddiesa tad-9.00am jibda Jum ta' Adorazzjoni Ewkaristika fil-knisja Parrokkjali, bi tħejjija għall-festa.*

**7:00 p.m.** Quddiesa fil-knisja Parrokkjali flokkaż joni tad-19-il Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-knisja Arċipretali, bis-salmi tal-Għasar u l-inċensazzjoni tas-slaleb.

**Il-Ħamis, 14 ta' Awwissu**

**8:30 p.m.** Velja f'Ta' Pinu. Il-komunità parrokkjali tieħu sehem flimkien mad-Djoċesi kollha f'sahra ta' talb lejlet l-Għid tal-Assunta. Trasport provdut fit-7.45pm.

**Il-Ġimgħa 15 ta' Awwissu: SOLENNITÀ TAT-TLUGĦ FIS-SEMA TA' MARIJA**

*Katina ta' Rużarju mill-5am sa nofs il-lejl. Il-ħin tal-Quddies ta' llum ikun bħal ta' nhar ta' Hadd.*

**Is-Sibt, 16 ta' Awwissu: JUM IT-TFAL U L-KRUĊJATA EWKARISTIKA**

**9:00 a.m.** Quddiesa għat-tfal kollha tal-Parroċċa fil-knisja Arċipretali. Wara ssir attività apposta għalihom fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Il-Ħadd, 17 ta' Awissu**

*Wara l-Quddiesa tal-5pm - wasla talistatwa tal-Madonna ta' Lourdes fil-Misraħ tal-knisja. Rużarju fuq iz-zuntier. L-istatwa tibqa' għall-qima tad-devoti fil-Knisja Parrokkjali sal-għada t-Tnejn.*

**It-Tnejn, 18 ta' Awwissu: NIMXU MA' MARIJA**

**6:00 p.m.** Quddiesa fil-knisja Parrokkjali

**7:30 p.m.** Pellegrinaġġ Marjan *Aux Flambeaux* bl-istatwa tal- Madonna ta' Lourdes mill-knisja Parrokkjali għall-Grotta tal- Madonna ta' Lourdes fl-okkażjoni tal-150 sena middehriet. Jieħdu sehem il-Fratelli tar-Rużarju u tas-Sagrament fi ħdan il-Parroċċa tagħna, flimkien ma' rappreżentanza tal-Fratellanzi tar-Rużarju tal-Parroċċi tad- Djoċesi u mill-Fratellanza tal- Madonna ta' Lourdes tal- Parroċċa tal-Qrendi. Mal-wasla fejn il-grotta, Quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech.

**It-Tlieta, 19 ta' Awwissu: JUM IL-BENEFATTURI ĦAJJIN U MEJTIN**

**12:00 p.m.** Quddiesa fiċ-Ċimiterju għal ħutna li daħlu qabilna fl-eternità mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada.

**L-Erbgħa 20 ta' Awwissu: JUM L-GĦAQDIET RELIĠJUŻI**

**7:00 p.m.** Quddiesa bis-sehem tar-Reliġjużi tal-Parroċċa tagħna.

**7:30 p.m.** Mota li tħabbar il-ftuħ tal-festa 2008.

**8:30 p.m.** **GĦAJNSIELEM FEST 2008** imtella' mill-Kunsill Lokali Għajnsielem fil-Misraħ tal-knisja, b'talent Għajnselmiż u lokali.

**Il-Ħamis, 21 ta' Awwissu: L-EWWEL JUM TAN-NOVENA - JUM IL-VOKAZZJONIJIET**

*Matul il-Jiem tan-Novena ssir kampanja ta' għotjiet ta' karità (affarijiet ta' preserves, eċċ u flus) ħdejn l-altar tal- Madonna ta' Loreto.*

**6:30 p.m.** Rużarju.

**7:00 p.m.** Quddiesa mmexxija mill- Arċipriet Dun Frankie Bajada li fiha ssir il-Vestizzjoni tal- Abbatini l-ġodda.

**Il-Ġimgħa, 22 ta' Awwissu: IT-TIENI JUM TAN-NOVENA - JUM IL-FAMILJA**

**6:30 p.m.** Rużarju

**7:00 p.m.** Quddiesa b'talb speċjali għallkoppji miżżewġin. Isir it-tiġdid tal-Wegħdiet taż-Żwieġ. Mistiedna b'mod speċjali l-koppji li żżewġu matul din is-sena u dawk li għalqu 25, 50 u 60 sena miżżewġin. Janima l-quddiesa bil-kant il-Kor Lauretana.

**9:00 p.m.** Bar-B-Que fi Triq Fuq il-Għajn. Mistiedna speċjali l-emigranti li jkunu fostna.

**Is-Sibt, 23 ta' Awwissu: IT-TIELET JUM TAN-NOVENA - JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ U L-ADOLOXXENTI**

**6:30 p.m.** Rużarju, Salve Regina, u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**7:00 p.m.** Quddiesa bis-sehem taż- żgħażagħ. Janima l-quddiesa bilkant il-grupp taż-żgħażagħ tagħna.

**Il-Ħadd, 24 ta' Awwissu: IR-RABA' JUM TAN-NOVENA - JUM IL-KARITA'**

Illum ikun hemm Open Day fil-Każin tal- Banda b'diversi attivitajiet kulturali.

**10:00 a.m.** Quddiesa bis-sehem ta' Persuni li jiffrekwentaw iċ-Ċentri tal-Arka u l-Adult Training Centre. Wara l-quddiesa jkunu l-ewwel mistiedna tad-Dar Parrokkjali.

**5:00 p.m.** Quddiesa. Wara ssir il- Preżentazzjoni tat-Tfal u t-Trabi lill-Madonna ta' Loreto fil- Knisja.

**It-Tnejn, 25 ta' Awwissu: IL-ĦAMES JUM TAN-NOVENA - JUM IL-ĦAJJA KKONSAGRATA**

**6:30 p.m.** Rużarju, Kurunella, Salve Regina u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**7:00 p.m.** Quddiesa minn Fr. Joseph Magro ofm bis-sehem tar-reliġjużi kollha tal-Parroċċa.

**8:15 p.m.** Marċ mill-Banda 'San Ġużepp' minn Triq il-Ġnien sal-Misraħ tal-knisja.

**9:15 p.m.** Ħruġ ta' l-istatwa min-niċċa tagħha fost kant ta' innijiet Marjani. L-istatwa titpoġġa taħt it-tron tagħha. Issir l-aħħar ġabra kbira għall-festa ta' din is-sena.

**It-Tlieta, 26 ta' Awwissu: IS-SITT JUM TAN-NOVENA - JUM IL-BANDA SAN ĠUŻEPP**

**6:30 p.m.** Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**7:00 p.m.** Quddiesa tan-novena.

**8:30 p.m.** Marċ mill-Banda 'San Ġużepp' li jitlaq mill-Każin ta' l-Għaqda Mużikali sal-planċier fil-Misraħ tal-knisja. Il-Banda tesegwixxi programm mużikali b'siltiet varji taħt id-direzzjoni tas- Surmast Sunny Galea A.L.C.M. u l-Assistent Surmast Frankie Debono. Dan il-programm ikun taħt il-patroċinju tal-E.T. l- President ta' Malta Dr Edward Fenech Adami.

**L-Erbgħa, 27 ta' Awwissu: L-EWWEL JUM TAT-TRIDU - JUM L-EMIGRANTI U L-GĦAJNSELMIŻI LI JGĦIXU BARRA MIR-RAĦAL**

**6:15 p.m.** Għasar Kantat.

**7:00 p.m.** Quddiesa mmexxija mill- Arċipriet Dun Frankie Bajada, li fiha l-W.R. Kan. Joseph Sultana, jagħmel l-ewwel priedka tat- Tridu. Mistiedna b'mod speċjali l-emigranti li qegħdin fostna u dawk l-Għajnselmiżi kollha li jgħixu barra mir-raħal. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**9:30 p.m.** Lejla Marjana. Tibda lejla ta' talb, qari u kant bit-tema **ID-DAR TIEGĦI - Fuq il-Blat nibniha!!?** fil-Misraħ tal-Knisja. Inħeġġu lil kulħadd biex jingħaqad magħna fi klima ta' talb f'riġlejn Ommna Marija Lauretana. Imexxi t-talb P. Karm Dimech ofm Cap.

**Il-Hamis, 28 ta' Awwissu: IT-TIENI JUM TAT-TRIDU - JUM IS-SAĊERDOTI**

**6:15 p.m.** Għasar Kantat.
**7:00 p.m.** Quddiesa mmexxija minn Fr. Joe Cardona, bil-priedka tat-Tridu minn W.R. Kan. Joseph Sultana. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**9:30 p.m.** Jibda marċ brijuż min-naħa ta' fuq ta' Triq Simirat u jispiċċa ħdejn il-Każin tal-Banda. Jieħdu sehem il-Banda tagħna "San Ġużepp" kif ukoll il- Banda "Ite Ad Joseph" tal- Qala.

**Il-Ġimgħa, 29 ta' Awwissu: IT-TIELET JUM TAT-TRIDU - JUM IL-MORDA U L-ANZJANI**

*Illum isir it-tqarbin tal-Morda fi djarhom mis-saċerdoti tal-parroċċa bħalma jsir flewwel ġimgħa tax-xahar.*

**9:00 a.m.** Quddiesa li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal- Morda.
**6:00 p.m.** Għasar kantat.
**6:30 p.m.** Quddiesa mmexxija minn Mons. Ġużeppi Zerafa Arċipriet Emeritus bil-priedka mill-W.R. Kan. Joseph Sultana. Antifona u Benedizzjoni Ewkaristika.
**9:00 p.m.** Marċ mill-Banda 'Santa Margerita' ta' Sannat li jibda minn ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali u jibqa' sejjer sal-pjazza ewlenija tar-raħal. Wara tesegwixxi programm fuq il-planċier filpjazza.
**9:30 p.m.** Dimostrazzjoni kbira u brijuża bl-istatwa tal-Madonna tad-Dar li tibda min-naħa ta' fuq ta' Triq l-Imġarr. Iddoqq l-Banda 'San Ġużepp' ta' Għajnsielem u l-Banda mistiedna 'Victory' tax-Xagħra.
**12:00 a.m.** Wasla tal-Madonna tad-Dar b'mod uniku għal fuq il-Pedestall tagħha fil-Misraħ tal-knisja fost il-kant u l-briju tal-Poplu Għajnselmiż. Wirja ta' ajruplani pirotekniċi.

**Is-Sibt, 30 ta' Awwissu: LEJLET IL-FESTA**

**8:30 a.m.** Quddiesa kkonċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritus ta' Għawdex li fiha jitkanta t-*Te Deum* bħala radd il-ħajr lil Alla.
**5:15 p.m.** Marċ mill-Banda 'San Ġużepp' li jibda minn Triq Cordina.
**6:30 p.m.** Il-Banda 'San Ġużepp' takkumpanja t-Translazzjoni Solenni.
**6:30 p.m.** Translazzjoni Solenni tar- Relikwija li titlaq mill-knisja lqadima mmexxija mill-Vigarju Mons Giovanni Bosco Gauci għall-knisja Parrokkjali. Jieħdu sehem il-fratellanzi tas- Sagrament u tar-Rużarju.
**7:00 p.m.** L-Ewwel Għasar Solenni mmexxi mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada.
**8:00 p.m.** Quddiesa.
**9:00 p.m.** Marċ mill-Banda 'Mnarja' tan- Nadur li jibda minn Triq il-Ġnien sal-Misraħ tal-knisja fejn tesegwixxi programm fuq il-planċier.
**9:30 p.m.** Marċ tradizzjonali ta' lejlet ilfesta li jibda minn Triq Hamri, jgħaddi għal Triq Fawwara u jintemm fil-Misraħ tal-knisja. Il-baned 'San Ġużepp' ta' Għajnsielem flimkien mal-Banda 'La Stella' tal-Belt Victoria jferrħu lill-poplu preżenti biddaqq ta' marċi brijużi.
**12:00 a.m.** Marija Lauretana, Protettriċi ta' l- Avjazzjoni. Wirja tradizzjonali ta' ajruplani pirotekniċi segwita minn wirja spettakolari ta' logħob tan-nar ta' l-art maħduma minn Farrugia Brothers Fireworks u mżewqa bil-mużika.

**Il-Ħadd, 31 ta' Awwissu: JUM IL-FESTA - JUM IL-PARROĊĊA**

5.00am, 6.00, 7.00 u 8.00am Quddies.
**9:00 a.m.** Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Eċċ. T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex li fiha jwassal il-messaġġ tiegħu ta' tifħir lil Ommna Marija u ta' tagħlim għalina lkoll. Tesegwixxi l-Mużika l-Cappella Diacono taħt id-direzzjoni ta' Mons. Ġwann Galea.
Quddies ieħor 11.00am, 4.30pm, 5.30pm.
**5:15 p.m.** Marċ mill-Banda 'Prekursur' tax-Xewkija li jibda minn Triq Ħamri u jintemm fil-Misraħ tal-knisja.
**6:30 p.m.** Għasar Solenni ta' Jum il-Festa mmexxi minn Mons. Ġużeppi Zerafa, Arċipriet Emeritus.
**6:30 p.m.** Marċ ta' qabel il-purċissjoni mill-Banda 'San Ġużepp' li jibda mill-Pjazza tad-Dehra
**7:30 p.m.** Hruġ solenni tal-istatwa artistika u devota tal-Madonna ta' Loreto. Il-Banda S. Ġużepp flimkien mal-Kor Lauretana, isellmu lil Ommna Marija bid-daqq tal-Innu l-Kbir "Alla Vergine di Loreto". Tibda miexja l-purċissjoni.
**8:00 p.m.** Il-Banda 'Leone' tal-Belt Victoria tibda marċ minn Triq il-Mogħdija u wara hekk kif tasal ġewwa lpjazza, tesegwixxi programm mużikali fuq il-Planċier.
**10:25 p.m.** Dħul trijonfali tal-vara tal- Madonna ta' Loreto filknisja. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika mmexxija mill-Arċ. Frankie Bajada, bis-sehem tal-Poplu kollu.
**11:00 p.m.** Marċ Brijuż tal-għeluq mill-Banda 'San Ġużepp' li jagħlaq dawn il-festi. Ilmarċ jibda mill-Pjazza tad-Dehra, għall-Pjazza Madonna ta' Loreto u jispiċċa fil-Misraħ tal-knisja.

**L-Erbgħa 3 ta' Settembru: JUM TA' RADD IL-ĦAJR**

**6:30 p.m.** Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**7:00 p.m.** Quddiesa ta' ringrazzjament u dħul talvara ġewwa n-niċċa tagħha.

## NOTA ĠENERALI

- Fil-ġranet tal-festa jieħdu sehem il-Kor Lauretana taħt id-direzzjoni ta' Lelio Spiteri u l-Orkestra taħt id-direzzjoni ta' Mro. Frankie Debono.
- Il-Mużika ta' lejlet u nhar il-Festa tkun tal- Cappella Diacono taħt id-direzzjoni ta' Mons. Ġwann Galea.
- Il-logħob tan-nar ġie maħdum minn Tal-Virtù Fireworks Għarb, Farrugia Brothers Fontana, St.Mary Fireworks Qrendi u Union Fireworks, Hal Luqa.
- Il-funzjonijiet tal-knisja u l-attivitajiet prinċipali tal-festa jkunu mxandra dirett fuq Radju Lauretana 96.5FM Stereo li jkun ukoll fuq il-website www.radjulauretana.com. Segwu l-iskeda ta' programmi.
- Kull tibdil li jista' jinqala' f'dan il-programm jiġi avżat fil-knisja u fuq Radju Lauretana.

**BIEX IL-FESTA TAGHNA TKUN TASSEW TIXRAQ LIL OMMNA MARIJA LAWRETANA, TAJJEB LI NŻEJNUHA BIL-QRAR U T-TQARBIN U BI MGIEBA LI TIXRAQ. IKOLLNA DAWN IL-HINIJET APPOSTA TA' QRAR FIL-KNISJA:**

- L-Erbgħa, il-Hamis u l-Ġimgħa, 27, 28 u 29 ta' Awwissu mill-5.30pm sa tmiem il-funzjoni fil-knisja.
- Is-Sibt 30 ta' Awwissu mill-5.30 pm sad-9.00pm.
- Il-Hadd 31 ta' Awwissu mis-7am sad-9am u mill-4pm sal-5.30pm.

## OPRI ĠODDA

**Kompliet l-opra pastorali**
- Twaqqfet l-ewwel Komunità Ewkaristika.
- Twaqqaf il-Grupp Organizzattiv taż-Żgħażagħ.

**Fil-Parroċċa**
- Tkompla x-xogħol ta' tisbieħ fid-Dar Parrokkjali.
- *Studios* ġodda għal Radju Lauretana.

**Mill-Għaqda tal-Armar**
- Żewġ Pavaljuni tad-Dawl għal Triq l-Imġarr.
- Żewġ anġli għall-istatwa tal-Madonna tad- Dar, xogħol ta' Michael Camilleri Cauchi.
- Kwantità ta' Liedna għal mat-toroq tagħna.

# Loretu Zerafa Apprezzament

Matul l-2007, bħal kull sena oħra, il-banda għaddiet minn mumenti sbieħ li jimlewk b'kuraġġ għall-futur. Iżda mumenti ta' niket kellha wkoll. Il-banda kella terġa' tilbes il-faxxa sewda biex takkumpanja l-funeral ta' seħibna bandist Loretu Zerafa li miet f'qasir il-għomor ta' 66 sena nhar il-Ħamis 20 ta' Settembru 2007.

Loretu il-Bobb, kif kien magħruf, beda jitgħallem il-muzika fl-1967 taħt is-Surmast Ġużeppi Farruġia. Dejjem kellu għal qalbu l-Baxx u filfatt irnexxielu jitgħallmu taħt id-direzzjoni ta' l-imsemmi surmast. Il-ħeġġa u l-ammirazzjoni li kellu għall-banda wasslitu biex fl-1969, flimkien ma' numru sabiħ ta' alljievi, ingħaqdu mall-banda u komplew saħħew kull sezzjoni tagħha. F'dik is-sena, il-banda kienet għadha fit-tielet sena mir-rinovazzjoni tagħha.

Loreto ma ħarisx lura u kompla dejjem jagħti sehmu bħala bandist tul dawn is-snin kollha sakemm saħħtu bdiet tnin. Bandist umli u lejali, żgur li qatt ma' naqas servizz bla ebda raġuni valida. Kien ikun minn ta' l-ewwel ħdejn il-każin, liebes l-uniformi jistenna x-xarabank qabel kull servizz li kien ikollha l-banda. U xi ngħidu għall-kunċerti. L-attendenza tiegħu kienet dejjem mill-aħjar. U xi ċajta kif kien jaf jivvinta hu kienet tinżel għasel mas-surmast u mal-bandisti. Kellu wkoll il-mod tiegħu kif kien jiddiżapprova ruħu minn xi inċidenti żgħar li jinqalgħu minn żmien għall-ieħor waqt xi kunċert jew servizz. Iżda dejjem skop wieħed kellu, li jara l-banda miexja 'l quddiem.



Loretu offra ħafna ħin u xogħol fil-bini tal-Knisja l-ġdida, kif ukoll kien dilettant kbir tal-festa titulari tagħna. Fil-festa huwa beda jkanta bħala baritonu ma'Dun Karm Cassar u wara ma' l-orkestra tas-surmast Ġużeppi Farrugia. Huwa kompla b'dan is-servizz sa l-aħħar festi ma' l-orkestra tas-surmast Frankie Debono. Ma setgħax jonqas li Loretu ma jkunx dilettant ukoll tal-logħob tan-nar, fejn anke tul is-snin ħadem u stinka sabiex il-festa ma tkun nieqsa qatt min-nar speċjalment dak ta' l-ajru.



Għalhekk kien wisq xieraq li nhar it-Tnejn 24 ta' Settembru 2007, il-banda ħadet sehem permezz ta' daqq ta' marċi funebri fil-funeral tiegħu li beda minn Triq Chambray. Hekk kif wasal quddiem il-każin, it-tebut tpoġġa fuq pedestal quddiem il-bieb prinċipali fejn il-banda daqqittlu l-fanfara bħala turija ta' apprezzament għas-servizz sublimi li kien taha. Kellu jkun l-aħħar darba li Loretu żar il-kazin, iżda din d-darba mhux bill-baxx f'idejh iżda mdawwar minn sħabu l-bandisti flimkien mas-surmast u l-kumitat biex jagħtuh l-aħħar tislima.



Loretu, m'għadekx magħna iżda l-manjieri eżemplari tiegħek lejn il-banda ma jmutu qatt u żgur li aħna l-bandisti sħabek qed nimitaw it-tajjeb li ħallejtilna.

Minn hawn nixtieq nagħti għomor twil lil martu, lil ħutu u lil qrabatu.

Joe Galea
Bandist

# Apprezzament

## Patri Charles Wickman ofm



Patri Charles Wickman ofm twieled nhar il-15 ta' Marzu 1929 ġewwa is-Senglea Malta mill-ġenituri Carmel u Fortunata nee Micallef. Fi żmien il-gwerra, il-familja tiegħu ġiet refuġjata Għawdex fi Triq Sant'Antnin Għajnsielem. Nistgħu ngħidu li tfulitu għaddiha fl-inħawi ta' madwar il-Knisja ta' Sant'Antnin. Wara l-iskola primarja huwa attenda il-Liċeo fir-Rabat Għawdex. Ta' tmintax -il sena daħal fl-Ordni Franġiskan fil-Provinċja Franġiskana Maltija u għamel in-novizzjat tiegħu fil-kunvent Sant'Antnin. Is-sena tan-novizzjat bdiha nhar it-30 ta' Settembru ta' l-1947. Għamel il-professjoni temporanja nhar it-2 t'Ottubru ta' l-1948 u l-professjoni solenni nhar it-28 t'Ottubru ta' l-1951. L-Ordinazzjoni Saċerdotali saret nhar it-29 ta' Lulju ta' l-1956 ġewwa l-Knisja ta' Sant'Antnin flimkien ma' 24 reliġjuż ieħor minn Mons. Pietru Pace, Isqof t'Għawdex li f'dik is-sena l-Knisja kienet qed tiċċelebra l-għeluq il-50 sena mit-tberik tagħha. Nistgħu ngħidu li l-Ministeru Saċerdotali fi ħdan il-Provinċja qdieh b'imħabba kbira f'diversi ħidmiet li wettaq. Diversi drabi Mastru tal-istudenti ġewwa l-Kunvent tar-Rabat u l-Belt. Għal diversi snin fid-dar ta' l-irtiri Porziuncola ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq, ġewwa d-dar ta' Londra mal-pazjenti u l-qraba tagħhom Maltin u fl-aħħar snin fil-Kunvent tagħna f'Għajnsielem.

Huwa serva lil ordni għal diversi snin fil-Bażilka ta' Santa Marija ta' l-Anġli ġewwa Assisi fejn kien imur jagħti s-servizz ta' qrar u gwida bil-lingwi Maltija, Ingliża u Taljana. Huwa kien ukoll għalliem fi skejjel tal-istat ġewwa Malta. Nistgħu ngħidu li Patri Charles kien patri disponibli u eżemplari għall-aħħar. Huwa kien jinteressa ruħu f'dak li hu ta' storja. Kien iġemma' l-bolol, cuttings tal-gazzetti u anke jillega l-kotba. Kien jagħmel anke mudelli tal-vapuri li kienu jaqsmu l-fliegu bejn Malta u Għawdex. Għandu wkoll kollezzjoni sabiħa ta' minerali minn diversi pajjiżi madwar id-dinja. Patri Charles ġarr is-salib tiegħu għal dawn l-aħħar tliet snin ġewwa l-isptar Zammit Clapp, Little Sisters of the Poor u d-dar tal-Kleru. Nhar is-Sibt 29 ta' Lulju 2006, ġewwa id-dar Little Sisters of the Poor, huwa fakkar il-ġublew tad-deheb mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu u għamel ċelebrazzjoni Ewkaristika fejn kien imdawwar minn numru sabiħ ta' aħwa u wkoll mill-familjari, sħabu għalliema u grupp mill-komunita' nisranija mill-Knisja tagħna. Nhar l-Erbgħa 16 t'April 2008, Patri Charles ingħaqad mal-Mulej għall-ħajja bla tmiem fl-eta' ta' 79 sena.



# Il-Fjur tal-Festa

## Tislima lil Salvu Ciantar

" Xi ġmiel…" kienet tkun l-kelma fuq fomm kulħadd waqt it-Translazzjoni sollenni tas-Sibt flgħaxija, jew waqt il-Quddiesa Pontifikali tal-Ħadd filgħodu. " Xi ġmiel ta' fjuri għandna fuq l-Artal u fil-Knisja"

Bir-raġun li Għajnsielem tniket meta sbieħ il-Ħamis filgħodu ġriet l-aħbar li Salvu Ciantar kien ħalliena. Tilef il-battalja għal ħajtu u Għajnsielem tilef wieħed mill-akbar benefatturi tiegħu. Kif ngħidu tajjeb, tapprezza meta titlef, u hekk hu għax dak in-nhar u fil-jiem ta'wara, kullħadd wera l-apprezzament tiegħu għax-xogħol li Salvu kien jagħmel għar-raħal twelidu.



Ma kienx xi bniedem li kont taraħ ta' spiss fil-pjazza jew il-każini. Kien jinżel biss għall-quddies jew għall-purċissjonijiet bħala fratell. Il-ġurnata impenjattiva tiegħu kienet riservatta biss għar-raba u il-bhejjem li hu b'tant ħeġġa u dedikazzjoni kien jrabbi. Ftit kienu dawk li kellhom l-opportunita jaraw din id-dedikkazzjoni u l-ħeġġa. Rajna ftit minn din il-ħegga meta ilhu, iż-żgħażagħ kienu jorganizzaw il-presepju ħaj fil-Milied ġewwa il-Pjazza.

Kien verament ideali il-kliem tas-Salm "Min jiżra bid-dmugħ, jaħsab bil-ferħ".

Ftit jafuħ dan pero kien anke dilettant tal-Blacks, it-tim tal-football tar-raħal tagħna. Rari telgħa il-ground, però ħsiebu hemm kien ikun. Kien jistenna b'ħerqa r-rizultati u ħallieħ jistaqsi biex ikun jaf min lagħab u min ma lagħabx, min tilef ic-chances u min skorja. Ovjament fl-aqwa taz-zgħozija tiegħu gawda mal-bqija tar-raħal, il-glorji kbar tal-Blacks u l-imħabba fil-qalb hemm tibqa, anke jekk forsi ma tkunx tidher.

Il-Fratellanza kienet appuntament important. B'serjetà u dedikazzjoni kont taraħ ma sħabu il-fratelli jagħti s-servizz tagħhu lil Parroċċa matul is-sena. Ma setgħax jonqos li Salvu ma jkunx wieħed minn dawk it-tmienja li fuq spallejhom joħorġu u jġorru ix-xbieha mirakoluża u devota tal-Madonna ta' Loreto. Kien jagħmel dan bi tbissima, bi kburija, sakemm saħħtu ippermetit.

Is-Sibt tal-Festa wara t-Te Deum, kien jingħalaq fil-Knisja, mal-familjari tiegħu, mal-aħwa Falzon u ma' xi nies oħra fosthom Franco Ciangura u flimkien kienu jibdew, bħal ma pittur jibda jpitter fuq it-tila tiegħu. It-tila kienet tkun l-Artal maġġur u ż-żebgħa jkunu il-fjuri. Fjuri sbieħ, li Salvu matul is-sajf kien ikabbar jew jimporta għall-festa u li fihom kont tapprezza x-xogħol u d-dedikazzjoni li huwa kellhu. Għall ħabta ta' l-erbgħa ta' wara nofs in-nhar, kien jaħrab sabiex jipprepara għat-Translazzjoni. Il-Knisja tiftaħ il-bibien tagħha, u l-poplu jidħol u jimerravilja ruħu bil-ġmiel ta' ward u fjuri. Tfittxu biex tifraħlu għal dan ix-xogħol u ma ssibux. Ġmiel li anke ġibed l-ammirrazzjoni tal-mexxejja tal-pajjiz, meta dawn jonorawna bil-preżenza tagħhom waqt il-Quddiesa Pontifikali. Ġmiel li Salvu kien jirregalah lilna b'xejn, mingħajr interess. Għan wieħed biss kellhu, unur lill-Madonna u lill-Parroċċa t' Għajnsielem.

"Niftakar tajjeb, ftit anqas minn sentejn ilhu, meta jien ġejt fostkom bħala l-Arċipriet tagħkom. Waqt li konna qegħdin nippreparaw, ġie raġel fuqi u qalli – Għall-ħabel tal-qanpiena tinkwetax, dan nagħmilhulek jien. Nagħmilhulek bil-ward abjad u weraq tar-rand. U telaq jiġri. Lanqas tagħni ċans nirringrazzjah jew insaqsih x'jismu. Telaq jiġri... Dan ir-raġel kien Salvu."

Dawn kienu l-ewwel kliem li bihom l-Arċipriet beda l-omelija tiegħu waqt il-funeral. Hekk kien il-karattru ta' Salvu, jgħinek iva b'saħħtu kollha, imbagħad tmur biex tirringrazjah u ma ssibux. Kemm għandna x'nitgħallmu minn dan ir-raġel pattrijot. Forsi xi kultant tisma' xi kummenti negattivi, speċjalment minn dawk li qegħdin f'xi kumitat bħalna, kummenti negattivi għax jgħidulek li għar-raħal ma tridx taħdem għax in-nies ma japprezzawx. Ma tridx taħdem biex in-nies japprezzaw u jiġu jgħidulek prosit. Mhux dak għandu jkun l-iskop ta' din l-ħidma. Ikun żball kbir minn jaħseb li ser imexxi Għaqda jew Club sabiex il-poplu joqgħod jifraħ bih u jgħidlu prosit. Mhux dan għandu jkun l-iskop tagħna, iżda għandu jkun bħal dak ta' Salvu, aħdem iva għall-unur u l-ġieħ tal-Madonna u tar-raħal, u mhux għal prosit tal-poplu.

Aħna minn qalbna nixtieqnu nuru l-apprezzament għal dak kollhu li Salvu għamel għar-raħal tagħna. Noffru il-kondoljanzi tagħna lil ommu, ħutu u l-familjari tiegħu. Għalkemm forsi dan iż-żmien ta' festa, ser ikunu mumenti diffiċli għalikom, għandkom tkunu kburin b'dak li Salvu għamel matul ħajtu. Il-memorja tiegħu m'hi ħa tintesa qatt. Fi snin li ġejjijn kull minn jidħol il-Knisja fil-jiem tal-Festa u jara dawk il-ward u l-fjuri, il-ħsieb tiegħu żgur li ser imur għal Salvu Ciantar, il-fjur tal-Festa.

## Lil Salvu Ciantar

Qegħdin hawn f dan it-tempju
Sabiex ngħatu l-aħħar tislima
Lil ħabibna Salvu Ciantar
Li min hemm fuq jiftakar fina

Wieħed u ħamsin sena ghaddew minn fuqu
Eżatt fis-sena sebgħa u ħamsin
Meta Salvu ġie f'did-dinja
Min ġenituri ferħanin

Dawn semmewh għaz-ziju Salvu
Dan l-isem tas-Salvatur
Ġie mgħammed f'din il-parroċċa
Ma kienx jaf xhinu l-futur

Dan Salvu hu fost 10 aħwa
Erba' subien u sitt ibniet
Il-ħajja ma kinetx faċli
Kollox f'qalbu żamm fis-skiet

Meta hu beda jitfarfar
l-iskola tar-raħal kien jmur
meta d-dar kien jerġa' lura
niftakru ssibu ġol-rabà żgur

B'enerġija u b'saħħa kbira
Min xħin jisbah sa ma jidlam
Bl-għodda tar-rabà f'idu
Ma' ħutu kollox kien jaqsam

Dan Salvu kien jiżra' min kollox
Kien isib il-ħin biex jiżra' ward
Biex lil dan it-tempju isebbaħ
Qatt ma ġie f'moħħu l-mard

Sebaħ il-ħamis filgħodu
Ta' Lulju il-ġurnata
Tas-sena elfejn u tmienja
Ruħu marret ħdejn dak li tah il-ħajja

Ħallejt l-ommok u lil ħutek
Lil qrabatek u lil ħbiebek
Tfajt f'luttu r-raħal kollu
U lil dawk kollha min kien jafhek

O' Madonna ta' Loretu
Żommu ħdejk u ħares lejh
Ta' kull sena kien jistenna
sabiex jergħfek fuq spallejh

***Miktuba minn Raymond Buttigieg***

## Il-Fratelli Tagħna IR-REFFIEGĦA TAL-VARA

Il-Fratelli ta'qalb kbira
Mimlija ħeġġa għal LORETA
Attenti wieħed mal-ieħor
Biex kollox jmur ħarir.

Lil KBIRA LORETA tagħna
Min qieh qalbna nħobbuk
Ngħaddu bik mit-toroq tagħna
U ma nixtiqux qatt indaħħluk.

Meta naslu fuq iz-zuntier tal-knisja
LIL LORETA ndawruwha
Quddiem folla u pjazza li m'hawnx bħala
Għax lil Għajnsieiem u Għajnslemiżi nħobbuhom.

Għalhekk Prosit lil fratelli reffiegħa
U lil kull min jaħdem bħalhom
Ħaqqhom veru prosit u tifħir
Talli jagħtuna dan il-pjaċir ta' kull sena.

VIVA X-XEMX
***Joseph C.Camilleri.***
*Għajnsielem. 2008.*

Niddedika dawn l-erba' strofi lil SALVU CIANTAR ħabib ta' veru u reffiegħ bħali li għal bosta snin spalla ma' spalla flimkien mar-reffejja l-oħra b'serjeta kbira ndawru lill-padruna tagħna mar-raħal sena wara sena.

II-MULEJ JAGĦTI L-MISTRIEH
MISTHOQQ TA' DEJJEM LIL SALVU U LIL
FRATELLI KOLLHA LI XI DARBA TAW
IS-SERVIZZ LILL-PARROĊĊA TAGĦNA.



# Ġużé Costa, il-Baħri



Ġuże Costa, il-Baħri, hu Għajnselmiż mir-razza, imlaqqma ta' Ġammajr. Huwa iben Franġisk Costa u Anġela Rapa u twieled f'"Għajnsielem fis-sena 1832 iżda kien mgħammed fit-23 ta' Diċembru fil-Parroċċa tax-Xewkija li kif nassumi allura f'dik il-ħara' li kienet tagħmel max-Xewkija, meta raħalna kien għadu mhux parroċċa awtonama. Il-ġenituri tiegħu kienu Franġisk Costa u Anġla nee' Rapa u żżewweġ lil Carmela nee' Vella mill-Imdina u miet Malta fl-eta' ta' 82 sena f'East Street Nru 86 Valletta fis-7.00p.m. fl' 4 ta' Settembru 1915 u ġie midfun fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata East 2 D. Nru 15.

Ħutu li jiena lħaqt ħajjin kienu Salvu u Anna, it-tnejn, dawn meta xjieħu ħafna minn Triq Imġarr niżlu joqodu fil-bidu ta' Triq Ħamri biex setgħu jkunu qrib il-knisja u fejn hemm ukoll mietu t-tnejn. Tnejn oħra minn ħutu, li naf bihom, kienu Ġanni, li fl-aħħar għama u oħra li jidhirli kien jisimha Marija, kienet toqgħod il-Furjana.

Hija l-kbir kien jgħidli dwar in-nannu Ġuże' Costa, li meta kien għarus, anqas biss kien jaf fl-Imdina fejn kienet toqgħod sew l-għarusa tiegħu Karmela u biex isibha mar fit-triqat ta' l-Imdina b'kannestru jbiegħ il-karawett biex hi tagħraf leħnu u toħroġ barra u jsibha.

La darba semmejt lil Karmela, martu u nannti minn naħa t'ommi,ħa ngħid ukoll xi ħaġa żgħira dwarha. Karmela bħala mara xiħa niftakarha rtirata fid-dar tagħna bħala mara twajba silenzjuża li minnha la lill-ommi u anqas lill-missieri qatt smajthom igergru. Meta kienet iddoqq l –Angelus filgħaxija kienet toħroġ kulljum fuq il-bejt, fejn fil-qrib kellha l-kamra tagħha, u ssejjaħ lilna l-aħwa ż-żgħar biex ngħidu r-Rużarju magħha.

L-ewwel esperjenza ta' mewt li ħassejt f'darna, kienet il-mewt tagħha, li seħħet.kif jidhirli jien fis-7 jew 8 ta' Diċembru 1929 fl-eta' ta' 77 sena .Għadni niftakar qisu llum li rajt filgħaxija lill- Kappillan Franġisk Mizzi mgeżwer ġo firjulun għax kien il- ksieħ , naturalment li ġab miegħu l-Griżma tal-morda u l-Ewkaristija u qabel telaq minn ħdejha qalilna: " Karmela kuntenta ?" u qisu għadni nħoss f'widnejja t-tweġiba tagħha: " Kuntenta daqs warda", kliem li sal-lum għadu jimpresjonani.

Sa hawn ktibt dak li naf jien dwar dan il-baħri għaqli u twajjeb Ġuze' Costa u se nkompli issa b'artiklu li dwaru deher fil-Ħabib tas-17 ta' Settembru 1915 fl-okkażjoni tal-mewt tiegħu taħt it-titlu " Skond il-Ħajja l-Mewt".

" L-erba' tax-xahar li aħna fih, fit-8.00 p.m. ħalla dan il-wied tad-dmugħ dak li kien jafu u jħobbu kulħadd. Ġuże' Costa, biex imur igawdi fil-ħdan ta' Alla, il-frott tal-għamil tiegħu. Huwa żejjed, li żejjed, li wieħed joqgħod ifakkar min kien u xkien Ġuże', il-Baħri tal-Gvernatur, għaliex, kif għedna, kien magħruf minn kulħadd; iżda billi min qiegħed jikteb kien jafu mill-qrib sewwa, jista' jgħid xi ħaġa iżjed minn dak li qalu fuqu l-gazzetti Ingliżi u Taljani, għall-ġid ta' l-oħrajn.

Ġuże', il-Baħri tal-Gvernatur, kien baħri mhux biss għas-sengħa tiegħu, li għaliha kif qaluh il-gazzetti , qala' bosta tifħir , sewwa mill-kbarat ta' Malta, kif jixhed dak ir-ritratt taż-żejt li l-Gvernatur Sir Frumantle ġagħal isir biex idendlu fil-Palazz, u sew mill-aqwa kbarat tad-dinja , bħalma kien il-maħbub Re tagħna Dwardu VII, b'idejh stess f'waħda miż-żjarat tiegħu lill-gżira tagħna żejjen sider Ġuże' bil-midalja "Imperial Service Order" : iżda fuq kollox kien baħri għal 83 sena ta' ħajja reliġjuża u qaddisa li għadda. Jixhduh dan kull min kien jafu u kellmu: jixhdu kull min resaq lejh.

Kien bniedem sempliċi, ta' qalbu f'idejh, dħuli ma' kulħadd, skrupluż għall- aħħar fid-dmirijiet tiegħu ta' missier. Oh li kieku l-missirijiet kollha jifhmu bħal Ġuże' Costa l-piż ta' missier li jrabbu 'l -uliedhom kif rabbihom hu, kemm kieku 'l- ulied u l-aktar il-bniet jitrabbew kif irid Alla, kif titlob il-familji u s-soċjeta'.

Il-minġel iżda tal-mewt, li ma jaħfirha lill- ħadd, kellu jaħsad ukoll dan il-fjur ta' ħajja qaddisa, dan il-mudell ta' missier : mhux iżda qalb il-biki u n-niket , kif aktarx jiġri fil-mewt , iżda qalb il-ferħ , għaliex il-marda wisq qasira ta' jumejn u ħames sigħat ta' Ġuże', mgħoddija b'sabar ta' qaddis , u wisq iżjed imbagħad mewtu mgħannaq ma' Ġesu' u Marija wrew biċ-ċar li Ġuże' kien sejjer igawdi dak li f'ħajtu kien żara', għaliex skond il-ħajja l-mewt.

Billi iżda din it-telfa ta' ħabibna Ġuże' ċaħditna mill-persuna u mill-ħbiberija tiegħu, niktitilna qalbna mhux ftit, u iktar minna lill-familja tiegħu, għalhekk aħna flimkien magħhom nitolbu lill-Ħanin Alla li jfittex idaħħlu fil-glorja tal-Ġenna , biex minn hemm jitlob għalina. Nitolbu mela lkoll flimkien għalih".

Nota; *Fuq talba ta' ħija, s-Surmast Anton Cassar (nepputih) li kien għamel lil Major Bonello Colonial A.D.C. tal-Gvernatur, fil-21 ta' Lulju 1974, ir-ritratt impitter minn' Ġ. Duca,li jġib in-numru 2092 ġa fuq imsemmi u li kien imdendel fil-palazz tal-Gvernatur, ġie mogħti lill-unika bint li kienet għadha ħajja, Marija Pawla Cassar, u llum jinsab proprieta' ta' l-uniku nepputi tiegħu li baqa' ħaj, Dun Karm Cassar.*

Sfortunatament il-midalja li l-istess Re Dwardu VII li biha kien onorah, għal xi raġuni jew oħra għebet minn darna u baqa' biss xi ittri ta' rakkomandazzjoni li kienu għamlu fuq Ġuże' Costa xi persuni prominenti.

D.K.C.

# Għajnsielem u l-Kavallieri ta' San Ġwann

*Jikteb l-Arċipriet Emeritus Mons. Joseph Zerafa*



Matul iż-żmien li l-kavallieri ta' San Ġwann ħakmu fuq il-gżejjer Maltin, lil Malta għamluha ġawhra tal-Mediterran minħabba 'l ħafna monumenti kbar li ħallewlna. Kienu 28 granmastru li mexxew l-Ordni tal-Kavallieri tul il-ħakma tagħhom fuq dawn il-gżejjer. Kull granmastru nistgħu ngħidu li ħalla xi monument jew opra kbira.

Però ma nistgħux ngħidu l-istess ħaġa dwar Għawdex għax ftit huma l-monumenti li ħallewlna u dawn huma l-fortifikazzjonijiet u xi bini ieħor.



Meta nħarsu lejn l-istorja naraw li r-raħal tagħna t'Għajnsielem kien l-iktar raħal fost l-irħula Għawdxin li ġibed l-attenzjoni tal-kavallieri. Mit-28 granmastru, sitta minnhom; Martin Garzes, Alof de Wignacourt, Martin de Redhin, Ramon Perellos, Manoel de Vilhena u Manuel Pinto ħallew fir-raħal tagħna dawn il-fortifikazzjonijiet u bini ieħor.



1. Bejn is-snin 1595 u l-bidu 1601 kien isaltan fuq Malta u Għawdex il-granmastru Spanjol Martin Garzes. Kien ilu jinħass il-bżonn u kienu mhux ftit it-talbiet tal-Għawdxin biex fid-daħla tal-port ta' l-Imġarr tinbena speċi ta' fortizza li tkun qawwija biżżejjed biex tfixkel l-iżbark tal-għedewwa fil-fliegu u fil-port. Għal ħabta tas-sena 1597 il-Granmastru tal-Ordni biex jinbena torri kbir u b'saħħtu. Dan inbena fuq il-blat għoli taż-Żewwieqa. Minħabba l-interess li ħa f'dan il-bini u wkoll minħabba s-somom kbar ta' flus li ħareġ għalih wara li tlesta beda jissejjaħ "It-torri Garzes" Id-disinn tiegħu kien bħal dak it-torri ta' Kapupasseru ta' Sqallija. L-għamla tiegħu kienet kwadra u kien jikkonsisti fi tlett sulari kbar u wiesgħa, magazzin, u bitħa li f'nofsha kien hemm bir bl-ilma mill-aħjar. Kien fih ukoll kappella.

Fis-sena 1848 xi ħadd ġietu l-idea stramba kemm trid li dan it-torri majestuż u storiku jiġi maħtut biex bil-ġebel tiegħu tinbena triq li tagħti mill-Imġarr għan-Nadur, u li f'parti minnha għandha għamla ta' pont. Wara 250 sena li kien ilu mibni u jiddomina l-port ta' l-Imġarr sab it-tmien tiegħu.



2. Minħabba l-biża' li l-kursari Torok minn żmien għal żmien setgħu jerġgħu jaħbtu għall-gżejjer Maltin, inħass il-bżonn li l-plajja tkun mgħassa sewwa. Għalhekk inbnew torrijiet b'saħħithom biex jilqgħu l-attakki tal-għadu. Pero' l-kampanja u t-triqat li mill-Imġarr jieħdu għan-naħa tal-punent t'Għawdex ma kien hemm l-ebda difiża.





Il-granmastru Fraċiż Alof de Wignacourt li ħakem il-gżejjer bejn is-snin 1601-1622 approva l-bini ta' torri li mill-Imġarr jieħu għall-irħula tax-Xewkija u Sannat. Kien bnieh il-kap majjistru ta' l-altillerija Bernardo Manduca Piscopo Macedonia fis-sena 1613 kif jidher minn skrizzjoni minquxa fil-ġebel fuq il-faċċata tiegħu li tgħid hekk; "Bernardus Macedoni fecit Anno Dom. MDCX111". Dan it-torri hu magħruf bħala t-torri ta' Santa Ċeċilja għax hu mibni ħdejn kappella antika li ġġib dan l-isem. Ilu mibni 395 sena.

3. Fl-istess żmien tar-renju ta' l-istess granmastru nbena t-torri ta' Kemmuna. Kien fis-sena 1618 li beda jinbena fuq pjanta ta' Vitor Cassar iben Ġilormu. L-ispiża għal dan it-torri kienet ta' 18, 628 skud. Huwa torri kbir u b'saħħtu u fih żewġ sulari kif ukoll kappella ddedikata lill-Madonna tal-Bon Kunsill għall-ħtiġijiet tas-suldati u l-familji tagħhom li kienu stazzjonati fuq il-gżira. Dan it-torri ilu mibni 390 sena.



4. Il-granmastru Spanjol Martin de Redhin li mexxa l-gżejjer Maltin mill-1657-1660 ta l-kunsens tiegħu biex jinbena t-torri ta' Mġarr ix-Xini. Dan it-torri li hu magħmul minn żewġ sulari, b'kamra f'kull sular, inbena fis-sena 1658 fuq disinn ta' Mederico Blondell inġinier ta' l-Ordni u qam is-somma ta' 957 skud li ħallset għalih l-Universita t'Għawdex (speċi ta' Gvern ta' dak iż-żmien). Beda jiffunzjona fis-sena 1661 meta ġie attrezzat bl-armi tal-gwerra. Ilu mibni 350 sena.

5. Il-granmastru Spanjol Ramon Perellos Y Rokaful li saltan fuq il-gżejjer Maltin bejn is-snin 1697-1720 ukoll kien ħaseb fuq ir-raħal tagħna Għajnsielem. Fis-sena 1710 kien bena żewġ loġoġ u ħwat fuq il-għajn li minnha r-raħal ħa ismu, għall-kumdità ta' l-abitanti biex ikunu jistgħu jieħdu l-ilma u jaħslu l-ħwejjeġ. Din il-binja m'għadhiex teżisti għax kienet ġiet maħtuta biex issir il-pjazza tad-Dehra.



6. Il-granmastru Portugiż, Antonio Manoel de Vilhena li nħatar granmastru fis-sena 1722 u dam sas-sena 1736 għandna tiegħu wkoll rikordju. F'nofs ġemgħa ta' bini qadim fil-port ta' l-Imġarr tinsab id-Dverna jew l-Osterija ta' l-Imġarr li nbniet fis-sena 1732. Din l-osterija għandha sala kbira fuq li fiha wkoll gallerija li fuqha għadha tidher l-arma tal-granmastru. Taħt l-arma hemm miktub bil-latin "Fundationis Em. mi. ac. Seren. mi. Principis D. Anton Manoel de Vilhena Mag. MDCCXXX11". L-istoriku Għawdxi De Soldanis jgħid li din id-dverna jew osterija ġiet magħmula bil-ħsieb li tisqi lill-imsejkna baħħara jew sajjieda waqt il-ħinjiet tal-mistrieħ jew qabel jitilqu għal xi ħarġa twila fuq il-baħar. Ilha mibnija 276 sena.

7. Mingħajr l-iċken dubju l-isbaħ u l-ikbar monument storiku fir-raħal tagħna t'Għajnsielem huwa l-fortizza Chambray. Kien il-granmastru Portugiż Manoel Pinto de Fonseca li ħakem fuq il-gżejjer Maltin mis-sena 1741 sas-sena 1773 li approva t-twaqqif ta' din il-fortizza fuq parir tal-kongregazzjoni tal-gwerra fuq talba li kien għamel il-balliju Francois Jacques de Chambray. Il-fortizza bdiet tinbena fis-sena 1749 fuq pjanta ta' l-Inġinier tal-Ordni de Tigne' u nbniet bi spejjeż ta' l-Balliju li ħareġ minn butu 60,000 skud. Għalkemm din il-fortizza qatt ma laħqet l-iskop li għalih inbniet – Belt Fortizza – pero mal-medda taż-żmien serviet bħala rest camp għas-suldati Ingliżi u ta' sptarijiet tal-mard tal-moħħ u tal-lebbra. Ilu mibni 259 sena.



# Forti Chambray
# Meravilja tal-Kavallieri ta' San Ġwann

***Mariella Xuereb***

Għajnsielem, raħal twelidna, huwa l-ewwel raħal li kull individwu jara meta jżur il-gżira tagħna ta' Għawdex. Bħala raħal, Għajnsielem iżomm fih bosta ġawhriet fosthom il-villaġġ żgħir tas-sajd, magħruf aħjar minn bosta nies, bħala x-Xatt, fejn insibu mhux biss port sabiħ imma wkoll knisja gotika, speċifikament l-Knisja ta' Lourdes, li tmur lura għal-1858.



Iżda wieħed ma jistax jikteb fuq Għajnsielem mingħajr ma jsemmi ġawhra li ħallewna l-Kavallieri ta' San Ġwann, forti li ipproteġiet lil bosta Għawdxin waqt mumenti kruċjali, forti li llum tokkupa post prominenti fuq l-għoljiet tat-tafal li jħarsu lejn l-port ta' l-Imġarr, Forti Chambray. Illum l-ġurnata, Forti Chambray hija l-għaxqa ta kull turist li jżur l-gżira tagħna, kemm minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħha, kif ukoll minħabba l-istorja u l-ġrajjiet li jinsabu mistura fiha.

Bħala tfajla Għajnselmiża li għext u trabbejt fir-raħal ta' Għajnsielem, kienet waħda mill-ikbar xewqat tiegħi li xi darba jkolli ċ-ċans nagħmel riċerka fuq xi ħaġa li tinsab proprjament fir-raħal fejn ngħix jien. Kien għalhekk li meta ġejt mitluba biex nagħti t-titlu tat-teżi għat-tielet sena ta' l-Universita', ħtaft l-opportunita' li nwettaq x-xewqa tiegħi. Għalhekk, Forti Chambray saret parti importanti ħafna f'ħajti minħabba r-riċerka dettaljata li ser inwettaq fuq l-post fis-sena li ġejja.



Nibdew billi nagħtu titwila lejn l-istorja ta' Forti Chambray. Qabel s-seklu sittax, il-gżejjer Maltin u Għawdxin kienu maħkuma mill-Biżantini, imbgħad xi snin wara mill-ħakkiema Normanni. Fis-sena 1500, l-aqwa qawwa Kristjana kienet Spanja, li kellha taħt l-Imperu tagħha lil Malta kif ukoll lil Sqallija. Is-sistema difensiva ta' Malta kienet tikkonsisti bażikament mill-belt iffortifikata ta' l-Imdina, kif ukoll dawk tal-Birgu u l-Isla. Sigurta' fil-gżira ta' Għawdex kienet waħda minima. F'każ ta' attakk mill-għadu, l-popolazzjoni Għawdxija kienet tinġabar fl-unika belt iffortifikata, dik taċ-Ċittadella. Iżda huwa importanti nsemmu li f'dan ż-żmien s-saħħa tal-fortifikazzjoni taċ-Ċittadella kienet bdiet tmajna, anke mal-miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta fl-1535. Dawn kienu jiffurmaw parti minn ordni reliġjuża, fejn l-irwol tagħhom kien li jipproteġu l-pellegrini fit-triq għall-artijiet mqaddsa.



F'Mejju tas-sena 1654, waqt iż-żjara tiegħu f'Għawdex, il-Gran Mastru Lascaris stqarr li Għawdex kellu bżonn ta' belt ġdida, fortifikazzjoni li tipprotegi lil Għawdex u





lil niesu mill-ħażen qarrieqi ta' l-għadu. Ta' min isemmi li l-pjan ta' dawn l-Kavallieri kien propju l-bini ta' belt, mgħammra bil-fortifikazzjonijiet, simili tal-Belt Valletta f'Malta. Din l-belt kellha tieħu post dik taċ-Ċittadella fir-Rabat.

Il-ħsieb ewlieni kien il-protezzjoni ta' Għawdex mill-għadu, kif ukoll t-tisħiħ tal-kummerċ bejn ż-żewġ gżejjer. Il-proġett ġie approvat mil-Kavallieri ta' San Ġwann fl-1722, u fl-istess sena l-enġinier Francios de Mondion ġie mitlub biex jipprepara skema ibbażata fuq id-disinni ta' Tigne. Il-pjanijiet għall-belt l-ġdida ġew mwaqqfin sakemm l-kostruzzjonijiet fuq Forti Manoel



ġew ifinalizzati. Fuq il-mapep u d-dokumenti, Forti Chambray kienet msejjħa 'Citta Vilhena', imsemmija għall-Granmastru Portugiż Antonio Manuel de Vilhena. Iżda sfortunatament dan il-proġett ġie miżmum minħabba n-nuqqas ta' sapport finanzjarju. Ta' min ikompli jgħid li dan l-proġett ma' kien ikun qatt ta' suċċess li ma kienx għal Jacques Francois de Chambray (1687 - 1756), li offra li jħallas l-ispejjeż kollha involuti fil-



bini tal-belt il-ġdida. Fit-2 ta' Settembru l-kongregazzjoni tal-gwerra, bil-kunsens tal-Gran mastru, ordnat l-bini tal-belt u x-xogħol beda immedjatament.

Wieħed jista' jgħid li Jacques Francois de Chambray iddedika ħajtu għall-bini tal-Forti Chambray. Huwa magħruf li de Chambray nefaq 40,000 skud fil-proġett tal-forti. Wara l-mewt tal-Gran mastru Chambray, ix-xogħol baqa' miexi għalkemm mhux skond l-pjanijiet oriġinali. Sas-sena 1760, Forti Chambray, magħrufa aħjar bħala l-'belt l-ġdida' kienet lesta biex tilqa' n-nies.



## Il-bini u l-għamla ta' Forti Chambray

Il-forti l-ġdida kellha faċċata enormi li kienet tħares lejn it-Tramuntana. Din kienet tikkonsisti fi tlett iswar: wieħed ċentrali u tnejn oħra fil-ġnub, kif ukoll f'żewġ 'ravelins'. Dawn tal-aħħar jikkonsistu f'fortifikazzjonijiet f'għamla ta' trijangolu.



Sas-sena 1760 ix-xogħol fuq Forti Chambray kien ħa spinta 'l quddiem, tant li ż-żewġ 'ravelins' kienu tlestew. In-naħa tal-punent tal-forti, fejn jispiċċa l-'guardian angel bastion', hija l-unika parti li ma timxix eżatt mal-pjan oriġinali, minħabba li din ġiet modifikata. Oriġinarjament, Forti Chambray kienet iddisinjata bħala belt iffortifikata, li tipproteġi lil niesa mill-għadu. Disinni ta' din il-belt kienu ġew maħduma b'tali mod li din tkun



tikkonsisti f'toroq u bini ieħor. Sfortunatament, l-unika bini li nsibu f'dan il-post huwa l-'barrack block', kif ukoll l-kappella iddedikata lill-Madonna tal-Grazzja fl-1758.

Ta' min isemmi li maż-żmien il-biża' ta' attakk fuq Għawdex naqset, b'tali mod li n-nies ma rawhiex aktar ta' periklu li jgħixu fi djarhom. Kien għalhekk li l-belt



l-ġdida ma rnexxilhiex tiġbed nies. Barra dan, in-natura dgħajfa tal-ġebel li kienet mibnija fuqu l-forti, bdiet toħloq xi problemi strutturali.

Sas-sena 1789 partijiet mis-sur kienu f'kundizzjoni dgħajfa ħafna, tant li l-forti kellha bżonn ta' manutenzzjoni. Fi żmien Napuljun, fl-1798, Forti Chambray kienet armata bi 18-il kanun, miżmuma minn ftit suldati. F'dan iż-żmien bosta nies sabu kenn f'din l-forti.

Illum il-ġurnata l-użu tal-forti hija kompletament differenti minn dik tal-passat. Chambray ġie żviluppat f' residential area li tikkonsisti f'ġabra ta' vilell lussużi, li flimkien ma' għadd ta' utilitajiet oħra jiffurmaw parti min 'gated community'. Il-fenomenu tal-'gated communities' qiegħed kull ma' jmur jinfirex madwar d-dinja kollha, speċjalment fl-Amerika u l-Ingilterra. Normalment, dawn l-komunitajiet ikunu mdawwra b'forma ta' 'fence', f'dan il-każ mdawwra bis-swar tal-fortizza, fejn aċċess għall-komunita' huwa ristrett. Huwa fenomenu li maż-żmien mistenni jikber aktar u aktar.





# It-tieni dar tagħhom!

### *Feature miktuba mis-Segretarju Kevin Cauchi*

Bdejt nsir midħla tal-Każin madwar ħames snin ilu meta l-President tal-Kumitat tal-Banda ta' dak iż-żmien, il-mibki Tony Aguis kien talabni ngħinu sabiex nippublikaw il-ktieb tal-festa flimkien. Dak iż-żmien ma kontx mmur ta' sikwit il-Każin iżda mbagħad meta tlett snin ilu dħalt fil-Kumitat bħala Segretarju, il-kariga kienet titlob li mmur il-Każin kważi kuljum. Kif nasal, dejjem naf li ser niltaqa ma' l-istess persuni – persuni li jqattgħu ħafna aktar ħin fil-Każin minni u mill-bqija tal-Kumitat! Fi kliem ieħor, il-każin qisu t-tieni dar tagħhom!
The 47 strong youth group from our parish has returned to Ghajnsielem following a ten-day tour in Italy. The highlight was certainly the historical meeting with Pope Benedict XVI at Montorso. Half a million were present for this event. The group had the unique opportunity to visit the Holy House of Loreto.

**Over 100 people end grand Italian tour (Saturday 8th September 2007)**

Over 106 people from Ghajnsielem have just returned from an eight-day grand-tour around the main cities of Italy organized by the St Joseph Band Club. The thorough itinerary included a visit to the eternal city of Rome, the Vatican, Assisi, Cascia, Tolfa, Loreto and the wondrous city of Venice.

**Traditional 'Ikla ta' Wara l-Festa' (Monday 27th August 2007)**



It was a three-hour recreational activity for over 120 persons who accepted the invitation of the St Joseph Band for a traditional Ikla ta' Wara l-Festa. Many of those who attended were still feeling nostalgic about the Feast. The food was excellent, the company good and the venue, couldn't be better.







**Carmel Azzopardi**
Director

107, Triq l-Ewropa,
Victoria, VCT111, Gozo,
Tel: ***2156 4110***
Tel/Fax: ***2155 3715***

# GRIMA KIOSK

you can find:

Pastizzi
Qassatat
Pizza
Burgers
Hot Dogs
Rolls
Soft Drinks
Wine
Spirits
Ice Cream etc

Mgarr Harbour
Tel: 2155 3072
Mob: 7970 6279

# *Blue Anchor Bar*

Pjazza tad-Dehra
Għajnsielem




*Pjazza Indipendenza*
*Għajnsielem*
*Tel: 2156 6684, 2156 3265*



# Roses
## Garden Centre

**Flower**

**Arrangements**

**for all occasions**

**Triq l-Imġarr**
**Għajnsielem**
**Tel: 2156 0444**

# Radju Lauretana - Ilu magħna sena!

*Jikteb id-Direttur tar-Radju, is-Sur Lelio Spiteri*

Iż-żmien jgħaddi malajr wisq. Bilkemm tinduna kif iż-żmien jgħaddi minn fuqna. Filli nippreparaw biex nifthu



stazzjon tar-radju, filli qegħdin infakkru l-ewwel sena mit-twaqqif tiegħu. Kien propju l-Ħadd 5 ta' Awissu meta r-raħal tagħna beda jgawdi mis-servizz li beda joffri Radju Lauretana. Il-bidu mhux ħafif, kull bidu joffri sfidi. Iżda dawn bil-għajnuna ta' kulħadd ġew megħluba u nistgħu ngħidu li r-radju kellu bidu tajjeb ħafna. Dan kollu bis-saħħa ta' ħafna u ħafna persuni li emmnu fil-potenzjal ta' dan il-mezz qawwi ta' komunikazzjoni. Sena wara, nistgħu ngħidu li r-radju sar parti integrali minn ħajjet il-parroċċa. Ħadd ma jimmaġina festa, Milied jew Għid mingħajr Radju Lauretana. Kemm huwa sabiħ tisma' leħen raħal twelidek u titpaxxa b'dak kollu li joffri. Jien dejjem emmint fil-qawwa tar-radju, iżda meta tisma' l-kummenti tas-semmiegħa tikkonferma kemm konna għatxana għal dan l-istazzjon. L-anzjani, il-morda u dawk li ma joħorġux minn darhom sabuh ta' sostenn, wens u kumpanija mill-aqwa. L-emigranti ġġennu warajh u ġennew lilna bil-kummenti tagħhom. U hawn tidħol ir-responsabilita' tax-xandar, tax-xandir. Kemm huwa mportanti li wieħed ikun diskret fi kliemu, f'imġibtu, iġib quddiem għajnejh is-semmiegħa bl-opinjonijiet diversi tagħhom, bl-istejjer partikulari li jsawru lil ħajjithom. L-iskop aħħari tar-radju tagħna huma dak li jinforma u jifforma waqt li jnissel tbissima



f'ambjent ta' ħbiberija, ta' familja kbira, il-familja Lauretana ta' Għajnsielem. Aħna radju komunitarju u r-rwol tagħna huwa differenti minn dak ta' radjijiet oħrajn. Stazzjonijiet tar-radju hawn kemm trid. Il-programmi tagħna huma varji, immirati biex jolqtu l-gosti tas-semmiegħa, b'timbru Għajnselmiż, xi ħaġa li tiddistingwina minn stazzjonijiet radjofoniċi oħrajn.



Is-sehem tal-Banda San Ġużepp fil-programmi ta' l-istazzjon huwa ferm apprezzat. Il-programm Mal-Kolp tal-Katuba, ippreżentat b'tant ħila u kapaċita minn Joe Galea u Ivan Portelli, beda jixxandar mill-bidu ta' l-istazzjon u sab postu f'kull skeda. Il-programm intlaqa' tajjeb mal-ewwel u dan għax daqqa banda tinżel għasel mhux biss mad-dilettanti tal-baned iżda mal-biċċa l-kbira tas-semmiegħa. Tinduna b'dan meta waqt il-ħin tal-programm tgħaddi minn fejn tgħaddi, tisma' r-radju jagħti, b'volum għoli. Għall-bidu l-programm kien itul siegħa u nofs, iżda mbagħad twal għal sagħtejn fuq talba ġenerali. L-għażla vasta u varjata li jagħtuna Joe u Ivan mżewqa b'informazzjoni, jagħtu laqta professjonali lill-programm. Bla tlaqliq ngħidu li l-librerija ta' marċi li għandhom dawn iż-żewġ kollegi hija waħda mill-aħjar. Titlobhom x'titlobhom jaraw minn fejn ser jakkwistaw il-marċ u tkun ċert li fil-programm jew fil-programm tal-ġimgħa ta' wara ser idoqquh.

Ir-radju, għalkemm ilu sena ħaj, iżda matul dan iż-żmien sar żvilupp qawwi f'dawk li huma studjos. Mingħajr spejjeż żejda u lussu, ħloqna żewġ studjos imdaqqsin ħalli x-xandir isir aħjar, f'ambjent aktar komdu. Sibna l-għajnuna ta' ħafna nies, bosta benefatturi li għenuna. Mingħajr l-għajnuna tas-semmiegħa, ir-radju ma jimxix u żgur ma kienx ikun possibli li jagħmel passi ta' ġgant fi żmien daqshekk qasir.

Il-passat huwa mera tal-futur. Is-sena li għaddiet minn fuq ir-radju tagħna kienet sena ta' suċċess. Il-futur ikun l-istess jekk inkomplu nsibu qlub ġenerużi li lesti jagħtu ħinhom u flushom biex l-istazzjon ikompli għaddej. Fiduċjuż li dawn qatt mhu ser jonqsu.



# Għajnsielem Blood Drive

*Kevin Cauchi*

L-Għaqda Mużikali San Ġużepp flimkien tal-Malta Red Cross Gozo Section u l-Malta Blood Transfusion Service organizzaw l-ewwel "Blood Drive Marathon" nhar is-Sibt 31 ta' Mejju 2008. F' kampanja ta' reklami li damet sejra kważi xahar, il-pubbliku kien imħeġġeġ sabiex jiġi u jagħti d-demm fuq bażi volontarja.
L-attività saret fil-Każin tal-Banda bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tat-80 Anniversarju. Aktar minn ħamsin voluntier ħadu sehem u l-attivita tant kienet suċċess li kellna nirrifjutaw lin-nies għaliex il-containers tad-demm intlew kollha!
Il-Kumitat eżekuttiv qiegħed jippjana li jibda jorganizza din l-attivitħ fuq bażi annwali. Il-pjan hu li din ssir f'Diċembru bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Għajnselmiża












# Jitwieled is-Sotto-Kumitat tal-iSnooker





F'dawn l-aħħar snin, il-logħba ferm sabiħa tas-snooker kibret fil-popolarita' tagħha fir-raħal tagħna ta Għajnsielem u dan grazzi għal kumitat eżekkuttiv tal-Għaqda Mużikali San ġuzepp kif ukoll ta ċerti ndividwi li bil-paċenzja jieħdu ħsieb jorganizzaw tournaments għad-dilettanti ta' dan l-isport.

Bejn Novembru tas-sena l-oħra u Lulju ta din is-sena ġew organizzati erba' kompetizzjonijiet fejn intlagħbu 165 logħba uffiċjali li ġew deċizi fi 394 frame. Id-diviżjoni tal-Premier din is-sena intrebħet minn Aldo Cauchi li kellu staġun ferm tajjeb fejn rebaħ il-logħbiet kollha, f'diviżjoni fejn kull sena qiegħdin naraw livell iktar għoli ta' snooker. Fil-league tal-ewwel diviżjoni kellna bosta parteċipanti ġodda, ħafna minnhom għadhom żgħar u dawn qiegħdin jimmaturaw ma kull logħba li jilgħabu. Din is-sena l-league intrebaħ minn Saviour Vella li ma tilifx logħba.



Minbarra il-league, ġew organizzati żewgt kompetizzjonijiet oħra fuq stil knockout, waħda f'Novembru u oħra f'April wara li spiċċa il-league. In-November Cup intrebħet minn Garry Morris fejn għeleb lil Aldo Cauchi bl-iskor ta 4-0, u l-April Knock Out intrebħet minn Jevon Attard bl-iskor ta 4-3 f'finali ferm kumbattuta kontra Loreto Spiteri, li ġiet deċiża fuq l-aħħar boċċa sewda.

Għall-ewwel darba ġiet organizzata kompetizzjoni għaż-żgħażagħ ta' taħt l-għoxrin sena fix-xahar ta' Lulju bl-iskop li iktar żgħażagħ jitħajru jilgħabu l-logħba tas-snooker. Din it-tazza intrebħet mill-player promettenti Ferdinando Apap li rebaħ bl-iskor ta 3-1 kontra Luke Meilak fil-finali.

Hemm aspirazzjonijiet kbar għall-istagun il-ġdid tas-snooker, li għandu jibda xi ftit ġimgħat wara l-festa. Il-kumitat eżekuttiv diġà ħatar sotto kumitat li ser jieħu f'idejh l-attivitajjiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-isnooker. Il-membri ta' dan is-sotto kumitat huma Larry Buttigieg fil-kariga ta' President, Anthony Scicluna fil-kariga ta' Segretarju, u Josef Azzopardi fil-kariga ta kaxxier, kif ukoll Andre' Xuereb bħala membru u Italo Cauchi bħala rappreżentant tal-kumitat.

L-għan ewlieni ta' dan is-sotto kumitat ser jkun li jiġbor fondi permezz ta' attivitajiet u sponsors biex bihom ikun jista' jagħmel iktar proġetti li għandhom x'jaqsmu mal-isnooker ħalli b'hekk inqajmu dan it-talent ġdid fir-raħal tagħna ta' Għajnsielem.





# Esperjenza żagħżugħa f'laqgħa mal-Papa

### JIKTEB FRA LORRIE ZERAFA OFM



Agora dei Giovani – "Ma' Marija fi djalogu ma' Ġesù". Kien il-motto għal-laqgħa kbira għaż-żgħażagħ Taljani u delegazzjonijiet mistiedna minn madwar id-dinja. Fost numru kbir kien hemm 47 żagħżugħ u żagħżugħa mill-Parroċċa ta' Għajnsielem fosthom 4 żgħażagħ minn ħdan il-komunita' nisranija li tinġabar fil-Knisja tagħna ta' Sant'Antnin.

Din l-esperjenza straordinarja saret realta' wara li ħa l-pusses l-Arċipriet u għamel żjara ta' korteżija fis-Santwarju tal-Madonna ta' Loretu ġewwa l-Italja, li l-Paroċċa hija ddedikata għall-istess titlu Marjan. Huwa għamel talba biex ikun jista' jitla' grupp ta' żgħażagħ u din ġiet milqugħa.

Wara xhur ta' preparazzjoni ġejna mistiedna fid-Djoċesi ta' Chieti – Vasco, ftit kilometri 'l bogħod minn Loretu. Mal-wasla fil-Paroċċa ta' San Nicola



ġewwa SAN SALVO, ġejna milqugħa bl-ikbar imħabba, tnejn tnejn, għand il-familji għall-ewwel tlett ijiem. Saru diversi attivitajiet kulturali u reliġjużi bi preparazzjoni għal din il-laqgħa storika. Id-Djoċesi għażlet it-Tema "Djalogu bejn ir-Reliġjonijiet, Nisranija, Ġudajka, Musulmana". Hawn kien mument fejn stajna nesperjenzaw xi jfisser djalogu u mhux tiegħi tajjeb u ta' ħaddieħor ħażin. Rajna kemm hu faċli li tikritika u diffiċli biex tiddjaloga. Sar kunċert kbir ġewwa anfiteatru fil-miftuħ. Attivita' oħra kienet meta iltqajna fil-Katidral ta' Chieti u saret introduzzjoni minn kull grupp preżenti ; mill-grupp tagħna tela' Lelio Spiteri fejn ta deskrizzjoni tad- Djoċesi ta' Għawdex u dwar ir-rabta tal-Paroċċa tagħna ma' Loreto. Hawn l-arċipriet ta sett kotba bl-Ingliż ta' San Ġorġ Preca lill-Kardinal u stiednu biex jattendi għall-festa f'Awissu. Saret quddiesa mmexxija mill-Kardinal Bruno Forte fis-Santwarju ta' "Santo Volto" (jingħad li dan il-maktur kien dak tal-Veronika) ġewwa Manopello, fejn għamel priedka mill-isbaħ u wriena s-sabiħ tal-ħajja sesswali b'mod mill-iktar miftuħ u f'atmosfera serena. Tkellem dwar kif il-wiċċ ta'



Ġesu' jista' jidher fina u fi ħbiebna bil-mod ta' kif aħna nġibu rwieħna ma' xulxin u għal xulxin.

Wasal is-Sibt filgħodu u tlaqna lejn Loretu biex tibda l-avventura. Wara ħafna tidwir minħabba sigurtà wasalna fil-parkeġġ 2 tal-Coaches u bdejna tliet sigħat mixi lejn il-wied ta' Montorso fost kant, briju u xi bexxa ilma ; kien hemm min tana wkoll id-dulliegħ. Aħna

wasalna għal xil-ħamsa ta' filgħaxija, sibna post fejn kellna spazju biżżejjed biex norqdu dak il-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd. Bdiet iċ-Ċelebrazzjoni tal-Velja immexxija mill-Papa Benedittu XVI u fid-disgħa ta' filgħaxija beda kunċert minn kantanti ta' fama mondjali, stupend u mżewwaq minn ilwien ta' dawl u xenarju. Spiċċa bil-logħob tan-nar tal-ajru meravilja.

Mal-lejl kollu tista' tgħid baqa' għaddej kant u żfin. Iżda wara dik il-mixja u is-serata ta' bil-lejl ma tantx kellna saħħa nkomplu l-lejl kollu u għax kellna ġurnata oħra mimlija daqs bajda. Fis-sebgħa ta' filgħodu bdew jingħataw xi avviżi, qomna u sibna postna. Fit-tmienja beda t-tifħir ta' Sbieħ il-Jum immexxi minn Kardinal, u wara bdiet il-prova tal-kant għal waqt il-quddiesa. Wara li dar bil-Popemobile madwar il-wied biex isellem lill-folla kbira ta' żgħażagħ, Fl-għaxra bdiet l-Ewkaristija presjeduta mill-Papa b'numru sabiħ ta' Kardinali u Isqfijiet u għadd ta' saċerdoti li ikkonċelebraw. Il-Papa għamel priedka tajba ħafna u semma' l-ħarsien ta' l-ambjent għax dik il-ġurnata l-knisja taljana iddedikata jum favur l-ambjent. Tana l-eżempju ta' San Franġisk ta' Assisi bħala mudell ta' kif wieħed jista' jħares lejn il-ħolqien. Tkellem biex insaħħu il-ħajja nisranija b'impenn fil-volontarjat u fil-ħajja tal-knisja. Tana eżempju li kif il-wied mimli b'mijiet ta' żgħażagħ jidħol u joħroġ min irid, hekk ukoll id-Dar ta' Marija miftuħa għal kulħadd għax ma għandiex la bibien biex jagħlquha u lanqas erba' ħitan biex idawwruha iżda tlieta. It-tielet ħajt irridu nkunu jien u int, qal il-Papa. Fl-aħħar ta' l-Ewkaristija ta mandat lil diversi żgħażagħ biex imorru jwasslu lil Kristu fid-dinja.

Nista' ngħid kemm kien hemm kollox organizzat, tawna basket bil-kotba taċ-ċelebrazzjoni u sibna wkoll torċ, xalpa ta' tifkira, u kappell. Tawna basket ieħor bl-ikel tas-Sibt filgħaxija u l-Ħadd. Ma' dawn qassmu kwantità ta' ilma. U xi ngħidu għall-indafa : tawna tlett boroż bil-kuluri biex nkunu nistgħu nisseparaw l-iskart u nżommu l-post aħjar minn kif sibnieh.

Wara l-quddiesa erġajna bdejna mixja lura sa fejn ħallejna l-coach is-Sibt u f'xi s-sitta ta' filgħaxija sibna rwieħna ġo dar 'San Franġisk' fejn kellna inqattgħu l-



aħħar erbat ijiem. It-Tnejn kienet ġurnata ta' rikrejazzjoni fejn morna fil-park ta' Mirabilandia fejn tista' tgħid hemm attrazzjoni ta' kull tip u gosti. Hawn qattajna ġurnata sħiħa. It-Tlieta kmieni filgħodu qbadna t-triq lejn Perugia u Assisi. Malli wasalna Perugia bdiet tqattar ix-xita u wara żiedet bil-qlil. Iżda l-ispirtu żagħżugħ wera ħiltu għax bqajna għadejjin u miexja fix-xita, dorna ċ-ċentru storiku, pjazza ewlenija u l-Katidral, u wara tlaqna lejn Asisi għal quddiesa fil-Bazilika tal-Porziuncola u wara għamilna dawra mal-kumpless. Żorna is-Sacro Convento, il-kumpless tal-bażilka u l-qabar tal-Fqajjar t'Assisi. Imxejna sal-bażilka ta' Santa Clara fejn hemm is-salib ta' San Damiano, inżilna fil-kripta fejn hi midfuna u l-post tar-relikwi meqjuma u miżmuna b'għożża kbira. Wara, morna nżuru l-knisja tal-Casa Nova (fejn kienet id-dar ta S. Franġisk). Wara erġajna qbadna triqitna lejn Loreto u nixtarru l-paci u serenità li tagħti l-belt t'Assisi u l-Ispirtu ta' radkalità li għex San Franġisk. L-Erbgħa morna fis-santwarju Marjan/Lawretan. Wara spjegazzjoni fil-pjazza tas-santwarju dwar l-istorja xjentifika tad-dar dħalna nagħmlu ż-żjara u wara kellna



il-quddiesa fil-kripta tas-santwarju. Il-Ħamis kien il-jum tat-tluq tagħna. Wara li wasalna l-ajruport ta' Ancona sibna li kien hemm dewmien fit-tluq ta' l-ajruplan u minħabba f'hekk tlifna l-ajruplan għal Malta minn Milan. Wara ħafna taħbil il-moħħ ta' l-arċipriet ġie deċiż li nibqgħu ġurnata oħra. Hawn l-avventura tkompli. Il-Ġimgħa tlaqna lejn l-ajruport biex nerġgħu lura Malta.

Żgur li wasalna Malta differenti milli tlajna. Kien grupp sabieħ fin-numru, karattri u età. Esperjenza straordinarja li ma tintesa qatt u qatt. Iż-żgħażagħ setgħu jaraw li għax tkun żagħżugħ tista' xorta tagħmel esperjenza t'Alla f'ħajtek u tiddeverti fl-istess ħin. J'Alla li din l-esperjenza ma tkunx l-aħħar waħda iżda tkun triq li twassal għal esperjenzi simili għal żgħażagħ oħra fil-futur biex dik il-benna li doqna aħna jkunu jistgħu iduquha u jixtarruha żgħażagħ futuri tal-parroċċa tagħna.



# San Ġorġ Preca u s-'Sbejħa Loreta'

## Tikteb Pauline Grech, Head ta' l-Iskola Primarja t' Ghajnsielem



Fis-santwarju ta' Loreto hemm konservat, skond tadizzjoni antika, id-dar ta' Nazaret li fiha kienet tgħix Ommna Marija. Id-dar fejn kienet toqgħod Marija f'Nazaret kienet tikkonsisti f'żewġ partijiet: grotta imħaffra fil-blat,li għadha sallum ivveneratafil-Bażilka ta' l-Annunzjazzjoni f'Nażaret u dar tal-ġebel mibnija fuq il-grotta.

Skond it-tradizzjoni,fl-1291 meta l-kruċjati ġew imkeċċijin darba għal dejjem mill-Palestina din id-dar tal-ġebel ġiet trasportata "mill-anġli" l-ewwel fl-Illiria u imbagħad f'Loreto (10 ta' Diċembru1294). Illum, b'riżultat tal-iskavar arkejoloġiku li sar taħt id-dar (1962 -65) u ta' studji filoloġiċi u ikonografiċi l-istudjużi jinsabu kważi ċerti li l-ġebel nġarr fuq vapur minn Nażaret għal Loreto. Hu x'inhu nistgħu ngħidu lil-ġebel ta' Loretu mhuwien biss relikwa imam jrid ifakkarna kontinwament fl-ikbar żewġ misterji tar-reliġjon kattolika jiġifieri:
Il-Misterju tat-Trinita' Qaddisa li jfisser li Alla huwa wieħed fi tliet persuni distinti li huma l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu u Il-Misterju tal-Inkarnazzjoni lijfisser li Ġesu' Kristu għalkemm huwa Alla veru sar Bniedem veru bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu u bl-IVA li qalet Marija li allura hija ukoll vera Omm Alla.

Issa jekk kien hawn qaddis li kien verament devot ta' dawn iż-żewġ misterji dan kien proprju San Ġorġ Preca. Nistgħu niktbu ktieb sħiħ dwar dan. Jiena se nillimita ruħi għal ftit fatti u riflessjonijiet.




### San Ġorġ u t-Trinita'




Sa minn meta kien għadu kjeriku Dun Ġorġ kellu imħabba kbira lejn il-misterju tat-Trinita'. It-Trinita' kienet iċ-ċentru ta' ħajtu. Din id-devozzjoni baqgħet tikber fih sa ma miet. Biżżejjed wieħed isemmi li meta lejn l-aħħar ta' xjuħitu,minħabbafil-mard kellu l-permess li jqaddes fid-dar tiegħu stess wieħed soċju pittirlu xbiha tat-Trinita' biex Dun Ġorġ iżommha mal-artal fejn kien iqaddes, il-qaddis stqarr: "Li kieku tlajt fil-Lotterija żgur li ma kontx nifraħ daqshekk!"

Fatt ieħor interessantihu li San Ġorġ kien jgħożż statwa ħelwa ta'Santa Ċeċilja. Jingħad lidin il-qaddisa mietet b'idejja msallbin waħda fuq l-oħra b'id waħda b'sebgħa wieħed miftuħ u bl-id l-oħra bi tlett' iswaba miftuħin. B'hekk il-qaddisa riedet tistqarr il-fidi tagħha f'Alla wieħed fi tliet persuni fil-punt tal-mewt tagħha. Kien għalhekk li s-Soċjeta' tal-Museum riedet li fil-figura tax-xemgħa ta' San Ġorġ lihemm fuq il-fdalijiet tiegħu fil-Blata l-Bajda l-qaddis tagħna ukoll ikollu idejhli qegħdinfl-istess pożizzjoni li kellha Santa Ċeċilja. B'hekk Dun Ġorġ għadu sallum iwassal messaġġ ta' fidi fit-Trinita' Qaddisa għalkull minimur jinvistah fil-Blata l-Bajda. Donnu jrid jistedinna biex meta nitolbu liluma niqfux fuqu imam niftakru pjuttost f'Alla l-Imbierek. Kienet tassew ħaġa providenzjali li Dun Ġorġ jiġi kkanonizzat fit-3 ta' Ġunju meta l-Knisja kienet qed tiċċelebra s-Solennita' tat-Trinita'.

### San Ġorġ u l-Inkarnazzjoni

Jekk San Ġorġ kien devot lejn it-Trinita' qaddisa x'ngħidu li kien lejn il-Misterju tal-Inkarnazzjoni. Kien San Ġorġ Preca li xerred ma Malta kollhad-devozzjoni lejn il-kliem adorabbli 'Verbum Dei caro factum est' li kif jaf kulħadd tfisser 'L-Iben t'Alla Sar Bniedem'. U l-Iben t'Alla sar bniedem proprju fid-dar ta' Nażaret fejn Marija qalet l-IVA tagħha. In-nies ta' Għajnsielem għalhekk għandhom iħossuhom marbutin iktar minn nies ieħor mal-Verbum Dei u m'għandu jkun hemm l-ebda dar f'Għajnsielem li fiha ma ssibx dan il-kliem imwaħħal mal-ħajt. Dun Ġorġ tant kien konvint li l-Misterju ta' l-Inkarnazzjoni seħħ fid-dar ta' Nażaret li ried li jkollu xbiha tal-Madonna marbuta ma dan il-misterju. B'hekk huwa ordna pittura li fiha il-Madonna tidher bl-Ispirtu s-Santu fuq rasha u fuq sidirha l-kelmiet 'Verbum Dei'.

Dawn ix-xbihat u t-titli tal-Madonna qegħdin hemm biex jgħinuna. Imma jekk aħna verament irridu nuru l-imħabba tagħna lejn il-Madonna ta' Loretu mhux biżżejjed li ngħajjtu 'viva x-xemx'. Jeħtieġ li s-'sbejħa Loreta' tfakkarna kontinwament fiż-żewġ misterji tar-reliġjon tagħna. Jeħtieġ li d-devozzjoni lejn dawn il-misterji ma nuruhomx biss fi żmien il-festa permezz ta' qrara u tqarbina tajbin imma nuruha ukoll matul is-sena kollha billi kuljum infittxu li ngħidu IVA lil Alla kif għamlet Marija.

# Lapidi f'ġieħ Marija Santissima

### Jikteb is-Superjur tal-Museum Ivan Farrugia



F'diversi postijiet prominenti naraw monumenti u lapidi mwaqqfin biex ifakkru persuni jew avvenimenti importanti. Dan isir biex aħna nibqgħu niftakru fil-kontribut li dawk il-persuni jkunu taw b'risq is-soċjeta' kif ukoll il-ġrajjiet storiċi li jkunu seħħew.

F'wieħed mill-kotba tiegħu, San Ġorġ Preca jistħajjel li deherlu San Ġwann l-appostlu ta' Kristu u wrieh bosta lapidi. Għalhekk il-ktieb jismu *Il-Lapidarju.* Dawn il-lapidi kienu mwaqqfin min-nies qaddisin għall-memorja u għall-unur ta' Marija. Kull waħda minn dawn il-lapidi titratta ċirkustanza mill-ħajja ta' Marija jew unur li hi ġiet mogħtija minn Alla kif ukoll xi dehriet tagħha.

F'din id-dehra immaġinarja, San Ġwann l-evanġelista jitkellem dwar il-qawwa ta' Marija Santissima, Reġina tas-sema u ta' l-art, li bil-qawwa tagħha ssalva mit-telfien lil dawk kollha li jagħtuha vera qima.

Waħda minn dawn il-lapidi, eżattament Lapida numru 97 tfakkar id-dar ta' Marija Santissima. Din il-lapida tgħid hekk:

Lapida Nru 97
Imwaqqfa għall-memorja u għall-unur ta'
Marija Santissima dwar id-Dar tagħha

Ieqaf, o pellegrin fidil, quddiem din il-Lapida u agħti qima lil Marija Santissima b'inkin sinċier. (Hawn wieħed jagħmel inkin b'rasu)

Marija Santissima, li fid-dar tagħha ta' Nażaret nisslet fil-ġuf tagħha lis-Salvatur tad-dinja bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, għamlet mir-renju tal-glorja tagħha li din l-istess dar, ikkonsagrata bil-misteri divini, tkun ittrasportata bil-ministeru ta' l-anġli minn taħt idejn l-infidili, l-ewwel fid-Dalmazja, imbagħad f'Loretu tal-provinċja ta' Piċenu.

Ifraħ, o Marija, għax inti sibt grazzja quddiem Alla, u itlob għalina li nirrikorru lejk għas-salvazzjoni ta' ruħna.

Glorja lill-Omm ta' Alla, Marija Santissima dejjem verġni li rċeviet glorja mill-Missier u mill-Iben u mill-Ispirtu s-Santu. Amen.

Fil-bidu tal-ktieb, Dun Ġorġ jikteb hekk: Dan il-lapidarju ta' min jaqrah u b'ġid kbir ta' ruħu matul is-sena fil-festi kollha prinċipali tal-Madonna. Għalhekk tkun ħaġa sabiħa li kull familja jkollha kopja ta' dan il-ktieb tant sabiħ u taqrah bħala talba sabiħa ta' tifħir lil ommna Marija.
Minn qalbna nawguraw lil kulħadd il-festa t-tajba. Jalla l-Mulej, bl-interċessjoni ta' Ommna Marija ta' Loretu u ta' San Ġorġ Preca jkompli jitfa' fuqna l-barka tiegħu.




UPPER DECK
HITS THE SPOT
HORATIO'S
NOW
OPEN
Mgarr
Gozo

# Il-Formazzjoni fis-Seminarju

**Sem. Samuel Grech**



Fil-ħajja, kull min ikun irid jilħaq xi ħaġa imur f'post partikulari biex jistudja u jispeċjalizza f'dak li jkun irid isir il-quddiem. Issa min ikun irid isir qassis imur jistudja ġewwa s-seminarju.

F'Għawdex kif tafu għandna s-seminarju tal-Qalb ta' Ġesu li jinsab ġewwa r-Rabat. Kull min f'Għawdex ikun irid isir qassis ġeneralment imur jistudja f'dan il-post. Il-kelma 'seminarju' ġejja mill-kelma li tfisser żerriegħa. Bħalma żerriegħa tikber u tiżviluppa, hekk ukoll is-seminarju huwa l-post li jxettel il-vokazzjonijiet.

Min jidħol is-seminarju għandu quddiemu kors ta' seba' snin li jwasslu għas-saċerdozju. Forsi tgħidu għalfejn dan iż-żmien kollu? Kif tafu kull vokazzjoni hija impenjattiva u s-saċerdozju mhux b'inqas. U ma jfissirx li wara dawk is-seba' snin tista' tarmi l-kotba u tgħid li issa lest.



Il-formazzjoni tkompli sejra sa kemm immutu.

Is-seba' snin fis-seminarju huma maqsumin f'żewġ ċikli. L-ewwel ċiklu jkopri l-ewwel tliet snin u f'dan il-perjodu s-seminarista jistudja l-filosofija. Jekk tridu tkunu tafu x'inhi l-filosofija staqsu lill-Arċipriet tagħna għax hu għallimhieli! Mal-filosofija nistudjaw ukoll l-Iskrittura, Morali, Psikoloġija u Soċjoloġija fost l-oħrajn. Mat-tmiem dawn it-tliet snin imbagħad tiġi r-raba' sena li hi partikulari ħafna għalina. Dan għaliex f'din is-sena mitlubin li nsiefru barra minn Malta u mmorru nagħmlu esperjenza x'imkien, ġeneralment f'xi parroċċa. Din is-sena hija mill-aktar utli għax tagħti opportunita' lis-seminarista biex jesperjenza l-Knisja barra minn Malta u b'hekk jieħu idea aktar ċara tar-realta' barra minn Malta. Hija wkoll okkażjoni biex niddixxernu aktar il-vokazzjoni tagħna. Kif tafu jien din l-esperjenza għamiltha matul din is-sena li għaddiet ġewwa l-parroċċa ta' San Stanislaw Kostka ġewwa Bay City, Michigan fl-Istati Uniti. Din is-sena nista' ngħid li tatni diversi opportunitajiet u minnhom tgħallimt mhux ħażin. Qabel tlaqt kont xi ftit beżgħan fuq x'se nsib ma' wiċċi imma llum li għaddiet din l-esperjenza nista' ngħid li kienet verament utli.

Issa wara li s-seminarista jtemm din is-sena u jiġi lura Għawdex jerġa' jidħol is-seminarju biex ikompli l-formazzjoni tiegħu. Ikun imiss issa l-aħħar tliet snin u dawn flimkien, fis-seminarju nsejħulhom it-tieni ċiklu. Matul dawn it-tliet snin nitgħallmu t-teoloġija. Huma snin fejn is-seminarista jibda jaħseb aktar fil-fond fuq is-saċerdozju. Difatti, fil-ħames sena, is-seminarista jagħmel dik li nsejħulha ċ-ċerimonja ta' l-ammissjoni li fiha l-Isqof jaċċettah bħala kandidat għas-saċerdozju. Kif tafu, din il-funzjoni l-aħħar li saret kien fil-parroċċa tagħna fejn kellna erba' seminaristi li għamlu din iċ-ċerimonja. Ftit żmien wara mbgħad is-seminarista jirċievi l-ministeru tal-lettorat. Hawn is-seminarista jsir ministru tal-kelma t'Alla, i.e. sejħa biex is-seminarista jwassal il-kelma t'Alla. Fis-sitt sena mbagħad is-seminarista jirċievi l-ministeru ta' l-akkolitat li jfisser li s-seminarista jkun jista' jibda jqarben. Fit-tmiem tas-sitt sena mbagħad, is-seminarista jiġi ordnat djaknu. Il-kelma djaknu tfisser qaddej allura xogħlu hu li jgħin lis-saċerdoti u lill-Isqof fil-ħidma pastorali u fil-liturġija. Id-djaknu jista' jgħammed, iżewweġ, jippriedka u jħabbar il-Vanġelu. Is-seminarista jagħmel l-aħħar sena, is-seba' waħda, bħala djaknu u fi tmiem din is-sena jiġi ordnat saċerdot.

Issa tajjeb ngħid li l-formazzjoni li nirċievu fis-seminarju mhix waħda ta' studju biss. Barra l-istudju jeħtieġ li ngħixu ħajja ta' talb u hawn għandna d-direttur spiritwali biex jgħinna. Hemm ukoll il-formazzjoni umana u psikoloġika tagħna u għalhekk is-seminarju jitlobna li mmorru għand il-counsellor biex jgħinna f'dan ir-rigward. U fl-aħħar u mhux l-inqas insemmu l-formazzjoni pastorali. Għal dan il-għan is-seminarju jassenjana f'parroċċi differenti biex immexxu laqgħat tal-vokazzjonijiet, abbatini, żgħażagħ u diversi gruppi oħrajn u b'hekk ikollna idea tas-sitwazzjoni pastorali fid-djoċesi għax għada pitgħada aħna rridu nkunu r-rgħajja tal-merħla afdata f'idejna.

S'intendi, apparti dan kollu li semmejt, fis-seminarju jkollna wkoll ħinijiet ta' rikreazzjoni li fihom ngħaddu l-ħin fil-kumpanija ta' xulxin. Għandna wkoll ħinijiet li fihom nistgħu noħorġu mis-seminarju u mmorru xi mixja flimkien. Il-programm tas-seminarju huwa mqassam b'tali mod li jgħin lis-seminarista biex filwaqt li jaqdi d-dmirijiet tiegħu, ikollu wkoll ħin għalih innifsu. Kullma jsir isir bl-iskop li niġu ffurmati tajjeb.

Min-naħa tiegħi nista' ngħid li s-snin li qattajt s'issa fis-seminarju kienu sbieħ ħafna. Fejn qabel dħalt kont nibża xi ftit mill-ambjent tas-seminarju, illum inħoss li s-seminarju qisu d-dar tiegħi. Għalhekk inħeġġeġ lil dawk kollha li jixtiequ jidħlu s-seminarju biex jimbarkaw għal din l-avventura b'ottimiżmu.



The Majestic
Satellite & Electronic Centre

*Wistin Camilleri Street,*
*Victoria, Gozo - Malta.*

*tel: 2155 2532*
*mob: 9947 4859*

OKULUS RESTAURANT




*Shore Street,*
*Mġarr, Gozo*

# Ix-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla f'Għajnsielem

Ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla f'Malta bdiet bil-ħidma għaqlija tal-Patri Ġeraldo Paris O.P. fl-1928 u twaqqfet bil-għan li teqred il-vizzju misħut tad-dagħa u biex tpatti għall-offiżi koroh li jsiru 'l Alla bil-kruha ta' dan il-vizzju hekk ikrah u li bla dubju ta' xejn ibaxxi d-dinjita' tal-bniedem.



Din ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla f'Għawdex bdiet fil-Parroċċa tan-Nadur fil-15 ta' Novembru 1931, u fis-snin ta' wara sal-1959 twaqqfet fergħa f'kull parroċċa tal-gżira tagħna .

Il-Kungressi Djoċesani tax-Xirka f'Għawdex bdew isiru fl-1946, u proprju l-Ewwel Kungress Djoċesan sar f'Għajnsielem, allura fil-parroċċa tagħna, il-Ħadd 25 ta' Awwissu 1946 fiż-żmien il-parrokat tal-Kappillan Dun Franġisk Mizzi u dan il-kungress kien immexxi mill-istess fundatur u Direttur Nazzjonali tax-Xirka, il-famuż Patri Gerardo Paris O.P. u ppresedut mill-E.T. Mons. Isqof Ġ.Pace, li fl-istess okkażjoni, ġiet imbierka l-ewwel ġebla ta' Lourdes Home, istitut imwaqqaf mis-Sinjurina Ġużeppa Debono.

Ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes daħlet f'Għajnsielem fl-4 ta' Settembru 1932, meta l-ewwel Direttur Djoċesan għal Għawdex kien il-Monsinjur Lwigi Galea u kif fuq ġa semmejna kien fi żmien il-Kappillan F. Mizzi u jekk qed niftakar sew, bħala l-ewwel Direttur tagħha f'Għajnsielem, kien Dun Ġ. Galea Rapa.

L-aħħar Kungress, l-44 wieħed li sar f''Għawdex inżamm mit-18 sad-29 ta' April, 2007 u l-manifestazzjoni solenni tiegħu saret f'Għajnsielem fiż-żmien dan il-parrokat ta' l-Arċipriet Frankie Bajada u li fih kellu parti importanti ħafna s-Sur Lelio Spiteri, li lilu mbagħad fis-6 ta' Diċembru ta' l-istess sena ġie mogħti l-Ġieh Għajnsielem, unur li kien jixraqlu sew.

Għall-bidu tat-twaqqif tax-Xirka, almenu f'Għajnsielem, lill-imseħbin tax-Xirka kien jingħata ċertifikat ta' iskrizzjoni, kienu jitlibsu bages tax-Xirka bl-IHS u naħseb li l-uffiċċjali kellhom xi distintiv jew faxxa ċelesti li tintlibes fid-dirgħajn u li fiha kellha wkoll IHS żgħira.

F'wieħed mill-Ħdud tax-xhur kienet issir purċissjoni qasira fil-pjazza bil-Bambin tax-Xirka li għadu jinsab fis-sagristija tal-knisja l-qadima.

Għall-ġieh ta' l-istorja hu sew ngħidu li fis-sena 2007 din ix-Xirka f'Għajnsielem għalqet 75 sena mit-twaqqif tagħha, u fix-xahar ta' Diċembru ta' l-istess sena l-parroċċa tagħna rnexxielha takkwista Bandalora tax-Xirka rrakkmata bid-deheb imħallsa mill-membri tal-familja Bajada, bandalora li saret flok oħra qadima, li kienet tħallset ukoll mill-ġenituri ta' l-istess familja Bajada madwar ħamsin sena ilu.

D. K.C.





# L-esperjenza tiegħi bħala Abbati

## *Joseph Debono - Ex Abbati u Bandist Saxaphone*

Minkejja li għaddiet minn fuqi medda twila ta' snin, minn mindu kont għadni membru fil-għaqda tal-"Piccolo Clero", jew l-Għaqda tal-Abbatini tal-parroċċa ta' Għajnsielem, f'dak iż-żmien immexxija minn Dun Karm Cassar fiż-żmien il-Kappillan, il-Kan. Dun Espedito Tabone, se nipprova hawn inwassal xi esperjenżi ta' dak iż-żmien hekk sabiħ ta' tfuliti.

Bħala Fundatur u Direttur Nazzjonali tal-*Piccolo Clero* niftakar li kien il-magħruf Kanonku Ġużeppi Delia, saċerdot Malti mwieled f'Bormla u li studja għall-qassis fis-Seminarju ta' Għawdex. Dan il-qassis kemm il-darba ġie fil-parroċċa tagħna fejn xi darba jew oħra qaddes ukoll u fiċ-Ċirklu kien għamel konferenza lill- ommijiet tagħna l-abbatini. Dun Ġużepp Delia bil-ħidma għaqlija tiegħu rnexxielu mhux biss iwaqqaf il-Piccolo Clero, li kif naħseb jien, fil-parroċċi kollha ta' Malta, iżda infiltra wkoll fil-Vatlkan, fejn ta' kull sena (kif għadu jsir sal-lum) hu kien jieħu hemm numru mdaqqas ta' abbatini Maltin u Għawdxin biex jagħtu sevizzi fil-Vatikan u b'hekk l-abbatini tal-Vatikan kien ikollhom xi ftit tal-mistrieħ mis-servizzi tagħhom .

Il-Patrun tagħna kien San Duminku Savio, u aħna l-abbatini kellna r-regoli tagħna, naturalment imfassla mill-istess Kanonku Ġ. Delia. Dan il-Kanonku billi kien midħla ħafna ta' Dun Karm Cassar, anzi kien hu li għażlu, mhux biss bħala l-ewwel Direttur tagħna, iżda wkoll bħala l-ewwel Direttur Djoċesan għal Għawdex, fiż-żmien l-episkopat ta' Mons. Isqof Ġużeppi Pace.

Jekk għadni niftakar sew, aħna l-abbatini, konna mqassma f'dawk imsejħa Prinċipali u f'dawk imsejħa Riservi u jidhirli li kien hemm xi grupp ieħor li kien meqjus bħala tal-Kandidati. Aħna, il-Prinċipali konna wkoll maqsuma fi tliet gruppi bi ġranet assenjati lilna u meta minħabba xi raġuni kien ikun għalina impossibli f'xi jum ngħatu s-servizz tagħna, konna nkunu obligati navżaw lil xi wieħed mir-riservi biex jagħmel is-servizz minn flokna, għax jekk jitfalla s-servizz iċ-ċanfira konna noħduha aħna.



Bħala abbatini kien ikollna l-Prefett u dan kien jiġi magħżul f'gara pubblika li kienet issir fil-knisja taħt il-ħarsien tal-kappillan u l-mistoqsijiet kienu jsiru minn tnejn jew tliet eżaminaturi. Il-materja tal-eżami kienet tkun fuq dak li kien isir fil-laqgħat li kien ikollna kull nhar ta' Sibt.



Minfostna kien iġib l-għola numru ta' punti u kien ikollu kondotta tajba ħafna, kien ikun il-prefett magħżul u kien ikollu l-privileġġ li juża 'l hekk imsejħa "Ferola" u li jilbes il-faxxa ħamra. Fil-laqgħat id-Direttur kien jgħamlilna xi ħsieb spiritwali, tagħlim tal-liturġija, jiġifieri kif ngħatu servizzi tajbin fil-funzjonijiet u t-tagħlim tal-galateo , jiġifieri fuq l-imġieba tajba, per eżempju kif nużaw il-pusata waqt l-ikel, fejn nimxu jew fejn noqgħodu meta nkunu ma' xi ħadd ikbar minna. Servizzi biċ-ċensier u l-akkolti kien ikollna kwazi kuljum għax f'dak iż-żmien kienu jsiru xi tnejn jew tliet quddisiet kantat kuljum. Iżda l-aktar li kien ikun importanti għalina l-quddiesa kantata fil-Ħdud u l-Għasar wara nofsinhar .

Niftakar li meta t-tim tal-futbol ta' Għajnsielem kien imissu l-logħob fis-*Silver Jubilee Ground* u aħna, l-abbatini, bħat-tfal l-oħra konna mmorru l-grawnd, imma xħin kien joqrob il-ħin għall-Għasar konna nitilqu bil-mixi mill-grawnd biex nilħqu s-servizz fil-knisja.

L-isports u l-ħarġiet għal Malta ma kienux nieqsin . Aħna l-abbatini kellna t-tim tagħna u nilbsu flokkijiet blu, fil-waqt it-tfal l-oħra taċ-Ċirklu kienu jilbsu l-isfar u laħaq tlajna fil-grawnd pubbliku u lagħbna ma' abbatini oħra. Aħna l-abbatini darba ftehemna ma' tim, li jidirhirli li kien tal-abbatini tal-Kapuċċini , u xħin dħalna fil-grawnd id-Direttur tagħna ma riedx bl-ebda mod iħallina nilgħabu magħhom, għax ra li huma kienu wisq ikbar minna. Hu kien duttur wisq għalina u ma riedx li jkorri xi wieħed minna. Fil-grawnd dejjem kien ikun bis-suffara f'idejh u meta jara fina l-iżgħar tilwima kont tisma' l-imbierka suffara tvenven f'widnejna. Imma dur minn hawn u dur minn hemm fl-aħħar ipperswadejnieh biex iħallina nilgħabu magħhom u l-biċċa marret sew għax konna rbaħna aħna, allura wieħed jista' jaħseb, li bħala tfal x'għors kbir konna għamilna.

Mill-ħarġiet li morna f'Malta l-aktar li bqajt niftakar hi dik il-ħarġa ma'. Dun Karm u ma' Dun Anġelo Buttiġieġ(Viċi Parroku) meta tlajna nduru minn barra fuq il-koppla tal-Mosta u wara, flimkien mal-Kan. Ġ Delia, għamilna dawra kif imiss fil-Birerija taċ-Cisk fejn ġejna milqugħa tajjeb u għamlulna *refreshment*..

Fil-ġranet taċ-Ċentinarju ta' San Pawl 1960 għamilna ħarġa oħra għal Malta u li fija kellna xi ftit ta' diżappuntati, għax waqt li konna qed naraw il-Kavalieri ta' San Ġwann għadejjin fi sfilata, wieħed minna, bla permess tad-Direttur, mar jixrob minn x'imkien u għalhekk xħin morna nirkbu fuq ix-Xarabank tagħna lilu ma sibniehx. Id-Direttur ikkonfonda u kellu jmur javża l-għassa tal-pulizija minn fejn tawna avviż, li jekk sa nofsinhar ma jinstabx dan l-abbati, irridu nerġgħu mmorru l-għassa biex navżawhom. Insomma konna għadna tfal, u t-tfal għaqal ta' tfal ikollhom . Biss l-affari spiċċat sew għax l-abbati li ntilfilna kien għaqli biżżejjed li mar fuq Kastilja, fejn immarka x-xarabank tagħna u hemm qagħad jistenna sakemm wasalna aħna.

Sakemm domt abbati ġew organizzati ġor-Rabat xi tliet kungressi djoċesani ta'l-abbatini. L-ikbar wieħed kien sar meta l-abbatini kollha ta' Għawdex inġabru fil-kunvent tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali fejn hemm naħseb li konna mal-mitejn abbati; hemm ilbisna ta' abbatini u mmarċjajna lejn il-Katedral u n-nies baqgħet mistgħġba tħares lejna, għax qatt ma kienet rat, ħa nsejħilha hekk, parata bħala ta' abbatini. Fil-Katidral l-Eċċellenza Tiegħu Mons'. Isqof Ġużeppi Pace għamlilna diskors u ieħor id-Direttur Djoċesan Dun Karm u l-funzjoni kienet trasmessa minn fuq ir-rediffjuxin .

Dak kien l-isbaħ żmien ta' ħajti u ma jerġax jiġi . Sakemm domt abbati jiena niftakar bħala l-ewwel prefett tagħna lil Francis Grech li kien joqgħod fi Triq il-Fawwara u lil Ġorġ Ciangura ta' Triq fuq il-Għajn: dawn it-tnejn illum jinsabu fl-Melbourne u naħseb li huma nanniet, u jidhirli li warajhom kien inħatar prefett Ġużeppi Mercieca.



# It-twaqqif tal-Leġjun ta' Marija f'Għajnsielem

M. Assunta Grima

Il-gzira Għawdxija sa mill-qedem kellha devozzjoni lejn l-Omm Tagħna tas-Sema. Għaldaqstant ma setax jonqos li din l-omm tagħna tas-sema titfa' grazzji speċjali fuq il-gzira t' Għawdex.

Waħda minn dawn il-grazzji hi bla dubju ta' xejn it-Twaqqif u t-Tixrid tal-Leġjun ta' Marija. Il-Leġjun ta' Marija beda l-ewwel darba permezz ta' Frank Duff li hu l-fundatur u ta' l-bidu ta' din l-għaqda fis-7 ta' Settembru tas-sena 1921 f'Dublin l-Irlanda.

Nistgħu ngħidu li l-Leġjun ta' Marija daħal wkoll fil-gzejjer tagħna minn ta' lewwel fost pajjiżi oħra tad-dinja. Kien fil-bidu tas-sena 1949, meta Joseph Booker, Richard Bisazza u Carmelo Formosa kellmu lil Isqof t' Għawdex l-Eċċllenza Tiegħu Mons. Ġużeppi Pace u talbuh permess biex idaħħlu l-Leġjun ta' Marija f'Għawdex. Isqof ta' Għawdex, devot kbir tal-Madonna, aċċetta t-talba ħerqana tat-tlitt leġjunarji, li jdaħħlu l-Leġjun ta' Marija f'Għawdex. F'dak iż-żmien il-Perit Joseph Degaetano u l-mara tiegħu, koppja Maltija li kienu residenti f'Għawdex li bis-saħħa tagħhom infetaħ l-ewwel Praesidium tar-rġiel bil-permess ta' l-Isqof Pace u tal-arċipriet Mons. Mikiel Cefai. Dan seħħ fit-22 ta' Jannar 1950 .

Il-Praesidium kien bl-isem ta' Madonna Ta' Fatima. Il-president kien il-Kommendatur Edgar Montanaro, Kumissarju għal Għawdex . Ftit gimgħat wara infetaħ l-ewwel praesidium tan-nisa . Dan ġara fit-8 ta' Mejju 1950 fl-iskola tas-Sorijiet Franġiskani tar-Rabat. Il-Presidenta kienet Dorothy Degaetano l-mara tal-Perit li kien president tal-Prasidium tar-rgiel.

Imbagħad il-Leġjun ta' Marija beda jinxtered ma Għawdex kollu .Fir-raħal ta' Għajnsielem infetaħ l-ewwel praesidium fit-30 ta' Jannar tas-sena 1952. Dan seħħ bit-tħabrik tas-sinjura Edmea Tabone mart Sander Tabone mir-Rabat. Dawn kienu presidenti f'zewġ praesidia differenti . Edmea Tabone ħajjret lil Grezzja Xuereb biex tgħinha għall-ftuħ ta' praesidium ġdid tan-nisa f'Għajnsielem .



Il-praesidium infetaħ bil-permess tal-kappillan Dun Manwel Xerri. Il-laqgħa kienet issir fis-sagristija tal-knisja ż-zgħira u l-presidenta kienet Grezzja Xuereb li kienet għalliema fl-iskola Primarja ta' Għajnsielem u kienet toqgħod fi Triq Ħamri, qrib ħafna ta' l-iskola . Il-membri kienu 12 il-mara u kienu jattendu regolarment darba fil-ġimgħa. Il-praesidium kien jismu Madonna ta' Loreto. Aktar tard il-membri zdiedu u infetħu aktar praesidia.

Il-Leġjun ta' Marija għar-rġiel dam ftit ma nfetaħ għax kien hemm xi ftehim ma l-isqof li l-Leġjun ser ifixkel għaqdiet oħra. Dan l-intopp ġara wkoll f'xi rħula oħra, imma maż-żmien din il-problema nħallet u l-Leġjun daħal fl-irħula kollha t' Għawdex. L-ewwel praesidium tar-rġiel f' Għajnsielem beda fl-10 ta' Awissu tas-sena 1952 izda gara li dan il-praesidium bl-isem ta' Virgo Nazzarena kellu jingħalaq f'Settembru tas-sena 1954 . Għadda ż-żmien u fl-1966 reġa infetaħ praesidium ieħor bl-isem tal-Madonna ta' Lourdes. Praesidium ieħor tar-rġiel infetaħ fl-1984 bl-isem ta' Omm il-Knisja.

Minbarra l-Praesidia tan-nisa u tar-rġiel infetħu praesidia għat-tfal jissejħu Junior Praesidia. Fl-1964 infetaħ Praesidium tal-bniet bl-isem ta' Kewba tal-Bahar. Fis-sena 1967 infetaħ ieħor tal-bniet bl-isem ta' Sultana tal-Vergni u fis-sena 1972 infetaħ ieħor bl-isem ta' Għarusa ta' l-Ispirtu s-Santu . Hemm ukoll żewż praesidia tas-subien wieħed infetaħ fl-1974 bl-isem Omm ta' l-Iben t' Alla .

Minbarra dawn il-praesidia f'Għajnsielem hemm praesidium ieħor għall-Ingliżi jew strangieri residenti f'Għawdex . Dan il-Praesidium iġib l-isem ta' Our Lady of Mount Carmel . Il-laqgħa ssir f'Dar San Ġużepp Triq l-Imġarr u għaliha jattendu ftit stranġieri u anke nisa minn Għajnsielem. Kull praesidium hemm Direttur Spiritwali u 4 uffiċċjali mibarra l-membri l-oħra. F'Għajnsielem hemm 10 praesidia ta' tar-irġiel, nisa u tfal.

L-għan tal-Leġjun ta' Marija hu li jkun hemm appostolat. Il-membri tal-Leġjun huma obbligati li jattendu għall-laqgħa darba f'ġimgħa. Barra minn dan iridu jagħmlu sagħtejn xogħol fil-ġimgħa . Dan ix-xogħol jikkonsisti fi żjajjar fl-isptarijiet, żjajjar lil anzjani u morda f'darhom .Żjajjar fid-djar kollha bl-istatwa tal-Madonna . Matul dawn iż-żjajjar bl-istatwa, isir tqassim ta' domni u materjal ieħor spiritwali. Iħeġġu lil membri tal-familji għar-reċita tar-Ruzarju u għall-attendenza għall-quddiesa ta' kuljum, kif ukoll għall-adorazzjoni fil-knisja ż-żgħira . Matul is-Sajf dawn iż-żjajjar bl-istatwa tal-Madonna isiru għand l-emigranti li jiġu fostna għall-btala qasira, kif ukoll għand stranjieri ħafna minnhom m'humiex kattolċi li jinzertaw f'Għajnsilem.

Il-biċċa l-kbira minnhom jaċċettaw l-istatwa tal-Madonna. Xogħol ieħor tal-membri hu li jieħdu ħsieb it-tfal fil-knisja waqt il-quddiesa ta' kuljum.Jieħdu ħsieb il-Konsagrazzjoni lil Qalb ta' Ġesu' u l-Qalb ta' Marija lil koppji li jkunu għadhom kif iżżewġu . F'xi każi rari sar tagħlim tal-Katakiżmu lil persuni mhux kattoliċi li wassluhom biex irċievu il-Magħmudija u sagramenti oħra. Isir xogħol ta' għajnuna soċjali bħal ma hu ħsieb ta' tfal żgħar fid-djar waqt li ommijiet jattendu għall-Quddiesa tal-Hadd . Jieħdu ħsieb ukoll anzjani meta jkollhom bżonn imorru l-Polyċliniċ jew għal xi vista l-isptar . X' uħud mill-membri jieħdu ħsieb it-tqassim tal-kotba ta' Kliem il-Hajja u ta' xi rivisti reliġjuzi oħra.

Xogħol ieħor li jsir mill-Leġjunarji attivi huwa Exploratio Dominicalis .Dan ix-xogħol jikonsisti f'żjarat fid-djar f'raħal ieħor. Grupp ta' membri jmorru f'raħal ieħor, jitqassmu f'toroq differenti u jżuru l-familji. Huma jħeġġuhom għar-reċita tar-Rużarju u għall-quddiesa ta' kuljum. Jħajruhom biex jattendu għall-laqgħat reliġjuzi u joffrulhom domni u materjal ieħor spiritwali.

Xogħol ieħor li hu abbinat ma dan, huwa Peregrinatio Pro Christo. Membri attivi jaċċettaw li jwettqu din il-missjoni delikata imma ta' sagrifiċċju, li jmorru f'art oħra mbiegħda għall-ġimgħa u jżuru familji bl-istess skop bħax-xogħol ta' qabel. Din id-darba jżuru familji strangieri li jgħixu barra minn xtutna . Dawn iż-żewġ xogħlijiet huma apprezzati ħafna mill-Madonna.

Il-Leġjun ta' Marija ilu 56 sena f'Għajnsielem . Hafna mill-membri tal-bidu ma għadhomx magħna u żgur li l-Madonna tathom il-premju li ħaqqhom tax-xogħol li għamlu kemm damu fil-Leġjun . J'Alla li membri preżenti jimxu fuq il-passi tal-membri ta' qabilhom.

# Għajnsielem, dar ta' kenn

Ix-Xatt, il-kenn marittimu ewlieni ta' Għawdex, u Għajn ta' Hain Salem,bla dubju ta'xejn , kienu żewġ entitajiet preżunti,li sa mill-ibagħad żmenijiet ġibdu abitanti lejn raħalna u magħhom, forsi, nistgħu ngħoddu wkoll ix-Xatt l-Aħmar, daħla ċkejkna kennija, hekk inħoss li jixhed it-Tempju preħisitoriku Tal-Qigħan; forsi mhux hekk jixhdu t-tempji kollha li qribhom issib il-ħajja umana?

Mhux għall-kenn tal-Għawdxin kien li f'Għajnsielem fl-1418 ,il-Gran Mastru Martin Garzes tella' t-torri famuż fuq ix-xaqliba taż-Żewwieqa,li ġos-sies li fuqu kien mibni t-Torri, tant Għajnselmiżi, fosthom il-familjari tiegħi, waqt l air raids sabu tant kenn ġo-shelters, matul it-Tieni Gwerra dinjija, li matulha mat-800 refuġjat f' Għajnsielem sabu kenn. Dan it-torri sal-lum għadu mfakkar bħala t-Torri ta' Garzes. KIf kważi fil-bidu tar-raħal tagħna fuq il-għolja taż-Żewwieqa Garzes kien bena diġa' l-imsemmi Torri, fin-naħa tal-Punent ta' Għajnsielem, fl-1613, Bernardo Macedonia, Knight Commander ta' l-Altellerija, bena dak li aħna nsejħulu t-Torri ta' Santa Ċeċilja.

Fit-tarf tiegħu Għajnsielem, fin-naħa li tmiss mal-Port ta' Mġarr ix-Xini fl-1661 kien beda jiffunzjona t-Torri, imsejjaħ ta' Mġarr ix-Xini, iddisinjat mill-inġinier Blondel, li attwalment jinsab fi stat ħażin għall-aħħar. Mhux għall-ħarsien ta' pajjiżna saret fl-1715 iċ-Ċironda Battery, u mbagħad għall-ħabta ta' l-1761 bdiet tiffunzjona l-Bourlamaque Entrenchment?

Il-Port ta' l-Imġarr, li aħna l- Għajnselmiżi nsibuh dejjem bħala x-Xatt, mhux biss minnu nnifsu kien u għadu lok kenni għall-baħħara u għall-opri kollha tagħhom, imma wkoll sa mill-1732 fix-Xatt, il-Gran Mastru Antonio Manuel de Vilhena ħaseb biex jinbena mkien, imsejjah 'Osteria' jew dverna fejn wieħed kien jista' jdabbar rasu.

Il-port ta' l-Imġarr mhux minn dejjem kien kenni kif nafuh illum. Sa minn qabel żmieni dejjem kien hemm dak li forsi nistgħu nsejħulu jetty , li għadu hemm illum quddiem il-Pumping Station, u niftakar, imbagħad fi żmien il-Gvern Kolonjali, rajt tinżel fil-baħar l-ewwel blokka għall-bini ta' breakwater ġdid li ta aktar kenn lill- opri tal-baħar, sakemm imbagħad, il-Gvern Malti, fil-1969, awtorizza l-binja ta' breakwater ġdid u kbir, li qisu bħal żewġ dirgħajn miftuħa jħaddnu medda ikbar ta' baħar li fiha jiskennu vapuri mdaqqsa, kull xorta ta' dgħajjes u saħansitra jacht marina ċkejkna li kompliet tgħani l-ewlieni Xatt Għawdxi.

Fl-Imġarr pero', mhux l-opri tal-baħar biss kienu jsibu kenn,iżda anki l-populin, għax sa ftit taż-żmien ilu fix-Xatt, barra mid-dverna, ġa msemmiha qabel,kien hemm ukoll tinda tal-ħadid u żinġu kbira, li aħna konna nsejħulha s-Suq, u li għad-dell u għall-ħarsien mill-elementi kienu jsibu kenn kemm baħrin u burdnara kif ukoll sa l-istess merkanżija.

Bejn ix-Xatt il-Kbir u x-Xatt l-Aħmar tiddomina l-Belt Forti Chambrai, li kien lest għall-abitazzjoni fil-1760, Forti mibni faċċata tat-Torri Garzes, it-tnejn mibnija għall-ħarsien u l-kenn tal-poplu Għawdxi u ovjament anke dak Malti.

Il-Forti Chambrai, lokal ikbar miċ-Ċittadella, minħabba l-kobor tiegħu, seta' jilqa' fih numru kbir ta'nies f'każ ta' emerġenza u serva mhux biss bħala residenza għas-suldati feruti f'diversi gwerer u bħala restcamp għall-baħrin u suldati ngliżi imma wkoll, fiż-żminijiet li aħna għadna niftakru,kien ta kenn lil tant morda mentalment u bil-lebbra, u nżid ngħid li mhux biss kien lok ta' mistrieħ għall-ħajjin imma wkoll għall-mejtin, billi ġo fih kien jinsab ċimiterju u tnejn oħra barra mis-swar tiegħu, li fihom kienu jiġu midfuna separatament tant mejtin protestanti u tant oħra kattoliċi.



Għad-dell tas-sies ta'Qortin, fit-triq li mix-Xatt twassal għar-Rabat, l-istess bhejjem kienu jsibu xi ħjiel ta' mistrieħ

għax għan-nofs tas-seklu dsatax, taħt l-amministrazzjoni tal-Gvernatur Sir John Gaspard Le Merchant, ġiet mibnija għajn (Fontana)sabiħa biex ittaffi kemm l-għatx tal.bnedmin kif ukoll tal-bhejjem. Ilum din il-fontana ġiet xi ftit spostata għal xi metri l-bogħod minn fejn oriġinalment kienet mibnija.

Faċċata tal-baħar tiddomina fuq il-għolja tal-Qortin il-figura majestuza ta' dik l'hekk imsejħa Domus Aurea (Dar tad-Deheb) li l-baħħara dejjem ħarsu lejHa bħala l-ħarriesa tagħhom u lilHa sejħu u fiHa sabu kenn waqt it-taqlib tal-bahar qawwi, fil-waqt li kienu jgħidulha: "Il-mant tiegħek, 0 Marija, huwa aqwa mill-qawwa tal-baħar u tar-riħ".

Billi Għajnsielem hu għani b'ħafna opri filantropiċi, la darba ninsabu fuq il-Qortin, hu sew insemmu hawn "Lourdes Home" imwaqqfa hemm fuq mis-Sinjorina Ġużeppa Debono, meta hija ħasset il-bżonn ta' dar ikbar minn dik li kellha fir-Rabat biex tilqa' fiha tfal fqar jew orfni . Mons Isqof Ġużeppi Pace qiegħed u bierek l-ewwel ġebla tagħha fil-25 ta' Awissu 1946, fiż-żmien il-parrokat tal-Kappillan Franġisk Mizzi. Fl-istess kumpless, jiġifieri ma' Lourdes Home,li nistgħu wkoll inqisuha bħala Kunvent tas-Sorijiet Duminikani, tinsab annessa d-Dar 'Ġużeppa Debono' li l-għan tagħha hu li tilqa' fiha tfajliet bi problemi speċjali.

Waqt li Lourdes Home illum hija mmexxija mis-Sorijiet Dumnikani, l-oħra, jiġifieri d-'Dar Ġużeppa Debono,' li ġiet inawgurata fit-8 ta' Diċembru 1985 minn Mons. Isqof Nikol Ġ.Cauchi,li l-għan tagħha hu li tilqa' fiha unmarried mothers, taħt id-direzzjoni tas-Sinjorina Marija Attard, kienet inawgurata fiż-żmien l-Arċipretura ta' Mons. Ġużeppi Zerafa. Nassumi mbagħad li dawn iż-żewġ t'idjar sabu kenn tajjeb taħt id-dirgħajn tal-għaqli Mons. Emmanwel Curmi

Ftit passi l-bogħod minn dan il-kumpless kbir tinsab, ħa nsejħilha hekk, id-Domus Dei, jiġifieri d-Dar t'Alla, jiġifieri dik il-Knisja tant grazzjuża mibnija fuq stil gotiku, iddedikata lil Marjia Immakulata ta' Lourdes, li kienet il-ħolma ta' l-Arċisqof Mons.Pietru Pace. Din il-kappella ġiet mibnija fuq disinn imfassal mill-Perit Emmanuel Galizia u l-ewwel ġebla tagħha tpoġġiet fl-1 ta' Ġunju 1888 u ġiet mbagħad imbierka fis-27 ta' Awissu 1893. Kemm il-knisja(Domus Dei) kif ukoll id-Dar tad-Deheb, jiġifieri Marija Imakulata fuq imsemmija, huma bħal żewġ oqsfa li taħthom taw u għadhom jagħtu tant kenn lil bosta devoti u lil tant nies li għandom ħtieġa ta' għajnuna speċjali.

Inħallu issa x-Xatt u naqbdu Triq Sant' Antnin, li qabel kienet imsejħa Triq Nadur.
Kważi fil-bidu tat-tela' kien hemm ir-Royal Lady Hotel, imlaqqma ta' Żerrek, binja mdaqqsa u sabiħa, li darba kienet tal-familja Galea. Ftit 'il fuq mir-Royal Lady u li kienet tiffunzjona qabilha, kien hemm lukanda oħra, attiva u nadifa, ċkejkna iżda mfittxija ħafna, imsejha tal-Gillieru, li kien jisimha "Grand Hotel" u li flokha llum tinsab mibnija lukanda oħra, kbira, moderna u lussuża li ħadet l-isem antik ta' dik ta'qabilha, jiġifieri ta' "Grand Hotel" Fi Triq iż-Żewwieqa , f' Għajnsielem ukoll, ġiet mibnija lukanda oħra moderna wkoll taħt l-isem "Mġarr Hotel" li llum,milli jidher, qed tintuża għal għanijiet oħra.

Biex nibqgħu fi Triq Sant' Antnin hu sew li nsemmu wkoll iċ-Ċentru Antonian mibni, żgur l-iktar għall-kenn u għall-ġabra taż-żgħażagħ,bil-ħidma u fiż-żmien tal-Gwardjan P. Gabriel Micallef O.F.M, Patri Għawdxi minn San Lawrenz.

Ftit metri 'l fuq miċ-Ċentru, anzi nista' ngħid anness miegħu, bil-ħidma għaqlija u perseveranti ta' Patri Malti, Anton Maria Cesal O.F.M, mgħejjun minn diversi benefatturi,maltin u għawdxin,beda l-bini tal-Kunvent u tal-Knisja dedikata lil Sant' Antnin ta' Padova fis-sena 1901 fuq proġett imfassal minn Dun Ġużepp Diacono,għawdxi ieħor, u x-xogħol tal-binja spiċċa fis-sena 1905 mill-bennej Wiġi Vella. Mhux forsi djar ta' kenn qaddis huma l-Knisja ta' Sant' Antnin ta' Padova u l-istess kunvent għall-patrijiet ?

Kemm kien attiv dak il-Kunvent meta fih kien jinsab in-novizzjat u fis-sajf ukoll kienu jiġu minn Malta studenti u kierċi tal-patrijiet Franġiskani Minuri u magħhom ukoll xi patrijiet li kienu jiġu għall-mistrieħ u wara fiż-żmien il-Kulleġġ meta xi ċelel t'isfel kienu riservati għat-tagħlim ta' l-istudenti tiegħu, ċelel li forsi llum qed jintagħmel użu tajjeb minnhom bħala kmamar għall- irtiri !

X'imkien f'dak il-bini, li jinsab ftit passi 'l fuq mill-knisja u l-kunvent, nibtet l-ewwel xitla tal-Patrijiet Franġiskani Minuri f'Għawdex, u li fiha, kif nista' naħseb, għexu fil-faqar u fil-ħemda għal xi żmien l-ewwel Patrijiet Franġiskani li waslu f'Għajnsielem .



F'dak il-kumpless ta' bini,imrekken xi ftit il-ġewwa mit-triq ,tinsab dar kbira ħafna li naħseb li ġiet mibnija biex isservi bħala married quarters għas-servizzi militari Ngliżi. Qabel il-gwerra f'dik id-dar kienu jinġabu t-tfal tar-Reformatorju u li kif naħ-seb jien kienu taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġużepp Scembri, qassis malti. Huma kellhom il-Banda u niftakar li aħna, il-bandisti ta' Għajnsielem xi darba daqqejna marċi magħhom fit-toroq tar-raħal tagħna. Huma kienu jidhru wisq organizzati u iktar dixxiplinati minna.

Dan il-lokal beda mbagħad iservi bħala Summer Camp għat-tfal maltin, subien u bniet u hekk għadni niftakar sew kienu jitbiddlu kull ħmistax u mmexxija minn żewġ saċerdoti ħabrieka novelli, Mons Philip Calleja u l-ieħor kien Dun Victor Grech Dimech. Dan il-lokal serva wkoll għal xi ftit snin, bħala Kulleġġ Serafiku taħt it-tmexxija tal-wisq mibki Patri Akkursju Xerri, patri Għawdxi mir-Rabat u li kien ġie inawgurat fil-11 ta' Ottubru 1951 fiż-żmien il-Provinċjal P.Anġeliku Azzopardi. Qrib ħafna ta' fejn kien dan il-Kulleġġ illum jinsab Kunvent żgħir li fih jiġu għal xi ftit tal-mistrieħ is-Sorijiet Franġiskani Missjonari ta' Marija.

B'dan li ktibna sa issa lqatna fil-qasir ħafna punti tal-parti, hekk imsejħa ta' l-Imġarr u dik tal-Patrijiet u billi l-ispazju ma tantx jippermetti iżjed tul, sa nħallu għal darb' oħra, jekk nibqgħu mal-ħajjin, ix-xaqlibiet l-oħra ta' Għajnsielem u nikkuntentaw ruħna għallum billi nsemmu biss l-isem ta' l-entitajiet prinċipali.

Fi Triq Imġarr tinsab id-Dar ta' San Ġużepp; fl-istess triq fi Sqaq Balliju dak li darba kienet ir-residenza tas-sajf tas-Soċjeta. Missjunarja ta' San Pawl; il-fuq iżjed għelieqi ta' Camping għall- forzi Ingliżi; aħna u sejrin lejn ir-Rabat fi Triq G.F. Chambray tinsab binja tal-Mas; il-qasam tal- Museum tas-subien; iċ-Centru Marija Lauretana, l-iskola primarja Anton Cassar u fl-istess kompless l-iskola ta' l-Arti Wistin Camilleri, l-Għajnsielem Football Club, il-klabb ta' l-Għaqda Mużikali San Ġużepp, taħt l-istess Klabb darba kien hemm il-Għaqda Drammatika u Kulturali u mbagħad tiddomina fuq kollox il-Knisja Arċipretali tal-Madonna ta' Loretu.

Fl-istess Triq Imġarr, annessa mal-Gozo Press, li tinsab fl-istitut il-ġdid ta' San Ġużepp tinsab it-Taqsima ta' l-Adult Training Centre u l-qasam tall- Museum tal-Bniet li l-faċċata tiegħu tinsab fi Triq il-Mgħodija, li hija triq parallela ma'Triq Chambray. Ftit passi l-bogħod mill-Qasam tal-Bniet hemm il-famuż Respite Centre jew Dar l-Arka u minn din it-Triq nidħlu fi Triq Gleneagles fejn jinsab il-Kunvent tas-Sorijiet Agostinjani Servi ta' Ġesu' u Marija li fetħu l-ewwel Dar tagħhom fi Triq Hamri u nawgurata fid-9 ta' Settembru,1946 u minn hemm għaddew għall-Istitut il-Ġdid ta' S. Ġużepp u mbagħad għall-Kunvent attwali fejn titmexxa wkoll, dar ta' l-irtiri li ġġib l-isem 'Teresa Spinelli' Fi Triq Imġarr, kantuniera ma' Triq Għajnsielem tinsab showroom li fuqha hemm skola għat-tagħlim tall-lingwa Ingliża lill-istudenti barranin. .X'ħin nidħlu fi Triq Dun Ġużepp Galea Rapa l-ewwel li naħbtu wiċċna hu mal-Garaxx tal-Għaqda tal-Armar fejn, speċjalment fl-istaġun tal-festi, wieħed ikun jista' jara bosta żgħażagħ ħabrieka mpenjati bis- sħiħ u b'ħeġġa meħtieġa tat-tiżjin tal-Festa titulari.

X'ħin inħallu l-pjazza ewlenija malajr nidħlu fi Pjazza Indipendenza fejn naraw ,ħa nsejħilha hekk "Il-Parroċċa Omm" u x'ħin ninżlu fi Triq Ramon Perellos hemm insibu lokal kbir, li darba kien Ċirklu ta' l- A.K.,waqt li llum hu lokal rinovat sew u li hu "Il-Gozo Eden Foundation" u nżidu ngħidu Ii fil-qrib fil-Pjazza tad-Dehra jinsab imbagħad il-Kunsill Lokali. Ma dawn il-lokalitajiet li semmejna jinsabu oħrajn mifruxa mar-raħal fejn jinżammu diversi Praesidia tal-Leġjun ta' Marija u x'imkien ieħor lokal għal-laqgħat ta' l-Azzjoni Kattolika.

Ma nixtieqx inħalli barra l-hekk imsejħa kappella ta' San Eliju, u dik li tinsab f'tarf ir-raħal ta' Għajnsielem, bejn ix-Xewkija u Għajnsielem,fi Triq tal-Heliport, il-Kappella antikissima ta' Santa Ċeċilja, u nżid ngħid li probabbli darba kien hemm xi kappella oħra n-naħa ta' 'Gozo Heritage"fejn jingħad li darba f'dawk l-inħawi nstabu xi gandlieri.



B'dan li jiena ktibt inħoss li għamilt dawra ħafifa madwar ir-raħal għażiż tagħna, fejn iltqajt ma' bosta lokalitajiet, li ġagħluni li tassew li nista' nqis lir-raħal ta' Għajnsielem bħala dar kbira li kapaċi tista' tilqa' fiha lil kulħadd , u ngħalaq billi nsemmi l-aħħar post ta' kenn għat-tul, Ii fih hemm tant u tant jistrieħu għad-dell taċ-ċipress li jinsabu fiċ-Ċimiterju kbir u sabiħ li għandna fil-Parroċċa tagħna fi Triq Cordina.

*D.K.C.*

Serafina Store

*Triq Ramon Perellos*
*Għajnsielem*

MARIE'S
Hair Salon

Tel: 21 56 35 79

Madonna tal-Karmnu,
Mgarr Road

GH'SIELEM
GOZO

M & M
Butcher

Pjazza Indipendenza
Għajnsielem

Tel: 2156 3463

Pre orders
are available
on tel: 2155 5974

# SALVU CASSAR AUTO PARTS

## *Commercial Sales*
## *Engines and Parts*

**Kull tip ta' magni tal-Ġappun u ta' l-Ingilterra**

N.B. Triq Fortunato Mizzi
Victoria
Tel: 2155 2922
Mob: 7971 0384

50 Triq l-Imġarr
Għajnsielem
Tel: 2155 6674
Mob: 9947 5746



# Il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju

**minn Vince Caruana M.A. (Visual Arts) Florence**

## Il-Pittur Giuseppe Calì (1846-1930)

Giuseppe Calì twieled il-belt Valletta nhar l-14 ta' Awwissu fl-1846, bin koppja Naplitana li ssetiljaw hawn Malta minħabba argumenti familjari li nqalgħu fuq iż-żwieg tagħhom. Missieru, Raffaele kien *Maestro di Cappella* fis-servizz tar-Re ta' Napli kif ukoll kien dilettant tal-pittura. Ommu, Giovanna Padiglione, kienet mezzo-soprano. Nannuh Antonio Calì (1788-1866) u zijuh Beniamino (t.1832) kienu skulturi. Meta l-ġenituri tiegħu raw li Giuseppe kellu talent artistiku huma bagħtuh jistudja fl-Accademia di Belle Arti f'Napli taħt Giuseppe Mancinelli (1812-1875). Giuseppe mar kontra l-akademismu tal-għalliem tiegħu u kien aktar miġbud lejn iċ-ċirku ta' Domenico Morelli (1826-1921). Kien influwenzat ukoll mill-pittur Franciz, Eugene Delacroix (1798-1863). Probabilment kemm Morelli kif ukoll Delacroix ispiraw waħda mill-pitturi bikrija tiegħu, il-mewt ta' Dragut li tinsab fil-Muzew Nazzjonali ta' l-arti fil-belt Valletta.

Calì kien pittur versatili u prolifiku. Carlo Ignazio Cortis kien laqqmu bħala x-xitan tal-pinzell. Hu ħalla'l fuq minn sitt mitt biċċa xogħol li jvarjaw minn litografiji, *watercolours*, pittura biż-żejt kif ukoll numru ta' titulari u dekorazzjonijiet f'diversi knejjes kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

Fatt interessanti ta' min isemmi hu li Calì fiż-żjarat tiegħu f'Għawdex kien jiffrekwenta t-taverna ta' wieħed magħruf bħala l-Mestulin li kienet tinsab fl-Imġarr. Meta Calì ġie kkummissjonat il-kwadru ta' Sant' Andrija li jinsab fil-knisja ż-żgħira, f'Għajnsielem, magħrufa aktar bħala l-knisja l-qadima, il-Mestulin kien ippoża għall-artist bħala Sant' Andrija. Il-ħut li jinsabu ħdejn saqajn il-qaddis hu ħut li s-sajjieda ta' l-Imġarr kienu jagħtu lill artist.

Calì kien ikkommemorat mir-Repubblika ta' Malta b'serje ta' erba' bololl fl-1996 u b'munita fl-2004. Ibnu Ramiro Calì kien pittur ukoll.



## Il-kwadru tal-Madonna tar- Rużarju

Fost l-opri ta' pittura li ħalla Giuseppe Calì fil-gżejjer Maltin, insibu l-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju li jinsab fil-knisja l-qadima, f'Għajnsielem u li sar fl-1890.

Dan il-kwadru li huwa xogħol biż-żejt impitter fuq it-tila, jirrappreżenta l-Madonna tar-Rużarju, kif fil-fatt hu magħruf. Fuq in-naħa tax-xellug tal-kwadru naraw l-figura tal-Madonna liebsa l-aħmar u l-blu, b'raġġiera fuq rasha, bilqiegħda fuq tron li hu mpoġġi fuq pedestal taħt mant kanella, bil-Bambin bil-wieqfa fuq riglejha. Fuq in-naħa tal-lemin tal-kwadru nsibu żewġ personaġġi oħra. Fuq quddiem naraw lil San Duminku, li jidher qed jircievi l-kuruna tar-rużarju minn idejn il-Madonna u l-Bambin. San Duminku, il-fundatur ta' l-Ordni Dumnikana jidher mlibbes bl-ilbies ta' l-ordni, tonka bajda u kapott iswed. Il-leġġenda, li tmur lura għas-seklu ħmistax, tgħid li San Duminku kien ippreżentat ir-rużarju f'viżjoni. Din l-istess dehra kienet is-suġġett ta' diversi artisti oħra fosthom il-famuż Caravaggio fejn għamel il-*Madonna del Rosario* fl-1604/7 fi Vjenna. F'idejh tax-xellug jidher iżomm l-iskrittura li tirrappreżenta l-ġrajja ta' meta sfida lil *albigensians*. Il-ġrajja turi lil San Duminku jitfa ktieb bil-ktiba tagħhom fin-nar flimkien ma' l-iskrittura, fejn jingħad li l-ktieb tal-*albigensians* nħaraq filwaqt li l-iskrittura baqgħet bla mittiefsa.

Fl-isfond insibu lil Santa Katarina ta' Siena, soru ta' l-Ordni Dumnikana li tidher kif tradizzjonalment hi rapprezentata b'kuruna tax-xewk f'rasa. Bilqiegħda taħt il-pedestal tal-Madonna jidher tfajjel bil-ġwienaħ, simbolu ta' anġlu (li x-xebh tiegħu jinsab f'pittura oħra ta' l-istess artist fil-knisja ta' San Frangisk tal-Belt ) b'ħodon fjuri f'idu l-leminija li huwa simbolu tar-rużarju. Hawn ta' min jgħid li l-kelma rużarju ġejja minn *rose garland* jew ġnien, bil-latin *rosarium*, u għalhekk ħafna artisti wżaw il-fjuri biex jirrappreżentaw dan. Fil-fatt il-kelma franciża għal rużarju hija *chapelet*, li tfisser girlanda ta' ward. F'idu x-xellugija, l-anġlu jidher iżomm arpa, simbolu ta' tifħir u qima lejn il-Bambin. Għalkemm dan l-anġlu jidher iħares lejn San Duminku, il-personaġġi kollha, jiġifieri San Duminku u Santa Katarina, qegħdin iħarsu lejn il-Madonna bil-Bambin. Dawn l-istess personaġġi jiffurmaw kompozizzjoni triangulari biex b'hekk l-għajn ta' l-ispettatur tmur fic-centru ta' l-inkwadru, fejn insibu s-suggett principali.

Calì għażel li jagħmel l-isfond ta' l-inkwadru tiegħu semplici, bi ftit li xejn dettalji. Nistgħu naraw li dan huwa magħmul minn sema pjuttost skur, bi drapp ta' lewn kannella u kolonna b'xi pjanti. Dan l-isfond hekk skur jikkontrasta mal-kuluri tal- persunaġġi ewlenin biex b'hekk ma jtellifx l-għajn minn fuq is-suġġett.

## Il-Qagħda prezenti

Hekk kif wieħed jersaq qrib ta' dan il-kwadru, barra li ma jistax ma jammirax is-sbuħija tiegħu, ma jistax ukoll ma jħossx il-bzonn urgenti ta' restawr delikat u professjonali li jitlob dan il-kwadru. Żgur li wara mija u sbatax-il sena, dan il-kwadru jeħtieġ attenzzjoni dwar il-ħafna trabijiet u brix li ngabru matul dawn is-snin. L-unika darba li tnaddaf kien madwar erbgħin sena ilu min Bonnici Calì, qarib ta' l-artist. Gara wkoll li xi għoxrin sena ilu l-mincotti ta' l-injam li l-kwadru kien mirfud bih, għamlu moviment kawza ta' temperatura għolja li wassal biex dan waqa' minn postu u ġarrab bosta ħsarat, fosthom diversi tiċrit fuq in-naħa tal-lemin u fin-nofs t'isfel, li għadhom evidenti sal-llum. Certament wieħed jikkonkludi li dan ix-xogħol ta' Calì għandu bzonn interventi ta' konservazzjoni u restawr biex b'hekk aħna u l-ġenerazzjonijiet futuri nkunu nistgħu ngawdu dan l-inkwadru.

Referenzi:
Mario Buhagiar (1987), The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900 Paintings.
Kan. Gużeppi Zerafa (1989), Grajjiet il-Parocca t'Għajnsielem.

# Il-Kappella ta' Lourdes

***Fl-Okkażjoni tal-150 Anniversarju mid-Dehriet tal-Madonna f-Lourdes, qegħdin inġibu dan il-feature-project magħmul mill-bandist Justin Luke Buttigieg bħala parti mill-istudji tiegħu fl-MCAST***

## Introduzzjoni

Dan is-suġġett dwar il-kappelli mill-ewwel laqatni għax kien ħa ikun ta informazzjoni kbira għalija u għal oħrajn. Għażilt dan is-suġġett biex inkun naf aktar tagħrif fuq kappella li qegħda fir-raħal tiegħi.



Meta wieħed ikun ġej Għawdex bil-vapur jew b'xi lanċa l-ewwel dehra sabiħa li tisraqlek għajnejk hija il-kappella tal-Madonna ta' Lourdes. Iktar ma tersaq lejn il-port ta' l-Imġarr maġenb l-għolja tilmaħ għar li dan ġie imħaffer biż-żmien. Fuq dan l-għar tidher statwa bajda tal-Madonna ta' Lourdes.

F'dan il-proġett fuq din l-kappella, insibu diversi informazzjoni u ġrajjiet li seħħew mal-milja taż-żmien. Insibu informazzjoni kif ġietu din l-idea l-Isqof li tinbena kappella, l-istorja tal-kappella u kif ukoll in-niċċa sabiħa bix-xbieha tal-Madonna ta' Lourdes li tinsab taht il-Kappella.

L-aspett ġeografiku naraw studju dwar il-bini tal-Kappella u it-tberik. Naraw l-istil li biha nbniet din il-kappella u fl'liema pozizzjoni ġeografika tinsab. Insibu l-arkitettura u lejn l-aħħar naraw x'opri ta l-arti għandha din il-kappella kemm minn ġewwa u kif ukoll minn barra.

L-aspett socjali tal-kappella jħaddan fih id-diversi attivitajiet li jsiru għal-kommunita. Naraw kif il-knisja illum qegħda titmexxa u tintuża illum. Nagħtu ħarsa ukoll lejn ir-retturi li ħadu ħsieb din il-kappella. Nagħtu ħarsa lejn is-servizzi tal-kappella illum fosthom; l-quddies, pellegrinaġġi, festi u dehriet li dawn kollha huma imqassma mas-sena kollha.



Nixtieq nirringrazzja speċjalment lir-rettur preżenti ta' din il-kappella, Dun Tarcisju talli tagħni xi informazzjoni u kotba fuq dan is-santwarju u lil kull min għeni.

## Il-Bidu tal-kappella ta' Lourdes

Mons Isqof Pietru Pace kżien ta l-ewwel indikazzjoni li f'Għawdex kellha tinbena kappella taħt it-titlu ta' Lourdes. L-isqof ħass din ix-xewqa meta mar pellegrinagg fil-grotta ta' Massabielle ġewwa Franza fejn dehret il-Madonna għal tmintax-il darba lil Santa Bernardette Soubirous.

Għadda ż-żmien u Mons Isqof għamel l-ewwel żjara pastorali f'Għajnsielem. Din saret fis-16 ta' Frar, 1879. Waqt din iż-żjara għadda din l-idea lil kappillan ta Għajnsielem Dun Pietru Pawl Galea. Il-kappillan mill-ewwel ħataf din l-okkażjoni u medd għonqu għal din il-biċċa xogħol.



## L-istorja tal-Kappella

L-isqof Pietru Pace beda ifittex post għal dan is-santwarju. Sinjur għawdxi li kien mar il-pellegrinaġġ ma' l-Isqof ġewwa Lourdes fi Franza, kien tiela' s-sies ta' Qortin mix-xatt u ġie milqut min sies li kien magħruf bħala ta' Qortin li kien jintlemaħ mix-xatt kollu. Dan is-sinjur għoġbu dan il-post u mar jgħid kollox lill-Isqof fuq dan is-sies.

Is-sinjur għamel dan is-suġġeriment tiegħu lil Mons Isqof Pietru Pace u mill-ewwel sar qbil dwar il-



lokalita' fejn kellu jinbena s-santwarju. L-Isqof xebbaħ lil dan il-sies ma' dak li hemm Lourdes fi Franza, l-aktar dak l-għar li jinsab taħt is-sies ta' Qortin. Xebbaħ ukoll il-ġmiel naturali ta' dak il-post tal-baħar u l-għelieqi mifruxa mas-swar għoljin ta' Chambrai.

L-Isqof Pace bagħat għall-perit Malti il-Kan Manweli Galizja u talbu jagħmillu pjanta fuq stil Gotiku għal din il-kappella. Il-kappillan iffirma kuntratt ta' l-art fit-12 ta Novembru,1883. Fil-preżenza tan-nutar waqt il-kuntratt kien hemm is-Sur Carlo Rapinet imqabbad mill-Gvern bħala espert u n-nutar Dottor Antonio Carmelo Briffa. L-art kien fiha 68 qasba u nxtrat għas-somma ta' 11-il-lira u sitt skudi.

Parti mill-kuntratt kien jgħid:
"li l-Gvern biegħ biċċa art lil Dun Pietru Pawl Galea, imwieled in-Nadur u joqgħod Għajnsielem, Għawdex, fil-kwalità tiegħu bħala Kappillan tar-raħal biex tinbena kappella".

## Niċċa tal-Madonna ta' Lourdes

Bħala parti mil-bini tal-kappella, ġiet imħaffra niċċa. Din in-niċċa tinsab ġol-blat taħt is-santwarju. Fil-25 ta' Marzu ta 1879 tpoġġiet statwa tal-ġebel bi xbieha tal-Madonna ta Lourdes. Din l-istatwa ġiet maħduma mill-istatwarju Malti Antonio Busuttil. Fit- 30 ta' Ġunju 1883 Mons isqof Pietru Pace assistit minn żewġ Kanoni Kapitulari bierek din l-istatwa.

## It-Tberik tal-ewwel ġebla

Fl-10 ta' Ġunju 1888 Mons Isqof Pietru Pace flimkien mal-kappillan ta' Għajnsielem Dun Pietru Pawl Galea, bierek u poġġa l-ewwel ġebla. Din il-ġebla inġarret għal fuq il-post min Dr Fortunato Mizzi u mis-sur Evaristu Castaldi.

## Il-pellegrinagg tas-17 ta' Settembru 1893

Fis-17 ta' Settembru 1893, l-Imġarr u l-għolja ta' Qortin kienu mżejna bil-bnadar. Dan seħħ għax dak inhar kienet ġejja statwa tal-Madonna ta' Lourdes minn Malta. Għalhekk bosta Għawdxin niżlu x-xatt jilqgħu lill-istatwa. Għal ħabta ta' xi l-erbgħa deher il-vapur 'Gleneagles'. Aktar ma beda jersaq lejn ix-xatt aktar beda jinstema l-innijiet marjani u r-ružarju. Fuq il-pruwa tal-vapur bdiet tidher l-istatwa sabiħa tal-Madonna ta' Lourdes. Kif tniżżlet minn fuq il-vapur kulħadd infexx iċapċap. Imbagħad saret purċissjoni għas-santwarju ta' Lourdes. Dan il-pellegrinaġġ kien magħmul mill-Isqof Pietru Pace li dakinhar kien l-Arċisqof ta' Malta.

## It-tberik tal-Kappella il-ġdida

Biex titlesta ix-xogħol minn ġewwa, il-kappella ħadet ftit xogħol mhux ħażin. Fis-27 ta Awissu 1893 Mons Isqof Giovanni M Camilleri bierek il-kappella l-ġdida taħt it-titlu tal-Madonna ta' Lourdes. Dak inhar saru diversi ċelebrazzjonijiet. Saret l-ewwel quddiesa u daqqet il-banda La Stella. Wara beda jsir il-quddies normali.



## Il-bini tal-kappella

Fuq il-pjanta tal-perit Manwel Galizja ix-xogħol kien għaddej ġmielu. Il-padamenti tal-knisja bdew jinbnew fl-14 ta' April 1888. Lwigi Vella miż-Żebbug Għawdex kien l-bennej li għamel ħiltu kollha biex din il-kappella tinbena. Hafna mill-flus kienu inġabru min flus il-poplu u l-markiża Anna Buġeja ħarġet is-somma ta' £170. Ix-xogħol tal-bini tlesta fis-6 ta' Frar 1892, bl-aħħar ġebla tkun dik fil-kampnar.

## Pożizzjoni Ġeografika

Il-kappella ta' Lourdes tiddomina il-port ta l-Imġarr. Il-faccata tal-Kappella tħares lejn il-Lvant. Billi din il-kappella tinsab fuq sies, il-blat hu tal-qawwi ta fuq. Dan l-aħħar qed jiqgħu biċċiet minn dan sies. Il-ġebla li intużat kienet il-franka. Billi fiha ħafna arkitettura intużat din il-ġebla.

## L-istil Gotiku

Mons isqof Pietru Pace xtaq li il-kappella tkun fuq stil gotiku. Hu ġab l-idea minn fuq l-ewwel bażilika ta' Lourdes. Stil gotiku jingħaraf minħabba li tkun għall-ponta. Ikollhom ukoll ħafna twieqi kbar u arkitettura sabiħa ħafna.

## L-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes

L-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes ġiet maħduma mis-sur Carlo Darmanin. Carlo Darmanin ħadimha l-Hamrun fi Triq San Ġużepp. Is-sinjura Carolina Mamo Bruno ħallset l-ispejjeż kollha ta' din l-istatwa

## Il-Kappella minn ġewwa

Il-kappella fiha bieb principali li jagħti għall-kappella. Minn ġewwa il-kappella hi maqsuma fi tlett biċċiet. Il-parti fejn joqogħdu in-nies, il-parti tal-artal u l-parti l-oħra fiha żewġt bibien li jagħtu għal ġos-sangristija. L-arkitettura minn ġewwa ma tidhirx ħafna billi hemm twieqi kbar. Minn ġewwa hija ftit semplici.



## L-opri tal-arti ġewwa l-Kappella

F'din il-kappella insibu statwa mill-isbaħ tal-Madonna ta' Lourdes. Insibu statwa ħelwa ta' Santa Bernardetta u din l-istatwa ġiet imbierka fl-14 ta' Frar 1934 li ġiet mogħtija mill-maltin li kienu Ruma. F'din il-kappella insibu artal wieħed. Dan l-artal inħadem fl-irħam minn Ġużeppi Spampinato Tabone fuq id-disinn tal-Kav. Vincenzo Bonello fis-sena 1947. Dan ġie mbierek mill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace fis- 27 ta' Novembru 1947. Kien ġie jiswa madwar £850.

## L-opri ta' barra tal-Kappella

L-isbaħ opra minn barra huma il-qniepen. Dawn ġew ikkonsagrati fit- 22 ta' Awissu 1965. Is-sett jikkonsisti f'ħames qniepen u ġew maħduma minn bronz ta' kwalita u inħadmu l-Olanda. L-arloġġ fih erba kwadranti u l-minutieri ndurati bi 17 il-karat tad-deheb. Opra sabiħa hija li dan is-sett idoqq l-Ave Marija ta' Lourdes.

## Il-Bini tal-artal taħt il-Kappella u it-turġien ta' madwar is-sies

Taħt il-Kappella kien hemm daqsxejn ta' grotta żgħira. Dun Ġużepp Galea Rapa li dak iż-żmien kien ir-rettur tal-kappella iddeċieda li din il-grotta ibiddilha. Bena artal tal-ġebel biex ikun jista' jsir quddies fil-beraħ fl-okkażjoni ta' xi pellegrinaġġi kbar. Meta tkun tiela' mix-xatt tilmaħ żewg turġien twal. Dun Ġużepp Galea Rapa ħabrek biex għamel dawn it-turġien. Dawn it-turġien ġew maqtugħa ġol-blat u mbagħad ksewhom bil-franka. Dawn it-turgien iduru mas-sies ta' Qortin u jeħduk għas-santwarju.

## Is-servizzi tal-Kappella illum

F'din il-kappella isiru diversi quddies. Is-Sibt filgħaxija issir quddies bl-ingliż għat turisti u komunità ingliża. Il-Hadd isiru żewġt quddisiet. Waħda tkun filgħodu u l-oħra filgħaxija. Waqt dawn il-quddies tista' tgħid li tkun maħnuqa bin-nies. Xi darba kultant iseħħ is-sagrament taż-żwieg, fejn il-koppja tiddeċiedi li tiżżewweg f'din il-kappella

## Festi fil-Kappella ta' Lourdes

Il-festa tiġi iċċelebrata fil-11 ta' Frar, l-ewwel dehra li dehret il-Madonna f'Lourdes. Kull sena fis-27 ta' Awissu issir festa ġewwa din l-kappella biex jiġi mfakkar il-jum ta' meta din il-kappella ġiet mbierka. F'dak il-jum issir quddiesa minn Mons Isqof u wara jsir pellegrinaġġ għall-quddiem l-istatwa.

## 3.3 Id-dehriet tal-Madonna ta' Lourdes

Fid-dehriet tal-Madonna lil Bernardina, f'Lourdes isiru diversi ċelebrazzjonijiet. F'Għawdex ukoll isiru ċelebrazzjonijiet biex ifakkru dawn id-dehriet. Id-dehriet huma dawn:

Frar; 11, 14, 18, 19, 20, 21, 23, 24, 25, 26, 27, 28.
Marzu;1, 2, 4, 25
April; 7
Lulju; 16

F'dawn id-dati, is-santwarju ta' Lourdes ikun hemm quddies kull siegħa (bejn it-tmienja u l-ħamsa) u jsiru ħafna pellegrinaġġi minn madwar Malta u Għawdex sabiex iżuru din il-kappella.

## Ir-Retturi tal-Kappella

Il-Fundatur tal-Kappella kien l-Isqof Pietru Pace u billi din tagħmel parti minn Għajnsielem, taqa' taħt il-parroċċa tar-raħal. Tista' tgħid li l-ewwel persuna li ħa ħsieb din il-kappella kien Dun Pietru Pawl Galea li kien il-kappillan t' Għajnsielem. Billi kien impenjat ħafna, ħalla f'idejn Dun Ġużepp Xuereb.Fl-1924 din il-kappella għaddiet taħt Dun Ġużepp Galea Rapa sal-1978. Mons Isqof Nikol Cauchi għażel bħala r-rettur preżenti lil Dun Tarċisju Attard minn Għajnsielem.

# Knisja u Monasteru tal-Madonna ta' Loretu fi Spanja

Fi Spanja wkoll huma bosta s-Santwarji dedikati lill-Madonna ta' Loretu. Iżda dik ta' " Huesca " f'Aragona għandha magħha rabta speċjali mal-poplu għaliex bi tradizzjoni inbniet fejn kien twieled il-Qaddis martri San Lawrenz Levita u fejn kienet tgħix il-familja qaddisa tiegħu. F'dik il-belt għalhekk kienet issir fl-ewwel ta' Mejju ta' kull sena l-festa ta' San Orenzo u Santa Paċenzia l-ġenituri tiegħu.



Il-Knisja b'oriġini qadima ħafna reġgħet inbniet kif tidher issa fis-seklu 17 u magħha kien hemm kunvent tal-Patrijiet Agostinjani. Iżda wara s-Sinodu tas-seklu li għadda, fi Spanja saret ħafna ħsara u qerda mill-Falanġisti. Iżda fl-aħħar tas-seklu 20, kienet restawrata u ġiet magħżula bħala Ċentru għall- Hidma Pastorali.

Din il-Hidma Pastorali kienet inawgurata f'Diċembru 2000 mill-Kardinal Ġużeppi Ratzinger, illum Beneditu XVI u kien għamel diskors li deher fil-ġurnali tal-post Huwa spjega kemm kien meħtieġ it-tagħlim tal-Vanġelu u saħaq ferm għall-ħidma magħquda tas-saċerdoti, reliġjużi u lajċi flimkien. Il-Kardinal ħeġġeġ għall-fidi sabiex ikun magħruf il-misteru ta' Ġesu' Kristu u sabiex inkunu lkoll xhieda tal-ħajja nisranija.

Huwa objettiv tal-pjan inġeddu l-wegħiet tal-Magħmudja. Huwa temm b'appell sabiex il-poplu jimita lil San Lawrenz fil-fidi tiegħu u stqarr li dawk li wasslulna l-ġrajja tiegħu qabulna li n-nar tal-fidi tiegħu kien aqwa min nar tal-martirju tiegħu.

Ktibna din it-tagħrifa fl-okkażjoni li l-Parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu qed ukoll tfakkar it-tifkira tal-martirju tiegħu 1750 sena ilu.

Lorenzo Zahra




**The Garden Spot**

Jekk għandkom bżonn tordnaw xi bukkett jew arranġament ta' fjuri friski jew artifiċjali, post wieħed għandkom iżżuru, **The Garden Spot**, f'Għajnsielem. Issa ukoll tistgħu ssibu għażla kbira ta' ħut tropikali u ħut tal-ġibja. Issa, għand the **Garden Spot** tista ssib ***The Pet Fashion*** Corner, fejn hemm għażla vasta ta' ġgieget, tops, ilbiesi u anke gearijiet tat-team tal-futball prefert tiegħek.



**Pjazza Madonna ta' Loreto,**
**għajnsielem, Għawdex**
**Tel: 2155 5353 • Mob: 7920 8899**



# It-Tieni Prefazju tas-Sollennità tal-Festa tal-Madonna ta' Loreto

10 ta' Diċembru

**L-INKARNAZZJONI TAL-VERB FIL-VERĠNI MARIJA**



Sewwa u xieraq tassew,
Mulej, Missier Qaddis, Alla ta' dejjem li jista' kollox,
tajjeb u ta' ġid għas-salvazzjoni tagħna
li dejjem u kullimkien inroddulek ħajr
bi' Kristu Sidna.

Għat-tħabbira ta' l-Anġlu,
Il-Verġni Mqaddsa laqgħet bil-fidi l-kelma tiegħek,
u bil-ħidma misterjuża ta' l-Ispirtu s-Santu,
nisslet u laqgħet fi ħdanha b'imħabba li ma titfissirx
l-ewwel imwieled fil-familja l-ġdida tal-bnedmin,
li kellu jtemm il-wiegħdiet kollha ta' Iżrael
u juri ruħu lid-dinja bħala Salvatur mistenni mill-ġnus kollha
ta' l-art.

B'dan il-misteru jifirħu l-Anġli
u jqimu l-kobor tiegħek ;
flimkien mal-kant tagħhom , ilqa' , nitolbuk, Mulej,
il-kant umli tagħna , aħna nfaħħruk u ntennulek:

Qaddis, qaddis, qaddis, Mulej Alla ta' l-eżerċiti,
Is-smewwiet u l-art mimlija bil-glorja tiegħek,
Hosanna fl-ogħla tas-smewwiet ,
imbierek , min ġej f'isem il-Mulej,
Hosanna fl-ogħli tas-smewwiet.

# Lill-Madonna ta' Loretu



O Madonna ta' Loretu,
Serħ tal-morda u l-imnikktin,

taffi ftit l-ugiegħ li jifni.
agħti l-hena l-maħqurin.

O Madonna ta' Loretu,
Aħfer dlonk lill-midinbin,
fuqhom żomm ħarstek ħanina
biex qatt jisfgħu mitlufin.

O Madonna ta' Loretu,
f'idejk aħna mitluqin,
għaliex nafu li int waħdek,
l-għaxqa, it-tama, tal-bnedmin.

O Madonna ta' Loretu,
rodd is-sliem lill-miżżewġin,
biex għal dejjem jgħixu l-ħajja,
f'imħabbithom magħqudin.

O Madonna ta' Loretu,
saħħaħ int bil-qawwa tiegħek,
ta' kuljum liż-żgħażagħ tagħna,
u marbuta żommhom miegħek.

O Madonna ta' Loretu,
agħti s-safà lit-tfal ċkejknin.
u għallimhom bi ħlewwietek,
kif iħobbu lill-bambin.

O Madonna ta' Loretu,
fuq Għajnsielem żomm idejk,
fis-sliem tiegħek għinu jibqa',
biex sal-ġenna jasal ħdejk.

O Madonna ta' Loretu,
Int taf li jħobbok sħiħ,
dan il-poplu b'ġieħ kbir tiegħek,
li fiK dejjem sab mistrieħ.

O Madonna ta' Loretu,
fuq Għajnsielem itfa' illum,
bewsa taħraq minn ġos-sema
sabiex f'qalbu ttul u ddum.

O Madonna ta' Loretu,
f'dan il-jum aħna nwiegħduk
b'ħalfa mħeġġa tfur bil-qawwa,
li għal dejjem inħobbuk.

*Kan .Joe Meilak*

# Ħarsa lejn il-Festi fl-iSkrittura Mqaddsa

***Minn Fr. Charles Buttigieg***

L-element ta' festa huwa qawwi ħafna fl-istorja tas-Salvazzjoni tal-AntikTestment . Ġesu' wkoll meta ġie fid-dinja wera din ix-xewqa tiegħu li jagħmel festa magħna, dik Ewkaristika. Il-festa mela hija dik il-laqgħa f'mument partikulari, fejn Alla jiltaqa' mal-poplu tiegħu, u b'hekk il-poplu jidħol fil-prezenza jew fit-tinda (bil-Lhudi: 'shekhinah') tal-Mulej.

## Il-Festa tal-Għid

L-Għid il-Kbir (bil-Lhudi: 'pesah' li tfisser 'passaġġ' jew 'mogħdija', hija l-festa prinċipali u l-iktar importanti tal-poplu Lhudi, li tfakkar meta Alla ħelsu mill-jasar tal-Eġittu . F'dik il- lejla qabel ma kien ser jiġi l-anġlu tal-mewt, il-Lhud fuq ordni ta' Alla, riedu jagħmlu ikla partikulari u riedhom jagħmluha u jfakkruha ta' kull sena bħala l-ġrajja tal-ħelsien tagħhom:. " F'dik il-lejla għandhom jieklu l-laħam mixwi tal-ħaruf, b'ħobż bla ħmira, u b'ħaxix morr" (Eż. 12.8)

Il-Festa tikkonsisti fl-ikla ta' ħaruf pur u ta' sena u tkun iċċelebrata kull sena matul il-lejl ta' bejn l-14 u l-15 tax-xahar ta' Nisan, li hu bejn Marzu u April tagħna (qabel l-eżilju ta' Babilonja), dan ix-xahar kien jissejjaħ ('Ahib"). Kull familja tipprepara għall-ħaruf sa minn ħames ijiem qabel. Fejn hemm familji żgħar jistgħu jingħaqdu ma' xulxin għal din l-ikla; bejn wieħed u ieħor, ħaruf wieħed iservi għal għaxar persuni: " U Mose' sejjaħ lix-xjuħ kollha ta' Iżrael u qalilhom:
"Aqbdu u ħudu ħaruf għal kull familja tagħkom, u oqtlu l-ħaruf tal-Għid"( Eż'12:21)
L-għada tibda l-Festa tal-"Mazzot' jew il-'Ġimgħa ta' Ażżmi', li fiha għal sebat ijiem sħaħ il-Lhud jieklu ħobż bla ħmira biex ifakkru fit-tbatijiet ta' l-Eġittu.

Hija waħda mit-tliet festi ital-pellegrinaġġi : "Tliet darbiet fis-sena kull raġel f'nofsok għandu jidher quddiem il-Mulej, Alla tiegħek, fil-post li jkun għażel: fil-festa ta' l-Ażżmi, fil-Ffesta tal-Ġimgħat, u fil-Festa ta' l-Egħrejjex; u ma għandux jidher quddiem il-Mulej b'idu f'idu. Kulħadd jagħti kemm jista' skond il-barka li jkun tah il-Mulej, Alla tiegħek. (Dewt. 16:16-17).

## II-Festa tal-Ġimgħat

Insibu wkoll il-Festa tal-Ġimgħat (bil-Lhudi) :" Shavu 'oth' li tfiser 'ġimgħa ta' sebat ijiem'), iċċelebrata seba' ġimgħat wara l-festa tal-Għid, fis-6 ta' Siwan (bejn Mejju u Ġunju). Il-festa wkoll tfakkar meta Alla ta' l-għaxar kmandamenti lil Mose' fuq il-muntanja Sinaj u għalhekk hija l-festa tad-don tal-Liġi Tissejjaħ ukoll il-festa tal-Hsad fejn il-Lhud joffru lil Alla l-frott bikri (bikkurim) u tal-ħsad. Għalhekk proprju f'xi knejjes tagħna ssir l-offerta tal-frott u tal-prodotti tal-għelieqi waqt il-liturġija tan-Novena ta' l-Ispirtu s-Santu qabel il-Pentekoste, kif ukoll isir it-tiżjin tal-fjuri bil-frott fil-knisja, sabiex ifakkar dan l-aspett agrikolu marbut ma' din il-festa biblika. Hija fuq kollox il-festa tar-ringrazzajament għall-ħsad, fejn is-saċerdot lhudi joffri żewġ ħobżiet magħmulin mill-qamħ il-ġdid. Hija akkompanjata minn kant u żfin u jittieklu prodotti magħmulin mill-ħalib u l-għasel għaliex il-kelma tal-liġi hija tassew ħelwa daqs il-ħalib u l-għasel.

Fil-Ġdid Testment, huwa f'dan iż-żmien li l-Ispirtu s-Santu jinżel fuq l-appostli : "Kien nhar l-Għid il-Hamsin, u huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed" (At. 2.1) .
Il-festa nafuha wkoll bħal dik ta'' Pentekoste' (bil-grieg), il-ħamsin jum fuq l-Għid, għalhekk l-'Għid il-Hamsin.

## Il-Festa ta' l-Egħrejjex

Il-Festa ta' l-Egħrejjex jew tat-Tined jew tat-Tabernakli (bil-lhudi : Sukkoht') , taħbat fil-ħarifa, eżattament fil-15 tax-xahar ta' Tishri ( bejn Settembru u Ottubru ) meta kienu jaqtgħu l-għeneb u tfakkar meta l-Lhud kienu jaqtgħu l-għeneb u tfakkar meta l-Lhud kienu jgħixu fit-tined matul l-erbgħin sena tal-pellegrinaġġ fid-desert sakemm daħlu fl-Art Imwegħda (ara Lev.23:42) . Il-Festa ddum sebat ijiem u l-familji jwaqqfu t-tined ħdejn djarhom jew fuq il-bjut . Hija festa magħrufa u popolari għall-ispirtu ta' ferħ li toħloq.

## Il-Festa tad-Dedikazzjoni tat-Tempju

Festa li mingħajr dubju ta' xejn hija popolari fost il-Lhud hija dik tal-Festa tad-Dedikazzjoni jew tal-Purifikazzjoni tat-Tempju jew tad-Dawl (bil-lhudi "Hanuklah' )
li taħbat fil-25 tax-xahar ta' Kislew ( f'Diċembru għal ħabta taż-żmien tal-Milied tagħna). Il-Festa tfakkar meta l-Makkabin reġgħu ddedikaw it-tempju fis-sena 165 Q.K., wara li dan kien ġie pprofanat minn Antijokju Epifanes.

## Il-Festa ta' Purim

Hemm ukoll il-Festa ta' Purim jew il-Festa tax-Xorti li oriġinat fiż-żmien ir-reġina Ester. Il-festa tfakkar li Alla jibdel il-pjanijiet u r-rebħa finali tkun dik tiegħu. TiġI ċċelebrata fil-15 tax-xahar Lhudi ta' Adar( bejn Frar u Marzu) . Il-esta hija magħrufa ukoll bħala l-Festa ta' Ester u ddum sejra : " bħalma kienu għamlu b'dawk il-jiem li fihom il-Lhud strieħu mill-għedewwa tagħhom, ix-xahar li nbidlilhom mill-għali għall-ferħ, u minn jum in-niket għal jum ta' festa. F'dawn il-jiem għandhom jixorbu u jifirħu ; jaqsmu l-ikel bejniethom u jagħtu sehem lill-fqar" ( Est. 9;22) Tixbaħ ħafna l-festa tal-karnival tagħna għaliex it-tfal jilbsu ħafna kostumi differenti b'mod partikulari tar-reħġina Ester jew tas-sultan Assweru 1. Fis-sinagoga tinqara l-'meghillah' ( romblu), li fih il-qari tal-ktieb ta' Ester.

## Il-Festa tad-Daqq tat-Trombi

Festa oħra ta' ferħ kienet dik tad-Daqq tat-Trombi jew il-Festa ta' l-Ewwel tas-Sena (bil-Lhudi: Jom Teru'ah), li tiġi ċċelebrata fl-ewwel tax-xahar ta' Tishri (li huwa l-ewwel xahar fil-kalendarju tal-Lhud), u għalhekk hija meqjusa bħala l- Festa ta' Ewwel tas-Sena għal-Lhud, li tibda l-istaġun tal-festi tas-sena reliġjuża u ċivili ( ara Lev.23: 24 u Num:10:5). Il-festa hija magħrufa bħala ' Rosh shanh' ( jiġifieri 'ras is-sena'), għax f'din il-festa wieħed jiftakar fil-bidu tal-ħolqien tad-dinja u tal-bniedem. Fiha kienu jfaħħru lil Alla għal dak kollu li kien jagħmel mal-poplu u jkantaw il-kant " il-blata tas-salvazzjoni tagħna". Din il-festa tissejjah ukoll , "Jum Il-Ħaqq', kif ukoll 'Jum ta' Tifkira'.

Fis-sinagoga, mżejna għal din il-festa, tindaqq għal ħin twil ix-'shofar' li tfisser 'suffara', strument tar-riħ magħmul mill-qarn mibrum, ġeneralment tal-muntun , biex il-poplu jiftakar f'Alla u jġedded il-patt miegħu. Id-daqq tal-qarn irid fuq kollox iqajjem il-kuxjienzi għall-konversjoni. Il-festa ddum jumejn fejn imbagħad tagħti bidu għal għaxart ijiemta' penitenza msejha 'teshuvah', jiem ta' konversjoni u ritorn lejn Alla, sabiex imbagħad jiġi mfakkar Jum it-Tpattija jew ta' Espjazzjoni jew tal-Purifikazzjoni tal-Poplu, magħruf bħala 'Yom Kippur' jiġifieri'Jum il-Maħfra': " Għax, arani, se noħloq smewwiet ġodda u art ġdida . Ma jiftakarx iżjed l-imgħoddi , f'moħħ ħadd aktar ma jiġi" ( Is: 65:17)

## Jiem oħra ta' Festa

F'dan l-artiklu ma nistgħux ninsew il-għożża ta' Jum is-Sibt (Sabbath) fejn il-ħajja għall-poplu ta' Iżrael tieqaf jew tistrieh: "U bierek Alla s-seba' jum u qaddsu , għax fih waqaf mix-xogħol kollu tiegħu li kien għamel fil-ħolqien " (ara Ġen. 2:3) u
" Int taħdem għal sitt ijiem, imma s-seba' jum hu s-Sibt tal-mistrieħ", jum qaddis għall-Mulej; kull min jaħdem f'jum is-Sibt , ikun ħaqqu l-mewt"( Eż. 31;15). Dan huwa jum ta' festa fil-liturġija tal-Lhud. Huwa jum ikkonsagrat għal-laqgħa ma' Alla, għall-qari tal-Liġi (Torah), għat-talb u l-kant u għaż-żjajjar għand il-qraba u l-ħbieb.

Hemm ukoll il-Festa tal-Qamar ġdid (bil-lhudi:hodex) li taħbat fil-bidu ta' kull xahar. Hija festa ta' mistriieħ u ta' ferħ kbir (ara Num. 11: 15), fejn anke jindaqqu t-trombi. Fl-aħħarnett ma nistgħux inħallu barra l-festi marbuta mal-Ġublew . Dawn huma festi marbuta mal-mistrieħ tas-seba' sena sabbatika (ara Eż. 23Ġ10) u tas-sena tal-Ġublew li tiġi wara d-disgħa u erbgħin sena:: "Tkun għalikom is-sena, is-sena tal-ġublew ; la tiżirgħu u lanqas taħsdu milli tnibbet l-art, u anqas tiġbru milli tnibbet l-art , u anqas tiġbru l-għeneb mid-dwieli bla żbir" (Lev. 25: 11)

J'alla l-festi ta' matul is-sena jkunu għalina verament mumenti sabiex niltaqgħu mal-Mulej permezz tal-qaddisin tiegħu iżda fuq kollox inkomplu nikbru fl-imħabba u fl-għaqda ta' xulxin , bil-qdusija tagħna nfusna u tal-istess żmien , ħalli b'hekk inkunu nistgħu niċċelebraw verament il-Festa Eterna fis-Sema :" Dan hu l-jum li għamel il-Mulej; ħa nifirħu u nihennew fih" (Salm 118: 24)

*Nota –Dan l-artiklu sabiħ deher fil-HAJJA f'GHAWDEX Nru 889 u ġie hawn reprodott bil-kortesija tal-awtur fuq imsemmi-.*





Attard Confectionery

**MAPLE LEAF BAR**

N.B. Cordina Str,
Għajnsielem,
Gozo

Tel: 2155 2431
Mob: 9982 2726

PASTI

**IL-MANN**

*Michael Galea*



***Għal kull xogħol u kiri ta' kumprassuri, JCB u Crane Hire***

"Mann",
Triq il-Ġnien,
Għajnsielem - Gozo

**Tel: 21559103**
**Mob: 9942 6327**

**Tony's Bar**

for snacks and refreshing drinks

Pjazza Madonna ta' Loreto
Għajnsielem



# Meta l-Madonna ta' Loretu ħarset id-dar Imqaddsa

## Attakk bl-ajru mill-qawwiet Ġermaniżi 6/7/1944



" Kien il-lejl bejn il-ħamsa u s-sitta tax-xahar ta' Lulju 1944. L-avjazzjoni tedeska kienet ibbumbardjat il-belt ta' Loretu u n-naħħat ġirien; il-mira jidher li kienet il-Bażilka tad-Dar Imqaddsa, meta mal-lejl, fi spedizzjoni inċendarja, u mat-tbexbix, bi tfjieħ ta' bomba ta' toqol notevoli, kalklu ta' mitt kilogramm.

Il-pilota kien xi wieħed imħarreġ sew , jew xi ħadd kapaċi ħafna, għaliex il-bomba kienet mitfugħa b'mira preċiża, li kellha bħala target id-Dar Imqaddsa, għalhekk jidher li kieku ma kellux ikun xi intervent preternaturali, din id-Dar kellha tiġi meqruda għal kollox. Il-qerda ma seħħitx, għax il-bomba splodiet fuq it-tambur tal-koppla, u b'hekk id-Dar tal-Madonna ma ġarrbet ebda ħsara.

Kif il-fjamma dehret ma' l-ewwel ħabta , wieħed ma jasalx ifissru umanament, u l-bomba kienet waħda esploživa kif huma msejħa dawk il-bombi li kapaċi jaqalbu kollox ta' taħt fuq u li jeqirdu kollox li jinsab madwarhom. Il-ħelsien tad-Dar Imqaddsa sar żgur għax Marija ipproteġiet id-Dar tagħha, u riedet li din il-ġrajja tkun magħrufa b'fatti ċari.

Żewġ suldati ta' l-Allejati kienu għassa qrib Portorecanati, li hu bogħod biss minn Loretu xi 14 il-kilometru, u minn hemm osservaw dak il-bombardament Quddiemhom huma lemħu ħabta u sabta viżjoni li mhux faċli tfissirha ta' Sinjura, hemm fil-għoli bi tfajjel f'diragħha madwar il-koppla fejn taħtha tinsab id-Dar għażiża.

F'dak il-waqt donnu li huma nsew dik id-dehra infernali gwerreska li kellhom qudiemhom, u mqanqlin mid-dehra ferriħija ħasbu u ddeċidew li jmorru għand xi persuna reliġjuża risponsabbli, jiġifieri għand l-isqof ta' Loretu, biex jirrakkontawlu kollox.

Infatti, xi ġranet wara waqt ftit tal-kalma, billi l-gwerra kienet tbiegħedi xi ftit daħlu ġol- Belt u stqarrew kollox lil Mons. Gaetano Malchiodi , li dak iż-żmien kien Vigarju Amministratur ta' Loretu.

Dan il-fatt kien irrakkontah Fra Gianmaria d'Ancona u li lilu kien għarrafulu Mons.Malchiodi stes, (Ara Messaggio della S,Casa nru.5.Mejju 2007)



# Omelija li saret f'Egħluq il-100 sena tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja l-Qadima (30-6-1989)

## "Kemm hi għażiża d-dar tiegħek, Mulej ta' l-eżerċiti" (Salm 83)



Ir-raħal tagħna, Għajnsielem, ġa' sa minn żmien qabel il-bini ta' din il-knisja, kien iħaddan id-devozzjoni lejn Marija, meqjuma taħt it-titlu glorjuż ta' Marija Lawretana. Iż-żmien ta' meta bdiet din id-devozzjoni mhux magħruf, imma huwa ċert mit-tradizzjoni nafu, li d-devozzjoni daħlet fostna qabel il-bini ta' din il-knisja, illum hija mlaqqma l-qadima.

L-ewwel li ndaħal għall-bini ta' din il-knisja kien Indri Xuereb imlaqqam "Tal-Możrud". L-ewwel ġebla tagħha tpoġġiet fis-sena 1810, u l-knisja, għalkemm mhux bid-daqs li għandha llum, ġiet miftuħa għall-qima pubblika ta' Marija Lawretana fid-9 ta' Settembru 1920.

Bit-tħabrik ta' Dun Anton Cauchi fl-1 ta' April ,1855, il-knisja ġiet mgħollija għad-dinjita' ta' parroċċa u mbagħad fis-sena 1965, bil-ħidma tal-Kappillan Dun Espedito Tabone, għad-dinjita' arċipretali u kienet l-aħħar parroċċa għawdxija maqtugħa mid-Djoċesi ta' Malta.

Kien imbagħad fit-30 ta' Ġunju, 1889, jiġifieri mitt sena bħallum, li din il-knisja ġiet solennement ikkonsagrata mill-isqof ta' Għawdex Mons.M. Ġus.Camilleri OSA, f'ċerimonja solenni kif kien jitlob ir-rit ta' dak iż-żmien ta' qabel il-Kunċilju tal-Vatikan II.

X'nifhmu meta ngħidu li xi knisja ġiet ikkonsagrata jew iddedikata? Id-dedikazzjoni jew il-konsagrazzjoni tal-knisja nifhmu biha li t-tali knisja jew it-tali tempju issa hu ddedikat lil Alla hu lok imqaddes fejn l-insara jinġabru biex jagħtu qima qaddisa u pubblika lil Alla bit-twettieq tal-Liturġija.

Sa mis-seklu tlieta l-insara bdew jibnu tempji ddestinati għal-laqgħat tagħhom biex fihom miġbura flimkien iqimu 'l Alla, kif kienu wkoll jagħmlu l-Lhud fis-senagogi tagħhom u fuq kollox fit-tempju famuż u hekk għażiż tant għalihom ta' Ġerusalem.

Wara l-persekuzzjoni twila li kellha l-Knisja tal-bidu , fiż-żmien tal-paċi bdew isiru wkoll ċelebrazzjonijiet tal-konsagrazzjoni tal-knejjes u ta' l-artali, riti dawn li għadhom isiru sal-lum, meta tkun inbniet xi knisja jew kappella ġdida u ta' kull sena ssir it-tifkira ta' dik il-konsagrazzjoni kif aħna hawn qegħdin nagħmlu llum u li kif ilna nagħmlu mitt sena f'kull 30 tax-xahar ta' Ġunju.

Huti, hemm tempju ieħor li mhux mibni mill-ġebel li minnu San Pawl qal lin-nies ta' Korintu: "Intom it-tempju ta' Alla" F'ċelebazzjonijiet liturġiċi ta' ġrajjiet jew tif-
kiriet bħal din insibu sejħat bla ma jaqtgħu tal-ħsieb ' li aħna stess aħna l-binja , it-tempju ta' Alla"

San Pawl jinsisti fuq din id-duttrina billi jtenni l-istess tagħlim ta' Ġesu':"Jekk xi ħadd iħobbni " jiġifieri ma jagġmilx dnub, "Missieri jħobbu, u niġu nagħmlu l-għamara tagħna għandu." Aħna, allura, għandna nkunu l-ewwel dar, tempju veru li fina jgħammar l-Ispirtu s-Santu u għal dan it-tempju għandna nibżgħu l-ewwel biex ma nkasbruhx bid-dnub.

Alla jgħammar ukoll fostna fil-knejjes, fit-tempji mqaddsa tiegħu għax qal:"Jekk tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi jiena nkun fosthom"(Ev.) u aħna għal dawn it-tempji, jiġifieri knejjes ilkoll għandna nibżgħu, lilhom

inżejnu u nżommuhom nodfa; lejhom inħarsu bħala postijiet imqaddsa, fejn ma' ħutna l-insara niltaqgħu mal-Mulej. Minnhom hemm miktub:" Din id-dar ta' Alla u l-bieb tas-sema" u wkoll "Il-ħeġġa għal darek keltni" u "Fraħt meta qaluli, sejrin f'dar il-Mulej"

Għalhekk għalina din l-knisja hi post qaddis, lok ta' ġabra u ta' talb fejn fiha ġa' għandna nħossu l-arja tas-sema, fejn fostna tgħammar l-imħabba , il-fidi, is-sempliċita', ir-rispett , il-għaqda u l-istima lejn Alla u lejn xulxin.

Il-penitenza , it-talb, il-għaqda ma' Ġesu' Ewkaristija, is-sagramenti 'l oħra,il-funz-jonijiet tal-liturġija ħa jkunu hawn għalina bħala forza għal kull xorta ta' ħidma tajba li nagħmlu.

Din il-forza soprannaturali li semmejtilkom tiġi msaħħa fina bl-għaqda ta' bejnietna, nisa, irġiel,tfal u ħaddiema, saċerdoti u reliġjużi, sew jekk aħna ta' kulur jew ieħor u lkoll b'għan wieħed li huwa l-imħabba ta' Alla u tal-proxxlmu. Imma aħna għandna biżżejjed dan il-għan ? Jekk iva , baqa' lok għal iktar.

Dawn huma ħsibjieti u xewqati għalikom f'dan il-jum storiku, u nassumi li huma wkoll xewqatkom għall-parroċċa għażiża tagħna ddedikata lil Marija Lawretana. Dawn ix-xewqat tagħna li aħna llum nafdaw f'idejn Marija , Padruna ta'raħalna,li hi, illum anke lilna ttenni l-kelmiet li lilha qal l-Anġlu Gabriel f'jum it-tħabbira tal-Mulej ġewwa d-Dar ta' Nażareth." Il-Mulej miegħek" u lilna għalhekk hi tgħid 'li Hu hu ma' kull wieħed u waħda minna'.

Din għandha tkun it-tama tagħna li tissoda l-fidi tagħna, li tagħti kuraġġ lill- proponimenti tagħna biex nibnu fina qdusija , imma mhux dik ta' nofs kedda iżda qdusija li taħsad id-difetti tagħna ,li ssaħħaħna fid-debolizzi tagħna , biex inkunu denji li nisimgħu minn fomm Marija dak li hija semgħet minn fomm Gabriel: " li għal Alla , ma hemm xejn li ma jistax isir."

Għalhekk, li fil waqt li llum flimkien insellmu minn hawn lill-antinati tagħna, li bosta minnhom għadhom jinsabu midfuna taħt dan il-madum, nagħmluha possibbli għalina li nikkorieġu d-difetti tagħna, billi nfittxu kuljum dak li jgħaqqadna, dak li hu aħjar ta' ġid spiritwali u materjali għall-parroċċa għażiza tagħna, il-parroċċa tal-Madonna ta' Loretu.

B'dan il-mod aħna issa nibdew infasslu t-triq għat-tieni mitt sena għall-ħajja spiritwali tagħna u fil waqt li nroddu ħajr lil Mulej u lil Marija għal dak il-ġid kollu li huma għamlu mal-parroċċa u permezz tagħha, inħossu lill Mulej jgħidilna "Jiena magħkom' u lil Marija ttennielna dak li semgħet jgħidilha Gabriel: " Għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir".

Dawn huma llum l-awguri tiegħi lilkom u lill-parroċċa tagħna kollha, lil dawk tal-qrib u lil dawk tal bogħod u b'hekk bħal Marija nkunu nistgħu ngħidu:" Il-Mulej għamel magħna ħwejjeġ kbar".

*30-6-1989*



# Il-Qniepen

Aħna ngħidu li l-banda ddoqq u anke l-qniepen idoqqu. Il-banda jew l-orkestra u l-qniepen huma lkoll strumenti ta' daqq, imma hu wisq iżjed ħafif titgħallem iddoqq qanpiena, għax dan isir bla tant bżonn ta' teorija u eżerċizzju, milli xi strument tal-korda jew tan-nifs li jkunu jeħtieġu tant studju ta' teorija u ta' pratika.



Fid-dinja jinsabu tant xorta ta' qniepen, differenti fil-qies u fl-armonija u li xi wħud minnhom għandhom fama dinjija. Hafna huma l-funderiji li jinsabu fid-dinja u li tant minnhom huma magħrufa u mfaħħra ħafna . Anke f'Malta kellna xi funderiji u forsi għad hemm ukoll illum; jidher ukoll li kien hemm xi waħda f'Għawdex, għax kif jingħad, xi qniepen kienu maħduma f' Għawdex u kienu magħmula minn xi kanuni tal-bronż li kienu f'xi fortifikazzjonijiet f'Għawdex.

Hemm leġġenda li tgħid li kien ix-xitan li vvinta l-qanpiena u vvintaha biex inaqqas mit-talb. Qabel ma ddendlu l-qniepen fil-knejjes, id-devoti kienu jmorru kmieni għat-talb u għall-funzjonijiet, u għalhekk kien ikollhom ħin twil għat-talb, imma meta mbagħad bdew jindaqqu l-moti għas-sevizzi reliġjużi, in-nies bdew imorru l- knisja f'ħinijiet fissi u għalhekk tnaqqas ħafna l-ħin tat-talb u b'hekk ix-xitan irnexxielu jnaqqas it-talb. L-użu tal-qniepen daħal fil-knejjes bħala strument li jsejjaħ il-fidili għal-liturġija, ħaġa li kienet ġa' magħrufa fost il-pagani u l-użu tagħhom kien ukoll ġa magħruf fil-katakombi. Fis-seklu sitta l-użu tal-qniepen kien ġa daħal sew fil-monasteri u fil-knejjes u l-Papa Stiefnu II kien irregala tliet qniepen lill-bażilka Vatikana. Għall bidu il-kies tagħhom kien dak ta' qniepen żgħar, imma malajr inbidel f'wieħed kbir tant li fis-seklu ħmistax il-qanpiena Mater gloriosa tal-katidral ta' Erfurt fil-Ġermanja kienet tiżien 13 il tunnellata u l-qniepen kienu jiġu ddekorati b'iskrizzjonijiet u figuri sagri. Il-Knisja daħlet l-użu li tbierek dawk il-kniepen magħmulha għas-servizzi liturġiċi .

Dawn il-qniepen idoqqulna moti ta' ferħ fil-festi u wkoll tokki ta' niket biex nitolbu għall-mejtin. Minnhom nisimgħu ħierġin daqq għall-adorazzjoni, għall-quddies u għall-ħin ta' l-Angelus, allura fit-tmienja, f'nofsinhar u fl-Ave Marija, biex ifakkruna fl-Inkarnazzjoni tal-Verb magħmul Bniedem u kull nhar ta'Ġimgħa fit-tlieta biex ifakkruna fil-mewt tal-Mulej Ġesu, nhar ta' Hamis wara t-tokki ta' l Ave Marija, b'mota solenni jfakkruna fit-twaqqif ta'l-Ewkaristija mqaddsa. Kulljum imbagħad tard filgħaxija jindaqqu wkoll xi noti biex niftakru f'ħutna l-mejtin kollha. U sew li nżommu sħiħa dawn id-drawwiet għeżież u b'hekk is-sens tat-talb jibqa' sħiħ fina.

*D.K.C.*



# Biex ikollna Festa bis-sens



Il-qawl igħid li fejn tħobb il-qalb jimxu r-riġlejn …u hemm hu fejn imur min qabu taħarqu bl-imħabba.

Dak li għamel is-sema u l-art iħobbna bi mħabba ta' namrat u jekk hemm xi ħaġa li jixtieq huwa li nroddulu mħabbtu u nittieħdu mis-sejħiet tiegħu ta' l-imħabba.

Bħall-Missier li jħobb ikun jistenniena fuq il-bejt u meta jilmaħna ġejjin, joħroġ jilqagħna ħa jagħtina t-tgħannieqa ta' l-imhabba ! Imħabba ! Imħabba! Imħabba !

Daqshekk hi kbira l-imħabba ta' dan il-Missier ħanin. Daqshekk hu ġeneruż.
Qegħdin il-ħin kollu fi ħsiebu.
Qiegħed il-ħin kollu qalbu taħraq għalina.
Qiegħed il-ħin kollu jara kif jipprovdilna dak kollu li hu meħtieġ għalina bħala bnedmin sħaħ, kemm dak li hu meħtieġ għsll-ġisem u kemm dak li meħtieġ għar-ruħ.

Fl-istess ħin qiegħed il-ħin kollu jagħmlilna sejħiet ta' mħabba. Daqqa tkun kelma ta' ħabib, daqqa jkun xi eżempju tajjeb, daqqa tkun espressjoni ta' tifel, daqqa tkun xi kitba li ninzertaw nilmħu x'imkien….huma kollha sejħiet biex jiġbidna għall-imħabba tiegħu.

Għamilna Hu ! X'ma jħobbniex !

Imma aħna…aħna kif inwieġbu għall-imħabba tiegħu? Aħna minn dawk li jmorru lura għand Missierna li jħobbna għax nafu kemm hu sew li nkunu fi ħdanu jew minn dawk li jgħixu għal riħhom u jaqgħu u jqumu minnu ?

Dan hu l-pern li fuqu ddur ħajjitna. Dan hu l-pern li fuqu ddur il-festa għax il-festa hi parti minn ħajjitna bħal kull okkażjoni oħra f'ħajjitna.

Jekk għalik il-festa hi l-ewwel u qabel kollox l-imħabba ta' Missierek li jħobbok u minħabba din l-imħabba u B'RIŻULTAT TAGħNA noqtlu u nagħmlu barbekju u nieħdu ħotdog jew ħamberger …allura dik il-festa bis-sens għax l-ewwel mira hi l-imħabba t' Alla u d-divertiment huwa l-espressjoni ta' dik l-imħabba. Dik tkun il-festa bis-sens meta d-divertiment tal-festa għandu l-bażi tiegħu l-imħabba t' Alla.



Irridu nilqgħu ruħna u nżommu dan il-veru sens tal-festa għax in-natura umana tħajjarna li naqilbu dak li hu sew u xieraq ta' taħt fuq… jiġifieri li nfittxu biss id-divertiment fih innifsu u aħna jkun jonqosna l-essenzjal tal-festa…li hi l-imħabba.

Divertiment waħdu mingħajr l-imħabba hu vojt u bla sens , iħalli l-qalb niexfa u ma jagħtix sodisfazzjon. Hija l-imħabba tan-Namrat Divin bit-tweġiba tagħna ta' "Iva nħobbok" li tagħmel sens, li tagħtina l-ferħ li tibqa' tħossu ferm ħafna wara l-festa.

Ġużi

## Lil Marti, Maria

*(fil-Ħamsin Anniversarju)*

Ħabbejtek..
bħanzun mbexxaq,
fwieħatek
rżina tarmi,
bħal naħla
b'qawwitek ġbidtni,
lejk ntir
bħal ċedejt l-armi.

Warda nftaħt,
ġmiel iż-żogħżija.
Ħabbejtek..
b'xulxin tfissidna,
sa f'riġlejk
wegħdiet stqarrejtlek,
biss il-mewt
tkun li tifridna.

'K għad tiblel
dil-warda, marti,
u jien, naħla,
ġwenħajn nitlef,
ir-rabta
ta' żwieġ fl-imħabba,
le titħerra
'k iż-żmien jislef.

Hekk illum
fl-anniversarju,
ta' għeluq
il-ħamsin sena,
il-wegħdiet
sa nġeddu, nqabblu,
ma' muftieħ..
għal bwieb is-sema!

Żewġek Ċikku
13/04/09



**On this 80th anniversary of "Saint Joseph Musical Society" I dedicate this English poem, written in New York, and never published, as a special birthday gift!**

## Missing Something?

What am I missing,
away from my Land,
away from the fields,
the sea and the sand?

I miss all those three,
the joys they gave me:
my childhood places
where I like to be.

I miss so each village,
clustered in a vale,
its full view opening
on bay, without fail.

I miss a bus-engine
panting uphill,
like a fish gasping
its last, through clogged gill.

I miss a fast car ride
swerving round bends,
like a mouse running
for life, through dead ends.

I miss people going
to church, eve and morn.
I miss the street hawkers
long-tooting their horn.

I miss busy farmers
in neat fields all day,
and fishermen a-coming
or leaving the bay.

I miss many people
whose faces I know.
I miss new born babies
and old folks that go.

I miss all my kinsmen,
family and friend.
I miss my surroundings,
rubble-walls on end.

I miss above all this,
my great village feast,
the solemn procession,
to say but the least.

I miss throngs of people
all moving around,
till eyes fixed and gazing,
there's hush, not a sound.

Our Lady appears
at Sanctuary's door,
I miss, oh, that moment
as on Heaven's floor!

I miss all the fireworks,
colourful or blast,
I miss all Band marches
from first to the last.

To make some good money,
one leaves all behind,
as hopes for a better life
urge on, all mankind.

Yet if blind Dame Fortune
rolls wheel firm and sure,
all things that one misses
call back and me lure.

That day I may reach,
if Luck steers me clear.
That gap I may breach,
not miss what is dear!

***Francis Sultana.***
*New York.*
*April '89*

# Għax Għamiltilna Hekk?



"Għax għamiltilna hekk ?"
Mal-mistoqsija,
il-ħsieb pinnur,
vleġġa ddur,
snin twal jaqsamlek,
tempju jimmira
f'Ġerusalemm:
hemm fis idaħħlek,
fis-sejba jfakkrek
ta' Ġesu tfajjel
f'ħeġġa mitluf,
'l-Iskribi jfiehem
is- Sew mistur...
u l-Omm mnikkta,
b'qalbha maqsuma
hekk tistaqsih;
waqt li t-tweġiba,
xafra misnuna,
bla ħadd jinduna
f'qalbha marsusa
tfieri bis-sħiħ.

"Għax għamiltilna hekk ?"
tixher u tnewwaħ
omm iż-żagħżugħ,
li biex ġabruh
ħarġuh imbiċċer
minn qalb tifrik
ta' gozz ħadid,
nar qawwi użaw,
sa sserraw;
bla xejn ra, sama',
wisq inqas ħass...
waqt li s-subkonxju
għadu jurih
ritratti sbieħ
ta' dik li kienet
tiegħu l-ġawhra,
diploma, lawrja,
li tgħajjat lilu,
l'hi tiegħu biss,
li ħadd ma jista',
ma jrid li jmiss...
bla biss intebaħ
kif 'l ommu għaffeġ
sa ħadd ma jista',
l-ebda tabib
jgħinha, isewwilha,
tal-moħħ tifrik.

"Għax għamiltilna hekk?"
Tant ġenituri
jibqgħu miblugħa,
b'tad-droga l-kruha,
li rikbet, ħakmet
lil iben, bint,
qabbżithom ċint;
f'vizzju hekk żgħar
dewqithom sptar,
jew forsi għar,
huma msakkrin,
f'ċella, Kordin...
'Mma 'l-ġenituri
rispett ftit muri,
qisu l-iżball
tagħhom li sar;
ilsna jqasqsuhom.
qlub xierfa jħokkuhom.

"Għax għamiltilna hekk?"
jirbombja leħen
l-anzjan, l-anzjana,
f'ħofra li fiha
bla ħsieb, bla ħtija,
ntefgħu ħesrem
minn manigoldi,
għal erba' soldi,
fdal it-tqanqiċ,
wara gwarniċ
t'Omm id-Dulur...
tara moħqrija
mingħajr mogħdrija,
ta' xjuħ maqtula:
lesta terfagħhom
f'ġenna tgawdija.

"Għax għamiltilna hekk?"
U l-ħsieb pinnur
mejt dawra jdur,
u vleġġa tmur
is-smewwiet taqsam,
u r-rabja twassal
fil-mistoqsija,
ta' nies taħt piena
b'mard terminali,
fit-Tribunali,
t'Alla Ħallieq...

Fejn bla tlaqlieq
uħud jifhmuha
biex "l-Iva" jlissnu,
bil-qalb jagħtuha;
waqt li x'uħud
jagħżlu l-martirju,
bil-palma f'idhom,
jinżgħu minn ġidhom,
biex b'magħmudija
tad-demm jinħaslu,
ġol-alba ġdida,
tas-suwiċida.

***Francis Sultana***
*Għajnsielem. - 10/09/05*

# *Imperial Gozo Yacht Club*

***Jikteb Tony Xuereb***

F'Awwissu tal-2006, fix-Xatt, ġie ikkonstitwit klabb ġdid imsejjaħ l-Imperial Gozo Yacht club (IGYC). L-għan tal-formażżjoni tiegħu kien u għadu li:

i) jorganizza attivitajjiet u servizzi għall-membri,
ii) li jqajjem kuxjenza dwar il-wirt storiku marittimu Għawdxi, u
iii) li jirrappreżenta l-interessi tal-membri f'kull aspett li għandu x'jaqsam mal-baħar.

Ħafna li jisimgħu l-kelma 'yacht', jifhmu biha jew dgħajsa mdaqqsa bil-qlugħ, jew inkella xi vapurett ta' lussu. Imma il-kelma 'yacht' lanqas hi kelma Ingliża, iżda ġejja mill-Olandiż, u sempliċiment tfisser kull dgħajsa użata għall-pjaċir u rekreazzjoni, jiġifieri oppost għal dgħajjes tax-xogħol u biċċiet tal-baħar kummerċjali. Għalhekk dan il-yacht klabb fih membri li għandhom tipi differenti ta qxur tal-baħar, kemm tal-qlugħ, laneċ kbar u żgħar, kif ukoll dgħajjes oħrajn. Barra minhekk, għalkemm hu primarjament għal dawk li għandhom xi lanċa jew dgħajsa tal-qlugħ, il-klabb jilqa' fih lil kull min għandu interess fl-attivitajiet tal-baħar. Kienu ħafna li raw l-utilita' ta' klabb bħal dan ġo Għawdex, għaliex apparti mill-yacht club ieħor ġo Malta, ma kinitx teżisti organizzazjoni ta' dan it-tip u għalhekk il-klabb kiber ġmielu fi żmien qasir, b'ħamsin membru xaharejn wara li twaqqaf u dan l-aħħar qabeż il-mitt membru.



Fl-istorja qasira tal-klabb, diġà organizza diversi attivitajiet kemm għall-membri kif wkoll għall-pubbliku ġenerali. Il-klabb jorganizza tlielaq tad-dgħajjes bil-qlugħ, l-isport tal-ibburdjar ta' żewġ kategoriji - dawk ta' *dinghies* żgħar tat-tip 'Laser' - li hu *dinghy* bil-qlugħ ta' madwar tnax-il pied; kif ukoll regatta għal jottijiet il-kbar bil-qlugħ. Għal 'Lasers' l-avveniment annwali hu sponsorjat mill-Kunsill Lokali ta' Għanjsielem u jikkonsisti fi tlielaq li jibdew mix-Xatt l-Aħmar jew għall-madwar Kemmunet jew inkella madwar il-Ġebla ta' Mġarr ix-Xini – skond ir-riħ. Ir-regatta ewlenija tal-klabb għall-jottijiet tal-qlugħ issir darbtejn għall-aħħar ta' Awwissu/Settembru u hi kompetizzjoni għal-*G2-Sagra Famiglia cup* li hi msemmija għad-dgħajsa tal-pass b'dak l-isem u kienet donata lill-klabb, b'tifkira ta' wieħed mill-padruni oriġinali ta dik id-dgħajsa. Saret ukoll tellieqa tal-klabb bħala tim, għal-*Barbarossa cup,* sponsorjata mis-sidien ta' Barbarossa cruises, kontra tim mill-Vikings Sailing Club min Malta li jiġu jżuru x-Xatt fi żmien l-Għid. Din is-sena żdiedet kompetizzjoni oħra li ser tibda tkun annwali - regatta għal-*Gleneagles cup* li ġiet mgħotija lill-klabb mis-sidien tal-*Gleneagles Bar*, ix-Xatt. Għalkemm l-isport ta' l-ibburdjar mhux wieħed li jattira ħafna spettaturi. Il-bidu ta' tellieqa dejjem tkun spettakolari b'numru ta' dgħħajjes jimmanuvraw għall-ahjar pożizzjoni, u għalhekk il-klabb jistieden lil Għajnselmiżi josservaw it-tlielaq li jitilqu mix-Xatt l-Aħmar, mill-post li nsibuh bħala 'Fuq it-Tomba' fit tarf ta' Forti Chambray.





Bla dubju l-aktar avveniment importanti għall-klabb kien il-ftuħ tal-post fix-Xatt. F'inqas minn sena minn meta ġie iffurmat, il-kumitat irnexxielu jakkwista l-użu tal-parti żgħira mill-bini tal-magna tal-ilma ġox-xatt. Wara renovazzjoni bl-għajnuna ta' donazjonijiet mill-membri, il-post infetaħ f'Ottubru tal-2007. Il-post intuża għall-wirja ta' Dgħajjes tradizzjonali ta' Għawdex li l-klabb organizza f'Diċembru 2007. Din kienet ta' suċċess kbir billi kienet tikkonsisti f'mudelli tad-dgħajjes tal-pass (kważi kollha ta' nies minn Għajnsielem), li l-biċċa l-kbira qatt ma kienu ħarġu mid-djar ta' sidhom. Bara minnhekk fix-Xatt dak in-nhar kien hemm ħaġa li ilha ma' tidher għal għexiren ta' snin – waħda minn kull tip ta' dgħajsa tradizzjonali Għawdxija (fregatina, frejgatina bil-kurtuni, kajjik, firilla, luzzu, u dgħajsa tal-pass/latini) kienu armati bil-qlugħ u miġbura madwar il-moll tas-sajjieda bħala wirja għal kulħadd.





Fuq l-istess tema ta' wirja tal-mudelli, il-kumitat tal-IGYC jirringrazzja lill-Kumitat tas- *Saint Joseph Band Club* ta' l-invit, u għandu pjaċir li qed jipparteċipa fiċ-ċelebrazzjoni b'wirja żgħira ta' mudelli ta' jottijiet fil-każin tal-banda. Għalhekk fl-okkażjoni tat-80 anniversarju tat-twaqqif tal-banda, l-iġded klabb ibbażat ġo Għajnsielem, jifraħ lill-eqdem wieħed ġo l-istess raħal.

# Ħarsa lejn żviluppi kurrenti fl-Astronomija

***Joseph Caruana***




Għaddiet sena minn meta ktibt l-ewwel kolonna dwar l-astronomija għal din ir-rivista. U hekk kif poggejt bilqiegħda biex nikteb xi ħaġa għal din is-sena, l-ewwel ħsieb li għadda minn moħħi huwa proprju kemm graw avvenimenti fid-dinja ta' l-astronomija minn sena 'l hawn! Dlonk iddeċidejt illi għandi naqsam magħkom xi ftit minn dawn l-avvenimenti importanti, kif ukoll nagħti daqqa t'għajn lejn dawk il-proġetti maħsubin għaż-żmien qarib.

Nibdew b'Ottubru li għadda fejn ġie mfakkar l-ħamsin anniversarju ta' l-era spazjali. Kien proprju f'Ottubru ta' l-1957 meta r-Russja tefgħet fl-ispazju l-ewwel satellita magħmula mill-bniedem: Sputnik 1. Kien l-ewwel pass f'sensiela ta' avvanzi fit-teknoloġija spazjali li wasslu għall-inżul tal-bniedem fuq il-qamar f'Lulju ta' l-1969. In-numru ta' satelliti li ttellgħu fl-ispazju minn dakinhar 'l hawn huwa kbir wisq biex tipprova tgħoddu. Forsi ftit tieqfu taħsbu, però dawn is-satelliti kellhom impatt fuq il-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. It-trasmissjonijiet tat-TV, l-internet, it-telefonija ċellulari, is-sistema tal-GPS għan-navigazzjoni u ħafna sistemi oħrajn jużaw it-teknoloġija satellitari biex joperaw. Nerġgħu nsemmu is-satelliti iktar 'il quddiem.

Qabel ma niddiskuti daqsxejn xi skoperti li seħħew matul ix-xhur li għaddew, se ndawwar ħarsti lejn żewġ avvenimenti speċjali li wieħed seta' jara b'għajnejh minn mindu ħarġet din ir-rivista sena ilu. Lejn l-aħħar ta' Ottubru, il-kometa li ġġib l-isem *Holmes* bdiet tespandi mingħajr ma kien mistenni tant li bdiet tidher anke mingħajr l-għajnuna ta' teleskopji u trombi. Bl-għajnejn biss wieħed seta' jara lil din il-kometa miexja bil-mod il-mod minn lejl għal lejl sakemm hekk kif kompliet titbiegħed u titlef l-intensita' tagħha. Kien tabilħaqq avveniment li żamm il-ħarsa ta' kull astronomu fuq din il-kometa, partikolarment minħabba l-fatt illi ħadd ma' seta' jgħid preċiżament x'seta jiġri minnha. Fi Frar, imbagħad, kellna eklissi tal-qamar, għalkemm il-ġurnata kienet kemmxejn imsaħħba u ma gawdejniex dan il-fenomenu daqs kemm stajna.



Issa ejja ngħaddu biex naraw x'sirna nafu iktar dwar l-univers li jdawwarna. Nibda' biex nagħmilha ċara illi li kieku kellna nelenkaw kull skoperta li saret fix-xhur li għaddew, ikollna biżżejjed materjal biex niktbu ktieb sħiħ. Għalhekk se nagħżel biss xi whud mill-iskoperti li l-iktar ġibdu interess. Nibda' billi ngħid illi n-numru ta' pjaneti misjuba jduru madwar stilel oħrajn kompla jiżdied. B'hekk, s'issa nafu b'iktar minn mitejn u sebgħin pjaneta jorbitaw ma' stilel oħrajn, u qed joħroġ ċar illi huwa probabbli ħafna li l-galassja tagħna hija miżgħuda bi pjaneti.

Kellna ukoll is-satellita tan-NASA *Messenger* li intbaghtet biex torbita l-eqreb pjaneta lejn ix-xemx – Merkurju (illi fil-Mitologija Rumana kien il-messaġġier tal-allat; huwa għal din ir-raġuni li s-satellita ġiet mogħtija l-isem *Messenger*). F'Jannar li għadda, din is-satellita qorbot lejn il-pjaneta u bdiet tibgħat immaġini dettaljati ta' din il-pjaneta, saħansitra tan-naħa illi konna għadna qatt ma rajna qabel. Din is-satellita qiegħda tgħin lill-astronomi jifhmu aħjar l-ġeoloġija u l-atmosfera ta' din il-pjaneta. Fl-aħħar jum ta' Lulju kellna l-konferma finali li fuq Mars hemm l-ilma forma ta' silġ. Is-sonda robotika tan-NASA *Phoenix* ħadet kampjun ta' ħamrija minn fuq il-wiċċ ta' din il-pjaneta u sabet saff ta' silġ meta ħaffret żewġ pulzieri fond. L-evidenza għall-preżenza ta' l-ilma fuq Mars kienet ilha teżisti, però din kienet il-konferma finali. Wieħed mix-xjenzati prinċipali ta' din il-missjoni stqarr illi d-dettalji u l-*patterns* li hemm fuq l-art juru li t-terren huwa ddominat minn silġ. Kellna imbagħad spekulazzjonijiet ġodda dwar iż-żewġ fenomeni skuri ta' l-univers: dwar l-hekk magħrufa *Dark Energy* li hija forza misterjuża li apparentament qed tikkawża lill-univers jespandi b'rata aċċellerata, kif ukoll dwar id-*Dark Matter*, sustanza inviżibbli fl-univers li hija ħafna iktar abbundnati mill-materjal ordinarju. (B'materjal ordinarju nifhmu l-materjal li magħmulin minnu l-galassji, il-pjaneti, inti u jiena.) Studju ieħor jipproponi li dan id-*Dark Matter* seta' ipproduċa oġġetti strambi fil-passat ta' l-univers – oġġetti magħrufin bħala *Dark Stars*. Rajna ukoll l-isforz tal-kosmoloġi biex jifhmu reġjun vojt fl-univers li huwa wiesa 'l fuq minn biljun sena dawl (jiġifieri tant huwa reġjun vast,

illi d-dawl jieħu biljun sena biex jasal minn tarf sa ieħor). Dan huwa reġjun assolutament vojt, sew mill-materjal ordinarju kif ukoll mid-*Dark Matter* li semmejna hawn fuq. Saru ukoll osservazzjonijiet ta' galassji illi tant huma imbiegħda illi d-dawl tagħhom ilu ġej minn meta l-univers kien għad għandu biss 500 miljun sena (jiġifieri qed naraw galassji li eżistew meta l-univers kellu biss 500 miljun sena). Nistħajjilkom qed tistaqsu, "Mela kemm għandu żmien l-univers?" Għandu tassew eta kbira – 13.7 biljun sena! Nixtieq kieku kelli l-ispazju biex nipprova infiehmkom kif filfatt tiġi ikkalkulata l-eta ta' l-univers, iżda għad irrid inkellimkom dwar xi wħud mill-missjonijiet spazjali u esperimenti xjentifiċi li se jsiru matul ix-xhur li ġejjin.



L-ewwelnett, kulħadd qed jistenna illi jinxteghel il-*Large Hadron Collider* f'Geneva. Dan huwa proġett li l-ispiża totali fuqu kapaċi tlaħħaq 'il fuq minn sitt biljun ewro. F'dan il-proġett, se jsiru kolliżjonijiet bejn partiċelli, u jiġu ikkreati għal mumenti qosra l-kundizzjonijiet li eżistew frazzjoni zgħira ta' sekonda wara l-bidu ta' l-univers. Permezz ta' dan il-proġett, hemm possibiltà li nsiru nafu iktar dwar id-*Dark Matter* u d-*Dark Energy* li semmejna hawn fuq. Hemm ċans ukoll li jiġu kkreati *black holes* zgħar (*black holes* huma oġġetti massivi illi l-ġibda gravitazzjonali tagħhom hija tant qawwija illi jiġbdu kollox lejhom, saħansitra d-dawl innifsu). Hemm ħafna affarijiet oħra marbutin ma' dan il-proġett illi nista' nsemmi, però l-ispazju ma jippermettilix.





Fl-2008, b'kollox se jkunu ttellgħu mill-inqas madwar għaxar satelliti xjentifiċi ġodda biex jistudjaw l-univers ta' madwarna. Is-satellita Messenger li semmejna hawn fuq hija mistennija terġa' torbita l-pjaneta Merkurju f'Ottubru li ġej. Fl-istess xahar, se tintbaghat is-satellita imsejħa *Lunar Reconaissance Orbiter* – li ser iddur madwar il-qamar u tipprepara mapep dettaljati biex jgħinu fl-esplorazzjoni tal-qamar mill-bniedem fil-futur. Se jkompli x-xogħol fuq l-Istazzjon Spazjali Internazzjonali li qed jinbena fl-ispazju stess. Hemm ħafna proġetti oħrajn li se jistudjaw suġġetti li jvarjaw mix-xemx sa l-asterojdi u l-formazzjoni ta' stilel u galassji.

U hekk kif qiegħed nerġa' insemmi l-galassji, proprju qiegħed nikteb dan l-artiklu minn ġewwa d-dipartiment tal-Astrofiżika fl-Universita ta' Oxford, l-Ingilterra, fejn qegħdin nippruvaw nqabblu metodi matematiċi li jistgħu jintużaw biex jikklassifikaw il-galassji fl-univers b'mod awtomatiku. Hekk kif qed joqrob il-ħin illi niġbor ħwejġi minn fuq l-iskrivanija u mmur lura lejn id-dar, imdawwar b'iktar minn mitt astronomu ieħor, ma nistax ma nirrimarkax dwar il-ħeġġa u l-eċċitament li nista' nara hawn madwari biex proprju jiġi mifhum l-univers vast u misterjuż ta' madwarna. U bl-ammont ta' informazzjoni li qed niksbu, huwa żmien tassew sabiħ biex tipparteċipa f'dan is-suġġett.

Nagħlaq billi ngħidilkom illi s-sena d-dieħla intom ukoll se tkunu tistgħu tipparteċipaw fl-astronomija iktar missoltu, peress li s-sena 2009 se tkun is-sena internazzjonali ta' l-astronomija. Intagħżlet proprju din is-sena peress illi timmarka l-erba' mitt anniversarju minn meta x-xjenzat Taljan Galileo Galilei ipponta għall-ewwel darba teleskopju lejn is-sema. Naturalment, l-Għaqda Maltija tal-Astronomija se tkun qed torganizza avvenimenti speċjali għal din l-okkażjoni. Nistedinnkom tidħlu fil-website tal-għaqda: www.maltastro.com fejn għandkom issibu informazzjoni dwar l-attivitajiet li se jiġu organizzati, anke f'Għawdex. Nittama li niltaqgħu f'xi waħda minnhom! Min jaf x'inkunu skoprejna iktar dwar l-univers sa dakinhar?

# I think every Housewife deserves a cheer



**Michael Grech**

Since there are many English speaking residents in Ghajnsielem, and most of them frequent the band club and other local places just as much as any other citizen from the village, I thought it's only fair that we write some articles in English in the Band Club's Annual Magazine. By so doing, the English speaking personnel can at least find something they can read when they take a copy of the magazine to their homes. In the past all the articles in the magazine were in Maltese and I'm sure that, although some people did not read in Maltese, they still took a copy in order to demonstrate their support.

Not too long ago I came across an old piece of paper with an article that my wife had stashed away in a closet somewhere in the house. I asked her why she kept it, and she said, "I had it since the first war in Iraq and I find peace and comfort in it whenever I feel that I must have some encouragement". This stimulated my desire to share it with the readers of this magazine and thought perhaps that it might encourage some other people to deal better with the pressures they face in today's society.

Raising a family now-a-days requires a lot of hard work and sacrifices. Life is becoming a lot hectic and difficult for the wife to handle. The things that are necessary to have in order to live on day-to-day basis are too expensive already, e.g., gas and oil, utilities like water and electricity, car and house maintenance, beverages and groceries. The kids, as much as they are adorable to have, for some families they could also be a major factor for the stress build-up. For example: stress on their education; stress on trying to maintain strict adherence to their spiritual obligations; stress because of their late hours out at night; and unfortunately for some, the stress on their alcohol and drug abuse. Even from the husband's perspective, his absence from the house due to the fact that he must spend long hours at work in order to make ends meet, can accumulate to a lot more stress. And in addition to the tough house work, most of the wives are currently working outside the house as well.

Back in the days of 1990, when America was preparing for 'Desert Shield', which later on, in early 1991, escalated into 'Desert Storm' and became known as the first war in Iraq, a lot of stress was put upon the US Military families, especially the military wives. The fact that their husbands (soldiers) were about to deploy for war and not having any idea if they ever see them again amalgamated a lot of confusion among the families and a lot of them were incapable of handling the stressful situation. For this reason, someone from the Military Command Headquarters decided to distribute an article (which I will quote in full hereunder) to the military families dedicated to the military wife. I was a soldier myself in those days and that's why my wife happened to have this article written on that piece of old paper she had stashed away.

The writer's purpose was to encourage the wives to deal with the situation at hand and praise them for their hard work, difficulties, and sacrifices which they were confronting. The writer's intuition paid a lot of dividends, because shortly after it was published and distributed, many were those military wives who acknowledged it with praise and appreciation. The following is the piece of paper I'm talking about:

The military wife deserves a cheer

The good Lord was creating a model for military wives and was into his sixth day of overtime when an angel appeared. She said, "Lord, you seem to have a lot of trouble with this one. What's wrong with the standard model?"

The Lord replied, "Have you seen the specs on this order? She has to be completely independent, possess the qualities of both father and mother, be a perfect hostess to four or 40 with an hour's notice, run on black coffee, handle every emergency imaginable without a manual, be able to carry on cheerfully, even if she is pregnant and has the flu, and she must be willing to move to a new location 10times in 17 years. And oh, yes, she must have six pairs of hands."

The angel shook her head, "Six pairs of hands" No Way."

The Lord continued, "Don't worry, we will make other military wives to help her. And we will give her an unusually strong heart so it can swell with pride in her husband's achievements, sustain the pain of separation, beat soundly when it is overworked and tired, and be large enough to say, I understand,' when she doesn't, and say, 'I love you'," regardless.

"Lord," said the angel, touching his arm gently, "Go to bed and get some rest. You can finish this tomorrow."

"I can't stop now," said the Lord. "I am so close to creating something unique. Already this model heals herself when she is sick, can put up six unexpected guests for the weekend, wave goodbye to her husband from a pier or a depot, and understand why it's important that he leave."

The angle circled the model of the military wife, looked at it closely and sighed, "It looks fine, but it's too soft."

"She might look soft," replied the Lord, "but she has the strength of a lion. You would not believe what she can endure."

Finally, the angel bent over and ran her finger across the cheek of the Lord's creation. "There's a leak," she announced. "Something is wrong with the construction. I am not surprised that it has cracked. You are trying to put too much into this model."

The Lord appeared offended at the angel's lack of confidence. "What you see is not a leak," he said. "It's a tear."

"A tear? What is it there for?" asked the angel.

The Lord replied, "It's for joy, sadness, pain, disappointment, loneliness, pride and a dedication to all the values that she and her husband hold dear."

"You are a genius!" exclaimed the angel.

The Lord looked puzzled and replied, "I didn't put it there."

Author Unknown. (This article appeared in Ann Lander's syndicated column on Feb. 24, 1991)

Good health, happiness and "Il Festa it-tajjba" to one and all.

# Ix-Xorti

## (Taf tidħak u taf tagħti bil-ħarta)

### *Francis Sultana*



Kienet lejla ħiemda u rżina, tista’ ssejħilha sajfija, għalkemm Diċembru kien skorra nofsu. Lejla, li xitwa mediterranja taf tħennina bihom kultant u tant. Is-sema għadira xintilli maqluba wiċċhom ’l isfel, ilkoll ilebilbu, daqqa jiżdiedu u oħra jonqsu, bħal qishom qed ibennu ’l art li mal-kesħa qed ixxidd il-libsa ħadranija tax-xitwa.

Fuq roqgħa art bħal din, f’xaqliba ta’ għolja mkenna mir-Riħ Fuq, nersqu lejn gorboġ b’ħitan tas-sejjieħ, minn ġewwa mkaħħal u mbajjad bil-ġir isfar. Fil-għorfa, fuq sodda tal-ħadid, Madliena, xebba żagħżugħa, orfni minn ommha, għadha kif welldet tarbija tifel, iwerżaq u jingħi, bħal qisu jrid jidra l-għera u l-faqar li bla ma ried sab ruħu fihom.

Madliena kienet xebba felħana, bint il-bdiewa, imdorrija tmidd idejha fix-xogħol tar-razzett. Kellha sura kemxejn godlija, wiċċha jtajjar in-nar, b’għajnejn suwed qishom żewġ għenbiet tal-ġellewża, b’xagħarha mġiegħed, ukoll iswed tuta. Ikollna ngħidu, li t-tifsila ta’ suritha flimkien ma’ xagħarha wirtithom minn missierha Rużar, għax hekk kien mibni r-raġel, waqt li għajnejha, u dak il-ħalq ċkejken, li bilkemm kien jesa’s-saff snien ta’ ġo fih, ġabithom minn għand ommha. Ommha Manwela kienet mietet wara marda tassew qasira, hekk kif Madlien bdiet titlieħaq. Qabel mietet, dawn kienu l-prezzjużi kelmiet li lissnet Manwela, lil bintha u lil żewġha:

“Jiddispjaċini, mhux għax se nħalli d-dinja, imma għax miniex se nibqa’ miegħek fl-aħjar żmien ta’ ħajtek, għażiża binti, Madlien.” Rużar u Madliena sabbruha kif setgħu billi wrewha li xorta ser tibqa’ tara x’qed jiġri minn hemm fuq! U hekk bexxqet għajnejha, mejlet kemm kemm rasha fuq ix-xellug, u telqet bi tbissima ħelwa fuq wiċċha, tiltaqa’ mal-Ħallieq.

Madliena kienet tgħin lil missierha, Rużar, billi tagħlef u tieħu ħsieb il-ftit annimali li kellhom fir-razzett: daqs żewġ tużżani tiġieġ mitluqa qalb il-pal tal-bajtar, żewġ fenkiet jew tlieta, biż-żrameġ tagħhom, nagħġa u żewġ mogħżiet. Ma kienux jonqsu xi ħamimiet ibarqmu fil-barumbara. Madlien kienet ukoll ta’ kuljum tlesti l-borma tal-ħaxix jew minestra għaliha u għal missierha. Jekk jirnexxu l-btan taż-żrameġ, kienet f’xi Ħadd jew festa, issajjar wieħed stuffat. L-oħrajn jinbiegħu, flimkien mal-bajd li jinġabar mit-tiġieġ u ma’ l-uċuħ tal-għalqa, li Rużar jirnexxilu jiġbor bl-għaraq ta’ ġbinu u l-ħidma ta’ idejh, mis-sebħ sad-dlam.

Darba, f’ħajjet Madlien daħal ġuvni belti, li ma’ sħabu kien żar dawk in-naħiet. Kif ra lix-xebba, tafa’ għajnejh fuqha, u xtaqha. Reġa’ beda jżur l-inħawi waħdu, sa ma rnexxielu jkellimha. Bdew jiltaqgħu bil-moħbi tax-xiħ. Madlien malajr ħabbet lil Klement b’imħabba safja ta’ xebba li ħasset id-dehxa sħuna ta’ l-ewwel ġuvni li qatt resaq lejha. Għal kuntrarju, Klementinu kien ġa daq x’taf tagħti l-ħajja. Hu kellu ħsibijiet ulterjuri; dawk li jikseb xebba verġni, biex jissodisfa l-passjonijiet bla rażan li kienu xxettlu fih.

F’qasir żmien ġara li ġara. Madlien bdiet ittella’ fil-għorfa lit-taparsi maħbub tagħha, Klementinu, waqt li missierha ikun mehdi fuq xogħlu. Daħlet il-kunfidenza u hekk tnissel it-tifel Marjanu, li semmejna. Hekk kif Madlien tarrfet lil Klement bit-tqala, li mingħaliha ser tferraħ lil missier il-ġdid, dan irvella u ra kif fettila magħha. Qabad u telaq minn quddiemha jheddidha li t-tort kien tagħha u li ma jridx jaf biha, u li allaħares hi jew missierha jgħaddilhom minn moħħhom li jfittxuh, għax it-tnejn b’rashom idur!

Rużar, mal-bxara sar qisu ljun feroċi u ħalef li jitħallas mill-ġuvni, imma meta ħasibha sewwa, u dam qatigħ itella’ u jniżżel il-keffef tal-miżen, hekk li taqqab moħħu għarbiel bl-imsiemer ta’ ħsibijiet koroh u sbieħ, iddeċieda li ma jagħmel xejn li jifirdu minn bintu u miċ-ċkejken bla ħtija. Fejn jieklu żewġt iħluq, jieklu tlieta, ħasibha Rużar, u kollox baqa’ għaddej bħal qabel Madlien bdiet tħabrek u tara li t-tarbija, sa fejn u kemm tista’, ma jkun jonqosha xejn. Għamlet f’moħħha li lil Marjanu ttih l-edukazzjoni meħtieġa u tgħallmu l-iskola, biex ma jkunx bħalha u bħal nannuh, li bilkemm kienu jafu jaqraw sentenza sempliċi. L-iżjed li jaslu, b’ħafna tqanżieh, jiffirmaw isimihom fuq sinjal, mingħajr ma jaqbżu ’l barra mill-karta!

Sa ma tfarfar, Marjanu kien jeħdilha ħafna mill-ħin ta’ kuljum lil ommu, iżda Madliena, bis-sabar u l-paċenzja, kienet tara li żżommu nadif u mitmugħ tajjeb; imbagħad b’ġirja waħda mal-ħin tlaħħaq mal-borma u l-annimali. Meta telaq jimxi kellha biċċa xogħol iktar iebsa li ma jmurx jaqagħlha t-taraġ tas-setaħ jew fil-ġiebja tat-tisqija; erħilha b’seba’ għajnejn tgħasses fuqu bħalma tigra tgħasses fuq il-ġriewa tagħha. Għax, kien jgħid missierha: “Tfal u bhejjem, għali dejjem.” Ħajjet Madlien u Rużar, għalkemm b’iżjed xogħol u strapazz kienet saret waħda ta’ ferħ u kuntentizza, jaraw lil Marjanu jikber quddiem għajnejhom, speċjalment meta semgħuh igerwel hekk kmieni, u ndunaw li se jkun tifel intelliġenti.

Kienu ġranet ta’ emozzjonijiet mħallta meta għall-ewwel darba ommu ħaditu l-iskola, li malajr għoġbitu lil Marjanu, għax dara jagħmilha ma’ tfal bħalu li sata’ jilgħab u jagħmel ħbieb magħhom. Kemm feraħ meta ħa sehem fil-paġent tal-Milied! Libbsuh ta’ tfajjel raħħal, b’ħarufa bbalzmata f’idejh, biex hekk kif jidħol fil-grotta jersaq lejn Ġesu’ Bambin u jgħidlu: “In-nannu, il-Ma u jien m’għandniex x’nagħtuk, ħlief din il-ħarufa. Ħa żommha! Berikna u ħu ħsiebna, għażiż, ċkejken Bambin.” U sħabu flimkien mal-ġenituri jimlew is-sala

tal-iskola b'ċapċip qawwi. Marjanu, b'għajnejh jibru, jsir anġlu jħares lejn is-sema tal-grotta miksi stillel u jiftakar fl-istorja li ommu kienet ittennilu; li hekk kien is-sema meta twieled hu.

Mhux darba u tnejn kien jehda, tard flgħaxija, jgħarrex il-kwiekeb, u f'qalbu jixtieq li jista' jitla' ħdejhom, u forsi jmiss waħda minnhom. Ta' tfajjel li kien, kien jaħsibhom xi bozoz żgħar bħal dawk li nżejnu bihom it-twieqi u s-siġra tal-Milied, f'dak iż-żmien għażiż.

L-ikbar sodisfazzjon għal Madliena u missierha Rużar kien meta t-tfajjel Marjanu għamel il-Preċett, jew aħjar l-Ewwel Tqarbina. Ġiegħlu lil tar-ritratti jiġbidlu kemm il-ritratt biex jibqgħu tifkira. Hadilhom kemm jimlew iżjed minn album! Stiednu lit-tfal sħabu għal festin fir-razzett u ma ngħidlekx kemm ferħu u qabżu meta sabu ruħhom f'dik il-wesgħa art taħt l-għolja mkenna mir-Riħ Fuq, u kemm ħadu gost imellsu ż-żrameġ, jagħlfu xi troffa silla lin-nagħġa u 'l-mogħoż, jew jiġru xi ġirja wara xi tiġieġa taħt il-pal tal-bajtar.

Għadda ż-żmien u Madlien dejjem tħammem u taħseb kif Marjanu jista'jimxi 'l quddiem fl-iskola, għax riedet tagħmel minnu raġel fuq l-irġiel. Imma, jgħid il-Malti: Il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi! Madlien qatt ma setgħet tintebaħ bis-sħaba sewda, sewda, li kienet bdiet tinġemgħa fuq l-orizzont ta' ħajjitha. Marjanu kien tifel moħħu jtih u bil-għaqal. Dejjem minn ta' quddiem fil-klassi u qajla kien ikollhom għax iwiddbuh, kemm ommu kif ukoll l-għalliema, għax tassew kien tifel eżemplari.

Bħal sajjetta li tfaqqa' fil-bnazzi u t-tkarwita li taħsdek warajha, hekk inħasdu l-omm u n-nannu ta' Marjanu meta beda jħossu ma jiflaħx. Għad li kien jorqod biżżejjed, xorta beda jisbaħ għajjien. Beda jnaqqas mill-aptit u qajla jduq milli tlestilu ommu. Madlien imliet ras daqsiex u kellha mitt raġun. Kelmitlu iżjed minn tabib wieħed u ħaditu għal ħafna testijiet medikali. Dak li qatt ma bassret seħħ! Irriżulta li Marjanu kellu l-lukemja. Kellu jgħaddi bosta ġranet, ġimgħat u saħansitra xhur l-isptar. Għamlulu l-Kimo Terapija, bl-effetti kollha li ġġib magħha, Iżda ma ħadmitx wisq fuqu. Il-professur lil Madlien taha ftit xhur ta' ħajja għal Marjanu, u f'kemm ilna ngħidu nbala'

Madlien qatt ma fdatu lil binha f'dawk l-aħħar jiem. Hu kien iridha thennu u tirrakontalu fuq is-sema mimli kwiekeb u li issa se jkun jista' jmisshom! Mhux talli hekk, talli Ġesu' Bambin kien se jibdlu fi stilla tleqq, tiddi u tilma, u ser ipoġġieh eżatt fuq l-għorfa tar-razzett tan-nannu Rużar, fejn twieled, biex flgħaxijiet hi u n-nannu joqogħdu jħarsu lejh fis-sema, u hu jmisshom bid-dawl teptiepi tiegħu.

Hekk ġara. Marjanu mar igawdi lil Ġesu' bambin, u ommu u n-nannu kienu jiflu s-smewwiet u jistħajlu li waħda mill-kwiekeb kienet tassew ruħ Marjanu, tiddi tilma fuq ir-razzett, iżda mhux għal tul ta' żmien. Madlien ma setgħet qatt iġġerraħ il-mewt ta' binha f'eta hekk tenera, u mietet qasir il-għomor. Rużar, issa li ġie waħdu, l-għali kompla keddu u xejħu u ma damx ma ssieħeb ma' bintu u neputieh.

Ir-razzett ta' Rużar waqa' f'idejn xi werrieta li malajr għamluh flus ma' kumpanija tax-xiri u bejgħ ta' artijiet. Issa bil-permessi meħtieġa ġa mwaħħla mal-ħajt, qed jistenna xi galantom joħroġ l-eluf biex jittrasformah f'villa ara wiċċek, bis-swimming pool u kulma jmur magħha.

Marjanu, l-istilla tagħna, se jibqa' jteptep u jiddi fl-ilma tal-pool, did-darba bla ħadd ma jagħti kasu, għax ħadd m'għadu jiftakru. Imma hu xorta ferħan għax jinsab magħqud m'ommu u ma nannuh, jitolbu lil Ġesu' jidħol għal Klementinu, missieru, biex ifittex jibdel ħajtu, jagħraf l-iżbalji tiegħu u jindem, biex hekk ikun jista' jingħaqad magħhom, ħalli jkunu familja sħiħa tgawdi 'l Alla l-Missier, li tahom l-għixien fid-dinja tal-bnedmin.

Inħalli lilek, semmiegħ jew qarrej, tiġġudika jekk ix-Xorti, lil Rużar, lil Madlien u lit-tfajjel Marjanu, tathomx bil-ħarta jew forsi daħkitilhom!

SLAIS CO. LTD.
FRESH FROZEN FOODS
12, Shepherd Street, Rabat RBT 02 - Malta
4, St. Catherine Street, Rabat RBT 02 - Malta
Tel: 2145 4583 / 2145 5110 / 2145 9262
Fax: 2145 4529
Cold Stores: Tel: 2123 3530 / 2123 4764

# Żmien ir-Rebbiegħa



### *Kitba ta' Mathea Vassallo - Bandista Clarino 1mo*

Meta individwu jasal fil-fażi msejħa puberta' u jibda l-adoloxxenza jkun qed joqrob biex jibda l-ħajja żagħżugħa. F'dan l-istadju bla dubju ta' xejn li ż-żmien huwa aktar zokkor milli morr.

Normalment, wieħed ikun jissejjaħ żagħżugħ meta jkun bejn l-eta' ta' sittax –il sena. Ħafna drabi matul din l-eta', il-bniedem jibda jħossu li jrid ikun indipendenti kemm jista' jkun. Jibda jqatta' aktar ħin ma' sħabu u aktar ħin barra. Jista' jkun li jibdew jiffurmaw gruppi ta' pressjoni; fejn iż-żgħażagħ jiltaqgħu flimkien u bejniethom jesprimu l-opinjonijiet tagħhom. F'dawn il-gruppi ta' pressjoni tista' tgħid li ż-żgħażagħ jiġu wkoll affettwati minn xulxin.

Għalhekk kull żagħżugħ/a għandu joqgħod attent fuq is-saħħa fiżika u morali tiegħu; jiġifieri li jkun jaf jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin. Sfortunatament ħafna żgħażagħ jaqgħu f'ħafna vizzji mingħajr ma jindunaw. Dawn il-vizzji jisfrattaw iż-żgħażagħ milli jkollhom saħħa fiżikament, psikoloġikament u moralment tajba. Eżempji ta' dawn il-vizzji huma t-tipjip, l-alkoħol u aktar gravi id-droga li hija element b'saħħitha kontra s-saħħa u d-dinjita' tagħna ż-żgħażagħ. Għaż-żgħażagħ hija arma ferm perikoluża għax wieħed faċli ħafna jaqa' jekk ma jkollux tagħlim u valuri soda. Il-famuż qawl Malti jgħid li "min jilgħab man-nar jinħaraq".



Ma nistgħux ngħidu li mal-ħajja żagħżugħa huwa biss assoċjat in-negattiv, u li mal-ħażin għandu jeħel it-tajjeb. Huma ħafna ż-żgħażagħ Maltin li jagħmlu esperjenza ta' xogħol volontarju biex iferrħu lil ħaddieħor u fl-istess ħin jifirħu huma wkoll. Bl-għajnuna ta' xogħol volontarju ż-żgħażagħ iħossuhom aktar maturi, kif ukoll jiffurmaw karattru u personalita' aktar fis-sod.

Tajjeb li nsemmu li meta jkun f'eta' żagħżugħa wieħed ifittex li jkun maħbub minn xi persuna li tkun togħġbu jew togħġobha. Hija xi ħaġa normali u tajba għax f'dan l-istadju wieħed ikun irid jgħarbel sewwa dak li huwa beħsiebu jagħmel fil-ġejjieni, għalkemm li wieħed, pero', ma jkunx ċert bl-għażliet tiegħu. Fl-idea tiegħi l-għadu ewlieni taż-żgħażagħ hija t-tentazzjoni. Hija element li jista' jfixkel wkoll saħansitra li jista' jfarrak personalita' żagħżugħa. Mhux bilfors imma wieħed jista' jaqa' għalihom faċilment. M'hemmx bżonn noqgħod insemmi x'jistgħu jkunu dawn it-tentazzjonijiet; għalhekk wieħed bit-tagħlim li jirċievi kemm soċjali u spiritwali; billi jagħżel il-moral tiegħu, għandu jżomm sod. Żagħżugħ/a eżemplari huwa li tkun taf tgħid 'le' għal dak li huwa ħażin.

Meta wieħed ikun qed jgħix il-ħajja żagħżugħa ma jfissirx li jrid jagħmel kif jaqbillu, jiġifieri jikser il-liġi, jgħid kliem mhux xieraq u jagħmilha tal-'bully' u ħafna affarijiet oħra. Trid tqis li għada pitgħada ż-żgħażagħ ta' llum se jkunu l-futur tas-soċjetà Maltija. Żagħżugħ veru tfisser li inti tħaddan it-tagħlim utli li inti tgħallimt matul iż-żogħrija(tfulija) tiegħek u tibqa' tibni fuq dan il-pedament biex aktar 'l quddiem tkun adult ta' xempju sod.

Nistgħu nqabblu żmien iż-żogħżija maż-żmien tar-rebbiegħa. In-natura f'dan iż-żmien tagħtina kemm ġranet ta' maltemp kif ukoll ġranet ta' bnazzi. Hekk ukoll żmien iż-żogħżija jagħtina kemm il-problemi tal-ħajja, li huwa żmien il-maltemp u kemm iż-żmien is-sabiħ, li huma l-ġranet bnazzi.

17/07/2008




# *Torri jew Bandiera?*

***Robert Grima Bandist Althorn***



Torri jew Bandiera? Xi jfissru? Ovjament , fis-sens litterali hemm bajaqsam fid-definizjoni tagħhom. Pero', dawn nistgħu faċilment nqabbluhom mal-ħajja personali tagħna. Kif?

Nagħtu ħarsa lura lejn żmien missirjietna, wieħed jinnota li l-irwol prinċipali ta' kull torri fuq dawn it-tlett gżejjer żgħar, kien li jipproteġi in-nies tal-gżira mill-għadu. Huma mibinijin b'sengħa kbira - sodi biżżejjed biex jikkumbattu kull għawġ. Mill-banda l-oħra, il-bandiera hija oġġett dgħajjef li tixxengel ma kull riħ. B'hekk nistgħu ngħidu, li il-bandiera hi mingħajr poter u tmur fejn jimxi il-kurrent. Jekk wieħed joqgħod jirrifletti, malajr jinduna kif dawn jistgħu faċilment inqabluhom mal-ħajja personali ta' kull wieħed u waħda minna. Wieħed għandu mnejn jsaqsi lilu innifsu:
Fis-sitwazzjonijet li niltaqa magħhom, kif nirreaġixxi? Bħala Torri jew bħal bandiera?

L-ewwel ippermettuli billi nibda biex inqabbel dawn it-tnejn ma' karattru fil-bibbja. Qed nirreferi għal Santu Wistin. Fil-bidu ta' ħajtu, Santu Wistin kien bħal bandiera li mexa mal-kurrent u waqa' f'vizzji koroh. Pero', hu għaraf il-passi żbaljati li kien miexi fihom. Spiċċa biex qal Si isti et illi cur non ego?, li bil-Malti ifissru "Jekk dawk u dawn, jiena għaliex le?". Wara ħafna kumbattimenti, irnexxielu jirbaħ lilu innifsu. Filfatt, Santu Wistin sar saċerdot, Isqof,dottur tal-knisja kif ukoll qaddis. Dan il-qaddis huwa eżempju għal dawk kollha li għaddejjin minn mumenti diffiċli u li bħal Santu Wistin jistgħu jerġgħu jsiru bħal torri sod.

Huma ħafna dawk li l-karattru tagħhom huwa bħal bandiera li ma jafux jgħidu le għal vizzji koroh li jistgħu jevitaw. Minix nipponta subgħajja għaż-żgħażagħ biss. Kull individwu irid jirrefletti fih innifsu u jevalwa lilu innifsu. Ikkolli nammetti illi aħna iż-żgħażagħ, sfortunatament iktar aħna fid-dmir li nagħmlu dan l-eżerċizzju peress li aħna iktar qegħdin suġġett għall-ġlieda kontinwa kontra l-istinti qawwija li jinsabu fina. Hajjitna hija bħal tellieqa ta' l-iskier għan-nizla. Wieħed ikollu bżonn ta' training bħal lis-skier li meta jinduna li jkun hemm xi periklu quddiem, ikun kapaċi jagħmel 'telmach' u jieqaf sod bħal qisu xi statwa soda. Gwaj għalih jekk qabel ma ttrenjax għal xi periklu eventwali.

Jien nemmen illi il-karattru ta' kull wieħed u waħda minna jiġi msawwar minn meta inkunu għadna żgħar. Għalhekk inħoss li l-ġenituri huma fid-dmir li jibnu il-karattru ta' uliedhom fuq pedamenti sodi biex meta jsiru individwi indipendenti, ikunu kapaċi jgħidu "Le" meta jħossu li għandhom jgħidu "Le" u b'hekk ikunu sodi bħal torri li ma jdurx ma kull riħ. Barraminhekk, nemmen ukoll li min ikollu intenzjoni għaqlija u bla ma taqta', minkejja forsi xi waqa', u jinqeda bil-mezzi tradizzjonali li dejjem għalmittna l-knisja, żgur jasal biex jgħid "tandem Felix" li bil-Malti tfisser "fl-aħħar ninsab kuntent".

Fil-fehma tiegħi, qatt mhu tard wisq biex minn bandiera insiru bħal torri li jirreżisti kull eventwalita'. Nemmen li bi sforz u rieda nilħqu dak li hu mixtieq. Kulħadd jgħix f'baħar wieħed u kulħadd hu suġġett għal l-iżball. Pero', qabel fuq kollox wieħed irid jammeti bl-iżball li jkun wettaq u jkun lest li jsewwi l-ħsarat li jkun ikkawża. Fl-aħħar mill-aħħar nemmen li qatt m'għandna naqgħtu qalbna għax dan hu is-sigriet ewlieni biex nirnexxu!

**Debono Bakery & Pizzeria**



Tel: 2155 2520
Mob: 9982 3695
99229091

# *Grazzi mill-qalb!*

Lil **Peppi Grima** u **Kelinu Azzopardi** li għamlu diversi xogħolijiet fir-rinovazzjoni tal-Kamra tal-Kumitat mingħajr ebda ħlas.



Lil **Pawlu Azzopardi** u **Fredu Xuereb** li jagħmlu ħafna x-xogħol ta' manutenzjoni mingħajr ebda ħlas. Grazzi wkoll lil **Loreto Mifsud** u **Ġużeppi Sultana** li dejjem nsibuhom lesti biex jgħinu fejn jidħol xogħol ta' żebgħa.

Lil Kumitat tan-Nisa speċjalment lil **Asmelia Sciberras**, **Sunta Grech** u **Lucy Grima** għal attivitajiet ta' fundraising li ta' kull gimgħa jorganiżżaw.



Lil **Mabbli Xuereb** u **Pawlu Xuereb** li kull nhar ta' Sibt jkunu preżenti għal-High Teas u Tombla.

Lil **Loreto Galea** tal-paċenċja li jieħu sabiex ta' kull ġimgħa javża lil Bandisti kollha bil-kunċerti u servizzi. Ta min jsemmi wkoll li Loreto qatt ma falla kunċert f' dawn l-aħħar snin.

Lin-Nutara **Josepha Xuereb** li tagħtina servizz legali mingħajr ħlas



**Toni Galea**, **Joe Galea** u **Frankie Debono** li jiddedikaw ħafna mill-ħin liberu tagħhom jgħallmu lill-alljievi u bandisti aspiranti.

Lil **ghajnsielem.com** li toffrilna servizz ta' website, email u updates mingħajr ebda ħlas.

**Dun Karm Cassar** li bħas snin l-imgħoddija kien il-magna sabiex din il-pubblikazzjoni tkun suċċess.

Lil Bandist **Ġużeppi Cauchi** li għamel il-proofing ta' aktar minn 40 artiklu għal din il-pubblikazzjoni kif wkoll tal-fuljett li noħorġu matul is-sena.



Lil **Kunsill Lokali Għajnsielem** ta' l-għajnuna li ser jagħtina sabiex l-Open Day u tal-24 t' Awissu tkun suċċess.

Lil dawk kollha li taw id-donazzjoni tagħhom għat-**'Tile4U'**

Lil **membri** kollha tal-**Kumitat Eżekkutiv** tas-servizz li jagħtu lil din is-Soċjeta.



Lil **Bandisti** kollha għad-dedikazzjoni li jagħtu lil din is-Soċjeta u lil Għajnsielem

Lil **dawk kollha** li f' dawn it-**80 Sena** taw kontribut sabiex l-Għaqda Mużikali San Ġużepp tkompli mixja il-quddiem.